MINN QALB
L-ILJUNI
FESTA 2026



**Soċjetà Filarmonika San Pietru,
Banda Birżebbuġa A.D. 1990**

**28/29 Misraħ il-Knisja, Birżebbuġa, BBG1510
E: info@birzebbugaband.org
W: www.birzebbugaband.org
Fb: @bandabirzebbuga / In: @bandabirzebbuga**

**Minn Qalb L-Iljuni
37 Edizzjoni - FESTA 2026**

Il-Pubblikazzjoni Annwali u Uffiċjali
tas-Soċjetà Filarmonika San Pietru,
Banda Birżebbuġa A.D. 1990

Id-drittijiet miżmuma mis-Soċjetà
Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa
A.D. 1990 © 2026

Ħadd ma jista' jikkopja jew juża parti minn
din il-pubblikazzjoni mingħajr il-permess
bil-miktub tal-Bord Editorjali fi ħdan
l-Uffiċċju Komunikazzjoni u Relazzjonijiet
Pubbliċi tas Soċjetà.

Il-kontenut tal-artikli mhux bilfors jirrifletti
l-opinjoni u l-prinċipju li tħaddan is-Soċjetà.

L-Edituri
Nicola Bonnici Mc Intyre
u Rachel Galea B.Ed (Hons)

Il-Qari tal-Provi
Marisa Cutajar B.Ed (Hons),
Mario Sant Cert. Proofreading
u Peter Paul Caruana B.A. (Hons)

Ritratti
Matthew Caruana
Ryan Farrugia
Franklin Cachia
Jonathan Ellul Bonnici
Neil Darmanin
Kurt Caruana
Nicola Bonnici Mc Intyre
Parroċċa San Pietru
Id-Dominju Pubbliku

Disinn tal-Faċċata
Jonathan Ellul Bonnici

Disinn Paġni Ritratti
Chrizana Mizzi u Jonathan Ellul Bonnici

Issettjar
Neville Cassar
www.n-vil.com

Reklamar u Finanzi
Walter Pace
Henry Bonnici
Kav. Alexander Caruana OSJ

Stampar
BEST PRINT
OFFSET AND DIGITAL PRINTERS

Żurrieq Road, Qrendi
T: 2168 0789 / 9949 9084
E: bestprintqrendi@gmail.com

Il-Werrej

Messaġġ mill-Bord Editorjali 4
Introduzzjoni mill-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet Pubbliċi 5
Il-Programm Tal-Festa Titulari 2026 10
Il-Programm tan-Nar 13
Festa fid-dell ta' 50 sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali tagħna 14
Festa ta' Komunità u Lokalità Magħquda 16
It-Tmexxija tas-Soċjetà 2025/2026 18
Il-Messaġġ tal-President 20
Jikteb is-Segretarju 21
L-Appell tat-Teżorier 25
Ix-Xiri tal-Post tal-Kantuniera 29
Każin Kbir u Dejjem Jikber 34
Anniversarji 40
Mill-Festa tas-Sena 2025 sa issa – Skemi u Fondi 50
Matul is-Sena 56
Festa Tfal 2025 68
Banda Attiva Sena Sħiħa 71
Diskors mid-Delegat tal-Banda 74
Christopher Camilleri "Il-Kaċċlu" – Tifkira ta' Volontier Eżemplari 76
Tislima lil Aurelio Belli 78
Sezzjoni Nisa Petrini 80
Nibnu fuq is-Suċċessi tal-Bieraħ u b'Ottimiżmu Żagħżugħ Inħarsu lejn il-Futur tal-Kbira Soċjetà Tagħna 84
Qatta', Ħawwad, Sajjar u Servi... b'Ħawsla Mimlija, Ħadd mhu bin-Nervi 90
Armar ta' Klassi u Ħidma Kbira Ma Tieqaf Qatt 92
Ilħna Ferħana – 20 Sena Wara 100
Messaġġ mill-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar 102
Inwettqu l-Ħolmiet... għax fejn hemm l-Għaqda hemm is-Saħħa 106
Messaġġ Mis-Surmast Direttur 110
It-Tagħlim (Mużikali) l-Għajn ta' Kull Ġid 112
Messaġġ mill-Għalliem tal-Istrumenti tal-Qasba 116
Who are AllianceOrchestret and Chalmersbaletten? 117
Tagħrif Mużikali tal-Programm Vokali u Strumentali tal-Festa Titulari ta' San Pietru fil-Ktajjen 2026 118
Il-Banda Birżebbuġa 126
Innijiet u Marċi Brijużi li se jindaqqu mill-Banda Birżebbuġa fil-jiem tal-Festa Titulari ta' San Pietru Appostlu 2026 128
Messaġġ tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda 131
Il-Perit Galizia u l-Bini tal-Knisja 133
L-Ambone tal-Injam 137
Ritratti mill-Imgħoddi 140
Ara ġejjin tal-Iljun! 142
PersonaġġiAntiki 144
Komplu għamluna kburin lilna l-Birżebbuġin 145
Pietru Meħlus Mill-Ktajjen 147
Id-Devozzjoni ta' Dun Ġorġ lejn San Pietru 149
San Carlo Acutis Qaddis taż-Żgħażagħ u ta' żmienna 152
Intervista lil Pietru! 154
120 Sena mit-Twelid ta' Mro Giuseppe Scerri (Xerri) 156
Il-Konfraternità tal-Kavallieri ta' San Pietru u San Pawl 158
Fr Charles Caruana 160
Tinstab l-Antifona l-Antika ta' Carlo Diacono 162
150 Sena mit-Twelid tal-Kompożitur Mro Carlo Diacono 168
Innu Ġdid Mill-Ktajjen Riġlejk Meħlusi 174
Ċentinarju mit-Tqegħid tal-Ewwel Ġebla tal-Knisja 176
Il-Knisja ta' San Pietru fil-Ktajjen ta' Għawdex 178
Il-Knisja Filjali ta' San Pietru tal-Ħirba 180
Awguri 186
Nekroloġija 190
Radd il-Ħajr 192
Indiċi tar-Reklami 194

NEW

Authorised Facility End-of-Life Vehicle

Accepting cars for scrap.

Scrap vehicle collection can be quickly arranged by us or deliver your old car directly to us.

Best Price for:

- Steel Scrap
- Copper Scrap
- Brass Scrap
- Aluminium Scrap
- Stainless Steel Scrap
- Lead Batteries

GASPARELL
Baling Plant Co. Ltd.

Call us now

HHF601,
Hal-Far Industrial Estate,
Birzebbuga BBG 3000

9949 5236 - 7965 1545 - 2165 1475

Email: gasparell.b@gmail.com

peace of mind



Competitive prices and tailored services for:

MOTOR | HOME | MARINE | COMMERCIAL | HEALTH | TRAVEL

Global Insurance Brokers Limited - The provider of solutions to all your business and personal insurance needs since 1988.

global insurance brokers

45, Ordnance Street, Valletta
89, Triq Zarenu Dalli, Birzebbugia

Tel: 2577 5555
Tel: 2165 2538

Global Insurance Brokers Limited is authorised by the Malta Financial Services Authority (MFSA) under the Insurance Distribution Act (Chapter 487 of the Laws of Malta) and is enrolled within the MFSA's Brokers' List.

GIB Advert A4.indd 1 09/07/2021 10:22

Messaġġ mill-Bord Editorjali

Il-ġranet gerbu u x-xhur ukoll. Tafu xi jfisser? Iva, qed noqorbu lejn ix-xahar t'Awwissu, ix-xahar li nkunu lkoll ħerqana nistennew għax fih niċċelebraw il-festa tal-Patrun tagħna San Pietru.

Is-sabiħ ta' din il-pubblikazzjoni hi li permezz ta' dawn il-paġni nkunu nistgħu naraw minn xiex tkun għaddiet is-Soċjetà tagħna mill-festa tas-sena l-oħra sal-lum. Fl-istess ħin nirrikonoxxu x-xogħol li jkun sar minn tant voluntiera ta' din is-Soċjetà. Bla dubju ta' xejn se taqblu magħna li jekk inħarsu lura żgur li għandna biex inkunu kburin bis-suċċessi li għamilna. Żgur li taqblu magħna li din is-sena se tibqa' mfakkra għall-kisba tal-ħames proprjetà tagħna.

Nirringrazzjaw lill-kontributuri ta' din il-pubblikazzjoni. Kemm hu sabiħ li individwi li ilhom jagħtu l-kontribuzzjoni tagħhom, għal sena oħra se jerġgħu jaqsmu l-kitbiet tagħhom magħna. Imma żgur ma nistgħux ma nirringrazzjawx lil dawk li qed jiktbu għall-ewwel darba.

Kemm nieħdu gost li meta navviċinaw nies biex jiktbu f'din il-pubblikazzjoni, jaċċettaw biex ikunu kontributuri. Irridu nirringrazzjaw xorta waħda lil dawk l-individwi li kontra s-snin preċidenti din is-sena ma tawx il-kontribut tagħhom.

Is-Soċjetà nagħmluha ħajja aħna l-membri u l-partitarji tagħha li għalina hi tant għażiża. Għalhekk nappellaw biex tkunu attivi matul is-sena kollha u mhux fil-ġimgħa tal-festa biss.

Il-ħajja tas-Soċjetà hija s-sena kollha. Nappellaw biex tikkonkorru għall-attivitajiet li jsiru matul is-sena. Barra li tieħdu gost, tkunu qed tapprezzaw ix-xogħol tal-voluntiera li qatigħ jaħdmu biex kull attività tkun suċċess.

Il-preżenza tagħkom tagħti l-kuraġġ lill-voluntiera kollha sabiex ikomplu jaħdmu. Mingħajr l-fundraising li jsir permezz tal-attivitajiet ta' matul is-sena, żgur li ma jistax ikollna festa sabiħa u mimlija kif inkunu nixtiquha.

Nixtiequ nirringrazzjaw lil dawk kollha li rrikklamaw f'din il-pubblikazzjoni u anke fil-kalendarju annwali. Bl-appoġġ tagħkom inkunu nistgħu nwasslu din il-pubblikazzjoni lil tant u tant nies. Għalhekk inħeġġu lilkom li qed taqraw din il-pubblikazzjoni biex tixtru jew tużaw is-servizzi tagħhom.

Fl-aħħar u mhux l-inqas nirringrazzjaw lill-kumitat ċentrali, lill-kummissjonijiet kollha, lis-Surmast Direttur, lill-Assistent Surmast, lill-għalliema tal-allievi, il-bandisti, l-allievi, il-membri u lilkom ilkoll li qed taqraw din il-pubblikazzjoni.

Viva San Pietru!

BEARDEDGUY • STUDIO
INFO@N-VIL.COM
BRANDING • GRAPHIC DESIGN • WEB DESIGN • 3D DESIGN • LOGO DESIGN

Introduzzjoni mill-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet Pubbliċi

Jonathan Ellul Bonnici

Festa 2026, festa li waslet ukoll wara ħafna ħdima. Ħidma li ma tikkonċentrax biss fuq il-ġimgħa tal-festa tagħna iżda fuq sena sħiħa li l-qofol tagħha jintlaħaq fil-ġimgħa tal-festa għażiża għalina.

Personalment din hija sena li fiha ser inkun ilni 10 snin nokkupa l-kariga ta' PRO tas-Soċjetà. Minn mindu żgħir dejjem ammirajt is-Soċjetà tagħna. Soċjetà kuraġġuża li mit-twaqqif tagħha dejjem kienet pijuniera f'Birżebbuġa. Dejjem kelli x-xewqa li nkun parti mill-ħidma volontarja tas-Soċjetà u sa minn età bikrija bdejt ħidmieti sa mal-lum il-ġurnata nifforma parti mill-Kumitat Eżekuttiv bħala PRO u Assistent Segretarju, karigi li qegħdin f'qalbi u li flimkien ma' sħabi tal-Kumitat naħdmu sabiex naraw is-Soċjetà għażiż għalina tibqa' miexja 'l quddiem.

Matul din is-sena komplejna l-ħidma tagħna. Sa minn Ottubru ħsibna sabiex nagħmlu branding li kien ser iservi għal matul is-sena ta' ħidma li twassal sa Otturbu tas-sena ta' wara. Ħidmet il-Kumitat Eżekuttiv din is-sena bdiet mill-ewwel fuq ix-xiri tal-5 proprjetà tas-Soċjetà. U għalhekk bdejna mill-ewwel bil-pjaniet ta' marketing sabiex nhar l-14 ta' Jannar 2026, dakinhar tas-36 anniversarju tas-Soċjetà kif ukoll id-data storika tal-firma tal-kuntratt tal-post il-ġdid, għamilna kampanja sħiħa dwar dan.

Minn hemm komplejna ħidmietna, bil-festa tal-Katedra ta' San Pietru, żmien il-Ġimgħa Mqaddsa, l-Għid il-Kbir u l-attivitajiet li jiġu organizzati mill-Kumitat Eżekuttiv kif ukoll mis-sezzjonijiet tas-Soċjetà. Bħal ta' kull sena ħdimna id f'id ma' kull Sezzjoni sabiex flimkien ikun hemm pjan ċert dwar kif se naħdmu.

Bħal ta' kull sena wara l-Għid il-Kbir tibda l-kampanja ta' preparazzjoni għall-festa bl-isem 'Lejn Awwissu' sakemm naslu għall-kampanja uffiċjali tal-festa. Din is-sena għażilna t-tema ta' Kburin. Għaliex Kburin?

Kburin b'dak kollu li s-Soċjetà tagħna kisbet matul is-snin bis-saħħa ta' diversi voluntiera li matul is-snin emmnu, u ħadmu għas-Soċjetà, Soċjetà li dejjem tagħmel unur lil Birżebbuġa bil-kisbiet tagħha. Soċjetà li bis-saħħa tagħha Birżebbuġa għandha festa li tassew għandna biex niftaħru biha. Soċjetà li fis-snin li ilha mwaqqfa kisbet diversi kisbiet li għaqdiet mużikali oħra lanqas qatt ma ħolmu li jaslu fejn waslet is-Soċjetà tagħna....

IVA GĦALHEKK #KBURIN.



ELBROS HOMES

FOR SALE

NEW PROJECT IN BIRŻEBBUĠA

A contemporary collection of stylish apartments, thoughtfully designed for modern living.

GREEN PROJECT
Sustainable living for a better future

MODERN, HIGH QUALITY FINISHES
Built to the highest standards

SMART LAYOUTS
Designed to maximise space and natural light

CALL US ON
79333325

OR VISIT OUR WEBSITE
www.elbroshomes.com.mt

bov.com

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, il-Belt Valletta VLT 1130. Il-Bank of Valletta p.l.c. hija kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata regolata mill-MFSA, liċenzjata biex toffri l-kummerċ bankarju f'termini tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta).

BOV
Bank of Valletta

STITCHES
Haberdashery Boutique

We are proud to stock a carefully chosen selection of haberdashery, linens, hosiery, underwear, pyjamas, casual wear, children's wear and uniforms.

Collect your loyalty card for discounts

St. Catherine Street,
Birżebbuġa

(+356) 99426219
find us on

Ma' dan kollu jiġu preparati diversi filmati, designs differenti li jwasslu għall-ġimgħa tal-festa. Dan kollu jirrikjedi diversi diskussjonijiet, ħsibijiet u ħin sabiex naslu għall-prodott finali. Kemm jista' jkun nistudjaw iż-żminijiet li nkunu fihom u naraw kif nistgħu nkunu dejjem innovattivi f'ħidmietna. Mhux dejjem faċli għax li tkun kreattiv hija sfida minnha nnifisha imma b'diversi mħuħ jaħdmu f'daqqa u b'tim b'saħħtu naslu.

Matul din is-sena il-Grupp PR flimkien ma' membri oħra organizzaw 2 attivitajiet taħt l-isem ta' Two Twenty Two. F'Settembru li għadda organizzajna l-attività Nostalġija, Festa ta' Kultura. Attività fuq jumejn li fiha ċċelebrajna l-Kultura Maltija b'diversi bankarelli, wirja ta' karozzi klassiċi, area tat-tfal, ikel Malti kif ukoll divertiment kontinwu.

Din l-attività kienet b'għajnuna għal Hospice Malta. F'Mejju li għadda ġiet imtellgħa l-ewwel edizzjoni ta' Southbeat Music Festival f'Wied il-Buni. Attività ta' spettaklu kontinwu fuq il-palk prinċipali. Din is-sena kellna magħna lil Claudia Faniello, SterjoTipi u Big Band Brothers Ft. Matthew James bi preżentazzjoni tal-magħruf Ron Briffa. Din l-attività kienet b'għajnuna għal Puttinu Cares. Minn hawn nixtiequ nirringrazzjaw lill-voluntiera kollha li dejjem insibuhom ta' għajnuna.

Minn hawn inħeġġu lil kull min jixtieq li jingħaqad magħna sabiex ikellimna u niggwidawh/ha kif jistgħu jagħmlu dan. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil sħabi tal-Grupp PR li dejjem sibthom ta' spalla għalija, grupp li m'ilux li twaqqaf iżda l-effett li ħalla kien wieħed kbir. Id-dedikazzjoni tagħhom timlieni b'kuraġġ li nibqgħu naħdmu flimkien bħala tim, għax li tkun tim hi xi ħaġa sabiħa ħafna.

Grazzi ħbieb! Nixtieq ukoll nirringrazzja lill-fotografi, vidjografi u lil dawk kollha li matul iż-żmien jagħtuna l-għajnuna tagħhom.

Nirringrazzjaw ukoll lill-familji tagħna li dejjem kienu ta' spalla u kuraġġ matul ħidmietna. Nirringrazzjaw lis-Sezzjonijiet u lill-Kumitat Eżekuttiv tal-għajnuna tagħhom. Inħeġġu lil kulħadd sabiex tidħlu fil-midja soċjali tas-Soċjetà u tixxerjaw kull post li ttella' s-Soċjetà. Dan dejjem ikun qed jgħin sabiex inżiedu l-popolarità tas-Soċjetà.

Minn qalbi nixtieq nawgura aktar ħidma ta' suċċess lis-Soċjetà tagħna sabiex dak li nbena matul dawn is-snin ikompli jissaħħaħ. Nawgura s-saħħa lil dawk kollha li ma jistgħux igawdu l-festa magħna. Nixtiqulhom kull saħħa u nwegħduhom it-talb tagħna.

Nawgura wkoll il-festa t-tajba lill-poplu kollu ta' Birżebbuġa, festa sabiħa f'ġieħ il-Patrun għażiż għalina San Pietru.

Viva tal-Iljun
Iżda fuq kollox, Viva San Pietru.

Bilwieqfa mix-xellug għal-lemin: Reyhan Vella, Andy Mifsud Camilleri, Daniel Buhagiar
Bilqiegħda mix-xellug għal-lemin: Nicola Bonnici Mc Intyre, Jonathan Ellul Bonnici, Chrizana Mizzi
Nieqes mir-ritratt: Franklin Cachia

IRONMONGERY

Triq F.M. Ferretti, Qajjenza, Birzebbuga BBG05

Tel: 2165 4497 Mob: 7744 5014
Owner: Horace Scicluna

Electrical & Water Fittings,
Household Goods,
Paints - more than 1000 colours,
Tools, Barbeque Sets,
Different tips for pumps,
Water Heaters,
Pumps, Key Cuttings
& much more...

Birżebbuġa Tiċċelebra Lill-Prinċep tal-Appostli San Pietru fil-Ktajjen

IL-PROGRAMM TAL-FESTA TITULARI 2026

Il-Ħadd 19 ta' Lulju
12:00pm: Green Gathering fil-bottegin tal-każin f'atmosfera festiva mill-aqwa ma' NEDX.

It-Tlieta, 21 ta' Lulju
6:30pm: Sports Fest fil-Grawnd tal-futbol.

Il-Ġimgħa 24 ta' Lulju
8:00pm: Ikla tal-festa quddiem il-każin. Divertiment ma' Glen Vella u Claudia Faniello.

Is-Sibt 25 ta' Lulju
Festa Tfal

5:15pm: Għal darb'oħra se tiġi organizzata Festa Tfal mis-Soċjetà. Il-Banda tas-Soċjetà akkumpanjata bl-istatwa ta' San Pietru tgħaddi minn dawn it-toroq.

Triq Birżebbuġa, Triq Santa Katerina, Triq il-Knisja, il-Bajja s-Sabiħa, Triq Birżebbuġa u Misraħ il-Knisja fejn l-istatwa tittella' fuq il-kolonna. Ikun hemm ukoll logħob għat-tfal u ikel.

6:00pm: Quddiesa li fiha nitolbu għal dawk li mietu mill-festa tas-sena l-oħra 'l hawn. Mistiedna b'mod speċjali l-qraba u l-ħbieb. Insemmuhom b'isimhom. Se jmexxi Fr Lino Azzopardi.

Il-Ħadd 26 ta' Lulju
Jum il-Ħajja

11:00am: Quddiesa li fiha ssir il-preżentazzjoni tat-trabi li twieldu mill-festa tas-sena l-oħra 'l hawn. Tingħata tifkira. Imexxi Fr Victor Scicluna.

12:00pm: Green Gathering fil-bottegin tal-każin f'atmosfera festiva mill-aqwa ma DJ Shakin.

7:00pm: Quddiesa animata mill-Grupp ZAK u mmexxija minn Fr Bernard Micallef. Mistiedna l-għaqdiet taż-żgħażagħ tal-parroċċa.

It-Tnejn 27 ta' Lulju
Ħruġ ta' San Pietru min-niċċa
Jum l-Għaqdiet tal-Parroċċa

6:30pm: Quddiesa fuq iz-zuntier tal-Knisja. Imexxi l-Kappillan Fr Reuben Micallef.

7:30pm: Ħruġ tal-Vara ta' San Pietru fuq iz-zuntier. Tingħad il-Kurunella u jitkanta l-innu. Jieħdu sehem iż-żewġ baned lokali.

Kif tintemm il-funzjoni fuq iz-zuntier għall-ħabta tat-8.00pm, iż-żewġ baned lokali jdoqqu f'banda waħda f'Misraħ il-Knisja, imbagħad il-Banda Birżebbuġa, tkompli l-marċ tagħha bir-rotta tagħha.

Il-marċ jgħaddi minn Misraħ il-Knisja, Triq Sant'Andrija, Triq Sant'Anġlu, Triq San Tumas, Triq iż-Żurrieq, Triq San Ġwann, Triq iż-Żebra, Il-Bajja s-Sabiħa, Triq Birżebbuġa u Misraħ il-Knisja. Għall-ħabta tal-10:00pm ser ikun hemm sorpriża fil-Bajja s-Sabiħa quddiem l-għassa.

Wara spettaklu flimkien ma' Dropout Music Band bis-sehem tad-DJ Nate fi Triq Birżebbuġa.

It-Tlieta 28 ta' Lulju
Jum it-Tfal

6:30pm: Quddiesa għat-tfal bi preżentazzjoni fuq il-ħajja ta' San Pietru u tqassim tal-midalji tal-Sports Fest. Wara purċissjoni sal-MUSEUM fejn issir ċelebrazzjoni għat-tfal. Imexxi Dun Anton Galea Scannura, Arċipriet tal-Parroċċa Santa Katarina Verġni u Martri, Żejtun.

8:15pm: Jibda marċ bil-Banda tas-Soċjetà. Dan il-marċ jibda mill-Qajjenza. Il-marċ jgħaddi minn Triq Arturo Issel, Triq Herakles, Triq il-Fossili, Triq l-Iżbark tat-Torok, Triq id-Daqqaqa,

Triq il-Mandolina, Triq il-Fossili, Triq il-Batterija, Triq F.M. Ferretti, Triq Salvatore Cachia Zammit, Triq Birżebbuġa, Triq San Pietru, Triq San Mikiel, Triq Santa Katerina, Triq il-Knisja, il-Bajja s-Sabiħa, Triq Birżebbuġa u Misraħ il-Knisja.

Kif jintemm il-marċ ikun hemm spettaklu tan-nar Pyrocolours Rooftop Edition kif ukoll DJ Sue f'Misraħ il-Knisja.

L-Erbgħa 29 ta' Lulju

L-Ewwel Jum tat-Tridu: Jum id-Djakonija

6:30pm: Quddiesa mmexxija minn Dun Pawl Buttigieg, Viċi tal-Parroċċa San Gaetano, il-Ħamrun. Mistiedna speċjali l-morda, l-anzjani u persuni bi bżonnijiet speċjali u l-familji tagħhom. Kemm dawk li joqogħdu Birżebbuġa, kif ukoll dawk li jinsabu fil-Homes. Wara l-kurunella u l-Antifona.

9:00pm: *Green Gathering* fil-bottegin tal-każin.

Il-Ħamis 30 ta' Lulju

It-Tieni Jum tat-Tridu: Jum il-Familja

6:00pm: Għasar

6:30pm: Quddiesa. Imexxi Dun Nikol Pace Kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġużepp, Kalkara. Mistiedna l-familji b'mod speċjali l-koppji li qed jiċċelebraw xi anniversarju ta' żwieġ u koppji li żżewġu matul din is-sena. Wara Antifona u Barka Sagramentali.

8:30pm: Jibda marċ mill-Banda Birżebbuġa. Il-marċ jgħaddi minn Triq San Filippu (kantuniera ma' Triq il-Gurgier), il-Bajja s-Sabiħa, Triq Profs Anton Tabone, Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja fejn ser ikun hemm sorpriża u Triq Birżebbuġa.

Wara spettaklu flimkien ma' DJ Mykill li jinkludi wkoll il-feature awdjoviżiv.

Il-Ġimgħa 31 ta' Lulju

It-Tielet Jum tat-Tridu: Jum is-Saċerdoti, Reliġjużi u Persuni ta' Ħajja Kkonsagrata.

6:00pm: Għasar

6:30pm: Quddiesa mmexxija minn Fr Charles Carabott. Mistiedna speċjali dawk kollha li għandhom għal qalbhom it-talb għall-Vokazzjonijiet. Wara t-tqarbin jitkanta l-innu ta' ringrazzjament, it-Te Deum. Wara Antifona u Barka Sagramentali.

7:00pm: l-istatwa ta' San Pietru, proprjetà tas-Soċjetà (1991), titgħabba fuq il-lanċa u tibda d-dimostrazzjoni mid-dilettanti mill-Bajja ta' San Ġorġ sal-Bajja s-Sabiħa. L-istatwa tkun akkumpanjata minn diversi dgħajjes u opri tal-baħar kif ukoll element bandistiku li jdoqq marċi brijużi.

8:30pm: Jibda marċ li jibqa' sejjer sa nofsillejl. Mal-banda tagħna, ser tkun qed tieħu sehem ukoll il-banda mistiedna *AllianceOrchestret* mill-Iżvezja. Il-marċ jgħaddi mill-Bajja s-Sabiħa, Triq San Edwardu, Triq San Ġwann, Triq San Vinċenz, Triq ix-Xbieki, Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja, Triq Birżebbuġa u lura lejn il-Bajja s-Sabiħa.

Wara spettaklu flimkien ma' JD Patrick u Drone Show fil-Bajja s-Sabiħa quddiem l-Għassa.

Is-Sibt 1 ta' Awwissu

Lejlet il-Festa

6:00pm: Quddiesa

6:45pm: Translazzjoni u Għasar, imexxi Fr Victor Paul Farrugia. Nibdew mill-Knisja tad-Duluri (Triq il-Knisja).

8:00pm: Quddiesa.

8:00pm: Jibda marċ qasir mill-Banda *AllianceOrchestret* minn barra minn Malta. Din il-banda ġejja minn Gothenburg, l-Iżvezja. Il-marċ jgħaddi minn Triq Birżebbuġa, Triq Santa Katerina, Triq San Mikiel, Triq Nazzarenu Dalli u Misraħ il-Knisja.

9:00pm: Jibda Kunċert vokali, korali u strumentali. Jieħdu sehem il-Kor Xmun Pietru taħt id-direzzjoni ta' Mro Christopher Bonnici u Marouska Bonnici, il-kantanta Riona Degiorgio, it-tenur Mark Camilleri u s-sopran Karen Camilleri f'Misraħ il-Knisja fuq il-plankier.

Il-Ħadd 2 ta' Awwissu

Jum il-Festa Titulari San Pietru Fil-Ktajjen

Quddies filgħodu fis-6:30am, fit-8:00am, fid-9:00am u fl-11:00am.

9:00am: Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof George Frendo. Jinseġ il-paniġierku Fr Gordon Refalo.

Jibda marċ f'nofsinhar u jispiċċa fit-3:00pm. Il-marċ jgħaddi minn Triq Birżebbuġa, il-Bajja s-Sabiħa, Triq id-Duluri, Triq San Mikiel, Triq Santa Katerina, Triq it-Tankijiet, Triq Nazzarenu Dalli, Triq G. Galizia, Triq Santa Rita, Triq Sant Anġlu, Triq Profs Anton Tabone, il-Bajja s-Sabiħa, Triq Birżebbuġa, Misraħ il-Knisja.

6:00pm: Quddiesa bil-kant tal-Għasar minn Fr Charles Caruana.

7:15pm: Purċissjoni bl-istatwa artistika u devota ta' San Pietru fil-Ktajjen, Patrun ta' Birżebbuġa mmexxija minn Fr Charles Caruana. Jieħdu sehem il-Baned mistiedna.

Bejn it-7:45pm u d-9:00pm ser ikun hemm programm mill-baned mistiedna, il-Banda ta' San Pawl ta' Ħal Safi u l-Banda AllianceOrchestret fuq il-planċier f'Misraħ il-Knisja.

9:30pm: Il-banda ta' Ħal Safi takkumpanja l-purċissjoni mill-Bajja s-Sabiħa, Triq Birżebbuġa u Misraħ il-Knisja.

10:30pm: Wara l-purċissjoni, il-Festa tagħlaq bl-Antifona, Ċelebrazzjoni Ewkaristika u bil-bews tar-Relikwa.

Il-kant tat-Tridu, Lejlet il-Festa u nharha jsir mill-Kor Parrokkjali ta' Birżebbuġa taħt it-tmexxija tas-Sinjura Josette Polidano.

11:00pm: Jibda l-marċ tan-nar. Il-marċ jgħaddi mill-Bajja s-Sabiħa, Triq Birżebbuġa u Misraħ il-Knisja. Il-marċ jintemm f'nofsillejl.

Inħeġġu lil kulħadd sabiex fil-jiem tal-festa titulari nattendu bi ħġarna l-funzjonijiet liturġiċi u nattendu l-attivitajiet illi se jkunu organizzati b'rispett sħiħ lejn xulxin u nakkumpanjaw lill-Banda Popolari Birżebbuġa waqt illi tterraq mat-toroq ta' raħalna.

Nappellaw sabiex nirregolaw ruħna mas-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin f'dawn il-jiem sbieħ tal-festa. Ejjew ningħaqdu madwar l-altar u madwar il-patrun tagħna sabiex nirringrazzjaw lil Alla l-Imbierek, Ommna Marija u lil San Pietru li waqfu magħna matul din is-sena.

Ejjew nuru li aħna tal-festa billi narmaw il-galleriji, il-bjut, it-twieqi u l-faċċati ta' djarna bil-kuluri tas-Soċjetà u fuq kollox b'xi statwa, inkwatru jew xbieha ta' San Pietru Appostlu.

Il-Kumitat Ċentrali jirriserva d-dritt illi dan il-programm jista' jinbidel mingħajr avviż prematur skont il-ħtieġa tal-Festa ta' San Pietru Appostlu.

Viva l-Appostlu Missierna San Pietru!



San Pietru Fuq il-Baħar; Pittura Oriġinali ta' **Katriona Muscat**

Il-Programm tan-Nar għal matul il-Ġimgħa tal-Festa mill-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar

It-Tnejn 27 ta' Lulju, 2026

8:00am: Ħruq ta' bomba u murtali.

12:00pm: Ħruq ta' bomba u murtali.

7:30pm: Salut, kaxxa infernali u murtali bil-logħob.

10:00pm: Hekk kif tinkixef is-sorpriża, tinħaraq kaxxa tal-kulur u kaxxi taċ-Ċiniżi.

11:30pm: Fl-għeluq tal-marċ se jinħarqu kaxxi u fjammi minn fuq il-bejt tal-każin.

It-Tlieta 28 ta' Lulju, 2026

11:15pm: Fl-għeluq tal-marċ se jkun hemm wirja sinkronizzata mal-mużika PYROCOLOURS - Rooftop Edition minn fuq il-bejt tas-Soċjetà. Din se ssir għall-ewwel darba minn fuq il-propjetà l-ġdida tal-każin.

Il-Ħamis 30 ta' Lulju, 2026

10:15pm: Hekk kif tinkixef is-sorpriża, se jinħarqu fjammi u kaxxi taċ-Ċiniżi minn fuq il-bejt tal-każin.

Il-Ġimgħa 31 ta' Lulju, 2026

8:00am: Ħruq ta' bomba u murtali.

12:00pm: Ħruq ta' bomba u murtali.

9:30pm: Wirja tal-aħħar jum tat-tridu, fosthom lampjuni, sfejjer, blalen, murtali bil-logħob, murtali tal-kulur u jispiċċa b'kaxxa infernali u blalen kbar.

11:00pm: Hekk kif l-istatwa tasal quddiem is-Sede, tinħaraq kaxxa minn fuq il-bejt tas-Soċjetà.

12:00am: Kaxxa infernali mir-ramla fil-Bajja s-Sabiħa mat-tlugħ tal-istatwa.

Is-Sibt 1 t'Awwissu, 2026

9:30pm: Ħarqa ta' lejlet il-festa bi ħruq ta' lampjuni, sfejjer, blalen, murtali biċ-ċentru, murtali bil-logħob u murtali tal-kulur. Tintemm b'kaxxa infernali tal-kulur u blalen ta' kull daqs.

11:30pm: PYROCOLOURS - Wirja kbira ta' logħob tan-nar tal-art fosthom diversi irdieden kbar, ktajjen, universals, ingranaġġi, xemx bil-funtani tal-kulur u tispiċċa b'tapit sinkronizzat mal-mużika b'diversi effetti ġodda u uniċi.

Il-Ħadd 2 t'Awwissu, 2026

7:30pm: Mal-ħruġ tal-vara jinħaraq salut, kaxxa kbira akkumpanjata b'murtali kkumnikati u diversi ftuħ. Jinħarqu wkoll sett murtali bil-logħob.

Il-ħinijiet imsemmija hawn fuq jistgħu jinbidlu skont id-direttivi tal-pulizija jew minħabba t-temp.

Matul il-ġimgħa se jinħarqu musketteriji minn fuq il-bejt tas-Soċjetà skont il-ħinijiet tal-funzjonijiet tal-knisja jew attivitajiet tas-Soċjetà.

Viva l-Appostlu Missierna San Pietru!

Festa fid-dell ta' 50 sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali tagħna

Kan. Reuben Micallef

Il-Kappillan

Iż-żmien bejn din il-festa 2026 u l-festa 2027 se jkun żmien immarkat b'żewġ avvenimenti storiċi, iżda li fl-istess waqt ifissru ħafna għall-komunità parrokkjali tagħna: il-100 sena miċ-ċelebrazzjoni tat-tqegħid tal-ewwel ġebla għall-bini tal-knisja parrokkjali tagħna u l-50 sena mill-konsagrazzjoni tal-knisja.

Żewġ avvenimenti soċjo-reliġjużi li jimmarkaw l-istorja tar-raħal tagħna, iżda li jimmarkaw ukoll il-bixra tal-fidi Nisranija ta' missirijietna. Il-knisja parrokkjali u l-komunità parrokkjali huma l-wirt li missirijietna ħallew lilna l-ġenerazzjonijiet ta' warajhom.

Biex tgħinna nifhmu aħjar dak li se niċċelebraw, nixtieq li nagħmel referenza għall-ittra miktuba minn San Pietru nnifsu. Fl-ittra tiegħu lill-Insara tal-Asja Minuri, Pietru jiktbilhom hekk;

"U intom ukoll, bħal ġebel ħaj, inbnew f'dar spiritwali, saċerdozju qaddis, biex toffru sagrifiċċju spiritwali li jogħġob lil Alla permezz ta' Ġesù Kristu. Għax hekk hemm miktub fl-Iskrittura: Jien inqiegħed f'Sijon ġebla tax-xewka, magħżula u għażiża; min jemmen fiha, ma jkollux għax jitħawwad". 1 Pt 2; 5-6

Qegħdin naraw kif San Pietru qiegħed iqabbel lil kull wieħed u waħda minna ma' ġebel ħaj, ma' ġebel ħaj li flimkien ninbnew fid-dar ta' Alla. Mhux ta' b'xejn Pietru juża din it-tixbieha, minħabba li hu stess ġie mqabbel ma' blata minn Kristu nnifsu.

Hawnhekk ukoll, mill-ġdid qegħdin naraw din it-tixbieha ma' xi ħaġa strutturali u li twassal għal xi ħaġa spiritwali: il-binja fiżika tal-knisja li twassal għall-bini ta' komunità Nisranija spiritwali.

Hawnhekk tqum il-mistoqsija: aħna li qegħdin nesperjenzaw dak li missirijietna u ommijietna ħallew lilna, aħna se nħalluh lil ta' warajna? Se nħallu Knisja isbaħ u strutturalment tajba?

Se nħallu komunità spiritwali aktar ħajja, magħquda, u mimija bl-Ispirtu ta' Ġesù?

Bħalma aħna msejħin biex nieħdu ħsieb tal-ġisem tagħna, hekk ukoll aħna msejħin biex nieħdu ħsieb tal-mixja spiritwali tagħna, kemm dik personali, kif ukoll dik komunitarja. Il-konsagrazzjoni tal-knisja parrokkjali tfakkarna li aħna wkoll l-ikkonsagrati tal-Mulej, u li aħna wkoll irċevejna l-Ispirtu ta' Alla biex inkunu mimlija bih u biex permezz tiegħu ninbnew flimkien f'komunità spiritwali. Permezz tas-Sagramenti, aħna lkoll irċevejna dan id-Don li nissejħu wlied Alla.

Flimkien ma' dan il-privileġġ, irċevejna wkoll ir-responsabbiltà li nkunu xhieda ta' Kristu fil-ħajja tagħna u ma' dawk ta' madwarna.

Il-festa li se niċċelebraw din is-sena tfakkarna li fejn hemm Kristu ħaj fil-qlub tagħna se ngħinu lil xulxin ninbnew f'din id-dar spiritwali, filwaqt li jekk lil Kristu qegħdin inwarrbuh minn ħajjitna, id-Dar ta' Alla tinħatt. Għaliex kif jgħidilna s-Salmista f'Salm 127, 'jekk il-Mulej ma jibnix id-Dar, għalxejn jitħabtu l-bennejja.'

Nittama li nifhmu l-messaġġ prinċipali li Pietru nnifsu għandu għall-Insara tal-Asja Minuri fejn qed iħeġġiġhom biex jinbnew f'Dar Spiritwali, f'Dar li fiha jgħammar Alla. Ejjew aħna wkoll inkunu din id-Dar Spiritwali li fiha jgħammar Alla, biex bħal ġebel ħaj ninbnew f'Dar Spiritwali.

Nawgura l-Festa t-Tajba lil Kulħadt

MG
CREATIVE
FACTORY

MG Signs
Plot 90 - 91 X,

Luqa Industrial Estate,
Luqa LQA 3000

T: 2169 6787
E: sales@mgmalta.com

SCREEN
PROFESSIONAL HAIR CARE
SALON
by ALEXIA
TRIQ IL QAQLIET
MARSASCALA
TEL :2720 0204

screenahaircare.com

Festa ta' Komunità u Lokalità Magħquda

Scott Camilleri Bilocca

Is-Sindku

Huwa ta' pjaċir għalija li għal darb'oħra nikteb f'din il-publikazzjoni tal-festa, tradizzjoni li kull sena nistenna b'ħerqa. Il-komunikazzjoni mar-residenti tibqa' prijorità għalija bħala Sindku u għall-Kunsill Lokali li għandi l-privileġġ immexxi.

Matul l-aħħar sena komplejna naħdmu sabiex intejbu l-kwalità tal-ħajja fil-lokalità tagħna. Fost l-aktar proġetti importanti kien hemm it-tisħiħ tal-infrastruttura tas-servizzi, b'mod partikolari s-sistema tad-drenaġġ.

Fl-aħħar ġimgħat tlesta l-akbar proġett infrastrutturali li sar fil-lokalità f'dawn l-aħħar snin, b'investiment ta' €3 miljun mill-Gvern Ċentrali fit-titjib tas-sistema tad-drenaġġ fi Triq il-Bajja s-Sabiħa. Dan huwa investiment essenzjali li jħares lejn il-futur u jiżgura li l-lokalità tkun preparata għall-iżvilupp li ġej.

Proġett ieħor li jagħtini sodisfazzjon kbir huwa l-ftuħ taċ-ċentru Servizz.gov fil-qalba tal-lokalità tagħna. Għal snin twal, ir-residenti kellhom jivvjaġġaw lejn lokalitajiet oħra jew jistennew ġranet partikolari biex jaċċessaw diversi servizzi governattivi. Minn Marzu 2026, is-Servizz.gov beda jopera mill-eks sala tal-Kunsill Lokali, u b'hekk il-binja tal-Kunsill saret verament "one-stop shop" għas-servizzi governattivi.

Komplejna wkoll ninvestu fir-riġenerazzjoni ta' spazji pubbliċi u ġonna lokali, b'mod speċjali fi Triq Dun Ġ. Zammit u fi Triq Heracles, fejn għaddej xogħol ta' restawr sabiex jinħoloq it-tieni spazju miftuħ fiż-żona tal-Qajjenza.

Għalkemm għad fadlilna ħafna x'nagħmlu, bil-kollaborazzjoni u s-sapport tagħkom inkomplu nwettqu aktar proġetti għall-ġid tal-komunità.

Nagħlaq billi nirringrazzja lill-għaqdiet volontarji, lill-Parroċċa u lil kull min jagħti sehmu sabiex tittella' l-festa ta' San Pietru. Din hija festa ta' għaqda u komunità. Ejjew nużaw it-talenti tagħna biex insaħħu l-livell kulturali u soċjali tal-lokalità tagħna, filwaqt li nkomplu nibnu komunità aktar magħquda.

SUPERSTAR BUTCHER

Fresh & Frozen Meat

Triq is-Sajjieda, Birżebbuġa
Tel: 21653082 Mob: 99550848
FREE DELIVERY

Tony Muscat

WHOLESALE ICE CREAM

IN FAMILY PACKS, SLICE ETC.

89, 91 ST PATRICK STREET, BIRŻEBBUĠA

99441147

99672554 (NICHOLAS)

SUPPLY FOR SHOPS AVAILABLE

Dove's Pet Shop

Triq 31 ta' Marzu, B'Bugia

Tel: 21 650 943

LA CLINIQUE

HEALTH & BEAUTY

WAXING – FACIALS – MASSAGES – MANICURES – PEDICURES – MAKE UP & MORE

Tel. 2165 7458 – 9985 5189

Birżebbuġa Rd, Birżebbuġa.

COX SPORTS BAR

Live Sports & Appetizers

Karaoke on Friday & Saturday

Booking for private parties • Mob: 9901 0178

BIRZEBBUGA FILLING STATION

What we Offer

Fuel Service

Tyre Punctures & New Tyres

Automotive Batteries

Oil Lubricants

Car Products & Accessories

Summit Square, Birzebbuga

+365 21654842

info@birzebbugafillingstation.com

Cardiff Butcher

Fresh & Frozen Meat

Frozen Foods

1, Żurrieq Road, Birżebbuġa • Tel: 2765 2746 • Mob: 7932 7285

Free Deliveries

It-Tmexxija tas-Soċjetà 2025/2026

STRUTTURA ONORARJA

President Onorarju, Fundatur u Benefattur Ewlieni
Anthony Camilleri

Fundaturi tas-Soċjetà
Anthony Camilleri, Kav. Alexander Caruana OSJ, Joseph Caruana, Angelo Cutajar, Raymond Cutajar (RIP), Jason Vella

Presidenti Onorarji Għal Għomorhom
Il-Perit Michael Schembri B.E.&A (Hons), A. & C.E., Jason Vella

Presidenti Onorarji
Peter Camilleri, Emanuel Zammit, Paul Polidano, Dr Henry Antoncich L.P., LL.D., il-Prim Imħallef Joseph Azzopardi LL.D., Lonzu Vella, Simon Micallef, Victor Schembri, Kav. Derek Mifsud Speranza (RIP), Dr Marylin Sultana LL.B., N.P., Jason Cutajar, Roderick Cachia, Charles Ellul, Steve Briffa, Francis Cassar, Guido Agius, Christopher Camilleri (RIP)

Membri Onorarji
Sunny Bonnici, Paul Schembri, Carmelo Galea, Ronnie Galea, Joe Cutajar, Tarcisio Bongailas, Dennis Micallef, Emanuel Mangion, Mikiel Schembri, Pierre Zammit, Marco Camilleri, Benji Caruana, Andrè Taylor, Thaddeo Agius, Aidan Vella, Simon Galea, Eman Farrugia, Comm. John Taylor KCHS, Daniel Cutajar, Paul Zammit, Emanuel Ebejer.

Surmastrijiet Onorarji
Mro Felicienne Paris B.Ed (Hons); L(Mus)TCL; L(Mus)LCM;
Mro Gennaro Sibilano (Rivo di Puglia); Mro Ray Sciberras FLCM

STRUTTURA AMMINISTRATTIVA

Il-President: *Kav. Alexander Caruana OSJ*

Is-Segretarju Ġenerali: *Henry Bonnici*

It-Teżorier: *Walter Pace*

Il-Viċi President: *Andy Mifsud Camilleri*

L-Assistenti Segretarji: *Jonathan Ellul Bonnici u Matthew Polidano*

L-Assistenti Teżoriera: *Nathaniel De Bono u Nicola Bonnici Mc Intyre*

Id-Direttur Ġenerali: *Pierre Zammit*

L-Assistent Direttur Ġenerali: *Benji Caruana*

Id-Diretturi Armar tal-Każin: *Comm. John Taylor KCHS u Clint Balzan*

Is-Surmast Direttur: *Mro Michael Bugelli A.T.C.L.*

L-Assistent Surmast, Għalliem tat-Teorija, tar-Ram u tal-Perkussjoni: *Mro Christopher Bonnici B.A.(Hons); M.A.; ALCM; LLCM*

L-Għalliem tal-Istrumenti tal-Qasba: *Matthew Polidano M. Sc. in Sound and Vibration*

L-Għalliem tal-Istrumenti tal-Injam: *Ludwig N. Desira*

Il-Kordinatriċi tal-Kor Xmun Pietru: *Marouska Bonnici B.A. (Hons)*

L-Arkivisti: *Andy Mifsud Camilleri, Ass. Surmast Christopher Bonnici u Kristian Kurt Cassar*

Id-Delegat tal-Banda: *Peter Paul Caruana B.A. (Hons)*

Il-Kordinaturi għall-Applikazzjonijiet: *Nicola Bonnici Mc Intyre, Reyhan Vella B.A., Andy Mifsud Camilleri*

Fund-Raising u Attivitajiet: *Sue Pace u Matthew Polidano*

Ir-Rappreżentant Sezzjoni Żgħażagħ Iljuni: *Matthew Polidano*

Ir-Rappreżentant tal-Kummissjoni Armar Estern: *Benji Caruana*

Ir-Rappreżentant tal-Grupp Teatrali 14 ta' Jannar: *Nathaniel De Bono*

Ir-Rappreżentant tal-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar: *Eman Farrugia*

Ir-Rappreżentanta Sezzjoni Banda Birżebbuġa: *Nicola Bonnici Mc Intyre*

Ir-Rappreżentant tal-Kummissjoni Tisbiħ tal-Każin: *Anthony Camilleri*

Ir-Rappreżentanta tan- Nisa Petrini: *Sue Pace*

Id-Diretturi tal-Pubblikazzjonijiet: *Nicola Bonnici Mc Intyre u Rachel Galea B.Ed (Hons)*

L-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet Pubbliċi: *Jonathan Ellul Bonnici*

Il-Webmaster: *Andy Mifsud Camilleri*

KUMITAT EŻEKUTTIV

Bilwieqfa mix-xellug:

Peter Paul Caruana, Benji Caruana, Nathaniel De Bono, Reyhan Vella,
Andy Mifsud Camilleri, Clint Balzan, Jonathan Ellul Bonnici

Bilqiegħda mix-xellug:

Sue Pace, Henry Bonnici, Kav. Alexander Caruana OSJ,
Walter Pace, Nicola Bonnici Mc Intyre

Neqsin mir-ritratt:

Eman Farrugia, Matthew Polidano

Il-Messaġġ tal-President

Kav. Alexander Caruana OSJ

Filli qed ngħidu għaddiet il-festa u filli qed ngħidu li reġħet waslet. U dis-sena ngħiduha iktar għaliex bħala soċjetà kellna sena impenjattiva u xogħol intens li ma waqaf qatt biex b'hekk inkompu mmexxu s-soċjetà li bdejna 36 sena ilu 'l quddiem.

Bla dubju ta' xejn, l-ikbar akkwist li għamilna din is-sena kien ix-xiri tal-post tal-kantuniera. Ħolma li kienet tidher kważi impossibbli, imma kif għidt dakinhar li ffirmajna l-kuntratt, fejn ikun hemm l-għaqda u l-għaqal, l-impossibbli jsir possibbli u hekk sar!

Nammetti li kienet biċċa xogħol diffiċli ħafna u forsi nazzarda ngħid li meta nara l-proġetti kollha li ħdimt fuqhom f'għomri, dan kien wieħed mill-iktar li kelli ninvesti ħin fih u kelli naħdem b'mod kawt ħafna sakemm irnexxielna naslu għall-jum storiku tal-14 ta' Jannar, 2026 meta ffirmajna l-kuntratt. Ma nistax pubblikament ma nirringrazzjax lis-Segretarju u lit-Teżorier kif ukoll lil sħabi tal-Kumitat li kienu miegħi spalla ma' spalla biex wasalna fejn xtaqna li naslu. L-istess nirringrazzja lill-membri attivi tagħna li afdaw fija u fi sħabi r-responsabbiltà biex ix-xewqa tagħna, għal darba oħra għamilnieha realtà.

Imma l-ħidma tas-soċjetà ma kinitx biss fuq dal-proġett. Komplejna għaddejjin bl-attivitajiet tagħna kemm dawk mużikali kif ukoll dawk soċjali u ta' fund-raising. Bqajna għaddejjin bix- xogħol ta' manutenzjoni tas-sede tagħna, xogħol relatat ma' applikazzjonijiet ta' fondi, komplejna nixtru iktar strumenti għall-allievi tagħna, bqajna għaddejjin bit-tagħlim mużikali u kellna sena mimlija attivitajiet ma jaqtgħu xejn biex b'hekk żammejna lis-soċjetà tagħna ħajja u tiġbed iktar nies lejha.

Minkejja l-isfidi kollha tal-lum il-ġurnata, fejn il volontarjat b'mod inġenerali qed jonqos, inħoss li s-soċjetà tagħna qed taħseb sew għall-futur. Nafu li iktar ma jgħaddi żmien, l-affarijiet ħa jsiru iktar diffiċli u ma nistgux ningħalqu f'bozza u ngħidu issa ta' warajna jaraw huma, għax meta tkun tħobb soċjetà, trid taħdem biex taċċerta ruħek li ħa tibqa' miexja 'l quddiem anke meta tkun qed titmexxa mill-ġenerazzjonijiet ta' warajna. L-istess għall-festa, aħna li minn dejjem konna nħobbu l-festa u waqqafna din is-soċjetà biex setgħet tikber il-festa u jkollna assigurazzjoni li jibqa' jkollna festa sabiħa, għax qabel kellna festa żgħira ħafna, irridu naraw li s- soċjetà jibqa' jkollha ntrojtu tajjeb biex tkun tista' tlaħħaq mal-ispejjeż biex tibqa' miexja 'l quddiem u tibqa' torganizza festa sabiħa lill-Patrun tagħna.

Min-naħa tiegħi nixtieq nirringrazzja lil kull min jagħti sehmu fi ħdan is-soċjetà tagħna, lill-kumitat u sezzjonijiet kollha li jaħdmu bla heda tul is-sena kollha, lill-Kappillan u lill-Kleru u lil kull min jarma u jieħu ħsieb il-knisja, lis-Sindku u sħabi l-Kunsilliera kollha, lill-għaqdiet l-oħra li jagħtu sehemhom fil-festa, jiġifieri l-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen u l-Grupp tal-Armar tal-festa, lil dawk kollha li jieħdu ħsieb in-nar u lill-poplu ta' Birżebbuġa tal-għajnuna tiegħu tul is-sena kollha.

Nirringrazzja wkoll lill-Awtoritajiet Ċivili u lill-Forzi tal-Ordni tal-ħidma tagħhom però l-ikbar ringrazzjament imur lejn l-għażiża marti Charlotte u lejn uliedi Nikita u Peter Paul tal-paċenzja kbira li jieħdu bija biex inkun nista' nibqa' nwettaq dax-xogħol kollu għall-ġid tas- soċjetà tal-festa u l-lokalità tagħna. Minn qalbi nawgura l-Festa t-Tajba lil kulħadd speċjalment lill-morda u lil dawk li ħabba raġuni jew oħra ma jistgħux jiċċelebraw magħna dawn il-jiem hekk sbieħ, filwaqt li nitlob lill-Patrun tagħna San Pietru jidħol għalihom quddiem il-Mulej.

Viva San Pietru!
Viva Birżebbuġa

Jikteb is-Segretarju

Henry Bonnici

Xi ġranet ilu kont ġej min-naħa tax-xatt u ħarist lejn il-Każin tagħna u bejni u bejn ruħi, għidt, "Alla jbierek xi proprjetà għandna!" Kos, toqgħod taħseb ftit, minn każin ta' ftit metri kwadri f'San Ġorġ, għall-proprjetà li għandna llum, li bdiet tikber u kompliet tiżviluppa bla waqfien mis-snin 90.

Niftakarni mmur għar-reahersals ġo garaxx f'San Ġorġ biex nippreparaw għal xi programm tal-Ġimgħa l-Kbira jew inkella tal-festa. Konna ntellgħu l-istatwa ta' San Pietru fuq il-kolonna mas-centre strip ta' San Ġorġ fiż-żmien il-festa. Ma tantx domna hemm għax ftit tas-snin wara, is-Soċjetà xtrat dar fi Triq Birżebbuġa. Meta ħarġu l-permessi meħtieġa, beda x-xogħol.

Jien kont immur narahom iħottu ġebla ġebla, imma xħin kont nixba', kont nitlaq lejn id-dar u nħalli l-bennejja u xi membri oħra li jkunu ġew biex jagħtu daqqa t'id hemmhekk, għax kienu jibqgħu sa ma jidlam.

Mill-ħatt għaddew għall-bini u hekk tela' l-każin li għandna llum. Meta kien tlesta, waqt laqgħa ġenerali, ittieħdet deċiżjoni biex tinxtara l-ispiżerija u ftit wara r-remissa. Kull darba li xtrajna proprjetà ħadna sogru, imma dan kien dejjem ikkalkulat. Ma waqaf niex hemm, għax din

is-sena nxtrat il-ħames proprjetà li hija f'kantuniera bejn Triq Birżebbuġa u Misrah il-Knisja u hekk ingħaqdet mal-proprjetà li kienet inxtrat 10 snin ilu fil-Pjazza. Nirringrazzja l-awtoritajiet ċivili għall-għajnuna tagħhom biex setgħet tinxtara l-aħħar proprjetà.

Meta tidħol fil-każin tinduna kemm kiber f'medda ta' ftit snin għax 36 sena mhux xi żmien twil ħafna. Il-fatt hu li kemm ilha mwaqqfa l-banda tagħna, dejjem dħalna għal xi loan mal-banek imma dan kollu serva ta' investiment għaż-żmien t'issa u għall-futur.

It-tkabbir tal-proprjetà qed iservi biex tiġi organizzata fiha attività diversa u essenzjali, bħalma hu t-tagħlim tal-mużika li hi l-fundament ta' kull għaqda mużikali.

Dan bis-saħħa tal-għalliema kollha ddedikati, li għall-mertu tagħhom, in-numru ta' allievi qed dejjem jiżdied. Tant hu hekk, li din is-sena se noħorġu 3 bandisti ġodda. Is-Soċjetà tinvesti bil-kbir f'dan il-qasam. Dejjem ħasbet biex ikollha numru kbir ta' strumenti u dan jkkompara tajjeb ma' għaqdiet oħra.

Dan ix-xiri ma kienx ikun possibbli kieku ma nirċevux għajnuniet mill-awtoritajiet ċivili permezz tal-applikazzjonijiet li joħorġu minn żmien għal żmien u li tant aħna grati lejhom.

Ma rridx ninsa l-Kummissjonijiet u s-Sezzjonijiet li tant jaħdmu qatigħ. Ġieli tispiċċa attività u diġà nkunu qegħdin naħsbu għall-oħra. Aktar kemm tikber l-proprjetà, aktar jikber il-bżonn ta' manutensjoni u din is-sena ma naqasx. Dan jitlob ħafna finanzi u xogħol.

Is-servizzi barranin u dawk tal-lokal ma naqsux anzi din is-sena saru 3 servizzi l-Belt Valletta, fejn konna mistiedna mill-MTA, fil-Port il-Kbir waqt il-Festival tan-nar u għall-ewwel darba għall-purċissjoni tal-Qalb ta'Ġesù f'Birżebbuġa. Dan inħoss li jagħmlilna unur.

La wasalna s'hawn issa rridu nħarsu 'l quddiem, nirranġaw fejn żbaljajna u nitgħallmu minnu. Bl-għajnuna tal-membri u benefatturi dejjem wasalna, lesti nilqgħu kull suġġeriment fejn meħtieġ biex naraw lis-Soċjetà timxi 'l quddiem.

Angolina
RESTAURANT
Angolina Restaurant | _angolina_ | 2712 0953

Gasparell Baling Co. Ltd.

Ferrous and Non Ferrous
Scrap Metal Processing

Mob: 7965 1545

Mob: 9949 5236

Email: gasparell.b@gmail.com

HHF 601—Hal-Far Industrial Estate, Birzebbuga , BBG 3000

Meta tkun f'għaqda bħal tagħna tgħaddi minn ħafna episodji ta' ferħ u ta' niket ukoll. Kellna persuni li għaddew għall-ħajja ta' dejjem fosthom il-President Onorarju Christopher Camilleri li għal ħafna snin kien fil-Kumitat Eżekuttiv, kif ukoll fis-Sezzjoni Banda. Kien membru attiv u dedikat.

Dan l-aħħar tlifna wkoll il-President Onorarju Derek Mifsud Speranza, li dejjem sibnieh t'għajnuna speċjalment meta kellna bżonn xi parir tajjeb mingħandu. Tlifna wkoll lil Louis Balzia li kien jifforma parti fil-Kumitati tal-bidu u wkoll lil Mario Camilleri li ta l-għajnuna tiegħu fit-tqegħid tal-madum fis-Sede tas-Soċjetà.

Minn hawn nixtieq nawgura lill-PRO tas-Soċjetà Jonathan Ellul Bonnici li din is-sena qiegħed jagħlaq l-għaxar sena tiegħu f'din il-kariga importanti. Jonathan, ta' dan nirringrazzjak tax-xogħol kollu li twettaq għas-Soċjetà b'tant dedikazzjoni.

Nagħlaq billi nirringrazzja minn qalbi lil sħabi tal-Kumitat Eżekuttiv b'mod speċjali l-President, it-Tezorier kif ukoll l-Assistenti tiegħi Jonathan Ellul Bonnici u Matthew Polidano. Grazzi lil kull membru fil-ħidma amministrattiva.

Nirringrazzja wkoll lis-Sotto Kumitati u l-gruppi kollha li tant jaħdmu minn qalbhom u bla limitu tul is-sena kollha.

Grazzi wkoll lis-soċi u l-benefatturi kollha li din is-sena reġgħu kienu ta' spalla għalina meta tlabna l-għajnuna tagħhom.

Grazzi wkoll tmur għall-Wisq Reverendu Kappillan Dun Reuben Micallef, il-Wisq Rispettabbli Sindku u Kunsilliera kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv u l-iskrivani tal-Kunsill Lokali, is-Supretendent u l-Korp tal-Pulizija.

Nirringrazzja lill-President u l-membri tal-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen, lill-Grupp Armar l-1 ta' Awwissu, kif ukoll id-diversi għaqdiet u entitajiet oħra tal-lokal. Grazzi lill-mara tieghi Catherine li tant tieħu paċenzja sabiex inkun nista' mmexxi u naqdi d-doveri tiegħi bir-reqqa lejn is-Soċjetà.

Nawgura l-festa t-tajba lin-nies kollha ta' Birżebbuġa l-aktar lill-morda. Fejn mhux possibbli għalihom li jkunu preżenti nissuġġerilhom isegwu permezz tal-mezzi soċjali tagħna.

Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.
Viva San Pietru.

Anthony Azzopardi

Florist for all occasions
Importer of fresh flowers and plants

Mob: 9985 3254, 9923 0255

jarma quddiem id-daħla
taċ-ċimiterju tan-naħa t'isfel

L-Appell tat-Teżorier

Walter Pace

Waslet festa oħra tal-Patrun tagħna San Pietru u dan ifisser li għaddiet sena oħra ta' ħidma kontinwa. Sena li għall-Banda Birżebbuġa kienet pjuttost impenjattiva b' għanijiet ambizzjużi. Sena li ġabet magħha diversi proġetti u sfidi ġodda.

Wieħed minn dawn il-proġetti kien ix-xiri tal-ħames proprjetà biex komplejna nkabbru darna. Sfida bħal din żgur ma kinitx waħda faċli għax ridna nkunu preparati sew biex nidħlu għaliha. Għalhekk il-każin ħa ħsieb li jaqta' s-self preċedenti kollu li kellu mal-bank biex seta' jersaq għal dan il-pass importanti. Xi ħaġa bħal din żgur ma kinitx faċli għax l-ispejjeż dejjem jibqgħu jikbru imma bl-għajnuna tal-membri u kull min jgħinna finanzjarjament wasalna.

Ovvjament biex tinxtara din il-proprjetà l-każin kellu jerġa' jissellef mill-bank, però dan l-investiment sarraf biex ħolma oħra saret realtà għax b' hekk il-każin ikompli jikber mhux biss bħala proprjetà imma jikber ukoll anke fil-ħidma tiegħu.

Pass ieħor importanti li l-każin għamel matul is-sena kien li ffirma kuntratt mal-Awtorità tal-Artijiet li għaddiet b'kirja għalqa u gunpost li tinsab fiha, biswit l-art minn fejn l-istess Soċjetà taħraq in-nar tal-ajru fil-ġranet tal-festa Titulari ta' San Pietru.

Is-Soċjetà daħlet għal dawn l-isfidi, konxja li magħhom iġibu spejjeż kbar kemm biex jitħallas is-self mill-bank fix-xahar u kemm biex titħallas il-kirja tal-gunpost, għalhekk nagħmel appell biex tkunu ġenerużi fid-donazzjonijiet tagħkom. Nieħu din l-opportunità biex bħal kull sena nirringrazzja lil min jirreklama magħna għax intom sostenn finanzjarjuimportanti għalina. Għalhekk inħeġġeġ lilkom il-qarrejja biex tużaw is-servizzi li dawn joffru. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-Gvern u l-Ministeru tal-Kultura tal-għajnuna li tawna biex stajna nakkwistaw kemm il-proprjetà l-ġdida kif ukoll niffirmaw il-kuntratt tal-gunpost.

Apparti dan kollu s-Soċjetà tagħna dejjem baqgħet taħdem is-sena kollha għall-festa tagħna. Bħalma jaf kulħadd biex tagħmel il-festa tinvovli ħafna spejjeż.

Ma nkunux għaqlin u responsabbli jekk minħabba ċerti sfidi u proġetti nwarrbu l-għan tagħna bħala każin tal-banda u nonqsu milli nagħmlu l-festa. Iżda dan qatt ma qatgħalna qalbna u nista' ngħid li minkejja l-isfidi u l-proġetti kollha li kellna matul is-snin, dejjem irnexxielna nagħmlu festa kbira u kif jixraq lil San Pietru u lill-Birżebbuġin kollha.

It-triq quddiemna hija twila u għad fadal ħafna xi jsir. Imma nemmen li b' determinazzjoni naslu, kif dejjem għamilna sa mit-twaqqif, għax dejjem ħdimna bil-għaqal biex il-ħolm tagħna dejjem sar realtà.

Hawn nixtieq insellem il-memorja ta' dawk il-membri li ħallewna matul is-snin, iżda dejjem taw kontribut imprezzabbli biex is-Soċjetà dejjem baqgħet tikber u tevolvi.

L-għan tagħna hu li b' sens ta' responsabbiltà nħallu lil ta' warajna Soċjetà aħjar u b' saħħitha ħalli nassiguraw futur sabiħ għall-banda u l-festa tagħna. Għalhekk nitlobkom tkunu magħna mhux fiż-żmien tal-festa biss imma anke matul is-sena kollha fl-attivitajiet li nagħmlu għax is-sapport tagħkom jgħinna ntaffu ftit mill-ispejjeż filwaqt li jimbuttana biex nibqgħu dejjem mexjin 'il quddiem.

Ix-xogħol tiegħi bħala teżorier ta' din is-Soċjetà li għandna tant għal qalbna jitlob impenn kbir u għalhekk nixtieq nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lil marti Sue li hija l-mutur.

J. MICALLEF
SERVICE STATION

Your one-stop shop for your car care !

Professional Car Valeting ... Interior & Exterior • Car Wax & Polish • Engine Wash
Oudour Removal • Tyre Repairs • AC Refill Service • Car Accessories Shop
Top Brands Tyres & Alloy Wheels • BOV ATM Facilities • Roadside Cafè & Lounge Bar

24hrs Self-Service Carwash

Tal-Barrani Road, Żejtun, Malta +356 2180 1493 • 9980 7932 zejtunss@jmicallefgroup.com.mt
Buqana Road, I/o Rabat, Malta +356 2145 0853 • 7945 0855 rabatss@jmicallefgroup.com.mt

www.jmicallefgroup.com.mt

ATM BOV Bank of Valletta

Cafeteria

Newwes Garage

Prop. Horace Spiteri

Make your most important day of your life a memorable day!

A wide range of

• Wedding Cars for Hire • Mini Bus Service • Taxi Service

Opening Hours: Monday - Saturday: 9.00am - 12:00 • 5.00pm - 8.00pm Sunday: 9.00am - 12.00 am

Triq Alfred Cachia Zammit, Żejtun • 5, Triq is-Santwarju, Ħaż-Żabbar

Tel: (+356) 2169 3247 • 2169 4212/1 • Mob: (+356) 9949 8829 • newwesgarage01@gmail.com


PROPRJETÀ
TAGĦNA
ĠAWHRA TA' SAN PIETRU
BANDA BIRŻEBBUĠA

Ix-Xiri tal-Post tal-Kantuniera

Kav. Alexander Caruana OSJ

Kienet ilha ħafna x-xewqa ta' ħafna membri li xi darba s-soċjetà tixtri l-post tal-kantuniera biex b'hekk il-każin jikber sal-pjazza tal-knisja. Kien fis-sena 2016 meta xtrajna l-post bin-numru 29, Misraħ il-Knisja u b'hekk għamilna l-ewwel estenzjoni tal-każin sa Misraħ il-Knisja.

Dakiż-żmienkienuħafnadawklireġgħu wrewni x-xewqa li issa jmiss il-post tal-kantuniera, imma jien kont dejjem nitlob li dan idum ħafna biex jiġi għall-bejgħ peress li kont naf li s-soċjetà kien fadlilha ammont sew ta' flus xi tħallas f'loans lill-bank tal-proprjetajiet 13, Triq Birżebbuġa kif ukoll tal-post 29, Misraħ il-Knisja.

Id-destin Alla biss ikun jafu, u propju fit-22 ta' Frar tas-sena 2022, ħalliena bla mistenni u qatt minsi Ronnie Borg, li kien jgħix f'dan il-post. Malajr ħarġet aħbar ma' Malta kollha li tal-Iljun kienu ħa jixtru dan il-post, imma dan ma kienx minnu għax lanqas qatt ma kien ġie diskuss xejn jew qatt ma kienu saru kuntatti mal-familjari bix-xewqa li nixtruh. Ftit tal-ġimgħat wara, is-sidien tefgħuh għall-bejgħ, xi membri kellmuni imma jien spjegajtilhom li bil-prezz mitlub kien impossibbli iktar u iktar għall-fatt li kien fadlilna ammont sew ta' loans xi nħallsu.

Maż-żmien il-prezz beda jinżel u f'Diċembru 2023 kont tkellimt mal-Ministru Owen Bonnici ħa naraw nistgħux nsibu xi għajnuna m'għand il-gvern biex tal-inqas ikollna l-flus għall-co-financing tiegħu. Ovvjament jekk il-bank kien ikun jista' jislifna l-kumplament. Dan bagħatni l-bank inġib il-figuri u naraw x'jista' jislifna l-bank. Il-proċess ħa ftit fit-tul u peress li jien kelli l-aċċident fl-aħħar ta' Jannar 2024 u domt madwar 6 xhur biex erġajt ħadt saħħti lura, nista' ngħid li kollox kien waqaf. Meta imbagħad erġajt bdejt niġi lura, ħallejna l-festa tgħaddi u ħallasna l-ispejjeż tagħha u wara t-Teżorier Walter Pace kellimni u qalli li kien ħa jressaqha kumitat biex naraw nistgħux nixtruh.

Hekk għamel u l-kumitat afda fija r-responsabbilità li nara l-bank kemm seta' jislifna. Wara bdejt nitkellem mal-Kunsill Malti għall-Arti u meta deher li kienu lesti jgħinuna għall-co-financing u li l-bank kien lest li jislifna loan oħra, ressaqt mozzjoni fil-laqgħa ġenerali annwali ta' 23 ta' Jannar, 2025 fejn b'mod unanimu l-membri qablu li jekk dan ikun possibbli, nibdew il-proċess għax-xiri tiegħu.

Allura bdejna bid-diskussjonijiet mas-sidien u wara li qbilna fuq il-prezz, bdejna bil-proċess għall-att tal-konvenju. Għall-ewwel bdiet taħdem fuqu n-Nutara Dr Ruth Antoncich imma din ma setgħetx tkompli u kellimna lin-Nutara Dr Francesca Cachia Zammit li ħadmet kemm felħet biex tara li x-xewqa tagħna sseħħ. Ma kienx proċess faċli imma għall-grazzja ta' Alla bdejna mexjin sakemm għamilna l-att tal-konvenju.

Fil-bidu ta' Lulju, il-bank ħarġilna l-letter of intent u ftit wara ħarġilna s-sanction letter, ta' min isemmi li fl-aħħar ta' Ġunju 2025, fuq deċiżjoni tal- kumitat, qtajna żewġ terzi mil-loans li kien fadlilna tal-proprjetajiet l-ohra u l-għada tal-festa 2025, qtajna li kien fadal biex b'hekk is-soċjetà ma kellhiex loans pendenti u jkollha biss tal-post il-ġdid.

Kien imbagħad fil-14 ta' Jannar 2026 meta ffirmajna l-kuntratt u b'hekk is-soċjetà xtrat il-5 proprjetà tagħha u b'hekk issa l-każin tagħna ġie l-kantuniera kollha minn Misraħ il-Knisja sa Triq Birżebbuġa u b'hekk nistgħu ngħidu li għandna wieħed mill-akbar każini li nsibu f'Malta. Il-bar tal-pjazza tkabbar u nfetaħ għall-pubbliku f'jum l-Għid il-Kbir ta' dis-sena, wara li fil-ġimgħa ta' qabel saret wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa mis-Sezzjoni Żgħażagħ megħjuna minn Walter u Sue Pace.

Issa bdejna l-proċess biex fil-ġardina tiegħu nagħmlu maħżen kbir għall-użu tas-soċjetà. Hawnhekk irrid nirringrazzja lill-Perit Michael Schembri kif ukoll lill-Perit Toni Bezzina, lil Jason Vella li bħala draftsman qed jaħdem fuq il-pjanti u lill-voluntiera kollha li qed jgħinu. Grazzi wkoll lill-Avukat tagħna Dr Henry Antoncich tal-għajnuna legali tiegħu. Fuq kollox grazzi lill-membri kollha tal-appoġġ sħiħ li tajtu lili u lill-kumitat biex dil-ħolma saret realtà.

Il-Festa
t-Tajba
Owen
BONNICI
www.owenbonnici.com
owen@owenbonnici.com
2180 2000

MONDAY TO FRIDAY 7:30 TILL 18:00 AND SATURDAY 7:30 TILL 12:00

DSJ
Tarxien Road, Gudja
GDJ 1907
9910 2787 (Dickson)
9904 3681 (Scott)
9945 3142 (Joe)
2169 6669
dsjpacefurniture@gmail.com

districtfive
Bookings call on
27 112 776 or 77 112 776

Chris Refrigeration Services
Automotive, Truck, Trailer, Marine, Industrial,
Domestic, Air Conditioning & Refrigeration

Specialising in Refrigeration &
Electrical Fault finding

Chris Briffa
M: +356 9944 2451
E: chrisbriffa@gmail.com

Selling Blueray / DVD / 3D,
HiFi, TV, Radios, Games, Watches,
Alarm Clocks, Calculators, Airconditioners,
Dvd/Bluray and Game Console, MP4s,
Mobile Phones, Car Starios and
Surround Systems. All kinds of Repairs
on Mobiles, HiFi, TV etc...

Transfer from Video Tapes, Audio Tapes, 8mm etc. on DVD

48, Pretty Bay, Birzebbuga
M: 7997 9714 T: 2165 0346
Prop. Joe & Marthese Celeste

Każin Kbir u Dejjem Jikber

Pierre Zammit

Id-Diretur Ġenerali

Wasal ix-xahar ta' Lulju. Huwa ż-żmien li l-każin jilbes il-libsa tal-festa. Dan ifisser aktar xogħol u responsabiltà. Bħala direttur, dejjem nipprova nkun spalla mal-kumitat u l-kummissjonijiet u żgur u mhux l-inqas mat-tim tal-manutenzjonijiet. Ix-xogħol ikun ilu għaddej is-sena kollha imma f'dawn il-ġranet ikun fil-qofol tiegħu.

Wara l-laqgħa ġenerali lħaqt jiena bħala Direttur Ġenerali. Nixtieq nirringrazzja lil Benji Caruana li fis-snin li għaddew kien hu d-Direttur Ġenerali. Xorta waħda baqa' jagħti l-għajnuna tiegħu fil-każin u anke għandu r-rowl ta' Assistant Direttur. Naf fiż-żgur li dejjem se nsibu hemm fil-ħidma li jkun hemm bżonn.

Bħala direttur tal-manuntenzjonijiet, ix-xogħol tiegħi jinvolvi ħafna xogħol manwali. Fil-każin ix-xogħol qatt ma jieqaf. Dejjem għaddejjin. Jien mhux qiegħed waħdi imma qegħdin tim ta' ħamsa u għalhekk barra jiena, hemm ukoll Frans Cassar, Clint Balzan, Ernest Cassar u John Taylor. Jien kburi ħafna tax-xogħol u l-interess tagħhom.

Is-Soċjetà tagħna minn dejjem kienet partikolari minn soċjetajiet u għaqdiet oħra għax f'termini ta' żmien, tista' tgħid li s-Soċjetà tagħna hija waħda żagħżugħa meta tqabbilha m'oħrajn. Dejjem kellna sfidi kbar għax il-ħsieb tagħna kien dejjem għaqli u dejjem kien li nikbru u nkabbru l-assi. Dan għaliex xtrajna aktar bini biex xi darba nkunu self-sustained u jkollna spazju biex naqdu l-funzjonijiet tal-kummissjonijiet kollha. Imma dan li sar s'issa, ma waqax mis-sema. Kburi ngħid li s-Soċjetà tagħna dejjem kellha nies ħabrieka u kapaċi.

Kultant inkunu nixtiequ nagħmlu iżjed imma trid timxi pass pass mal-kumitat ċentrali għax l-ispejjeż huma kbar. Flimkien dejjem naħsbu u nikkuntemplaw fejn l-aħjar jintefqu l-flus u liema proġett se nibdew jew liema huma l-iktar ta' prijorità. Kollox bil-mod għax kif jgħid il-Malti, "Qattus għaġġelija, friegħ għomja tagħmel".

Matul din is-sena, sar ħafna xogħol u għalhekk ma nistax ma nitkellimx fuq l-ikbar biċċa xogħol li kellna.

Qed nitkellem dwar ir-restawr u l-estensjoni biswit il-Bar Nineteen Ninety, bin-numru 19 Misraħ il-Knisja. B'hekk l-istess Bar ikollu aktar spazju fejn jaħdem. Minn hawn nixtieq nirringrazzja minn qalbi lil Frans Cassar ix-Xavu għax dejjem kien ta' pilastru fejn jidħol xogħol ta' manuntenzjoni. Iċċempillu x'ħin iċċempillu, mill-ewwel tarah ġej biex jgħin fejn ikun hemm bżonn.

Żewġ membri oħra, Benji Caruana u Clint Balzan dejjem jgħinu fejn jidħol id-dawl tal-faċċati tal-każin. Huma jieħdu ħsieb li dawn ikunu dejjem siguri u jaraw x'manutenzjoni jkun hemm bżonn.

Din is-sena komplejna nwaħħlu l-fire extinguishers mal-każin biex ikollna każin aktar sigur. Ħadna ħsieb ukoll tal-manutenzjoni tal-fire alarm biex ikun kollox skont il-liġi.

Ħadna ħsieb li fejn fuq il-bejt hemm il-generator, ikun aktar sigur u għalhekk sar railing. Dan seta' jsir bl-għajnuna ta' Frans Cassar.

Saru l-manutenzjonijiet regolari tal-lift biex ikun jista' jibqa' jiġi użat. Il-lift iservi kemm għal nies li jsibu diffikultajiet biex jużaw it-taraġ u kemm ukoll biex ikun aktar faċli biex intellgħu jew inniżżlu xi affarijiet.

Dan l-aħħar il-kumitat iddeċieda li ntellgħu arblu fuq il-post il-ġdid. Bdejna x-xogħol billi kellimna lill-perit u lill-bennej. Ta' dan nirringrazzja lill-President Alex Caruana talli ħa ħsieb . Nirringrazzja wkoll lil Perit Michael Schembri flimkien ma' Jason Vella tax-xogħol biex jaraw li kollox ikun sigur, kif ukoll lill-bennej Jason Cutajar.

John Taylor huwa Inkarigat biex fil-Ħdud u fil-festi, jieħu ħsieb li jtella' bnadar differenti u li jkunu addattati għall-okkażjoni. John flimkien ma' Ernest Cassar u Jurgen Camilleri ħadu ħsieb li jduru l-arblu u l-ħadid ta' dak li kien l-arblu maġġur biex dan se jkun jista' jitgawda fuq il-post il-ġdid. Il-ħadid ġie provdut minn Daniel Cuschieri taz-Zija. Grazzi tal-għajnuna tagħkom.

Nirringrazzja lil Jason Cutajar li għoġbu jiftħilna l-bibien fil-post il-ġdid biex b'hekk il-Bar 1990 għandu aktar spazju. Sar ukoll tindif fil-bitħa tal-post il-ġdid.

Nirringrazzja lis-Sinjura Annabelle Gatt li dejjem tkun hemm biex tieħu ħsieb il-manutenzjoni tal-bnadar u kull ħaġa li jkollha x'taqsam mal-ħjata. Ta' dan ngħidulek grazzi.

Kull sena nieħdu ħsieb li jintrama l-pjanċier. Nirringrazzja lil dawk kollha li dejjem insibuhom biex jinġarr, jiġi armat u anke jiżżarma. Flimkien ma' Charlie Galea, nieħdu ħsieb li jintrama d-dawl tal-pjanċier u naraw li ma jkun jonqsu xejn. Ta' dan ngħidilhom grazzi.

Nixtieq nirringrazzja lil Silvio Mifsud għall-għajnuna professjonali tiegħu fil-welding tal-ħadid. Grazzi wkoll lil Renald Busuttil li dejjem insibuh t'appoġġ u ħafna oħrajn li jkunu ta' sostenn għalina.

Nirringrazzja wkoll lil Peter Camilleri l-Pajju, Daniel Cuschieri taz-Zija, Jason Cutajar u Dennis Micallef tar-Roc-A-Go li dejjem ikunu t'għajnuna kbira fejn jidħol l-użu t'inġenji u ġarr t'affarijiet.

Qabel nagħlaq nixtieq nirringrazzja lil marti Sabrina u lill-familja tiegħi tas-sapport tagħhom u tal-paċenzja kbira li jieħdu biex jien inkun nista' nkompli x-xogħol volontarju fil-każin li tant inħobb.

Jekk bi żvista insejt lil xi ħadd, nitolbu jagħdirni u jiskużani.

San Pietru jżomm idejh fuqna u fuq ir-raħal tagħna ta' Birżebbuġa li aħna tant inħobbu.

Il-Festa t-tajba lill-Birżebbuġin kollha.

Viva San Pietru!

Viva l-Banda tal-Iljun!

Bilwieqfa mix-xellug għal-lemin: Ernest Cassar, Comm. John Taylor KCHS, Clint Balzan
Bilqiegħda mix-xellug għal-lemin: Benji Caruana, Pierre Zammit, Frans Cassar

B2M

The lowest prices on the island!!!

Tombla Tickets
Tal-Prima
Cloakroom Tickets
Tal-Fiera X2 X3 X5

26, Pretty Bay, Birzebbuga
T: 2165 • M: 9984 6117
godmar@go.net.mt

HOME IMPROVEMENT
Charlie's
DIY & CONSTRUCTION
TRIQ IL-GHODDA, BIRŻEBBUĠA
TEL. 2165 0021 MOB. 7965 0021
Find us on

Custon Car Centre

CEDRIC CUSCHIERI

64, Carmel Str, Fgura FGR210

T: +356 2166 7408

M: +356 9947 7781

E: cedric.cuschieri@gmail.com

www.custoncarcentre.com

DNB

D NAIL BAR
by Ramona

Dione Busutill

Jawgura l-Festa
t-tajba lill-Poplu
Kollu ta' Birżebbuġa
Mob: 9946 9943

C & T AUTOPARTS

EUROPEAN & JAPANESE AUTO PARTS
TARA-LYN CACHIA

21441008 | 99408464
taralynn.cachia@gmail.com

BIZOL

motor oils industrial oils gear oils car care additives

Horace Spiteri

Tan-Newwes **Funeral Services**

Xogħol ta' Funerali ...

- *Twiebet ta' Malta u ta' Barra*
- *Karrozzi tal-Mejtin tal-istess sid*
- *Knisja u Kant*
- *Fjuri*
- *Reffiegħa*
- *Santi*
- *Xandir fuq ir-Radju*
- *Avviżi fuq il-Gazzetti*
- *Karrozzi għall-familjari*
- *Dfin u qlugħ ta' rħama*
- *Permessi u dak kollu li għandkom bżonn għall-funeral*

Prezzijiet Moderati
24 Siegħa Servizz

'Franjes', 18, Triq Dun Lawrenz Degabriele, Żejtun

Ⓜ **9949 8829 / 7749 8829** · Ⓣ **2169 4212 / 2169 3247**

Anniversarji

Jonathan Ellul Bonnici

F'għeluq l-10 sena bħala PRO tas-Soċjetà Filarmonika Birżebbuġa

Kif sirt midħla fil-każin tagħna?

Minn età żgħira jiena bdejt ninżel ma' missieri. Missier kien bandist. Niftakar il-każin f'San Ġorġ. Ir-rehearsals tal-banda kienu jsiru fil-ġnien ta' barra. Dejjem kont inkun ħerqan għall-festa u li jkolli flokk tal-festa. Minħabba l-istudji, qabel l-età ta' 18-il sena ma kontx involut fl-ebda sezzjoni.

Ta' 18-il sena dħalt fis-Sezzjoni Żgħażagħ u minn dak iż-żmien 'l hawn qatt ma ħarist lura. Imbagħad għamilt sentejn nifforma parti mill-Kumitat Eżekuttiv. Wara li waqaft, dħalt fil-Kummissjoni Armar. Ġara li l-Kumitat Eżekuttiv ra l-bżonn ta' PRO ieħor u kienet ġiet mgħoddija proposta fil-Laqgħa Ġenerali biex ċerti karigi, bħal dik ta' PRO, ma jkollhomx għalfejn ikunu okkupati minn membri tal-Kumitat Ċentrali. Waqt il-Laqgħa Ġenerali ġiet approvata l-emenda u ġejt maħtur PRO fis-sena 2016. Maż-żmien ġejt involut ukoll fil-Bord Editorjali, għamilt żmien bandist tal-post u llum il-ġurnata nifforma parti mill-Kumitat Eżekuttiv ukoll.

Kif rajt il-midja soċjali tinbidel f'10 snin?

F'10 snin inbidlet ħafna l-idea tal-midja soċjali. Biss biss f'2016 kienet diġà ħadet spinta imma minn dak iż-żmien sal-lum inbidlet f'daqqa. Meta ħadt l-midja soċjali f'idejja kienet sfida. Riedna nbiddlu l-idea tan-nies kif iħarsu lejn il-każin permezz tal-midja soċjali. U ikbar kienet l-isfida għax saħansitra kellna nibdlu anke s-software li huwa ferm differenti minn dak li nużaw illum. Fil-bidu l-idea tal-midja soċjali kienet waħda bażika imma matul dawn l-aħħar 10 snin is-soċjetà bdiet tħares lejha b'mod ieħor. Dan għaliex il-midja soċjali tirrifletti xi tkun issarraf din l-istess soċjetà. Jiġifieri llum l-ġurnata jekk ma timxix maż-żmien li tkun qiegħed fih jiddispjaċini ngħid li taqa' lura. Dik kienet l-isfida tagħna matul dawn l-aħħar 10 snin li kemm jista' jkun navvanzaw u nimxu maż-żminijiet li nkunu qegħdin fihom. Ħloqna brandings, logos u ideat kollha ġodda.

Mumenti li tibqa' tiftakar

Wieħed mill-mumenti li nibqa' niftakar kemm ilni fil-każin u li ħa jibqa' ttimbrat f'moħħi huwa meta l-Banda Birżebbuġa għamlet il-mawra f'Ruma. Dak iż-żmien jien kont bandist tal-post u membru fis-Sezzjoni Żgħażagħ u allura kellna l-opportunità li ndoqqu quddiem il-papa ta' dak iż-żmien, Papa Benedittu XVI. Daqqejna fil-Katidral San Pietro Invincoli, fejn hemm il-ktajjen ta' San Pietru. Daqqejna wkoll fit-toroq ta' Ruma. Kienet ġita, li għalija personali, matulha l-Banda Birżebbuġa wriet verament xi ssarraf. Bħala banda għamlet pass li l-ebda waħda oħra f'Malta, anke bil-wisq ikbar minnha, qatt ma għamlet. Għalina kienet sfida għax konna ilna mwaqqfin biss mill-1990. Sal-2010 kienet laħqet mira li kienet ilha tberren fl-imħuħ tan-nies tagħna. Din il-mawra żgur se tibqa' għal dejjem ittimbrata f'moħħi.

L-akbar kisbiet

Kien hemm ħafna u impossibli nsemmuhom kollha. Waħda mill-akbar kisbiet importanti għall-każin hija li issa l-każin għandu grupp b'saħħtu tal-PR. Mhuwiex persuna waħda, imma grupp li jaħdem, grupp li joħroġ l-ideat, grupp li jiddiskuti u li flimkien noħorġu riżultati u nistgħu ngħidu li mir-rispons tan-nies u l-membri, il-ħidma ta' dan il-grupp qiegħda taħdem. Apparti minn hekk is-sena l-oħra, 2025, waqqafna l-Grupp 222 li kien ilu jberren f'moħħi. Li nagħmlu xi ħaġa oltre minn dak li nagħmlu fil-każin u s-sena l-oħra kien iż-żmien opportun li nwaqqfu dan il-grupp. Il-grupp

ta' 222 huwa grupp ta' membri tas-Soċjetà li għażilniehom u bdejna bl-ewwel attività - Nostalġija, li ntlaqgħet tajjeb ħafna.

Din is-sena għamilna l-ewwel edizzjoni ta' SouthBeat Music Festival. Kellna riżultati sbieħ immens kemm finanzjarament kif ukoll bħala attendenza u rispons tan-nies. Irnexxielna ngħinu wkoll żewġ entitajiet li dejjem għandhom bżonn ta' għajnuniet finanzjarji. U dan fuq kollox biex min-naħa tagħhom huma jgħinu lil ħaddieħor. Waqt li s-sena l-oħra għinna lill-Hospice Malta, din is-sena kien imiss lil Puttinu Cares.

Li tara l-membri jaħdmu f'sinerġija kollha f'daqqa huwa achievment kbir għall-każin u anke għalina personalment għax inutli tiddiskuti ma' mejda u ma jkollokx tim. U achievement ieħor huwa li l-każin illum il-ġurnata għandu binja kbira ħafna li hija kollha propjetà tiegħu. Dan kollu bil-ħidma tal-membri u kumitati tas-Soċjetà tagħna.

Proġetti jew inizjattivi li inti kburi bihom

Ovvjament hemm ħafna u impossibli nsemmi waħda biss. Kif għedt, kburi ħafna bil-grupp tal-PR: kulħadd jaħdem, bl-abbiltà u bl-ideat tiegħu. Il-Grupp 222 huwa wieħed mill-kisbiet kbar personali tiegħi. Hija sfida kbira għax biex ittella' events bħal dawk li qed isiru hemm spejjeż kbar. Imma bl-għajnuna u sponsors s'issa dejjem wasalna u kellna riżultati sbieħ. Il-proġetti tal-PR huma diversi u tistgħu tarawhom fil-binjiet tal-każin. Imma wieħed mill-ikbar achievements minbarra dan kollu huwa li l-membri mill-ewwel laqgħu l-ideat il-ġodda tal-PR. Mhux dejjem kienu faċli għax ideat antiki ħa ssibhom dejjem u dik hija waħda mill-isfidi li jkollna.

X'ostakli kellek taffaċċja?

Kif ġa semmejt minn 10 snin ilu 'l hawn inbidlet l-idea tal-PR. Kulħadd ikollu l- ideat tiegħu. B'hekk waħda mill-ostakli li kellna naffaċċjaw kienet kif tlaqqa' l- ideat kollha f'daqqa u mhux dejjem jirnexxilek tilħaq l-gosti ta' kulħadd. Sakemm bdilna l-idea ta' kif se nuru s-Soċjetà, b'mod differenti minn kif kienet qabel, sibna għadd ta' ostakli. Dan għaliex trid iddaħħal fl-imħuħ tan-nies li issa rridu nimxu maż-żminijiet mhux mal-gosti ta' persuna waħda.

Is-Soċjetà fi żmien il-COVID

Ridna naraw kif l-vuċi tas-Soċjetà ħa tibqa' tasal għand il-membri. Allura ħriġna bl-idea ta' programm onlajn tal-marċi fuq il-midja soċjali li kien isir kull nhar ta Sibt. L-idea bdiet billi jsir programm għall-Katedra ta' San Pietru, biss din intgħoġbot u bqajna għaddejjin sal-Għid il-Kbir. Għalhekk għamilna marċi funebri u valzi sal-Għid, u bqajna għaddejjin sal-festa bil-marċi brijużi. Il-midja soċjali baqgħet għaddejja u l-ktieb tal-festa kien ħareġ xorta waħda f'dawk is-sentejn.

L-importanza tal-voluntiera

Il-voluntiera huma importanti ħafna f'NGOs u ġieli x-xogħol voluntarju ma jiġix apprezzat. Dan għaliex in-nies dejjem jaraw ir-riżultat

BAR
NINETEEN
NINETY
19
TÀ TURU
90

ZAPPY'S
BARBER SHOP
5, Birzebbuga Road Birzebbuga
Www.facebook.com/zappysbarbershop

WATER'S EDGE
MALTA

WATER'S EDGE HOTEL
SUMMIT SQUARE,
BIRŻEBBUGA BBG2310, MALTA

T: +356 2165 0036
E: paul.vella@polidano-group.co
www.watersedge.com

tal-aħħar u ma japprezzawx il-ħin li l-voluntiera jkunu investew. L-att volontarju, li konna nafu fi żmien meta twaqqaf il-każin għal dak tal-lum, inbidel totalment. Ovvjament kulħadd għandu l-affarijiet personali tiegħu u l-akbar żewġ sfidi biex jinkisbu r-riżultati fil-ħin u fiż-żmien mitlub ikunu l-ħin u l-flus. Biex twettaq il-proġetti għandek bżonn finanzi kbar, ħinijiet twal u dawk ikunu l-isfidi tal-voluntiera. Matul is-sena ġieli jonqsu u jiżdiedu l-ammont ta' voluntiera iżda bi kburija ngħidu li l-voluntiera kollha jaħdmu b'qalbhom u mhux għall-mertu personali tagħhom.

Il-viżjoni tiegħek għaż-żmien li ġej

Nibqgħu ntejbu dak illi għandna, nibqgħu mexjin maż-żmien, nilqgħu l-isfidi li jiġu għalina u nkomplu nkabbru dak li ħallew ta' qabilna. Napprezzaw ix- xogħol li għamlu huma u mmiddu għonqna għal dak li hemm jistenniena.

Xi jżommok motivat?

Darba persuna qalli, "Aħna li twelidna fil-każin, immutu fil-każin". Hija verità, għax meta nipprova nieqaf jew imbatti mix-xogħol tal-każin insibha diffiċli ħafna. Il-każin u l-membri huma t-tieni familja tagħna. Ngħixu persentaġġ għoli minn ħajjitna għal hemmhekk u l-motivazzjoni tibqa' dejjem hekk. Motto personali tiegħi, li darba persuna qalli kien, "Jekk tieqaf toħlom, tmut". Dan kollu veru f'ħajti, personalment, u anke fl-entitajiet li jien voluntier fihom. Il-każin tagħna qatt ma waqaf joħlom, u dik hija li żżomni motivat lili.

Messaġġ tal-għeluq

Nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li matul dawn l-10 snin sibthom t'appoġġ għalija speċjalment lill-familja kollha. Nirringrazzja lil sħabi, barra l-każin, għax jifhmuni ħafna bix-xogħol li nkunu għaddejjin bih. Dan minkejja li mhumiex involuti fil-każin u ma jkunux jafu eżatt minn xiex inkunu għaddejjin. Imma nirringrazzjahom talli dejjem sibthom t'appoġġ għalija. Nirringrazzja lil kull min jagħti sehmu fil-każin, mill-kbir saż-żgħir.

Bħala PR nixtieq nirringrazzja lill-fotografi, lill-vidjografi, lill-edituri u kull min jgħinna. Mingħajr dawn kollha żgur li ma nkunux nistgħu noħorġu l-prodott tagħna. Nirringrazzja lis-sezzjonijiet u l-membri kollha, kumitat preċedenti u dak preżenti li naħdmu id f'id u ta' dan naraw riżultati tajbin. Inħeġġeġ lil dawk kollha li jixtiequ jingħaqdu magħna, biex ikellmuna.

Inħeġġeġ ukoll biex aktar nies isegwu l-paġni tagħna fuq il-midja soċjali. Mhux biss imma kulħadd mistieden jibgħatilna l-ideat tiegħu ħalli nibqgħu nwettqu iżjed proġetti matul is-snin li ġejjin.

BUILDING
CONSTRUCTION LTD.
VAXXELLA
9928 1241 - 9987 7263

the Bubble shop
DISCOUNT STORE
• DETERGENT
• TOILETRIES
• MILK
• BREAD
• FOODS
• SWEETS
• WINES
UNBEATABLE PRICES!! & FREE DELIVERY
1, Misrah ir-Repubblika, Birzebbuga
T: 2165 3445 | M: 9923 4440

Kevin Barun

Din is-sena nfakkar 35 sena minn meta bdejt indoqq il-kurunetta mas-soċjetà tagħna, mixja li tatni ħafna memorji u tagħlim. Il-bidu ta' dan il-vjaġġ inħossu marbut ħafna man-nannu tiegħi, Emanuel Portelli, li ħa lili u l-kugini għall-ewwel lezzjonijiet fl-ewwel Każin San Ġorġ hekk kif kienet iffurmata l-banda l-ġdida, u li lilu nibqa' nirringrazzja għal din l-opportunità.

Tul dawn is-snin kelli x-xorti nitħarreġ taħt il-gwida ta' Mro. Michael Bugelli, li mexxieni b'dedikazzjoni u paċenzja tul it-triq kollha.

Apparti s-sehem tiegħi bħala bandist, fil-passat kelli wkoll l-opportunita li nservi bħala delegat tal-banda u bħala membru tal-Kummissjoni Banda. Wara 35 sena, inħares lura bi gratitudni kbira lejn din il-mixja mimlija mużika, ħbiberiji u mħabba lejn is-soċjetà tagħna.

Call Marco Bugeja
320X, Luqa Industrial Estate, Luqa
T: 2166 1149 • **F:** 2166 2321 • **M:** 9947 2196
E: automax@maltanet.net

For a professionally executed job in Panel Beating
Spray Paiting & Baking Spot Welding
Insurance approved • Chassis Alignment

www.automaxmalta.com



FESTA 2025

Raffaella Baldacchino

B.Eng.(Hons)(Melit.), MSc. (Delft)

Din is-sena taħbat il-ħmistax-il sena tiegħi minn mindu ħriġt indoqq għall-ewwel darba fit-toroq ta' rafalna mal-banda tagħna fl-2011.

Ħmistax-il sena għaddew bħal-leħħa ta' berqa u għadni niftakar sew l-eċitament li kelli għall-ewwel marċ li daqqejt, il-Bernardette, hekk kif il-banda niżlet minn fuq iz-zuntier wara l-ħruġ tal-patrun tagħna San Pietru. Kien mument ta' entużjażmu kbir għalija, nipprova ndoqq u naqra l-librett waqt li nimxi u nagħmel ċert li nżomm ir-ravjula fuq rasi.

Illum il-ġurnata grata ħafna għat-tagħlim li ksibt mill-banda tagħna, għaliex żgur mhux forsi li mingħajrha ma kontx nibda ndoqq.

L-għalliema fi ħdan il-banda, speċjalment il-mibkija Stephanie Buhagiar, Robert Magro u s-Surmast Michael Bugelli, emmnu fija mill-bidu nett u kienu huma li rawmu fija l-imħabba u l-impenn lejn il-mużika. Grazzi għall-banda u għal tagħlim ieħor li kont nieħu, għamilt diversi snin parti mill-Banda Nazzjonali u l-Orkestra Nazzjonali taż-Żgħażagħ, li eventwalment, permezz tagħhom ġietni l-opportunità li nibda ndoqq mal-Orkestra Nazzjonali ta' Malta.

Apparti l-aspett mużikali, il-banda offrietli spazju fejn nikber b'mod personali fid-dixxiplina miegħi nnifsi, fit-time management u l-commitment, kif ukoll fl-aspett soċjali, billi nsir naf lill-mużiċisti tal-post li matul is-snin saru ħbieb. B'hekk nemmen li l-banda għandha rwol importanti fis-soċjetà għaliex permezz tagħha jitnissel sens ta' komunità u belonging f'rafalna. Li ddoqq u tikkontribwixxi fil-festa tar-rafal hija xi ħaġa mill-isbaħ li għandha tiġi mħaddna u mgħoddija mill-ġenerazzjonijiet preżenti għal dawk futuri, għaliex b'hekk tikber l-imħabba lejn ir-rafal li dejjem irridu narawh jimxi 'l quddiem.

Għalkemm il-ħajja qed issir dejjem iktar mgħaġġla, xorta nipprova nżomm ruħi attiva fil-banda preżenti, speċjalment fi żmien il-festa għaliex minnha tgħallimt u ħadt ħafna, u nemmen li dak kollu li tgħallimt għandi d-dmir li naqsmu lura mal-oħrajn. Għalhekk inħeġġeġ lil kull min jixtieq jibda jdoqq, jew jerġa' jibda jdoqq wara xi żmien 'il bogħod mill-istrument, biex ma jaqtax qalbu, għaliex il-mużika hija xi ħaġa sabiħa immens li toffri ħafna serħan, speċjalment fil-ħajja mgħaġġla tal-lum.

Bħala Birżebbuġin għandna x-xorti li l-banda toffri l-possibbiltà għal tagħlim mill-aqwa fil-qalba tal-komunità tagħna!



THE CATHEDRAL GROUP LTD.

Gardjola Gate, Mimosa Street (St. Luke's Road), G'Mangia PTA 1045
T: 2122 6020-3 | F: 2124c2644

Claudia Grech

B.A. (Theology and Psychology); P.G.C.E. (Religious Education); M.A. (Hospitality)

Minn ta' eta' żgħira l-ġenituri tiegħi ħeġġewni biex nibda nitgħallem xi tip ta' strument. Niftkar l-ewwel darba li kont ġejt il-każin nibda t-teorija. Jien ġa kelli bażi ta' mużika għax qabel kont bdejt nitgħallem il-vjolin, imma ma kontx immur għal qalbi. Meta bdejt niġi nitgħallem il-każin kont niġi b'ħeġġa kbira, u bdejt nuri impenn li baqa' miegħi tul dawn is-snin kollha.

Matul dawn il-25 sena, il-banda ma kinitx biss post fejn nitgħallem u ndoqq il-mużika, iżda saret parti minni, għamilt xi żmien ukoll parti mis-sezzjoni banda. Kull prova, kull marċ, kull programm mużikali u kull festa kienu okkażjonijiet li ġabuna flimkien bħala grupp magħqud. Permezz tal-mużika, bnejna ħbiberiji sinċieri u qsamna esperjenzi li se jibqgħu mfakkra għal dejjem.

L-esperjenza ta' bandista għallmitni ħafna valuri importanti, fosthom id-dixxiplina, il-paċenzja, il-ħidma f'tim u r-rispett lejn dawk li jaħdmu volontarjament għall-ġid tas-soċjetà.

Tul dawn is-snin rajt ħafna bidliet. Rajt membri ġodda jingħaqdu mal-banda, u oħrajn li llum m'għadhomx magħna. Kull wieħed minnhom ta s-sehem tiegħu biex il-banda tkompli tikber u tissaħħaħ.

Illum, meta nħares lura lejn dawn il-25 sena, inħoss sens kbir ta' sodisfazzjon u gratitudni.

Nirringrazzja lill-familja tiegħi għall-appoġġ kontinwu tagħhom, lill-kollegi bandisti għall-ħbiberija tagħhom, u lis-soċjetà li tatni l-opportunità nkun parti minn din il-familja kbira.

Nixtieq li nkompli nagħti s-sehem tiegħi fis-snin li ġejjin, sabiex il-mużika tibqa' tgħix u tkompli tgħaqqad lill-komunità tagħna.

Mill-Festa tas-Sena 2025 sal-Lum – Skemi u Fondi

Andy Mifsud Camilleri

Matul dawn l-aħħar tnax-il xahar, is-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa kompliet tibbenefika minn diversi fondi u skemi li ppermettewlha tinvesti f'oqsma differenti tal-ħidma tagħha. Dawn il-proġetti għenu biex jissaħħu l-attivitajiet kulturali, mużikali, teatrali u pirotekniċi tas-Soċjetà, filwaqt li komplew joffru benefiċċji diretti lill-membri, lill-istudenti u lill-komunità Birżebbuġija kollha.

It-Taħriġ Mużikali taż-Żgħażagħ fil-Każini tal-Banda

Permezz tal-fond amministrat mill-Aġenzija Żgħażagħ u bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Każini tal-Banda, is-Soċjetà kompliet tinvesti fit-taħriġ mużikali taż-żgħażagħ tagħha.

Permezz ta' dan il-proġett inxtraw saxophone alto u althorn ġodda sabiex ikomplu jissaħħu r-riżorsi edukattivi tal-Iskola tal-Mużika tas-Soċjetà. Dawn l-istrumenti qed jintużaw minn studenti li bħalissa qed jirċievu taħriġ individwali regolari u qed javvanzaw fl-istudji mużikali tagħhom.

L-investiment sar fid-dawl tat-tkabbir kontinwu li qed tesperjenza l-Iskola tal-Mużika, li llum tilqa' aktar minn 30 student. Minbarra t-tagħlim prattiku tal-istrument, l-istudenti jirċievu wkoll taħriġ fit-teorija tal-mużika u fit-taħriġ tal-widna, filwaqt li jiġu mħeġġa jagħmlu eżamijiet mużikali rikonoxxuti internazzjonalment.

Dan il-proġett ikompli juri l-impenn tas-Soċjetà lejn l-edukazzjoni mużikali taż-żgħażagħ sabiex aktar tfal u adolexxenti jkollhom l-opportunità jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom u, fil-futur, jagħtu s-sehem tagħhom fil-banda u fil-ħajja kulturali ta' Birżebbuġa.

Skema Wirt Artistiku 2025
Inkomplu Nsaħħu l-Festa ta' Birżebbuġa

Permezz tal-Iskema Wirt Artistiku 2025 amministrata mill-Kunsill Malti għall-Arti, is-Soċjetà bbenefikat minn fondi li ppermettewlha tkompli tinvesti f'diversi aspetti importanti relatati mal-banda, il-festa u l-ħidma kulturali tagħha.

Fost l-investimenti li saru kien hemm ix-xiri ta' dawl apposta għal mal-leġiji sabiex il-bandisti jkunu jistgħu jaqraw il-partituri b'mod aktar ċar waqt il-programmi mużikali u attivitajiet oħra. Flimkien ma' dan, inxtraw ukoll siġġijiet ġodda għall-bandisti u l-koristi sabiex ikollhom aktar kumdità waqt il-provi u l-eżekuzzjonijiet mużikali.

Barra minn hekk, ġiet akkwistata sistema ġdida ta' microphones għall-kor sabiex il-prestazzjonijiet vokali jkunu jistgħu jinstemgħu b'mod aktar ċar waqt il-funzjonijiet u l-programmi mużikali.

Permezz tal-istess fond, inħolqot uniformi ġdida għall-bandisti flimkien ma' polo shirts ħodor, li komplew isaħħu l-preżentazzjoni tal-banda waqt il-programmi mużikali, il-marċi u l-attivitajiet uffiċjali tas-Soċjetà.

Il-Għaqda tan-Nar setgħet takkwista magna speċjalizzata għall-ħidma piroteknika, li tgħin biex jiżdiedu kemm is-sigurtà kif ukoll l-effiċjenza fil-proċessi tal-manifattura tan-nar.

Sar ukoll restawr estensiv fuq il-kolonna li fuqha titqiegħed l-istatwa ta' San Pietru waqt id-dimostrazzjoni tradizzjonali tal-festa. Dan ix-xogħol ta' konservazzjoni serva biex il-kolonna terġa' tingħata l-ġmiel tagħha filwaqt li tiġi mħarsa għall-ġenerazzjonijiet futuri.

Dan il-proġett kompla jsaħħaħ kemm il-livell artistiku tal-banda kif ukoll il-ħidma tal-Għaqda tan-Nar u tal-Kummissjoni Armar, sabiex il-festa ta' San Pietru tkompli tikber fil-kwalità u fil-professjonalità tagħha sena wara sena.

Skema Wirt Artistiku 2026
Ninvestu fil-Futur tal-Festa

Is-Soċjetà reġgħet kisbet l-appoġġ tal-Iskema Wirt Artistiku 2026, li permezz tagħha qed jitwettqu diversi investimenti importanti li jkomplu jsaħħu l-festa ta' San Pietru u l-attivitajiet tas-Soċjetà.

Parti mill-fondi hija allokata għax-xiri ta' apparat ġdid għall-ħidma relatata mal-ħruq tan-nar, sabiex ikomplu jitjiebu s-sigurtà u l-effiċjenza fil-ħidma tal-pirotekniċi tagħna.

Barra minn hekk, qed isir investiment f'aktar armar għall-festa. Għalissa ser inħallu d-dettalji bħala sorpriża, sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu apprezzati mill-pubbliku meta jiġu żvelati matul il-jiem tal-festa.

Permezz tal-istess skema, is-Soċjetà qed twettaq ukoll proġett ieħor relatat mal-banda, li jkompli jsaħħaħ il-ħidma kulturali u mużikali tagħha u joffri aktar opportunitajiet għall-membri u għall-komunità kollha.

Skema Komunitarja għall-Iżvilupp u l-Innovazzjoni
Innovazzjoni Diġitali għall-Komunità

community development & innovation

GOVERNMENT OF MALTA
PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Permezz tal-Iskema Komunitarja għall-Iżvilupp u l-Innovazzjoni, is-Soċjetà bbenefikat minn fondi li ppermettewlha tinvesti f'apparat teknoloġiku modern sabiex tkompli ttejjeb il-komunikazzjoni, il-promozzjoni tal-attivitajiet tagħha u l-involviment tal-komunità.

Permezz ta' dan il-proġett ġie akkwistat skrin kbir li qed jintuża mis-sezzjonijiet differenti tas-Soċjetà waqt laqgħat, preżentazzjonijiet, taħriġ u attivitajiet edukattivi. Dan l-investiment qed jgħin biex il-membri u l-voluntiera jkollhom aċċess għal għodod moderni li jiffaċilitaw it-tagħlim, il-komunikazzjoni u l-organizzazzjoni tal-attivitajiet tagħhom.

Barra minn hekk, ġie installat skrin diġitali fl-entratura tal-każin li permezz tiegħu qed jintwerew avviżi, informazzjoni dwar l-attivitajiet tas-Soċjetà, inizjattivi kulturali u messaġġi ta' interess għall-pubbliku.

Il-fondi ntużaw ukoll għax-xiri ta' apparat awdjoviżiv professjonali għall-produzzjoni ta' ritratti u filmati. Dan l-apparat qed jippermetti dokumentazzjoni aħjar tal-attivitajiet, il-konservazzjoni tal-memorja storika tas-Soċjetà u l-produzzjoni ta' materjal promozzjonali ta' kwalità ogħla għall-użu fuq il-mezzi diġitali u l-midja soċjali.

Dan il-proġett jirrifletti l-impenn tas-Soċjetà li tħaddan l-innovazzjoni u t-teknoloġija sabiex tkompli ssaħħaħ il-konnessjoni tagħha mal-membri, mal-istudenti u mal-komunità Birżebbuġija kollha.

Small Initiatives Support Scheme (SIS)
Ninvestu fil-Grupp Teatrali

Permezz tal-Small Initiatives Support Scheme (SIS), amministrata mill-Malta Council for the Voluntary Sector, is-Soċjetà bbenefikat minn fondi sabiex tkompli ssaħħaħ il-ħidma tal-Grupp Teatrali 14 ta' Jannar, wieħed mis-sezzjonijiet attivi fi ħdan is-Soċjetà.

Permezz ta' dan il-proġett ġie akkwistat palk modulari ġdid flimkien ma' strutturi ta' appoġġ għaddawl sabiex il-Grupp Teatrali jkollu l-faċilitajiet tiegħu stess għall-produzzjonijiet li jorganizza matul is-sena.

Dan l-investiment qed jippermetti aktar flessibbiltà fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet teatrali u kulturali, filwaqt li jnaqqas il-ħin u l-ispejjeż relatati mat-trasport u l-armar ta' strutturi temporanji. Barra minn hekk, jagħti lill-Grupp Teatrali l-opportunità li jkompli jtejjeb il-kwalità tal-produzzjonijiet tiegħu u joffri esperjenza aħjar kemm għall-atturi kif ukoll għall-pubbliku.

Il-palk il-ġdid intuża għall-ewwel darba waqt ir-rappreżentazzjoni tal-Ċimgħa l-Kbira, fejn ta kontribut importanti għas-suċċess tal-produzzjoni. Dan l-investiment ser ikompli jservi għal ħafna snin li ġejjin u jgħin lill-Grupp Teatrali jorganizza aktar attivitajiet kulturali u edukattivi għallkomunità Birżebbuġija, filwaqt li jkompli jħeġġeġ il-volontarjat u l-parteċipazzjoni attiva fi ħdan is-Soċjetà.

Dawn il-fondi ma jservux biss bħala għajnuna finanzjarja, iżda wkoll bħala investiment dirett fil-futur tas-Soċjetà u fil-ħidma volontarja li ssir matul is-sena kollha.

Il-Kumitat jixtieq jesprimi l-ikbar ringrazzjament tiegħu lil kull min ta s-sehem tiegħu fit-tħejjija, il-ġestjoni u l-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti. Grazzi wkoll lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor għenu fil-ġbir tal-informazzjoni, il-preparazzjoni tal-applikazzjonijiet u l-amministrazzjoni tal-fondi.

Dawn il-proġetti huma xhieda ċara tal-impenn tas-Soċjetà li tkompli tinvesti fil-kultura, l-edukazzjoni, il-volontarjat u l-festa ta' San Pietru, sabiex il-ġid li jinħoloq illum ikun jista' jitgawda mill-ġenerazzjonijiet tal-lum u ta' għada.

CHERRIE'S
take away
TAT REIS KEBABS & PIZZA
Mob: 99226766
Tel: 21652389
it-Tork

defonseca
defonseca
defonseca
KIDS
Casual 78
SKECHERS
OPEN
Reebok
Casual 78
Casual wear, Underwear
& Sportswear
Prop. Raymond Brincat
NIKE
rider
grendha
www.grendene.com.br
export@gredene.com.br
Pretty Bay, Birżebbuġa
T: 2165 8447
M: 9942 4570



VisitMalta

Matul is-Sena

Mill-Purċissjoni ta' Ħadd il-Palm

Mill-Purċissjoni ta' Corpus Domini

Rekord tal-akbar ammont ta' bnadar imtellgħin fl-istess ħin madwar Malta minn Malta Records

Festa Kristu Rxoxt

Festa Kristu Rxoxt

Mill-Purċissjoni ta' Marija Addolorata

Mill-Purċissjoni tal-Madonna tar-Rużarju

Il-Mixgħela ta' Ħamis ix-Xirka

Quddiesa - Festa San Ċeċilja

Laqgħa Ġenerali Annwali

Quddiesa fl-okkażjoni tas-36 anniversarju

Konferenza stampa waqt l-inawgurazzjoni tax-xiri tal-kantuniera

Il-ftuħ uffiċjali tal-kantuniera

Quddiesa ta' ringrazzjament tal-festa 2025

Quddiesa għall-għaqdiet tal-festa 2026

JASON CUTAJAR

Building Construction

Miriam Hse., Brolli Road, Birzebbuga BBG 1840

9949 0543 9945 6318 2165 1591

Email: jasonbuildingandconstruction@hotmail.com

Website: www.jasoncutajarconstruction.com

CRANE, HI-UP, MINI EXCAVATORS, ROTARY EXCAVATORS
& BOBCAT HIRE • BOAT LIFTING • SKIP HIRE
ALL KIND OF TRANSPORT • BUILDING DEMOLITION
TORBA • RAMEL • TAĦMIL BIL-GAFFA U BIL-GRAPP
BINI TAL-ĦITAN TAS-SEJJIEĦ (RUBBLE WALL) • ALTERATIONS

BABYSKY

Birzebbugia Rd, Birzebbugia
21650407
Notary Zarb Street Attard
27445565

SPICE OF INDIA

INDIAN PHILIPPINES AFRICAN ARABIC GROCERY PRODUCTS

174, Birzebbuga Road,
Birzebbuga
M: 9900 4280

---

alfqatt autoparts

18, Luqa Road, Qormi QRM 9073
Mob: 9949 0044, 9986 8411
Email: maquilina@isg.com.mt

IL-FESTA T-TAJBA

GAWDI L-FESTA U ĦU ĦSIEB SAĦĦTEK

EVITA S-SĦANA

Fl-iktar parti sħuna tal-ġurnata, fittex li tibqa' ġewwa u agħżel post għall-frisk biex toqgħod fih.

IXROB TA' SPISS

Ixrob ilma b'mod regolari, anki meta ma tkunx bil-għatx. Evita l-alkoħol u l-kaffeina.

KUL IKEL ĦAFIF U FRISK

Kul ikel ħafif u b'kontenut għoli ta' ilma, bħall-insalati u l-frott.

IPPROTEĠI RUĦEK MIX-XEMX

Jekk se toħroġ barra, ilbes ħafif, imxi fid-dell, indilek bis-sunscreen, u ilbes kappell.

NIEĦDU ĦSIEB XULXIN

Niftakru fl-anzjani, fit-tfal, u f'dawk li jbatu minn kundizzjonijiet kroniċi.

ŻOMM DAREK FRISKA

Agħlaq it-twieqi u l-blinds/purtieri matul il-jum u iftaħhom meta x-xemx tkun inqas qawwija.

EŻERĊIZZJU FIL-FRISK

L-eżerċizzju fiżiku ippjanah minn qabel u agħżel ħinijiet li fihom ix-xemx tkun inqas qalila. Evita li tagħmel l-eżerċizzju bejn il-11 AM u l-4 PM meta x-xemx tkun fl-eqqel tagħha.

FITTEX GĦAJNUNA MEDIKA

Jekk, kawża tas-sħana, qed tesperjenza sintomi bħal sturdament, dardir, remettar, u uġigħ fil-muskoli, ċempel fuq **21 231 231**.

GVERN TA' MALTA
UFFIĊĊJU TAD-DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA

BEAT THE HEAT

Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard

Festa Bengħajsa

Quddiesa b'suffraġju għas-soċi, membri, bandisti u partitarji li mietu matul din is-sena

Festa Bengħajsa

Attività tal-għoti tad-demm organizzata mil-programm Marċi u Bandalori

Il-Bandalora artistika tas-Soċjetà esebitha fil-wirja ‘Mario l-Pajju - Wieħed Minna’ ġewwa Ħal Qormi

Pink October u Blue Movember

Inawgurazzjoni tal-Mafkar ta' Joseph Zammit

Jum il-Katedra ta’ San Pietru 2026

Riċeviment annwali organizzat mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda

Riċeviment Annwali għall-membri u l-benefatturi tas-Soċjetà

Festa Tfal 2025

Kultura u Ġieħ lill-Patrun tagħna San Pietru

Calvin Joe Baldacchino

Attività li kienet maħsuba snin ilu! Attività li aħna tfal konna ilna nistennew sabiex nkomplu nkattru l-kultura ta' pajjiżna u dak li nemmnu fih, fit-totalità tiegħu.

Din l-attività rat it-twelid tagħha fis-sena 2024. Niftakar li kont smajt li l-Kumitat Eżekuttiv tas-Socjetà tagħna kellu ħsieb ċar; dak li jibda jorganizza Festa Tfal. Niftakar kont ferħan ser intir meta dak il-ħsieb sirt naf li kien ser jinbidel f'realtà.

L-ewwel sena kienet sena ta' prova. Inħadmet bradella u fuqha ġie mqiegħed ritratt antik ta' San Pietru. Dik is-sena kienet suċċess kbir fejn ammont ta' tfal, kemm żgħar kif ukoll tal-età tiegħi, attendew bi ħġarhom.

Is-suċċess ta' dik is-sena ġab entużjażmu kbir kemm fina t-tfal kif ukoll fil-Kummissjoni Armar Estern tas-Soċjetà tagħna.

Il-Kummissjoni Armar Estern ġabet fondi sabiex issir statwa ta' San Pietru u tintrefa' minna t-tfal. Fl-aħħar waslet il-ġurnata; is-Sibt 26 ta' Lulju 2025. Din kienet il-ġurnata li fiha ġiet inawgurata l-istatwa tagħna t-tfal għall-Festa Tfal li aħna stess konna ser norganizzaw. Għal din il-ġurnata konna ilna nippreparaw minn ġimgħat qabel. Saħansitra anki hsiebna għal sorpriża ħelwa sabiex tinkixef waqt il-marċ bl-istatwa tagħna.

Ġemgħa numeruża ta' tfal u ġenituri nġabru quddiem il-każin tas-Soċjetà tagħna. Bdew ġejjin il-bandisti wkoll. Kollox kien lest sabiex din l-istatwa artistika ta' San Pietru tiġi inawgurata. L-istatwa kienet mgħottija bid-drapp u mad-daqq tal-innu popolari lil San Pietru nkixfet fost ferħ kbir tagħna tfal preżenti u l-ġenituri.

Intramaw il-lasti u l-ewwel sett ta' reffiegħa tfal daħlu taħthom. B'pass meqjus bdew mexjin waqt li l-banda baqgħet tferraħ lit-tfal u n-nies preżenti.

Din hija statwa artistika mill-isbah. Naraw lil San Pietru liebes ta' Papa. Statwa kemxejn differenti minn dawk li mdorrijin naraw.

Il-marċ kompla lejn il-Bajja s-Sabiha fejn hemmhekk kienet ser tinkixef sorpriża sabiħa oħra. Din konna ppreparajnieha aħna t-tfal għal din l-okkażjoni. Is-sorpriża kienet kartellun bil-

karti kkulurit maħdum minna t-tfal fil-Kids Club li ġie organizzat għas-sajf mis-Sezzjoni Żgħażagħ Iljuni. Minn kull fejn għadda l-marċ kien hemm allegrija kbira. Kantajna u qbiżna mal-marċi brijużi.

Il-marċ beda joqrob lejn it-tmiem tiegħu. Fit-triq tal-każin ma damitx ma nfetħet xibka mimlija b'ammont kbir ta' bżieżaq li bdew nežlin għal fuqna. Biex tkun kompluta l-Għaqda tan-Nar tas-Soċjetà ħarqet nar minn fuq il-bejt tas-Sede tas-Soċjetà. Għalaqna din l-attività b'festin żgħir kif ukoll b'logħob għalina t-tfal fuq bouncing castle!

Festa Tfal kienet suċċess kbir fejn kulħadd ħa pjaċir magħna u b'hekk komplejna nkattru l-kultura reliġjuża f'pajjiżna. Aħna l-futur tal-Festi Maltin!

Viva San Pietru!!!!

IDROPLAST
MANUFACTURING LIMITED

EASTERN STORE
FREE DELIVERY
T: 2765 1913

IVCS
LIFTS
7960 2353
ivcslifts@gmail.com

J Cutajar

Jawgura l-Festa
t-tajba lill-Poplu
Kollu ta' Birżebbuġa
Mob: 7949 9685

We serve chicken, pizza,
fresh salads,
fish and chips,
burgers and more.

FREE DELIVERY

When spending
10 euro

Tasty Take Away
Zejtun Road,
B'Bugia.
Tel: 27031695/ 77270279

TFRentals
tfrentals.com.mt

TF Rentals 89, EMJO,
Triq Zaren Dalli, Birzebbuga
Mob: +356 79288731
• Email: info@tfrentals.com.mt
• Website: www.tfrentals.com.mt

SPECIAL PRICES FOR LONG TERM RENTAL

Free Delivery
& Collection
for our clients!

Banda Attiva Sena Sħiħa

Nicola Bonnici Mc Intyre

Għal dawn l-aħħar 10 snin servejt bħala membru fis-Sezzjoni Banda u, għalkemm m'iniex bandista, dejjem ippruvajt nagħti l-għajnuna tiegħi f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-banda. Bdejt bħala membru iżda mbagħad għal ftit snin kelli r-rwol ta' kaxxiera tas-sezzjoni.

Wara ġejt magħżula biex nibda nieħu ħsieb il-bandisti tal-post billi nżommhom infurmati bis-servizzi ta' matul is-sena u nżomm l-attendenza tagħhom. Bħala sezzjoni nieħdu ħsieb ukoll li qabel u wara kull servizz niċċekkjaw l-uniformi tal-bandisti, u nippreparaw il-libretti u l-istandarti biex ikunu lesti għas-servizz li jkun imiss.

F'Ottubru li għadda, bħal ma jiġri kull sena qabel tibda sena ġdid għall-każin, ċertu membri jinbidlu fis-sezzjonijiet. Kien hemm il-bżonn ta' ħatra ta' chairperson ġdid/a għas-Sezzjoni Banda. B'komunikazzjoni mal-kumplament tas-sezzjoni u l-uffiċċjali tal-każin, iddeċidejna kif se jinqasmu r-rwoli tal-membri. Dakinhar, għall-ewwel darba, jien ġejt eletta bħala chairperson tas-Sezzjoni Banda. Minn qalbi nirringrazzja lil Mario Chircop li għal diversi snin okkupa l-kariga ta' chairperson. Grazzi wkoll lil dawk il-membri li servew fis-Sezzjoni Banda fis-snin preċedenti.

Il-Banda Birżebbuġa tkun impenjata b'servizzi mużikali matul is-sena kollha. Dawn jinkludu servizzi kemm fir-raħal stess kif ukoll barra r-raħal.

Ovvjament kollox fih ix-xogħol u l-impenn tiegħu iżda huwa ta' gost għalina li nsemmgħu u nxerrdu isem l-banda tagħna. Din is-sena kellna tliet servizzi ġodda. Żewġ servizzi minnhom ġewwa l-Belt Valletta, wieħed fit-8 ta' Novembru bħala parti mill-avveniment LCC - Red Tie Gala Night u ieħor fit-30 ta' April ta' din is-sena fil-finali tal-Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Ajru fix-Xatt tal-Belt Valletta. Is-servizz ġdid l-ieħor li semmejt kien fit-12 ta' Ġunju fl-okkażjoni tal-Qalb ta' Ġesù f'Birżebbuġa stess.

Kull servizz jinvolvi x-xogħol tiegħu u dan isir possibbli bl-għajnuna tal-membri tal-każin. Ngħidu aħna, Charlie Galea ilu għal aktar minn 30 sena jżomm l-istandart prinċipali tas-soċjetà. Minn qalbna nirringrazzjawh tad-dedikazzjoni u l-impenn tiegħu. Nirringrazzjaw ukoll lil Henry Bonnici u John Taylor li dejjem ikunu t'għajnuna biex iwasslulna l-affarijiet fil-post fejn ikun se jsir is-servizz.

Din is-sena ddeċidejna li nagħtu dehra ġdida l-programm annwali ta' Frar u għalhekk ta' kull sena se jibda jkollna tema differenti biex b'hekk kemm jista' jkun, nippruvaw nolqtu iżjed nies t'etajiet differenti u l-gosti ta' kulħadd. Din is-sena bdejna bit-tema ta' 'Musicals' u din intlaqgħet tajjeb ferm min-nies li attendew.

Ma jonqosx li nsemmu wkoll il-programm funebri li nagħmlu fil-kappella ta' San Ġorġ fi żmien ir-Randan kif ukoll il-Christmas Concert li apparti li tagħti sehemha l-Banda Birżebbuġa,

l-allievi tagħna jkollhom l-opportunità li jdoqqu flimkien mal-Banda kif ukoll jesprimu t-talenti tagħhom. Grazzi lil Marosuka Bonnici kif ukoll lil Mro Christopher Bonnici li jieħdu ħsieb dan il-programm. Bis-saħħa tal-iskema Wirt Artistiku 2025 għamilna uniformi kompluta għall-bandisti.

Din tinkludi ingravata, spalletti, lazz u faxxa. Din l-uniformi qed tintuża fis-servizzi mużikali li jkollha l-banda. Ringrazzjament speċjali jmur lis-Sinjura Annabelle Gatt tal-għajnuna tagħha fejn tidħol ħjata u alterazzjonijiet.

Il-bandisti tal-post dejjem qegħdin jiżdiedu. Minħabba f'hekk dejjem ikun hemm il-bżonn t'iżjed strumenti għall-allievi tagħna. Fil-fatt, din is-sena ser joħorġu jdoqqu 2 bandisti ġodda, Marvin Cassar kif ukoll Matthew Ellul. Minn qalbna nawgurawlhom futur bandistiku mal-Banda Birżebbuġa. Grazzi kbira tmur għall-għalliema tas-soċjetà li jgħallmu lill-istudenti tagħna b'tant dedikazzjoni. Nawguraw ukoll lil diversi studenti li matul is-sena qegħdin jitgħallmu fl-iskola tal-mużika 'Michael Bugelli'. Grazzi għall-għalliema dejjem qed ikollna riżultati sodisfaċenti u dan jawgura tajjeb għall-banda kif ukoll għall-istudenti nfushom. Grazzi wkoll lill-ġenituri u lil dawk li jieħdu ħsieb lill-istudenti li jibagħtu lit-tfal tagħhom għat-tagħlim mużikali.

Ringrazzjament speċjali wkoll lis-Surmast

Direttur Mro Michael Bugelli kif ukoll lill-Assistent Surmast Mro Christopher Bonnici u l-għalliem tal-qasba Matthew Polidano.

F'isem il-membri tas-Sezzjoni Banda nixtieq nirringrazzja lill-membri u lill-kummissjonijiet tal-għajnuna li nsibu mingħandhom, lill-bandisti tal-post u lill-bandisti barranin għas-servizz tagħhom, lill-ħwienet u lill-membri li jgħinuna speċjalment fil-ġimgħa tal-festa.

Grazzi talli dejjem insibukom t'għajnuna għas-Soċjetà tagħna.

Minn qalbi nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.

NONNI G

SEAFOOD AND GRILL

BY CARMEN'S



TRIQ IL-QAJJENZA, BIRZEBBUGIA, MALTA
+356 7747 2464

FOLLOW US

WEBSITE

DIRECTIONS

JULIA
FARRUGIA

Il-Festa
t-tajba

+356 **7999 9936**
email: **info@juliafarrugia.com**

Diskors mid-Delegat tal-Banda

Peter Paul Caruana
B.A. Maltese Hons; MTL in Maltese; PG in MFL

Hekk kif għaddiet il-festa tas-sena l-oħra, il-ħidma tas-soċjetà u l-banda ma waqfitx. Għal din is-sena, offrejt li nieħu l-irwol ta' delegat tal-banda. Ta' min jgħid li dan mhux xogħol faċli, anzi huwa biċċa uġigħ ta' ras kbira, b'ħafna xogħol, ħin, dedikazzjoni u responsabbiltà. Kif jaf kulħadd, is-sitwazzjoni bandistika bħalissa hija waħda problematika għall-fatt li s-servizzi kulma jmur qegħdin jiżdiedu u l-bandisti qegħdin jonqsu. Dan iġib miegħu problema ikbar u aktar piż fuqi bħala delegat.

Forsi wieħed jaħseb li tgħaqqad banda huwa faċli, iżda huwa wieħed mill-aktar xogħlijiet diffiċli għal diversi raġunijiet, uħud minnhom imsemmijin aktar qabel. Minkejja dan, anke minħabba l-fatt li naf diversi bandisti, ma qtajtx qalbi u kkommettejt ruħi għal din ir-responsabbiltà. L-irwol ta' delegat, bħal ħafna xogħlijiet oħra, huwa xogħol li ma tantx jidher, għaliex isir ħafna xogħol fis-skiet wara l-kwinti fosthom kuntatt u ftehim ma' mijiet ta' bandisti differenti, għaliex naturalment mhux kulħadd ikun jista' jaqdik is-servizzi kollha.

Wara li l-banda tagħna lestiet s-servizzi lokali u dawk mistiedna, bdiet tħejji ruħha għal servizzi u avvenimenti oħra. Fil-fatt, fis-17 ta' Ottubru sar

Spring Concert li huwa kunċert li jagħti opportunità lill-allievi jdoqqu mal-banda. Ftit wara, fis-7 ta' Novembru, il-Banda Birżebbuġa ġiet mistiedna ddoqq ġewwa l-Belt Valletta għal attività turistika organizzata minn kumpanija privata tat-turisti. Il-banda daqqet kemm marċi kif ukoll siltiet mużikali għat-turisti li żaru pajjiżna u kienet attività li ntlaqgħet b'mod tajjeb ħafna. Wara dan, kif imiss il-programm tal-Milied li sar fit-22 ta' Diċembru ġewwa s-sede tagħna. F'dan il-programm l-allievi wkoll jingħataw l-opportunità li juru l-progress tagħhom matul is-sena.

Din is-sena komplejna bis-servizzi tagħna fejn għal żmien il-karnival, il-banda għamlet servizz żgħir ġewwa l-iskola primarja ta' Birżebbuġa. Fil-21 ta' Frar sar il-programm annwali li jsir ta' kull sena għall-festa tal-Katedra ta' San Pietru. Din is-sena, dan il-programm ingħata bixra differenti minn dik tas-soltu, għaliex kien marbut ma' tema partikolari, bit-tema ta' dis-sena tkun 'Musicals' fejn intlaqa' tajjeb ħafna mill-udjenza preżenti. Ta' min jgħid ukoll, li f'dan il-programm ġiet imżanżna l-uniformi l-ġdida li ser tintuża f'servizzi formali. Il-programm li kien imiss, kien dak marbut mal-Ġimgħa Mqaddsa li sar fil-Kappella ta' San Ġorġ.

Għalkemm f'Birżebbuġa m'għandniex vari tal-Ġimgħa l-Kbira, xorta waħda nsibu tradizzjoni kbira fil-każin tagħna, tant li fost l-oħrajn saru wirja, mixegħla, rappreżentazzjonijiet drammatiċi u l-marċ tal-Irxoxt li huwa proprjetà tal-istess soċjetà. Festa li qed tikber minn sena għall-oħra! Wara bdejna nassistu għal servizzi barra mir-raħal fejn fid-19 ta' April daqqejna għall-Festa ta' San Publiju ġewwa l-Furjana u fit-30 ta' April daqqejna ġewwa l-Belt Valletta għall-Festival tan-Nar tal-Ajru.

Fl-istess żmien, proprju fit-3 ta' Mejju, ħadna sehem ukoll f'Festa Bengħajsa fit-3 ta' Mejju.

Wara kien imiss servizz ġdid li sar għall-ewwel darba fil-festa tal-Qalb ta' Ġesù fit-12 ta' Ġunju u ftit wara servizz ieħor ġewwa ż-Żejtun fil-21 ta' Ġunju. Wara li tgħaddi l-festa ser ikun imissna servizzi oħra, fit-12 ta' Awwissu ġewwa l-Qrendi, fit-30 ta' Awwissu ġewwa Ħal Safi u fis-7 ta' Settembru servizz ġewwa l-Isla.

Bħala servizzi marbutin mal-festa, nibdew mis-Sibt ta' qabel fejn niċċelebraw festa tfal bi statwa ta' San Pietru li ġiet imżanżna s-sena l-oħra. Imbagħad nassistu għall-ħruġ tal-vara li jimmarka l-bidu uffiċjali tal-festa tagħna. Ser indoqqu wkoll fit-28 ta' Lulju, fit-30 ta' Lulju, fil-31 ta' Lulju bil-marċ magħruf tal-istatwa, il-programm li ser isir fl-1 ta' Awwissu, l-għada ndoqqu għall-marċ ta' filgħodu fit-2 ta' Awwissu u l-marċ tan-nar fl-istess jum wara l-purċissjoni.

Kif wieħed jista' jara waqt li jaqra dan l-artiklu, dan kollu huwa xhieda li l-banda tagħna hija waħda attiva tul is-sena kollha. Banda li ssemma' leħinha anke barra mir-raħal u fil-festi ta' kull staġun. Dan kollu jirrikjedi ħafna xogħol, ħin, preparamenti u ħsieb. Barra x-xogħol ta' delegat, hemm ħafna affarijiet oħra li jeħtieġ isiru bħala Kummissjoni Banda, fosthom preparazzjoni ta' uniformi, libretti u mużika kif ukoll ġarr ta' strumenti għal kull programm li jkollna. Għalhekk, inħeġġeġ lil kull min jixtieq joffri l-għajnuna lill-banda tagħna biex jingħaqad magħna.

Nagħlaq dan l-artiklu billi qabel xejn nirringrazzja lil bandisti tal-post u dawk ħbieb barranin li jogħġobhom jagħtu s-servizz tagħhom lill-banda tagħna.

Minn qalbi nixtieq nawgura l-Festa t-Tajba lill-Birżebbuġin.

VIVA SAN PIETRU

Christopher Camilleri "*Il-Kaċċlu*" – Tifkira ta' Volontier Eżemplari

Fl-4 ta' Settembru 2025, is-soċjetà tagħna sellmet lil wieħed mill-aktar voluntiera leali u dedikati tagħha, Christopher Camilleri, magħruf u maħbub minn kulħadd bħala "Il-Kaċċlu".

It-tluq tiegħu ħalla vojt kbir mhux biss fost il-familja u l-ħbieb tiegħu, iżda wkoll fi ħdan is-soċjetà tagħna, li għaliha ddedika tant snin ta' ħidma volontarja u servizz b'qalbu kollha.

Fl-2004, Chris beda l-ħidma tiegħu bħala membru tal-Kumitat Ċentrali, kariga li baqa' jokkupa sal-2024. Sentejn wara, fl-2006, ingħaqad ukoll mas-Sezzjoni Banda, fejn kompla jagħti s-sehem tiegħu b'impenn u dedikazzjoni.

Għal għoxrin sena sħaħ ta servizz lis-soċjetà b'lealtà u b'imħabba ġenwina, dejjem lest li jagħti sehmu kull fejn kien hemm il-bżonn.

Minkejja l-limitazzjonijiet li kellu, Chris qatt ma ħallihom iżommuh lura. Bil-ħidma kwieta tiegħu, bl-umiltà u bid-disponibbiltà li kienet tikkaratterizzah, kiseb ir-rispett u l-apprezzament ta' kulħadd. Huwa wriena li l-akbar kontribut ma jitkejjilx bil-kliem jew bil-karigi, iżda bl-imħabba u d-dedikazzjoni li persuna tagħti lill-għaqda tagħha.

Bħala membru tal-Bord Editorjali, kien jikkollabora mill-qrib mal-kaxxier Walter Pace fil-ġbir tar-reklamar għall-pubblikazzjonijiet annwali tas-soċjetà. B'dedikazzjoni kbira kien iżur ħwienet u stabbilimenti kummerċjali sabiex jinġabru r-reklami għall-ktieb tal-festa, il-flyers u l-kalendarju annwali. Kien jaf li dawn il-pubblikazzjonijiet huma mezz importanti biex is-soċjetà tkompli ssaħħaħ il-ħidma tagħha, u għalhekk kien jagħti l-aqwa tiegħu f'dan il-qasam ukoll.

Chris kien ukoll wieħed minn dawk il-voluntiera li dejjem stajt toqgħod fuqhom waqt il-lotteriji. Il-bejgħ tal-biljetti kien għalih mhux biss dmir, iżda mod ieħor kif seta' jikkontribwixxi għat-tkabbir tas-soċjetà li tant kien iħobb.

Għalkemm ma kienx bandist u lanqas kien jifhem fil-mużika, xorta waħda kien jagħmel parti mis-Sezzjoni Banda. Kien jemmen li kull persuna għandha rwol importanti x'taqdi.

Kien jieħu ħsieb jipprepara l-uniformijiet għall-bandisti qabel is-servizzi, jitwi l-partijiet tal-mużika, iqassam l-ilma waqt il-waqfiet u joffri l-għajnuna tiegħu kull fejn kienet meħtieġa. Dawn huma dawk il-ħidmiet siekta li ħafna drabi ma jidhrux, iżda mingħajrhom ħafna affarijiet ma jkunux possibbli.

Chris kien wieħed minn dawk in-nies li ma kienx ifittex applaws jew tifħir. Is-sodisfazzjon tiegħu kien li jara lis-soċjetà timxi 'l quddiem u jkun jaf li ta s-sehem tiegħu. Bil-kalma, bl-umiltà u bl-imħabba tiegħu lejn il-każin, kiseb ir-rispett u l-apprezzament ta' kulħadd.

Illum, filwaqt li nfakkru l-memorja tiegħu, nirringrazzjawh għall-għoxrin sena ta' servizz volontarju u għall-eżempju sabiħ li ħalla warajh.

Il-ħidma tiegħu tibqa' mnaqqxa fl-istorja tas-soċjetà tagħna, filwaqt li t-tbissima, il-ġenerożità u d-disponibbiltà tiegħu jibqgħu ħajjin fil-memorja ta' dawk kollha li kellhom ix-xorti jafuh.

Christopher Camilleri "Il-Kaċċlu" jista' m'għadux fostna, iżda l-kontribut tiegħu u l-imħabba li wera lejn is-soċjetà tagħna se jibqgħu għal dejjem parti mill-wirt tagħha.

Strieħ fis-sliem, Chris.
Grazzi ta' kollox. Qatt ma ninsewk.

Tislima lil Aurelio Belli

Francesco Barbara M.A, (MUS) Trumpet Performance (Bremen), LT.C.L, AT.C.L, A.MUST.C.L, B.Com. Marketing (Hons) Dip. Melit.

Fit-12 ta' April ta' din is-sena malajr ġriet l-aħbar li ħalliena Mro Aurelio Belli. Għalkemm għalina li konna qrib tiegħu konna qed nistennew dan il-mument però kollha konna qalbna maqsuma li kien wasal il-mument li ħadd ma ried jasal.

Aurelio Belli twieled fil-Ħamrun fil-25 ta' Ottubru tal-1976. Hu beda l-karriera mużikali tiegħu ta' età żgħira fejn kien beda jistudja l-euphonium. Huwa ħareġ idoqq mal-banda San Ġużepp tal- Ħamrun u kompla jistudja anke ma' Mro Pawlu Borg. Huwa studja tant li sar wieħed mill-aqwa 'Euphonium players' f'Malta. Daqq ma' bosta gruppi mużikali fosthom Big Band Brothers u Versatile Brass u għamel numru kbir ta' arranġamenti għall-banda u orkestra sbieħ immens. Huwa kien ukoll surmast tal-banda Duke of Connaught's Own ta' Birkirkara.

Huwa kien miżżewweġ lil Gloriana u kellhom lit-tifla Alexandra. Kien jara l-mużika bħala gost u mezz biex iferraħ u mhux bħala kompetizzjoni għalhekk qatt ma daħal f'kompetizzjonijiet. Huwa kien idoqq ukoll it-trumbun.

Meta kont għadni tifel nibda bil-kurunetta kont inħares lejh fl-aqwa żmien tiegħu u kwazi nibża' minnu għax kont narah persuna kbira u bravu. Bdejt insir nafu aktar meta bdejt indoqq ma' aktar baned u anke mal-Versatile Brass. Il-kunfidenza bejnietna kibret aktar meta dħalt fil-'Malta Youth Orchestra' u wara anke fl-Orkestra Nazzjonali fejn kien jafdani b'ħafna xogħol. Kont nammirah meta narah jagħmel l-arranġamenti mużikali u noqgħod ftit l-uffiċċju tiegħu nitkellmu u jagħtini pariri fuq il-mużika.

Ma kontx narah biss bħala kap tal-operazzjonijiet tal-Orkestra Nazzjonali imma ħabib. Dejjem kien isejjaħli "Fukli" jew "Barbara" u ftit li xejn kien jgħajjatli b'ismi. Kien jagħmel xogħlu b'reqqa kbira u jieħu ħsieb kull proġett mill-bidu sal-aħħar. Dejjem inkoraġġini biex inkompli nistudja l-mużika sakemm nasal fejn għandi nasal. U wasalt!

Memorja sabiħa li nibqa' ngħożż hija meta kien qalli ndoqq l-"Ave Maria" ta' Caccini, arranġament tiegħu għall-brass bħala solist, ġewwa l-knisja tal-Qala u anke kien idderieġa hu. Liema arranġament indaqq fil-funeral tiegħu.

Niftakar fl-uffiċċju tiegħu nidħol filgħodu ngħajjatlu, 'Bonġu Surmast', u jgħidli, ''Ġej bil-paroli int dalgħodu jew?! Jaqaw għandek bżonn xi ħaġa?'' Il-karattru tiegħu kien tant

ċajtier li ma tkunx taf jekk dak li qed jgħid hux qed jgħidu bis-serjetà jew le. Darba kelli ndoqq żewġ kunċerti fi żmien meta kien ser jitwieled it-tifel tiegħi u mort għandu biex ngħidlu biex ma ndoqqhomx u qalli waqt li baqa' serju, ''Ma jinteressanix, ix-xogħol trid tiġi, il-mara twelled mingħajrek''.

Ovvjament imbagħad infaqa' jidħak u qalli mhux problema. Niftakar meta napplika għal-'leave' kien jgħidli, "Għala għandek bżonn il-'leave' int? L-ewwel ġibli flixkun wiski, jew kaxxa ċikkulatini, imbagħad intik il-'leave'. Meta kien jirrabja ma kienx idum wisq u ftit wara kont tarah jerġa' jitbissem u jidħak.

Fil-memorji tiegħi jibqgħu l-mixjiet, ikliet u konversazzjonijiet li kien ikollna fejn konna niċċajtaw b'kollox u b'kulħadd anke xi ftit goff.

Niftakar meta kien iċempilli biex indoqq miegħu kull fejn ikun. Id-daħk dejjem kien ikun garantit u waqt xi tour mal-Orkestra Nazzjonali konna nkunu l-ħin kollu flimkien. Kien jistmani qisni t-tifel tiegħu u kien jitkellem fuq ħafna affarijiet miegħi kemm fuq xogħol u anke personali.

Kultant meta nkun qed nitkellem kien jgħidli ''Int tagħmel l-arja għax fik tifel? Mur ġibek fik seba' piedi!''. Jew inkella meta nkun qiegħed inkellmu u jaqbeż u jgħidli "Tgħajjatx miegħi ta ... Għax jien nibża' min-nies fihom raġel bħalek!''

Waqt id-daqq fl-orkestra, jew fil-banda meta ndoqq xi solo sabiħ, dejjem iħares lejja u jitbissem b'dik it-tbissima ħelwa ta' approvazzjoni. Kont nieħu gost immens indoqq kunċerti miegħu fosthom Mużika Mużika, Joseph Calleja u l-Girgenti fost l-oħrajn. Waqt il-marda tal-kanċer ukoll kien jipprova jsib ftit saħħa sabiex jidderieġi għax dik kienet l-hena tiegħu. Għalkemm kien bravu immens dejjem baqa' umli. Dejjem baqa jiċċajta anke meta kont immur narah l-isptar u jibgħatli xi 'voice message' dwar kif inhu.

Anke meta kien ikun muġugħ Belli dejjem sab ħin għalija u s-sapport li sibt mingħandu, fi żmien diffiċli ħafna fuq il-post tax-xogħol, mhu ser ninsieh qatt. Dejjem ipprova jkun il-vuċi tal-verità u tar-raġuni u l-messaġġi u l-pariri li tani nibqa' ngħożżhom għal dejjem. Nibqa' ngħożż il-konversazzjonijiet onesti u fondi bejnietna li kelli privileġġ li jkolli miegħu fejn tassew urew kemm kien jirrispettani bħala ħabib u mużiċist professjonali. Dejjem sibtu fuq in-naħa tiegħi u nista' ngħid li għadni nħossu miegħi sal-lum.

Għalija ma kienx biss kollega imma ħabib onest u ġenwin li dejjem sibtu f'kull mument.

Bla dubja ta' xejn ħalla impatt kbir bħala bniedem uman. Imma bix-xogħol tiegħu ħalla impatt u legat fuq ix-xena mużikali kemm fuq livell ta' daqq ta' strument kif ukoll il-livell ta' kompożizzjonijiet u arranġamenti. Dawn żgur ser jibqgħu jgawdu minnhom il-baned Maltin u l-Orkestra.

Sezzjoni Nisa Petrini

Sue Pace

Għeżież Parrucċani ta' Birżebbuġa, Waslet festa oħra tant għażiża għalina u għalhekk nieħu l-opportunità sabiex nitkellem ftit magħkom permezz ta' din il-pubblikazzjoni annwali li tippubblika s-Socjetà tagħna.

Il-Grupp tan-Nisa Petrini, dejjem jaħdem id f'id mal-kumitat ċentrali tas-Socjetà. Din is-sena n-Nisa Petrini reġgħu ħadu f'idejhom it-tombla li ssir darba fil-ġimgħa ġewwa s-sede tagħna. Nirringrazzja minn qalbi lin-nies li jattendu kif ukoll lil Emanuel Zammit il-Mosti u Paul Zammit tal-għajnuna tagħhom.

Wara l-festi tal-Għid, saret ukoll ġità ta' jumejn fi Sqallija. Din il-mawra qasira kienet ta' suċċess kbir u kull min kien magħna, ħa ħafna pjaċir.

In-Nisa Petrini jagħtu wkoll l-għajnuna tagħhom fl-attivitajiet li jsiru mis-sezzjonijiet tas-Soċjetà tagħna speċjalment fil-Milied fejn isir festin. Bħala grupp nippreparaw l-ikel u anke nieħdu ħsieb li nqassmuh lill-mistednin.

Matul is-sena wkoll nieħdu ħsieb li nagħmlu lotteriji għall-okkażjonijiet differenti. Fil-ġranet ta' qabel il-festa u anke fil-ġimgħa tal-festa nieħdu ħsieb li nbigħu l-flokkijiet u anke ngħinu fit-tqassim ta' din il-pubblikazzjoni.

Flimkien mas-sezzjonijiet tas-Soċjetà tagħna, jiena flimkien ma' Marija Taylor, Rita Calafato u Mary Theuma li nifformaw in-Nisa Petrini, nattendu għall-funzjonijiet li jsiru fil-knisja.

Minn qalbi nawgura l-festa t-tajba lill-Birżebbuġin kollha, lill-familja tiegħi speċjalment lil żewġi Walter tas-sapport kontinwu tiegħu biex flimkien inkomplu naħdmu għas-Soċjetà tant għażiża għalina

Viva San Pietru!

Bilwieqfa mix-xellug għal-lemin: Rita Calafato, Carmen Theuma
Bilqiegħda mix-xellug għal-lemin: Marija Taylor, Sue Pace

MANUEL GARAGE

Panel Beating
Spray Painting
Towing Service

Żejtun Road, Birżebbuġa
Mob: 9947 3095
Email: manuelgarage18@gmail.com

MUSCAT 1970 TRADING LTD

son of Anthony Muscat marbles

355, MDINA RD QORMI
QRM 9012, MALTA

Bradley: 99899673
Charlene: 79048204

Web:www.muscatmarbleworks.com
E:muscat1970trading@gmail.com

SPECIALIST IN:
MONUMENTS
MEMORIALS
PHOTO CERAMIC
AND MORE....

OMAR
FARRUGIA
Nawguralkom
Il-Festa t-Tajba
7981 8687

Cool
and Kiwi
Premium cocktails and
quality bar services
7719 1998
coolandkiwi@gmail.com

MARIO TA' BUĠIA

Panel Beating and Spray Painting
Insurance Approved
Triq Bir id-Deheb, Hal Ghaxaq
(near Art il-Missier)

Contact:
9925 6765

STYLING STATION BY MARIO

Mario Theuma
Hair Stylist

59, Zaren Dalli Street,
Birzebbuga BBG 1523, Malta
Tel:(356) 79653981 / (356) 27653986
Email: styling59@gmail.com

Roc-A-Go
Crane Services

- Crane & Lifting Specialists
- Skips Hire & Scrap Dealers
- 24 Hour Towing & Lifting Services
- Second Hand Parts for all types of cars and vehicles



Directors
V. Micallef & Sons

Nibnu fuq is-Suċċessi tal-Bieraħ u b'Ottimiżmu Żagħżugħ Inħarsu lejn il-Futur tal-Kbira Soċjetà Tagħna!

Matthew Polidano

Sezzjoni Żgħażagħ Iljuni

Għeżież partitarji, ħbieb, benefatturi u dilettanti tal-Festa ta' San Pietru, b'ferħ u kburija kbira nerġgħu niltaqgħu fil-paġni tal-pubblikazzjoni annwali 'Minn Qalb l-Iljuni', hekk kif resqin lejn il-qofol; qofol li jirrifletti sena oħra mimlija ħidma, dedikazzjoni u suċċessi.

Bħala Sezzjoni Żgħażagħ Iljuni, nibqgħu nemmnu li ż-żgħażagħ huma l-qalb tħabbat tas-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa, u għalhekk naħdmu kontinwament biex inkomplu nagħtu ħajja lis-Soċjetà u lil din il-festa tant għal qalbna.

Matul din is-sena organizzajna u tajna sehemna f'diversi attivitajiet li għaqqdu lill-membri, lill-familji u lill-ħbieb tagħna. Attivitajiet bħall-Pasta Night, sehem f'Festa Bengħajsa, Parties tul is-sena u l-Ġimgħa l-Kbira; li kollha komplew isaħħu l-ispirtu ta' għaqda, li dejjem kien il-pedament tas-sezzjoni tagħna.

Mument ieħor memorabbli kienet l-attività 'Nostalġija', fejn flimkien mal-Grupp Two Twenty Two ħloqna esperjenza li qajmet memorji sbieħ u laqqgħet ġenerazzjonijiet differenti f'avveniment wieħed. Dan l-avveniment kien xhieda tal-potenzjal li għandha s-sezzjoni u s-soċjetà tagħna meta naħdmu flimkien ma' nies li jaqsmu l-istess imħabba u passjoni. Apparti li ġbarna donazzjoni sabiħa b'risq Hospice Malta.

Kellna wkoll il-privileġġ li nkunu parti mill-produzzjoni teatrali tal-Grupp Teatrali 14 ta' Jannar permezz tad-dramm tal-Ġimgħa l-Kbira; Patt Qarrieq. Esperjenza li mhux biss uriet it-talent taż-żgħażagħ tagħna, iżda wkoll l-impenn tagħhom biex jagħtu sehemhom fil-ħajja kulturali u reliġjuża tal-komunità tagħna. Dan anke fuq wegħda personali mal-mikbi Stephen Farrugia li tant ried li nkomplu nsaħħu l-produzzjonijiet tas-Soċjetà. Grazzi kbira tmur għal Grupp Teatrali talli żammew ħajja din il-ħolma u ta' kemm qed iħallu frott b'risq is-Soċjetà.

Nieħu wkoll l-okkażjoni li f'isem is-Sezzjoni Żgħażagħ nirringrazzja lill-għaqdiet kollha fi ħdan il-Każin tagħna, dan wara sena oħra ta' ħidma flimkien sabiex inwasslu l-aqwa u l-akbar Festa lill-Birżebbuġin kollha. U fuq nota oħra nixtieq nifraħ lill-Klabb tal-Futbol tar-raħal, Saint Peter's FC li din is-sena ġew promossi għall-Kampjonat

Premier ... kburin bikom, kburin li konna parti mill-festeġġjamenti u ser inkunu magħkom tul dan il-vjaġġ storiku għal Birżebbuġa li tant inħobbu.

Fost il-kisbiet li se jibqgħu mnaqqxa fl-istorja tas-Soċjetà tagħna hemm bla dubju l-akkwist tal-ħames proprjetà.

Dan il-pass storiku jfisser futur aktar b'saħħtu għas-Soċjetà Filarmonika San Pietru, b'aktar spazju għall-proġetti, għall-attivitajiet u għall-ħolm li se jkompli jsir realtà. Din il-kisba hija frott il-ħidma ta' ħafna nies li matul is-snin ħadmu bla heda biex jaraw lis-soċjetà tagħna tikber u tissaħħaħ.

Issa li wasal iż-żmien tal-festa, nistgħu ngħidu li aħna lesti.

Ħdimna b'determinazzjoni kbira biex inħejju programm u spettaklu li jixraq lill-festa tal-Patrun tagħna San Pietru. Ninsabu ħerqana biex naqsmu magħkom il-frott tal-ħidma tagħna u niċċelebraw flimkien dawn il-kisbiet kollha....Festa li ser tibqa' tissemma' fis-snin li ġejjin!

Fl-aħħar nett, nixtieq nirringrazzja minn qalbi lill-kumitat kollu tas-Sezzjoni Żgħażagħ Iljuni, lill-Kumitat Ċentrali tas-Soċjetà Filarmonika San

Pietru Banda Birżebbuġa, lill-isponsors tagħna li dejjem jemmnu fina, kif ukoll lill-familji tagħna għall-paċenzja, l-appoġġ u l-inkoraġġiment kontinwu tagħhom. Mingħajrkom, ħafna minn dak li nwettqu ma jkunx possibbli.

Ejja flimkien inkomplu nibnu fuq is-suċċessi tal-bieraħ, ngħixu l-festa tal-lum u nħarsu b'ottimiżmu lejn il-futur.

F'isem iż-Żgħażagħ nawguralkom Festa mimlija ferħ, għaqda u suċċess.

Viva l-Banda Birżebbuġa!
Viva tal-Iljun!
Viva San Pietru!

Bilwieqfa mix-xellug għal-lemin: Aidan Zammit, Isaac Zammit, Carly Victoria Busuttil, Rachela Borg, Krista Incorvaja, Kaya Micallef, Casey Micallef, Kayden Pace **Bilqiegħda mix-xellug għal-lemin:** Clarice Borg, Calvin Joe Baldacchino, Reyhan Vella, Matthew Polidano, Elishia Attard, Daniel Buhagiar, Chrizana Mizzi **Neqsin mir-ritratt:** Gianluca Attard, Leon Briffa, Andrea Camilleri, Desireè Polidano, Aidan Vella, Jade Zammit

222
TWO TWENTY TWO

SOUTH BEAT
MUSIC FESTIVAL



NAWGURA L-FESTA T-TAJBA
LILL- BIRZEBBUĠIN KOLLHA!
JOHANN BORG
KUNSILLIER LOKALI BIRŻEBBUGA U MINORITY LEADER.
MOB: 79256985 EMAIL: JOHANNBORG77@GMAIL.COM

Nawgura l-festa t-tajba
lill-Birżebbuġin kollha!
JOSETTE BUSUTTIL
VIĊI SINDKU BIRŻEBBUĠA
9811 2532

222
TWO TWENTY TWO

nostalġija

FESTA TA' KULTURA



Qatta', Ħawwad, Sajjar u Servi... b'Ħawsla Mimlija, Ħadd mhu bin-Nervi!

Dan hu l-grupp sabiħ tagħna — il-grupp li b'ħafna ħeġġa u dedikazzjoni jieħu ħsieb isajjar u jħejji l-ikel għal uħud mill-attivitajiet organizzati mill-każin. Grupp imżewwaq mhux biss bl-ingredjenti u bit-togħmiet differenti li noħolqu fil-kċina, iżda wkoll b'taħlita sabiħa ta' karattri, personalitajiet u ħbiberiji li jagħmlu kull esperjenza waħda speċjali.

Matul is-sena li għaddiet kellna l-pjaċir nieħdu ħsieb l-ikel waqt l-attività "Nostalġija", filwaqt li din is-sena konna wkoll wara l-preparamenti tal-ikel għall-kunċert mużikali "Southbeat".

Hekk kif tersaq il-festa, tiġi organizzata wkoll "Lejla Festiva" fejn għal darb'oħra l-ikel jitħejja bi mħabba minn dan il-grupp ta' voluntiera.

Min jaf x'jinvolvi x-xogħol tal-kċina jaf kemm hemm ħin, impenn u preparazzjoni wara kull platt li jasal fuq il-mejda. Nibdew billi niddiskutu l-ideat, nippjanaw, nixtru, inqattgħu, inħawdu u fl-aħħar insajru — dejjem b'għan wieħed: li noffru xi ħaġa tajba lil dawk kollha li jingħaqdu magħna.

F'dawn l-okkażjonijiet ikollna wkoll l-għajnuna prezzjuża ta' voluntiera oħra mill-każin li dejjem jagħtu daqqa t'id bil-qalb. Il-kontribut tagħhom jagħmel differenza kbira, għax fejn hemm l-ikel hemm dejjem id-domanda... u magħha jiġi ħafna aktar xogħol!

Bħala grupp ngħadduha tajjeb ħafna flimkien. Fost il-ġenn tal-preparamenti, il-ġiri u xi kultant il-ħafna affarijiet jiġru f'daqqa, dejjem insibu ċans

għal ċajta u daħka tajba. Dik hija r-riċetta tagħna: ftit paċenzja, ħafna ħidma, doża kbira ta' għaqda u ħafna mħabba lejn dak li nagħmlu.

Minn qalbna nixtiqulkom festa mill-isbaħ — mimlija ferħ, tradizzjoni, kumpanija sabiħa u, ma jonqosx... ikel tajjeb!

Viva San Pietru!

Mill-Grupp tal-Kċina (kif isejħulna)

Tarcisio Caruana Ltd
General Hardware · Household Supplies
4, Triq Santa Katarina, Birżebbuġa
Opening Hours
Mon – Fri: 7:30am – 6:30pm
Saturday: 7:30am – 1:00pm
(+356) 2165 1779 - info@tarcisiocaruana.com
www.tarcisiocaruana.com
Power Tools
Electrical & Lighting
Ship Supplies
Garden Tools & Hoses
Pest Control
Safety Equipment
Mixers & Taps
Industrial Cleaners
Furniture & Storage
Paints
Sigmacryl

Inġinier
Stanley Zammit
Il-Festa t-Tajba!
7942 0956
stanley.zammit@gmail.com
142, Triq iż-Żurrieq, Birżebbuġa

Armar ta' Klassi u Ħidma Kbira Ma Tieqaf Qatt

Benji Caruana

Kummissjoni Armar Estern

Kemm ninsab onorat li għal sena oħra qed nerġa' nikteb fuq dan l-artiklu f'isem il-Kummissjoni Armar fuq il-ħarġa speċjali tal-festa mill-Qalb l-Iljuni. Bħal kull sena din il-kummissjoni reġgħet ħadmet bla nifs sabiex ikollna armar għal sena kollha u mhux okkażjonijiet. Armar ta' prima klassi kif jixraq lil soċjetà u lill-festa tagħna għal qalbna.

Bħal ma jsir kull sena nagħtu rendikont lil soċi u partitarji u lill-qarrejja li jaqraw dan il-messaġġ. Nibdew minn ftit jiem qabel il-festa ta' 2025 fejn konna qegħdin infakkru l-35 sena mit-twaqqif tas soċjetà tagħna. Ħadna ħsieb li nagħmlu festa speċjali fejn fil-bidu ta' Lulju tellajna l-arblu maġġur fejn ġie kollu mħallas mill-kummissjoni.

Komplejna billi s-Sibt ta' qabel il-festa fil-Festa Tfal inawgurajna l-istatwa tat-tfal li ġiet maħduma ġewwa Għawdex għand l-artist Michael Cutajar Zahra u bradella minn Mario Chircop u Brian Abdila. Komplejna billi żammejna l-appuntament tagħna u erġajna organizzajna l-marċ tal-ħruġ min-niċċa fejn kellna lill-mistieden speċjali Ryan Spiteri. Apparti r-riħ qawwi li ħakimna xorta rnexxielna norganizzawh bil-kbir kif nafu nagħmlu aħna l-Iljuni.

Għaddiet il-festa u bdejna nżarmaw l-affarijiet tal-festa. Ħsibijietna bdew imorru għal sorpriża għall-festa li se ngawdu fl-2026. Bdejna l-ħidma bla nifs biex inġibu l-quotes. Wara l-ħidma bla nifs morna għal-laqgħa ġenerali fejn inħatar il-kumitat il-ġdid. Bdejna rankatura kbira għall-Milied 2025 u l-festa 2026.

Beda x-xogħol fuq is-sorpriża tal-festa 2026 fejn kellna għajnuna kbira mill-aħwa Cutajar u l-familja fejn ħafna mix-xogħol sar minnhom biex inkunu nistgħu ngħidu li parti mis-sorpriża saret minn idejn il-membri tagħna. Ta' dan nirringrazzja lil Daniel Cutajar, Angelo Cutajar u Joe Cutajar.

Din is-sena, bħal snin oħra, għamilna armar ġdid għall-Milied fejn issa l-armar huwa kollu tal-kummissjoni.

Ma kienet xejn faċli biex armajna t-triq u quddiem il-wine bar bl- armar sabiħ tal-Milied. Dan għaliex l-ispejjeż biex isiru mhumiex faċli imma, grazzi għall-voluntiera u benefatturi tal-kummissjoni, irnexxielna u armajna.

Din is-sena erġajna għamilna l-attivitajiet relatati mal-Milied. Organizzajna bejgħ ta' ponsjetti, tqassim tar-rigali u l-party tat-tfal.

Din is-sena is-soċjeta tagħna akkwistat propjetà oħra f'Misraħ il-Knisja. Fl-14 ta' Jannar armajna biex tkun ġurnata memorabbli. Għal din l-okkażjoni armajna l-faċċati u l-fustuni.

Din is-sena, għal Katedra, erġajna armajna l-fustuni fit-triq tal-każin, kif ukoll mal-arbli tal-każin. Armajna wkoll il-gallariji tal-każin bid-drapp fin għall-okkażjoni. Din is-sena, għall-programm ta' Frar li torganizza s-soċjetà għall-okkażjoni tal-Katedra ta' San Pietru, armajna l-istatwa tat-tfal, fejn għamilna marċ żgħir fis-sala tal-iskola.

Wasalna għall-festi tal-Għid, fejn erġajna armajna l-bandalori u l-pavaljuni mal-faċċata tas-sede tagħna, kif ukoll armajna għall-Irxoxt, pavaljuni u bandalori tal-prima klassi, li sebbħu din il-festa tant importanti għall-knisja. Din is-sena inħadmu żewġ arbli ġodda li ħa jibdew jintużaw għal kull okkażjoni tal-każin, kif ukoll saru żewġ toqob oħra biex jitilgħu l-arbli u apparti minn hekk, ikun iktar



sigur għax fuq il-bankina. Dawn ġew sponsorjati mill-kumpanija DANZAH u maħdumin min-nies tal-kummissjoni.

F'Ħamis ix-Xirka, għall-ewwel darba, organizzajna il-mixegħla fil-pjazza fuq iz-zuntier fejn konna tant fortunati li għall-elementi li kellna tax-xita u riħ, xorta rnexxielna nsebbħu l-pjazza u ffurmajna disinn. Fil-festa ta' Kristu Rxoxt armajna l-fustuni fit-triq tal-każin, kif ukoll fuq il-bejt tal-każin mal-arbli.

F'April u Mejju żammejna l-appuntament tagħna ta' kull sena u ħriġna niġbru door-to-door. Minn hawn nixtieq nirringrazzja ħafna lir-residenti ta' Birżebbuġa talli jafdawna u jemmnu fina. Ġbarna ġabra verament sabiħa u record. Grazzi mill-qalb.

MIRIAM DALLI
Nawguralkom
IL-FESTA
T-TAJBA
9900 0809
Partit Laburista
@drmiriamdalli
@drmiriamdalli
miriamdalli
miriam.dalli

MONTEBELLO
Your One-Stop Shop for all your Car Needs!
RANGE ROVER
Tal-Barrani Road, Bir id-Deheb Place,
Zejtun MALTA ZTN 9029
21673766 / 21690555 / 21661550
info@montebellogroup.com
www.montebellogroup.com

Gold Lady Jewellery

Goldsmith & Silversmith
Manufacturers & Repairs

Now also available a large selection of trophies

Sir Paul Boffa Avenue, Zejtun - Tel: 21673928/27673928

Open Hours: 08.30 - 12.00 16.00 - 19.00

Wasalna qrib il-festa fejn bdejna nagħlqu l-qofol ta' sena ħidma. Ħafna rtokki, ħafna ġiri, ħafna permessi, ħafna uġiegħ ta' ras u ħafna ħin barra 'il bogħod mill-familja. Bl-għajnuna tal-kumitat u l-iktar tal-president Alex Caruana ħdimna biex intellgħu arblu ieħor fuq il-bejt tal- post il-ġdid. Saret arpa ġdida għall-arblu maħduma minn Rennie Mizzi, il-ħadid mill-membri tal-kummissjoni Ernest Cassar u John Taylor flimkien ma' Jurgen Camilleri. Il-blokka saret minn Jason Cutajar flimkien ma' Renald Busuttil bl-assistenza tal-Perit Michael Schembri u Alex Caruana.

Din is-sena l-kummissjoni ħasbet li għandha bżonn garaxx għall-armar li qegħdin inżidu u dan sar kollu mill-fondi li qegħdin niġbru. Dan il-ħsieb sar wara li qed naraw il-viżjoni li jkollna garaxx komdu biex nerfgħu fih.

Kellna grupp tal-manutenzjoni bħal Frans Cassar vera kien ta' għajnuna għal kull ħaġa li jkollna bżonn u dejjem insibuh hemm biex dan jitlesta fil-ħin. Il-PRO tal-kummisjoni, Jonathan Bonnici, kellu sfida kbira biex jieħu ħsieb il-PR ta' kull attività. Kien ilesti l-posters u waqt l-attività, kien itella' ritratti fuq il-Facebook page tal-kummissjoni. Il-kaxxier dejjem jieħu ħsieb li jkollu r-rendikonti ddettaljati biex dejjem inkunu siguri għal kull ħaġa li ssir u meta nkunu irridu nagħmlu nefqa, ikollna moħħna mistrieħ li l-kummissjoni qegħda fi stat li tista' issir. Is-segretarju Clint Balzan, apparti x-xogħol tas-segretarju tal-kummissjoni, jieħu ħsieb biċċa kbira mill-piż tal-kummissjoni.

Kull ma jkun qed isir dejjem tarah hemm biex ikun jaf u jara li l-affarijiet huma siguri u kollox kif għandu jkun mingħajr ma jweġġa' ħadd. Apparti minn hekk, jagħmel ħafna manutenzjoni mas-Sur John Taylor, Ernest Cassar u Frans Casssar.

Din is-sena saret manutenzjoni fuq l-arblu ta' wara, li wara 12-il sena ma jinżel, ħassejna l-ħtieġa li jinżel. Dan il-proġett ħa ħsiebu kollu kemm hu s-sur Clint Balzan. L-arblu tqaxxar għall- injam u saret il-manutenzjoni li kellu bżonn, reġa' nżebagħ u nxtrawlu ħbula ġodda, globu ġdid u bozza ġdida. Nista' ngħid li għandna nies kapaċi u ta' ħila fil-kummissjoni.

Komplejna bir-renovazzjoni tal-kamra u komplejna nħarsu l-armar li għandna billi ntuh l-importanza u ma nitilquhx biex jibqa' jtina aktar snin. Wara li xtrajna l-propjetà, iddeċidejna li isir xi moviment fl-armar tal-pjazza. Il-pavaljun ta' fuq, għal din is-

NINETEEN
NINETY
OPEN



TAGHNA

sena jiġi livell mal-bejt u żidna d-drapp għat-tieqa l-ġdida. Il-ħjata ta' Stephen Duca u disinn u sfumar mill-artist Paul Muscat.

Qabel nagħlaq nixtieq li nerġgħu nżommu l-appuntament tagħna għall-marċ tat-Tnejn fejn għall-ħruġ min-niċċa se jkollna sorpriża oħra li se tkun qed tpaxxi lil kull min jiġi jaraha. Nagħlqu l-qofol tal-marċ flimkien mal-Band Drop Out u DJ Nate biex jallegrawna tul is-serata kollha.

Nagħlaq dan il-messaġ billi, l-ewwel nett, nirringrazzja lill-familja tiegħi tas-sagrifiċċju li jagħmlu biex jien inkun nista' nagħmel dan ix-xogħol ma' sħabi u ta' kemm insibhom ta' sapport. Nirringrazzja lill-isponsors li jgħinuna ħafna matul is-sena u fil-festa għax kieku ma jkunux huma, aħna ma nagħmlux ħafna affarijiet għax kif jgħid il-Malti, bla flus la tgħannaq u lanqas tbus. Hekk hu, kieku ma jkunux dawn in-nies, ma nagħmlu xejn. Nirringrazzja lil sħabi tal-kummissjoni li fil-ħin li jistgħu, nagħmlu l-mirakli għax xogħol kbir isir.

Bilwieqfa mix-xellug għal-lemin: Ernest Cassar, Comm. John Taylor KCHS, Jonathan Ellul Bonnici, Frans Cassar **Bilqiegħda mix-xellug għal-lemin:** Paul Gafà, Benji Caruana, Clint Balzan

Nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat eżekuttiv ta' kemm insibhom hemm spalla ma' spalla magħna speċjalment lill-uffiċjali tal-każin għax meta niġu daharna mal-ħajt, huma ikunu biex ningħaqdu u nagħmlu kuraġġ lil xulxin. Nixtieq nirringrazzja lill-partitarji u soċi ta' kemm huma ammiraturi u ta' għajnuna meta niġu bżonn.

Nirringrazzja lir-residenti ta' Birżebbuġa tal-paċenzja li tieħdu bina u talli tkunu ġenerużi meta niġu nħabbtu door-to-door. Nirringrazzja lin-nanna tiegħi li ħalliet din id-dinja fil-bidu tas-sena ta' kemm kienet ta' sapport għalija.

Nirringrazzja lil mara tiegħi ta' kull ma tagħmel miegħi u ta' kemm ittini kuraġġ biex nagħmlu iktar biex in-nies ikunu jistgħu jiġu u jieħdu gost magħna. Fl-aħħar u hux l-inqas, nirringrazzja lil Alla u lil San Pietru talli jżommu jdejhom fuqna kollha.

Viva San Pietru l-Patrun
tagħna l-Birżebbuġin

Viva Banda Birżebbuġa

Ilħna Ferħana – 20 Sena Wara

Marouska Bonnici B.A.(Hons)

Kor Xmun Pietru

Insellem lill-qarrejja kollha li għal sena oħra qegħdin issegwu din il-pubblikazzjoni annwali tas-Soċjetà tagħna u li fiha jingħata leħen għal kull sezzjoni fi ħdanha. Il-kor Xmun Pietru, kif jixraq ukoll iwassal leħnu hawnhekk, għaliex għalkemm forsi ma nidhrux fil-bini tas-Soċjetà daqs il-ħaddiema li jaħdmu bil-għaraq ta' xbinhom, inkunu hemmhekk, ġieli anke fis-satra tal-iljieli.

X'jinvolvi x-xogħol?

Ix-xogħol korali jitlob ċerti arranġamenti, u dan huwa xogħol illi ħafna drabi ma jidhirx. Il-mużika li nkunu qegħdin nippreparaw tiġi addattata għall-kor tagħna, Soprani u Kontralti, fi kliem illi jifhimhom kulħadd, nisa li jkantaw fil-għoli u nisa li jkantaw fil-baxx. Din hija l-vuċi li tana l-ħallieq.

Inutli li Kontralto tipprova tkanta ta' Soprano u viċi-versa, għax il-vuċi hija strument naturali u għalhekk ma nistgħux nilagħbu mal-kordi vokali.

Uħud mis-siltiet ukoll, ikunu jeħtieġu permess speċjali sabiex jiġu esegwiti. Waħda minnhom hija silta li esegwejna fil-kunċert tal-Ġimgħa Mqaddsa, fejn tlabna l-permess tal-familja tal-kompożitur sabiex inkunu nistgħu nesegwixxu silta partikolari. Kif wasal il-permess, Chris beda jagħmel l-arranġament, minħabba li din hija miktuba oriġinarjament għal kor unisonu (fuq vuċi waħda) tal-irġiel. Dan kollu juri kemm il-preparazzjonijiet jieħdu l-ħin sabiex noħorġu ta' nies.

Matul din is-sena

Jidher illi l-Kumitat Ċentrali qed japprezza l-ħidma li nagħmlu bħala kor, għax ta' kull sena qegħdin iżidulna s-servizzi. Wara l-festa titulari ta' San Pietru Appostlu, fejn kantajna għall-ewwel darba bħala kor Xmun Pietru wara ħafna snin u ma ngħaqadniex ma' kor mistieden, bdejna mill-ewwel bil-preparazzjonijiet għas-sehem tagħna fi żmien il-Milied Imqaddes.

Nhar is-Sibt 20 ta' Diċembru 2025, huwa wieħed mill-aktar servizzi li nieħdu gost inwettqu ta' kull sena, meta flimkien ma' element mill-Banda Birżebbuġa, immorru nferrħu lir-residenti tal-Isptar Karin Grech. Huwa mument mill-isbaħ fejn fi żmien ta' ċelebrazzjoni u ferħ, immorru fejn min jinsab l-aktar fil-bżonn tal-kumpanija.

Jumejn wara, il-Kor Xmun Pietru reġa' ħa sehem flimkien mal-Banda Birżebbuġa fil-kunċert annwali tal-Milied. Flimkien mal-banda kantajna diversi siltiet ta' dan iż-żmien u xi daħka ma naqsitx, speċjalment meta din id-darba, il-preżentatatriċi Amy Vella għamlet ċajta fuq Chris. Paċenzja, Ħadd wara Ħadd, tasal ta' kulħadd, u min is-soltu jara kif jagħmel biex joħloq xi vittma, din id-darba spiċċa l-vittma hu nnifsu.

Ħadna gost kbir ukoll hekk kif mal-kor Xmun Pietru ħadu sehem ukoll it-tfal tas-Soċjetà billi kantaw u daqqew flimkien. Għallimniehom aħna wkoll, il-membri tal-kor Xmun Pietru u morna tajjeb. Naħseb illi d-direttur ta' dan il-kunċert, mhux se jgħidilna le biex nerġgħu nkantaw mal-banda u jieħdu sehem ukoll it-tfal.

Inqas minn xahar wara, nhar l-14 ta' Jannar 2026 kantajna fil-quddiesa tradizzjonali, quddiesa ta' radd il-ħajr f'għeluq is-36 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà. Kienet quddiesa sabiħa u bl-innijiet li kantajna ħadna gost, għax il-kongregazzjoni kompliet magħna.

Nhar is-Sibt 21 ta' Frar, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur, Mro Michael Bugelli, għall-ewwel darba wara ħafna snin ipparteċipajna fil-kunċert annwali tal-Banda Birżebbuġa billi ħadna sehem f'erba' siltiet mużikali impenjattivi.

Dan il-programm ukoll ra s-sehem tat-tfal fl-eżekuzzjoni tal-innu popolari lil San Pietru Appostlu, propju Lejlet il-Festa Liturġika tal-Katedra tiegħu.

Bdejna r-Randan u l-preparazzjonijiet issoktaw,

din id-darba għall-kunċert Virgini Perdolenti li għal darba oħra ttella' fil-kappella Medjevali ta' San Ġorġ Martri, f'Birżebbuġa. Din id-darba żammejna t-tradizzjoni li kantajna silta a cappella jiġifieri mingħajr akkumpanjament mużikali, silta qawwija ħafna minn Taize. Apparti hekk, akkumpanjati mill-orgni kantajna t-Tantum Ergo all'unisono in coro, kompożizzjoni tas-sena 1920 minn Mro Giuseppe Camilleri, f'għeluq il-50 sena mill-mewt tiegħu, li seħħet nhar il-Ħamis 19 ta' Awwissu 1976.

La darba semmejt l-orgni, nixtieq illi pubblikament nirringrazja minn qalbi lill-organista Maria Daniela Farrugia, illi mhix minn Birżebbuġa, imma tara kif kull prova li jkollna tattendi. F'Marzu, konna għaddejjin bħala familja minn mument diffiċli minħabba inċident illi nqalagħlna, u biex ma nitilfux provi, Maria Daniela, kienet toqgħod tinżel mill-Qrendi u tagħmel il-provi hi. Maria Daniela ħaqqha kull rispett daqs kull min jagħti sehmu fis-Soċjetà.

Nirringrazzja wkoll lis-Surmast tal-Kor Xmun Pietru, Mro Christopher Bonnici tal-arranġamenti u tad-dedikazzjoni tiegħu. Biżżejjed ngħid, illi ċerta mużika li qegħdin nesegwixxu, qatt ma ħlomna li nkunu qegħdin nagħmluha. Grazzi għall-paċenzja li jieħu bina, għax aħna ma aħniex vuċijiet professjonali, imma waqt il-provi jispjega b'ħafna paċenzja u jara kif joħroġ l-aħjar ta' kull waħda minnha.

Lilkom sħabi l-koristi kollha, ma nafx kif se naqbad nirringrazzjakom għas-sehem tagħkom matul is-sena kollha, ta' kull meta nsejħilkom u tiġu b'imħabba lejn il-kant u lejn is-Soċjetà li turi fiduċja fina.

Grazzi lilkom it-tmexxija tas-Soċjetà għall-fiduċja tagħkom fina u talli tinvolvuna. Bħal dejjem, inħeġġeġ iktar nies jingħaqdu magħna, iktar kemm inkunu aktar inżidu xogħol u mużika.

Niltaqgħu fil-programm annwali tal-festa titulari, nhar is-Sibt 1 ta' Awwissu, fuq il-planċier, f'Misraħ il-Knisja, propju quddiem is-sede tas-Soċjetà tagħna.

Viva San Pietru
u Viva l-Kor Xmun Pietru!

Mix-xellug għal-lemin: Marouska Bonnici, Amy Briffa, Josephine Spiteri, Mro. Christopher Bonnici, Marisa Cutajar, Anna Scicluna
Neqsin mir-ritratt: Margaret Demajo White, Annabelle Gatt, Maria Anna Mifsud, Samanda Xerri, il-Pjanista Maria Daniela Farrugia

Messaġġ mill-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar

Eman Farrugia

Għeżież Soċi,

Hekk kif reġa' wasal Lulju, jerġa' jasal iż-żmien fejn nagħtikom rendikont tax-xogħol li jkun sar matul din is-sena b'sagrifiċċju kbir. Il-ħidma fil-post tan-nar kważi ma taqta' xejn. Hekk kif tgħaddi l-festa, l-ewwel nibdew billi ndaħħlu l-kanni f'posthom u nnaddfu l-għelieqi tal-ħruq mill-karti u skart ieħor li ġġib miegħu l-festa.

Eżattament wara jinħaraq iż-żarġun għall-fatham u jibda x-xogħol ta' beraq u tappijiet, brim ta' vajjina u xogħol ieħor relatati mal-logħob tan-nar.

Din is-sena wara ħidma konġunta bejn is-Soċjetà u l-Lands Authority, is-Soċjetà rnexxielha takkwista b'kirja, l-għalqa magħrufa bħala l-Gunpost. Dan sar biex fir-raħal ikollna post garantit fejn se jinħaraq il-logħob tan-nar mill-pirotekniċi tagħna.

Ta' min isemmi li dan l-aħħar snin kienet qiegħda tkun sfida kbira biex insibu post adegwat bħal dan. Minn qalbna nirringrazzjaw lil Onor. Dr Owen Bonnici, il-President Alex Caruana, Jason Vella, Aidan Vella u Steve Briffa li kienu strumentali biex isseħħ din il-ħolma.



Bħal kull sena l-Għaqda tagħna reġgħet ħadet somma mill-Kunsill tal-Arti fejn investejna fi pressa tal-funtani ġdida. Din inħadmet minn Daniel Bezzina u mħallsa b'fondi tal-Kunsill tal-Arti.

L-Għaqda tagħna reġgħet ħadet sehem fil-Malta International Fireworks Festival li sar f'April fil-Port il-Kbir. Wirja spettakolari ta' 3 minuti mimlija blalen, fjammi, qsim tal-beraq, disinji u ħafna xogħol pirotekniku u li ħriġna sodisfatti ferm. Għal din is-sena ħadna sehem mal-Għaqda tan-Nar San Ġużepp Kalkara.

Il-ħidma ġewwa l-garaxxijiet ma taqta' xejn. Il-membri tagħna għaddejjin b'ħidma fuq biċċiet tan-nar tal-art ġodda u din is-sena għandna għodda ġdida biex tintuża għan-nar ta' barra r-raħal.

Apparti dawn il-membri, ma nistax ma nsemmiex lil Sunny Bonnici għax-xogħol kollu li jagħmlilna b'xejn matul is-sena kollha, lil Peter Camilleri l-Pajju għal ġarr tal-affarijiet u lil Jason Cutajar u Dennis Micallef tar-Roc-A-Go għal kulma jkollna bżonn.

Ix-xogħol ġewwa l-post tan-nar ma waqaf xejn. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lill-membri kollha li xemx, xita, bard u sħana, kuljum issibhom il-post tan-nar jaħdmu għall-festa. Bla dubju nirringrazzjaw lill-membri tal-Kamra tan-Nar Madonna taċ-Ċintura Gudja, immexxija mil-Licencee s-Sur Marlon Mangion talli għal sena oħra ospitawna fil-post tan-nar.

Ringrazzjament ieħor imur lil Perit Michael Schembri, il-Perit Toni Bezzin u l-Ing. Stanley Zammit tal-koperazzjoni li nsibu mingħandhom għal xogħol relatat ma' permessi.

Fl-aħħar nixtieq nawgura lil sħabi għax-xogħol kollu li jagħmlu, lil Angie Muscat tal-ġbir minn jeddha għall-festa, lill-familji tagħna tal-paċenzja li jieħdu, lis-soċi u lin-nies kollha ta' Birżebbuġa.

Viva San Pietru
Viva l-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar

Ħruq għal barra mir-Raħal mill-Għaqda tan-Nar 22 ta’ Frar

25-04-2026	Il-Port il-Kbir, il-Belt Valletta	Nar tal-Ajru
04-07-2026	Sacro Cuor, Tas-Sliema	Nar tal-Art
10-07-2026	Tal-Karmnu, il-Fgura	Waterfall
15-07-2026	Tal-Karmnu, il-Belt Valletta	Nar tal-Art
18-07-2026	San Ġużepp, il-Kalkara	Nar tal-Art
09-08-202	San Lawrenz, il-Birgu	Nar tal-Art u tal-Ajru
22-08-2026	Santa Marija, Ħad-Dingli	Nar tal-Art
29-08-2026	San Ġiljan, San Ġiljan	Nar tal-Art
05-09-2026	San Girgor, Tas-Sliema	Nar tal-Art

Inwettqu l-Ħolmiet... għax fejn hemm l-Għaqda hemm is-Saħħa!

Luca Galea

Grupp Teatrali 14 ta' Jannar

Reġa' wasal Awwissu, u dan ifisser li waslet il-festa tant għażiża għalina tal-patrun tagħna San Pietru. Ifisser ukoll li għall-Grupp Teatrali 14 ta' Jannar, għaddiet sena oħra ta' ħidma. Din is-sena kienet waħda unika u irrepetibbli. Dan għaliex kienet l-ewwel sena li l-Grupp kellu jkompli mingħajr il-pruwa tiegħu, l-eks direttur u l-mibki ħabib tagħna Steven Farrugia, li minn qalbna nsellmulu lkoll. Avolja Steven m'għadux magħna, mingħajr dubju l-ħolmiet li kellu, baqgħu...

Għal sena oħra, kellna dħul ta' membri ġodda fil-Grupp biex ikompli jimxi 'l quddiem fil-ħidma tiegħu. Fit-22 ta' Novembru 2025 wasal il-palk jiżżarma, proprjetà tal-Grupp li tant kien ilu mistenni fis-Sede tas-Soċjetà. Dan seta' jkun possibbli bil-fondi mogħtija lilna mill-Unjoni Ewropea, grazzi għall-Kunsill Malti għall-Volontarjat u l-bżulija u l-għaqal tal-Grupp Teatrali u s-Soċjetà kollha. Ringrazzjament speċjali jmur lis-sotto kumitati tan-Nar u tal-Armar tal-għajnuna tagħhom f'dan l-aspett.

Mument ieħor sabiħ kien il-Pasta Night tal-5 ta' Diċembru. Din kienet l-ewwel ikla organizzata

mill-Grupp u li kienet ta' suċċess. Fiha laqgħet ħafna nies inkluż numru ta' atturi, ilkoll diġà bil-ħsibijiet tar-rappreżentazzjonijiet li kienu ġejjin 'il quddiem.

Fil-programm mużikali annwali li torganizza s-Soċjetà fl-okkażjoni tal-Festa tal-Katedra ta' San Pietru, fejn ħadna ħsieb l-armar tad-dawl għall-programm, il-Grupp Teatrali sellem il-memorja ta' Steven billi rregala marċ funebri lis-Soċjetà kompost minn Mro Francesco Barbara msemmi 'Ecce Homo! - L-aħħar kelmtejn ta' Steven Farrugia'. Dan l-istess marċ indaqq għall-ewwel darba fl-24 ta' Marzu fil-Kunċert Virgini Perdolenti.

Patt Qarrieq... dan kien it-titlu magħżul mid-direttur Klein De Bono għall-aħħar kitba mill-pinna ta' Steven dwar il-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. L-għażla tal-atturi bdiet wara l-festa tat-2025, biex minkejja ħafna ostakli, il-kast ta' madwar 50 ruħ kien magħqud sal-bidu tal-provi f'Jannar ta' din is-sena. Inxtraw u saru kostumi u lbiesi ġodda biex isebbħu l-palk. Grazzi għal bosta nies tal-għajnuna tagħhom partikolarment lil Walter u Sue Pace li dejjem insibuhom ta' spalla għall-Grupp. Il-provi bdew mexjin ġmielhom biex kollox ikun lest għall-ħames rappreżentazzjonijiet li kellhom isiru fil-Ġimgħa Mqaddsa bejn id-29 ta' Marzu sat-3 ta' April, fis-Sala Anthony Camilleri.

Il-ġurnata ta' Ħadd il-Palm waslet, u għall-ħabta tal-ħdax u kwart bdiet l-ewwel rappreżentazzjoni ta' Patt Qarrieq, b'tifkira ta' Steven Farrugia. Rappreżentazzjoni f'sala mifqugħa bin-nies li ntlaqgħet tajjeb ħafna mill-pubbliku u kienet ta' livell għoli u ta' suċċess kbir. Dan il-livell kif ukoll l-attendenza, inżamm sal-aħħar rappreżentazzjoni fil-Ġimgħa l-Kbira hekk kif waqa' s-separju fuq Patt Qarrieq. Dan kollu kien possibbli grazzi għad-direttur, il-membri tal-Grupp Teatrali, l-atturi, il-kumitat ċentrali u s-sezzjonijet diversi tas-Soċjetà, speċjalment it-

tim tal-PR, l-isponsors u dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw l-għajnuna tagħhom.

Minn hemm komplejna nħarsu 'l quddiem. Ħadd qatt ma basar li stajna ntellgħu rappreżentazzjoni professjonali bħal din wara t-telfa ta' Steven. Iżda bis-saħħa tal-għaqda u l-ħbiberija li għandna bejnietna, u bl-imħabba u l-impenn lejn is-Soċjetà, dan kollu kien possibbli biex inkomplu nelevaw isem is-Soċjetà tant għall-qalbna 'l fuq u anke biex stajna nwettqu l-ħolma ta' Steven li tittella' din il-kitba tant impenjattiva u sabiħa fuq il-palk.

Bħalissa għaddejjin il-pjanijiet u preparazzjonijiet biex lejn l-aħħar ta' Settembru, il-Grupp itella' kummiedja kitba ta' Klein De Bono fl-Iskola Primarja ta' Birżebbuġa. B'hekk il-Grupp ikompli jkabbar ir-repertorju tiegħu barra dak ta' żmien il-Ġimgħa Mqaddsa. Inħeġġukom biex tiġu tarawna!

B'hekk nagħlaq dan il-messaġġ sabiħ għal din is-sena. Minn qalbi nixtieq nirringrazzja lil sħabi kollha tal-Grupp Teatrali, tal-ħbiberija ġenwina tagħkom u talli dejjem tkunu lesti sabiex tgħinu lis-Soċjetà fejn ikun hemm bżonn. Grazzi wkoll tmur għall-familjari tagħna għas-sapport kontinwu tagħhom.

L-aħħar u mhux l-inqas, grazzi speċjali lil Klein li rnexxielu jimla l-vojt li ħalla warajh Steven biex b'hekk qed inħarsu 'l quddiem għall-aktar suċċessi flimkien. Inkomplu noħolmu u nwettqu... Tislijiet.

Viva San Pietru u Viva tal-Ilġun!

Bilwieqfa mix-xellug għal-lemin: Nathaniel De Bono, Renald Busuttil, Rachel Galea, Calvin Joe Baldacchino, Robert Baldacchino
Bilqiegħda mix-xellug għal-lemin: Reyhan Vella, Andre Galea, Klein De Bono, Luca Galea, Carly Victoria Busuttil

Rainbow
STATIONERY

- Printing sent via email:
printedbyrainbow@gmail.com
- Photocopy B&W and Color
- Lamination
- Binding
- Book Covering
- Newspapers & Magazines
- Gifts
- Cards & Party Decorations
- Crafts Items
- Reading Books
- Toys
- Stamps
- Tobacco
- Ink Cartridges
- Mobile Top-Up Cards
- One For All Vouchers

Services
- Fresh Flowers (by order/delivery)
- Laundry (drop off/pick up)
- Watch Repair (drop off/pickup)

For more info
Mobile/WhatsApp - 99264748
Telephone - 27661702
Email - rnbstb@gmail.com

Follow us on Facebook
Rainbow Stationery Birzebbuga

Messaġġ Mis-Surmast Direttur

Mro Michael Bugelli A.T.C.L

Iż-żmien igerbeb. Diġa ilna 36 sena mwaqqfin. Inħossni onorat li ili nokkupa din il-kariga ta' surmast direttur mal-Banda Birżebbuġa, banda li rajtha titwieled, tibda mix-xejn u tikber u ssib postha qalb il-baned l-oħra ta' Malta.

Din is-sena s-Soċjetà tagħna reġgħet kabbret is-sede tagħha b'binja antika ħafna fil-pjazza ta' Birzebbuġa. Jien ninsab ċert li t-tkabbir tas-sede huwa dejjem ta' vantaġġ, anke mil-lat mużikali. Bit-tkabbir tas-sede anke l-apparat u l-ispazju għall-banda u għall-mużika u għat-taghlim ikompli jikber.

Bħal kull sena l-banda tagħna kienet attiva s-sena kollha. Daqqet fil-Milied, fil-Karnival, fil-Ġimgħa Maaddsa, fl-Irxoxt, u issa fil-festa. Dan biex ma nsemmux l-ammont ta' servizzi mużikali f'diversi festi Maltin. Kellna wkoll servizzi speċjali bħal dak tat-turizmu f'Jannar kif ukoll fis-serata finali tal-Premjazzjoni tal-Malta International Fireworks Festival. Għamilna wkoll il-Programm Annwali ta' Frar li din is-sena tajnieh it-tema tal-Musicals. Issa fil-festa, l-banda se tkun attiva ħafna.

Nibdew mill-ħruġ min-niċċa, imbagħad it-Tlieta, il-Ħamis, il-Ġimgħa l-aħħar Jum tat-Tridu bid-dimostrazzjoni tal-Vara, il-Ħadd filgħodu tal-festa nagħmlu l-marċ il-kbir tal-iljun u filgħaxija nagħlqu bil-marċ tan-nar u tar-reffiegħa fejn inniżżlu l-vara ta' San Pietru minn fuq il-kolonna u ndaħħluha lura l-każin. Is-Sibt lejlet il-festa hija l-ġurnata li fiha nagħmlu l-programm mużikali

fuq il-planċier. Dan ikun mument importanti għalina għax nuru l-kapaċitajiet tagħna bħala banda. Din is-sena l-programm ser jerġa' jkun imżewwaq b'mużika sabiħa u tal-widna.

Nagħmel appell biex il-ġenituri jibagħtu lill-uliedhom jitgħallmu l-mużika mas-Soċjetà tagħna. Ikkuntattjaw lili bħala surmast direttur jew ikkuntattjaw lil xi ħadd minn tal-kumitat biex tgħaddulu d-dettalji u t-tagħlim ikun jista' jibda minnufih. It-tagħlim tal-mużika jagħmel ħafna ġid fil-formazzjoni tal-karattru.

Meta t-tfal jitgħallmu, jistudjaw u jattendu l-provi, jikbru u jagħmluha anke ma' nies differenti. Tajjeb tkunu tafu li l-iktar mużiċisti bravi li għandu pajjiżna fuq l-istrumenti tan-nifs u tal-perkussjoni kollha bdew jitgħallmu mill-baned mużikali ta' pajjiżna. Dan biex inneħħu l-perċezzjoni negativa u falza li hawn tiġri fost l-imħuħ ta' ċertu nies li jaħsbu li l-baned ma joffrux kwalità ta' formazzjoni mużikali tajba.

F'dawn is-36 sena li ili surmast kelli ħafna okkażjonijiet biex nitkellem ħafna fuq il-banda. Niddejjaq nirrepeti ruħi. Kulħadd għandu moħħ. Is-Soċjetà tagħna għandha parti kbira miċ-ċelebrazzjoni tal-festa, pero l-membri jridu jifhmu li s-Soċjetà għandha responsabbiltà kbira lejn il-banda. Dan mhux qed ngħidu għax jien is-surmast tal-banda imma għax ir-regoli stess tas-Soċjetà hekk jgħidu. Kulħadd, hu min hu, irid jifhem li l-banda għandha post speċjali fl-operat tas-Soċjetà.

Ħadd ma jista' jħobb il-qasam tiegħu u jinjora kompletament il-banda tas-Soċjetà. Il-banda titlob serjetà kbira u commitment kbir. Ma nistgħux niċċajtaw ma' dan il-qasam. Il-banda trid tittieħed bis-serjetà tul is-sena kollha. Żball wieħed, anke żgħir jaf jiswa lill-banda u lis-Soċjetà prezz għoli.

Nawgura lill-poplu kollu ta' Birżebbuġa l-festa t-tajba.

Bilwieqfa mix-xellug għal-lemin: Marvin Cassar, Matthew Borg
Bilqiegħda mix-xellug għal-lemin: Matthew Polidano, Mro. Michael Bugelli, Mro. Christopher Bonnici

It-Tagħlim *(Mużikali)* l-Għajn ta' Kull Ġid

Mro Christopher J. Bonnici B.A.(Hons); M.A.; ALCM; LLCM

L-Assistent Surmast, Għalliem tat-Teorija, Strumenti tar-Ramm u l-Perkussjoni

Doctrina Fons Omnium Bonorum, it-Tagħlim huwa l-Għajn ta' Kull Ġid. Hekk kien iħobb isostni l-qaddis tagħna l-Maltin, San Ġorġ Preca.

B'apoloġija lejh, żidt kelma oħra: It-Tagħlim Mużikali huwa l-Għajn, il-Bidu, il-Funtana ta' kull ġid. U lilhinn mill-eżamijiet u mis-suġġetti akkademiċi, il-mużika hja dak is-suġġett illi jagħti pjaċir lil min jistudjah u lil min jisimgħu.

Kulħadd huwa mużikali, anke dawk li ma jistgħux ikantaw b'intonazzjoni korretta jew ma jirrispondux għar-ritmu mużikali. Ma jeżistix programm wieħed li jaqbel mal-ħtiġijiet ta' kull persuna. Il-biċċa l-kbira tal-istudenti (sabiex insejħulhom hekk) huma attirati b'mod naturali lejn ir-ritmu u l-ħoss, fatt li jagħmilha aktar faċli li l-mużika tiġi integrata fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.

Diversi studji saru matul is-snin dwar it-tfal u ż-żgħażagħ, u anke l-adulti li ġew esposti kemm għall-apprezzament tal-mużika kif ukoll għat-tagħlim tagħha. Xi programmi jkunu effettivi ma' grupp partikolari ta' studenti iżda ma jkunux daqstant effettivi ma' oħrajn.

Imma meta l-aħjar illi jibdew jitgħallmu l-mużika t-tfal?

Teżisti letteratura differenti dwar meta huwa l-aktar żmien addattat sabiex it-tfal jibdew jiġu esposti għall-mużika u dwar il-benefiċċji li dan iġib miegħu meta jibda minn età bikrija. Sabiex wieħed jifhem dan, huwa meħtieġ illi jifhem kif jaħdem il-moħħ fit-trabi u kif il-mużika tista' sservi bħala forma ta' terapija għal tfal u studenti bi bżonnijiet differenti. Huwa importantili,metat-trabijiġuintrodotti għall-apprezzament mużikali, il-persuna li tkun qed tiggwidahom tkun konxja mill-istili mużikali differenti li tista' tippreżentalhom. Mhux il-ġeneri kollha tal-mużika jkunu adattati għal kull sitwazzjoni. Il-mużika tgħin ukoll fl-iżvilupp tal-kontroll tal-kitba fit-tfal u tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kisbiet akkademiċi tagħhom.

Qabel ma jiġu introdotti metodi edukattivi jew terapewtiċi, huwa essenzjali li nifhmu l-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull tifel, tifla jew żagħżugħ.

F'dawn l-aħħar snin, dan il-kunċett sar magħruf bħala n-newrodiversità. Definizzjoni ġenerali tan-newrodiversità tiddeskriviha bħala "żvilupp newroloġiku atipiku li għandu jiġi rikonoxxut u rispettat bħal kull varjazzjoni oħra tal-bniedem".

Id-Double-Tongued Dictionary jirreferi għan-newrodiversità bħala "l-varjetà kollha tal-istrutturi jew tal-imġibiet mentali, psikoloġiċi u newroloġiċi tal-bniedem, li mhux bilfors għandhom jitqiesu bħala problematiċi, iżda bħala forom alternattivi u aċċettabbli tal-bijoloġija umana".

Sir Simon Hornby (1934–2010) isostni li t-tfal illi jisimgħu regolarment mużika ta' kwalità jiżviluppa kapaċitajiet aħjar ta' konċentrazzjoni u fehim tal-forma u l-istruttura. Sir Richard Greenbury (1936–2017) jikkumplimenta dan l-argument billi jsostni li d-dmir tal-adulti lejn it-tfal huwa li jipprovdulhom l-aħjar bidu possibbli fil-ħajja. Dan jista' jinkiseb billi tingħata importanza ugwali kemm lix-xjenzi kif

ukoll lill-istudji umani, peress illi l-edukazzjoni fl-arti liberali tgħin fl-iżvilupp tal-kreattività u l-immaġinazzjoni tal-istudenti. Sir John Quinton (1929–2012) jargumenta li edukazzjoni li tinkludi l-mużika u l-arti kollha hija aspett essenzjali biex tinbena bażi soda għall-iżvilupp u l-milja personali tat-tfal fil-futur.

Eric Jensen (1950–) jemmen illi l-edukazzjoni fil-mużika u fl-arti għandha benefiċċji akkademiċi u soċjali pożittivi, li jistgħu jitkejlu u li jdumu fit-tul. Fil-fatt, evidenza sostanzjali tissuġġerixxi li edukazzjoni komprensiva fil-mużika u fl-arti għandha tkun obbligatorja għal kull student f'kull pajjiż.

Dawn l-istqarrijiet saru matul is-seklu li għadda. Madankollu, jekk wieħed imur lura għall-filosfu Grieg Platun, is-suċċessur ta' Socratè u l-predeċessur ta' Aristotli, isib riflessjoni interessanti ħafna dwar l-esponiment għall-mużika:

"L-edukazzjoni permezz tal-mużika hija l-aktar waħda sovrana, għaliex aktar minn kull ħaġa oħra, ir-ritmu u l-armonija jsibu triqthom lejn l-aktar parti profonda tar-ruħ u jieħdu pussess qawwi tagħha, filwaqt li jġibu magħhom u jittrasmettu l-grazzja, jekk il-persuna tkun imħarrġa kif suppost."

Għal sena oħra, qed nipprova ninqata' mill-kitba tradizzjonali u nagħti ħarsa ħafifa lejn xi studju li nkun qed nagħmel fil-qasam mużikali u nemmen illi huwa ta' interess għalikom għeżież qarrejja. B'hekk nifhmu kemm il-mużika fiha biss benefiċċji.

Artiklu bħal dan jagħtini daqsxejn xogħol mhux ħażin, għax ikolli noqgħod naqilbu għall-Malti, għalkemm inqerr magħkom, daqsxejn Intelliġenza Artifiċjali fit-traduzzjoni, nuża wkoll.

It-Tagħlim Mużikali fis-Soċjetà

Huwa minħabba din il-letteratura kollha (u aktar magħha) li nsostni li m'hemmx bżonn stennija li t-tfal jibdew jikbru u jagħlqu ċerta età sabiex jitgħallmu l-mużika. Meta jistaqsuni jistgħux jibdew, it-tweġiba dejjem tkun iva.

Imbagħad, skont l-età nibdew minn fejn ikun jixraq lill-individwu, għax it-tagħlim mużikali ma jsirx biex inżidu n-numru, imma sabiex ngħallmu, sabiex nobdu l-funzjoni li għaliha

twaqqfet is-Soċjetà. Naturalment, din il-ħaġa nista' nagħmilha għax studjajt dwar dawn it-temi, għax inkella ma nkunx naf x'għandhom bżonn it-tfal biex jieħdu pjaċir, u minflok ikolli 27 alliev, ma jkolli xejn għax ingerrixhom kollha.

Dawk illi bdew jistudjaw magħna meta kellhom ħames snin, illum diġà ġabu Grad 2 fit-Teorija Mużikali, u se jkunu qed jiddebuttaw mal-Banda Birżebbuġa fiż-żmien qarib. Daqstant tagħmel ġid l-edukazzjoni mużikali minn età żgħira!

Nifirħu mill-qalb lil Amy Vella u lil Nina-Marie Cutajar illi għal darba oħra għamlu eżami tal-London College of Music f'isem is-Soċjetà tagħna u għal darba oħra, mhux biss għaddew, imma ġabu distinzjoni, marki tal-ogħla livell.

Jekk Alla jrid, serrħu raskom għeżież membri u partitarji, sakemm nibqa' magħkom, jekk Alla jrid, ibqgħu stennew ħemel ta' riżultati bħal dawn! Jekk Alla jrid, f'Novembru li ġej, se jkollna aktar. Lil Amy u Nina-Marie, nagħtuhom iċ-ċertifikat propju f'Misraħ il-Knisja, Lejlet il-Festa Titulari, waqt il-programm annwali tal-Banda Birżebbuġa.

Apparti minn hekk, jgħinuhom ukoll l-okkażjonijiet fejn idoqqu quddiem in-nies. Ta' kull sena, qed jipparteċipaw fi żmien il-Milied kif ukoll fil-kunċertin tal-allievi li l-ewwel sena ttella' fir-rebbiegħa u s-sena l-oħra ttella' fil-ħarifa. Jekk Alla jrid, hekk se jerġa' jsir, nittamaw għall-ħabta ta' Ottubru jew Novembru.

Il-Festa

Għal darba ohra, wasalna ghall-festa tagħna, u ninsab ferħan illi ghal sena ohra sejrin naraw mużicist jingħaqad mal-banda taghna għall-ewwel darba. Nilqa' b'ferh lil Matthew Ellul fuq l-Althorn.

Naturalment, dawn huma l-kontinwazzjoni tal-banda tagħna. U sabiex inkomplu nħeġġu aktar nies jingħaqdu magħna, inħeġġeġ lilkom ġenituri u nanniet, sabiex jekk Alla jrid, nhar

il-Ħadd 2 ta' Awwissu, fil-11:00pm niltaqgħu ħdejn il-kolonna ta' San Pietru tas-Soċjetà sabiex it-tfal tagħkom jakkumpanjaw lill-banda bi strumenti perkussivi waqt il-Marċ tan-Nar u tar-Reffiegħa, kif drajna nagħmlu matul dawn l-aħħar snin. M'hemmx bżonn ikunu jafu xi mużika, ejjew, ġibuhom magħkom ħalli jieħdu gost.

Minkejja li fil-festa nidhru avversarji, nixtieq illi f'din il-kitba, f'ismi personali nsellem lill-eks-Surmast Direttur tal-Banda San Pietru fil-Ktajjen, Vincent Bonnici li temm il-kariga tiegħu u nawgura lill-ħabib tiegħi, Birżebbuġjan, Matthew Fenech għall-ħatra tiegħu ta' Surmast Direttur tal-istess banda.

Matthew Ellul huwa minn Ħal Tarxien u ilu jistudja l-mużika għal dawn l-aħħar tmien snin.

L-ewwel beda jistudja l-kurunetta mal-Banda Anici ta' Ħal Qormi, u aktar tard kompla mal-Banda Birżebbuġa u anke mal-Banda l-ġdida, Madonna tad-Duttrina ta' Ħal Tarxien.

Minħabba li ħassu iktar komdu, qaleb u beda jistudja l-Althorn. Matthew qed jistudja wkoll it-Teorija, u jekk Alla jrid, f'Novembru se jkun jagħmel Grad 1 tal-London College of Music.

Huwa supporter tal-Manchester City u tat-tim Ingliż. Huwa student tal-Istitut għall-Istudji Turistiċi (ITS) u l-ħolma tiegħu hija li jkun chef ta' livell u jissokta miexi 'l quddiem fl-arti mużikali.

Grazzi

Fuq bażi personali, irrid illi nirringrazzja lis-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa A.D.1990 tal-appoġġ illi taw lili u lill-Cappella Exultet għall-kunċert kommemorattiv f'għeluq il-50 sena mill-mewt ta' Mro Giuseppe Camilleri li tellajna fil-knisja Arċipretali ta' Stella Maris, Tas-Sliema.

Kont ferħan ħafna li f'dan il-kunċert ipparteċipaw is-Surmast Direttur Michael Bugelli, il-President Alexander Caruana u l-mużiċist tal-post Kristian Kurt Cassar. Apprezzajt ferm illi għalkemm xtaqt nara l-preżenza uffiċjali tas-Soċjetà, silfulna t-timpani kif ukoll is-sala prinċipali Anthony Camilleri sabiex nagħmlu l-provi fiha.

Grazzi tal-ħidma lill-President u l-uffiċjali, il-Kumitat, flimkien mal-fergħat kollha tas-Soċjetà, il-membri u l-partitarji numeruż tagħna, illi flimkien naħdmu sabiex intellgħu festa mill-aqwa lill-Appostlu Missierna San Pietru.

Grazzi kbira wkoll lis-Surmast Direttur Michael Bugelli għall-ħidma kbira flimkien ma' sħabi l-għalliema, Ludwig Noel Desira u Matthew Polidano. Grazzi wkoll lilkom mużiċisti u allievi, flimkien mal-għeżież tagħkom, illi intom ir-ruħ tal-Banda Birżebbuġa.

Ma rridx nagħlaq mingħajr ma nsemmi lil sħabi tal-kor Xmun Pietru, illi taħt id-direzzjoni ta' marti Marouska, nipparteċipaw flimkien fid-diversi attivitajiet tas-Soċjetà.

Il-festa t-tajba lil kulħadd!
Viva l-Appostlu Missierna San Pietru!
Viva s-Soċjetà Filarmonika San Pietru!
Viva l-Banda Birżebbuġa – Tal-Iljun!

Messaġġ mill-Għalliem tal-Istrumenti tal-Qasba

Matthew Polidano M. Sc. in Sound and Vibration

Din is-sena, jiena bdejt fil-kariga tiegħi bħala l-għalliem tal-istrumenti tal-qasba mas- Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa.

Mill-istrumenti tal-qasba, jien kapaċi ndoqq il-flawt, is-sax, il-klarinett u l-obwe u nagħti dimostrazzjonijiet prattiċi lill istudenti waqt il-lezzjonijiet. B'kollox għandi ħames studenti li għandhom etajiet varjati: minn żgħażagħ sa adulti. L-istudenti qed jitgħallmu strumenti differenti, inkluż il flawt, is-sax alto, il-klarinett u l-batterija.

Waqt il-lezzjonijiet, l-istudenti jitgħallmu kif jindaqq l-istrument tal-għażla tagħhom, kif ukoll informazzjoni ġenerali fuq il-prattika tal-mużika li żgur tkun utli meta jingħaqdu mal-banda tagħna bħala bandisti.

Importanti li t tagħlim ma jiqafx malli student joħroġ mal-banda, imma dan huwa biss l-ewwel pass fit-triq ta' żvilupp bħala mużiċisti.

Din is-sena, se joħroġ l-ewwel student tiegħi bħala bandist: Marvin Cassar bis-sax alto. Marvin kien diġà bandist mal-banda tagħna bil-klarinett fi żmien il-bidu tal-banda.

Wara waqfa fis-servizz tiegħu bħala bandist, Marvin iddeċieda li jkompli jitgħallem il-mużika fuq strument differenti. Bl-għajnuna tal-esperjenza li kellu Marvin fuq il-klarinett, hu avvanza malajr u nieħu pjaċir ngħid li laħaq livell tajjeb biżżejjed biex jerġa' jingħaqad mal-banda tagħna.

Inħeġġeġ lil kull min jixtieq li jitgħallem strument tal-banda biex jistudja mal-banda tagħna. Nittama li l-banda tagħna tkompli tikber u jkollna aktar ma' min nieħdu gost indoqqu l-mużika.

Who are AllianceOrchestret and Chalmersbaletten?

Simon "På Stöd" Karlsson

The Alliance Orchestra of Gothenburg (AllianceOrchestret) is an energetic and fun-loving student orchestra from Chalmers in Gothenburg, Sweden. We entertain our audience with music, jokes and magic tricks. The orchestra loves to play all kinds of different marches and sometimes we mix in some modern classics. But most of all we like playing loud and fast.

50 years ago someone had the great idea that the orchestra and ballet should go to Mallorca for a vacation.

I've been told this was an exciting and appreciated trip, this vacation would get the name Mallis. 25 years later someone had the great idea to have a sequel to Mallis. This trip became Mallis 2.

Chalmersbaletten is a showdance group from Chalmers that dance to the tunes of the alliance orchestra, with a wide variety of dances ranging from circus-inspired clown shows, to 1920s jazz and modern pop.

Now another 25 years have passed and it's time to make it a trilogy, but this time we've decided to trade Mallorca for Malta and are ready for the trip of a lifetime Mallis 3: Maltis.

To everyone attending this celebration, thank you for welcoming us and letting us share our excitement for music and dance.

Tagħrif Mużikali tal-Programm Vokali u Strumentali tal-Festa Titulari ta' San Pietru fil-Ktajjen 2026

Tagħrif u kitba ta' Josef Schembri

Jidderieġi Mro Michael Bugelli A.T.C.L. Jieħdu sehem it-tenur Mark Camilleri, is-sopran Karen Camilleri, il-kantanta Riona Degiorgi, il-pjanista Sylvana Camilleri u l-Kor Xmun Pietru taħt id-direzzjoni ta' Mro Chistopher Bonnici u Marouska Bonnici.

Innu Popolari lil San Pietru - Mro Carmelo Pace
Dun Frans Camilleri (Ikanta l-Kor 'Xmun Pietru')

Dan l-Innu ġie kompost minn Carmelo Pace fuq kummissjoni tal-Kappillan Dun Ġużepp Minuti u żżanżan għall-festa tal-1962. Qabel dan l-innu, l-vara ta' San Pietru kienet tiġi milqugħa bl-Inno Pontificio, l-Innu tal-Papa. Nistgħu ngħidu li Dun Ġużepp Minuti mar għand l-aqwa żewġ min-nies li kien hemm fil-mużika u fil-kitba poetika għall-innijiet ta' dak iż-żmien. L-Innu Popolari tagħna ta' San Pietru huwa wieħed mill-isbaħ innijiet tal-festi li nsibu madwar Malta u Għawdex.

Under Blågul Fana - Marċ Militari
Viktor Widqvist (1881–1952)

Under Blågul Fana ("Taħt il-Bandiera Blu u Safra") huwa wieħed mill-aktar marċi militari magħrufa fl-Iżvezja u l-aktar kompożizzjoni popolari ta' Viktor Widqvist. Widqvist kien mużiċist militari u aktar tard sar wieħed mill-aktar diretturi ta' baned militari rispettati f'pajjiżu. It-titlu jirreferi direttament għall-kuluri tal-bandiera Svediża u jesprimi sens ta' kburija nazzjonali u identità kulturali.

Il-marċ inkiteb fl-1916, mija u għaxra snin ilu, fi żmien meta l-Ewropa kienet mgħarrqa fil-kunflitt tal-Ewwel Gwerra Dinjija. Madankollu, l-Iżvezja baqgħet newtrali matul il-gwerra kollha, u għalhekk il-marċ ma jfakkarx rebħiet militari iżda aktar l-għaqda u l-kburija tal-poplu Svediż. Sal-lum il-ġurnata, Under Blågul Fana jibqa' wieħed mill-marċi l-aktar eżegwiti fl-Iżvezja u huwa meqjus bħala simbolu mużikali tal-pajjiż.



Rinascita - Marcia Sinfonica - Gennaro Sibilano
Surmast Onorarju tal-Banda Birżebbuġa

It-titlu Rinascita jfisser "Twelid Mill-Ġdid" jew "Tiġdid". Is-surmast Onorarju tal-Banda tagħna, Mro Gennaro Sibilano kiteb din il-Marcia Sinfonica eżatt kif intemmet il-Pandemija COVID-19 u kif iġib isem l-istess marċ, b'din il-komposizzjoni huwa ried ifisser it-twelid mill-ġdid tal-ħajja u l-kultura tal-bniedem li matul

il-pandemija dawn ħadu daqqa ta' ħarta kbira, kważi mietu għal kollox. Dan il-marċ jirrifletti l-iżvilupp modern tal-marċ sinfoniku Taljan. Il-kompożitur tiegħu, Gennaro Sibilano, jappartjeni għall-ġenerazzjoni l-ġdida ta' kompożituri Taljani li taw ħajja ġdida lit-tradizzjoni rikka tal-baned fin-Nofsinhar tal-Italja. Biex wieħed japprezza tassew din il-kompożizzjoni, jeħtieġ jifhem il-karatteristiċi uniċi tal-banda Taljana. B'differenza minn ħafna tradizzjonijiet Ewropej oħra, il-banda Taljana żviluppat b'rabta mill-qrib mal-opra. Għal snin twal, il-bandisti kienu jdoqqu arranġamenti ta' arji operistiċi fil-pjazez sabiex iwasslu l-mużika lill-pubbliku. Għalhekk, il-mużika tal-banda Taljana żviluppat karattru melodiku li jfakkar ħafna fil-Bel Canto Taljan.

Fantasy on Capriccio Italien- Ibbażata fuq Capriccio Italien, Op. 45 ta' Tchaikovsky
Arranġament għall-banda ta' David Bobrowitz



Din il-kompożizzjoni hija bbażata fuq wieħed mill-aktar xogħlijiet orkestrali kkuluriti tal-perjodu Romantiku. Il-Capriccio Italien oriġinarjament inkitbet minn Pyotr Ilyich Tchaikovsky fl-1880 wara żjara li għamel fl-Italja. Tchaikovsky huwa wieħed mill-aktar kompożituri maħbuba fl-istorja tal-mużika klassika. Fost il-kapolavuri tiegħu nsibu Swan Lake, The Nutcracker, Sleeping Beauty u l-1812 Overture. Il-mużika tiegħu hija magħrufa għall-melodiji memorabbli tagħha, għall-intensità emozzjonali u għall-orkestrazzjoni straordinarja tagħha.

Matul iż-żjara tiegħu fl-ibliet Taljani, Tchaikovsky baqa' impressjonat mill-ħsejjes u l-kuluri tal-ħajja Taljana. Semgħa mużiċisti tat-triq, attenda ċelebrazzjonijiet popolari u ġabar melodiji folkloristiċi minn dak kollu li kien qed jisma' madwaru. L-aktar episodju magħruf huwa meta sema' sejħa militari tat-tromba minn kwartieri militari qrib il-lukanda tiegħu u ddeċieda li jinkludiha bħala l-fanfara tal-bidu tax-xogħol.

Il-kompożizzjoni timxi bħal sensiela ta' xeni mużikali li jfakkru fil-karnival, fis-serenati, fiż-żfin u fil-festi Taljani. Il-melodiji differenti jinbnew gradwalment lejn final brillanti u enerġetiku li jfakkar fl-atmosfera ta' festa popolari Taljana.

L-arranġament li se jinstema' llum huwa xogħol David Bobrowitz, kompożitur u edukatur Amerikan magħruf għall-arranġamenti tiegħu ta' xogħlijiet klassiċi għall-banda. Bobrowitz irnexxielu jżomm il-kulur, il-brillantezza u l-ispirtu tax-xogħol oriġinali filwaqt li adattah b'mod effettiv għall-banda.

Vivo Per Lei - Valerio Zelli, Mauro Mengali u Gatto Panceri
Gatto Panceri - O.R.O. (1995)
L-Aktar Verżjoni Magħrufa: Andrea Bocelli u Giorgia
Tenur Mark Camilleri u Sopran Karen Camilleri

Ftit huma l-kanzunetti Taljani li kisbu popolarità internazzjonali daqs Vivo Per Lei. Oriġinarjament ġiet irreġistrata mill-grupp Taljan O.R.O. fl-1995, iżda kisbet fama dinjija meta ġiet interpretata minn Andrea Bocelli f'diversi verżjonijiet bħala duet ma' kantanti internazzjonali. Fost dawn, il-verżjoni ma' Giorgia hija ġeneralment meqjusa bħala l-aktar waħda popolari u emblematika.

It-titlu jfisser “Ngħix Għaliha”, u għal ħafna semmiegħa jidher li huwa indirizzat lil mara. Madankollu, wieħed mill-aktar aspetti interessanti tal-kanzunetta huwa li l-“lei” li tissemma fil-lirika mhijiex persuna, iżda l-‘mużika’ nnifisha. Il-kliem jesprimi l-imħabba, id-dedikazzjoni u d-dipendenza emozzjonali tal-artist lejn il-mużika bħala sieħba kostanti fil-ħajja tiegħu.

L-istorja personali ta’ Andrea Bocelli tagħti tifsira aktar profonda lill-kompożizzjoni. Minkejja li tilef id-dawl t’għajnejh ta’ età żgħira, huwa rnexxielu jsir wieħed mill-aktar tenuri u artisti ta’ “classical crossover” ta’ suċċess fid-dinja, u biegħ miljuni ta’ diski madwar il-globu. Il-vuċi tiegħu, flimkien ma’ dik ta’ Giorgia, tagħti lil din il-kanzunetta karattru emozzjonali u drammatiku li għamilha klassika moderna tal-kanzunetta Taljana.

Mużikalment, Vivo Per Lei tgħaqqad il-ħlewwa tal-kanzunetta popolari Taljana mal-espressività tal-kant operistiku. Il-melodiji wiesgħa, il-frażijiet kantabbli u d-djalogu kontinwu bejn iż-żewġ vuċijiet jagħmlu din il-kompożizzjoni waħda mill-aktar dwetti maħbuba tal-aħħar deċennji. Illum hija meqjusa bħala waħda mill-aktar kanzunetti Taljani magħrufa u interpretati madwar id-dinja.

Ballade Pour Adeline - Paul de Senneville
Arranġament għall-Banda ta’ Scott Richards
Solista fuq il-Pjanu: Sylvana Camilleri

Ballade Pour Adeline hija waħda mill-aktar melodiji għall-pjanu magħrufa tas-seklu għoxrin. Interessanti wieħed jinnota li ħafna nies jagħrfu l-melodija immedjatament, anke jekk ma jkunux jafu l-isem tagħha jew min kitibha. Il-kompożizzjoni nkitbet fl-1976 minn Paul de Senneville, kompożitur u produttur Franċiż li ddedika x-xogħol lil bintu tat-twelid, Adeline. Il-biċċa nkitbet apposta għall-pjanista Richard Clayderman, li permezz tagħha kiseb fama internazzjonali.

Richard Clayderman, li twieled f’Pariġi fl-1953 bl-isem Philippe Pagès, studja fil-Konservatorju ta’ Pariġi u oriġinarjament kien qed jimmira għal karriera fil-qasam klassiku. Madankollu, ir-reġistrazzjoni tiegħu ta’ Ballade Pour Adeline fetħitlu bibien madwar id-dinja kollha. Tul il-karriera tiegħu biegħ aktar minn sebgħin miljun diska u ta eluf ta’ kunċerti f’kull kontinent.

Is-suċċess straordinarju tal-kompożizzjoni jinsab fis-sempliċità tagħha. Il-melodija hija ġentili, kantabbli u mimlija nostalġija.

L-akkumpanjament jappoġġja l-linja prinċipali mingħajr qatt ma jfixkilha, u joħloq atmosfera romantika u paċifika. Għalkemm teknikament mhijiex fost l-aktar biċċiet diffiċli fil-letteratura tal-pjanu, teħtieġ sensittività u kontroll kbir biex tkun interpretata b’mod effettiv.

L-arranġament ta’ Scott Richards iżid il-kuluri tal-banda mal-pjanu solista filwaqt li jżomm il-karattru intimu tax-xogħol oriġinali. Il-banda toffri sfond armoniku rikk li jagħti dimensjoni ġdida lil waħda mill-aktar melodiji popolari li qatt inkitbu.

Whitney Houston: The Greatest Hits - I Wanna Dance with Somebody – Greatest Love of All – I'm Every Woman – I Will Always Love You – One Moment in Time
Arranġament għall-Banda ta’ Frank Bernaerts
Tkanta Riona Degiorgio
Din il-medley spettakolari tiċċelebra l-karriera

straordinarja ta' Whitney Houston, waħda mill-akbar kantanti fl-istorja tal-mużika popolari. Imwielda f'Newark, New Jersey, fl-1963, Houston kisbet fama internazzjonali matul is-snin tmenin u disgħin grazzi għall-vuċi eċċezzjonali tagħha, il-kontroll tekniku straordinarju u l-ħila tagħha li twassal emozzjoni kbira permezz tal-kant.

Whitney Houston biegħet aktar minn mitejn miljun diska madwar id-dinja, rebħet numru kbir ta' premjijiet Grammy u stabbiliet rekords li għadhom sal-lum diffiċli biex jinqabżu. Il-vuċi tagħha kienet tgħaqqad il-qawwa tal-gospel, il-ħlewwa tal-ballad romantika u l-enerġija tal-pop modern.

Il-medley tiftaħ b'I Wanna Dance with Somebody (Who Loves Me), kanzunetta li ħarġet fl-1987 u li malajr saret waħda mill-aktar suċċessi kbar fil-karriera tagħha. B'ritmu enerġetiku u melodija li tibqa' f'moħħ is-semmiegħ, il-kanzunetta rebħet Grammy Award u għadha sal-lum meqjusa bħala waħda mill-ikbar klassiċi tal-pop tas-snin tmenin.

Minn hemm il-medley tgħaddi għal Greatest Love of All, ballad li oriġinarjament kienet ġiet irreġistrata minn George Benson għall-film dwar il-boxer Muhammad Ali. Il-verżjoni ta' Whitney Houston tal-1985 tat ħajja ġdida lill-kanzunetta u bidlitha f'innu universali dwar l-istima personali, il-kuraġġ u l-fiduċja fih innifsu.

It-tielet kanzunetta hija I'm Every Woman, li kienet oriġinarjament suċċess tal-kantanta Chaka Khan fl-1978. Whitney Houston irreġistratha għall-soundtrack tal-film The Bodyguard, fejn il-vuċi tagħha tagħti interpretazzjoni mimlija enerġija, kunfidenza u qawwa femminili.

Il-qofol emozzjonali tal-medley jasal b'I Will Always Love You, kanzunetta miktuba u interpretata għall-ewwel darba minn Dolly Parton fl-1974. Il-verżjoni ta' Whitney Houston għall-film The Bodyguard saret waħda mill-aktar diski mibjugħa fl-istorja tal-mużika u hija meqjusa bħala l-kanzunetta li l-aktar tibqa' marbuta ma' isimha. L-introduzzjoni vokali tagħha mingħajr akkumpanjament strumentali hija waħda mill-aktar mumenti emblematiċi fil-mużika popolari moderna.

Il-medley tagħlaq b'One Moment in Time, kanzunetta kkummissjonata apposta għall-Logħob Olimpiku ta' Seoul tal-1988. Din il-kompożizzjoni tiċċelebra l-perseveranza, l-eċċellenza u l-kisba tal-ħolm personali, u għalhekk saret waħda mill-aktar innijiet sportivi u motivazzjonali magħrufa fid-dinja.

L-arranġament li se jinstema' llum huwa xogħol Frank Bernaerts, wieħed mill-aktar arranġaturi Ewropej magħrufa fil-qasam tal-banda. Bernaerts huwa magħruf għall-ħila tiegħu li jadatta repertorju popolari għal banda sinfonika filwaqt li jżomm il-qawwa emozzjonali u l-impatt tal-verżjonijiet oriġinali. Din il-medley toffri lill-udjenza ġabra ta' wħud mill-akbar suċċessi ta' Whitney Houston, artist li ħalliet marka permanenti fuq il-mużika popolari internazzjonali u li għadha sal-lum meqjusa bħala waħda mill-akbar vuċijiet ta' kull żmien.

Italo-Pop Classics - Sarà perché ti amo – Azzurro – Gloria
Arranġament ta' Erwin Jahreis

L-Italja tat lid-dinja wħud mill-aktar kanzunetti popolari memorabbli tas-seklu għoxrin u tal-bidu tas-seklu wieħed u għoxrin. Italo-Pop Classics toffri lill-udjenza vjaġġ nostalġiku permezz ta' din it-tradizzjoni mużikali rikka u influwenti. L-arranġament huwa xogħol Erwin Jahreis, direttur u arranġatur Ġermaniż magħruf għall-ħila tiegħu li jadatta repertorju popolari għall-banda.

F'din il-medley se nisimgħu tliet klassiċi tal-kanzunetta Taljana: Sarà perché ti amo ta' Ricchi e Poveri, Azzurro ta' Adriano Celentano u Gloria ta' Umberto Tozzi.

Sarà perché ti amo, li ħarġet fl-1981, hija bla dubju l-aktar kanzunetta magħrufa tal-grupp Ricchi e Poveri. Bil-melodija ferrieħa tagħha u r-ritornell li jibqa' f'moħħ is-semmiegħ, il-kanzunetta kisbet suċċess kbir madwar l-Ewropa kollha u għadha sal-lum marbuta mal-atmosfera tas-sajf Taljan, mal-programmi televiżivi popolari u saħansitra maċ-ċelebrazzjonijiet sportivi. Għal ħafna nies hija waħda mill-aktar kanzunetti Taljani rikonoxxibbli ta' kull żmien.

Il-medley tkompli b'Azzurro, waħda mill-ikoni tal-kanzunetta Taljana. Għalkemm ġiet immortalizzata minn Adriano Celentano fl-1968, il-mużika tagħha nkitbet minn Paolo Conte, wieħed mill-akbar awturi Taljani tas-seklu għoxrin. Il-kanzunetta tirrakkonta l-istorja ta' raġel li jibqa' waħdu fil-belt waqt li kulħadd ikun telaq għall-vaganzi tas-sajf. Il-melodija tagħha u l-karattru nostalġiku tagħha għamluha waħda mis-simboli mużikali mhux uffiċjali tal-Italja, tant li għadha tintuża regolarment f'avvenimenti pubbliċi, sportivi u kulturali.

Il-medley tagħlaq b'Gloria, il-kapolavur ta' Umberto Tozzi li ħareġ fl-1979. Din il-kanzunetta kisbet fama internazzjonali u aktar tard ġiet reinterpretata minn diversi artisti madwar id-dinja. Bil-melodija qawwija tagħha, ir-ritmu enerġetiku u l-kor memorabbli tagħha, Gloria saret waħda mill-aktar suċċessi internazzjonali tal-mużika Taljana u għadha popolari sal-lum kemm fil-verżjoni oriġinali kif ukoll f'ħafna adattamenti oħra.

Il-mużika popolari Taljana għandha post uniku fil-kultura Ewropea. Matul il-perjodu ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija, il-kanzunetta Taljana kisbet popolarità enormi permezz tar-radju, it-televiżjoni, iċ-ċinema u l-festivals internazzjonali. Fil-qalba ta' dan is-suċċess insibu l-Sanremo Music Festival, festival li ilu jsir mill-1951 u li huwa meqjus bħala wieħed mill-aktar avvenimenti importanti fil-mużika popolari Ewropea.

Bosta artisti bħal Toto Cutugno, Adriano Celentano, Al Bano u Ricchi e Poveri ħallew marka kbira fuq il-mużika Taljana u internazzjonali. Il-kanzunetti tagħhom ġew interpretati, tradotti u adattati f'għadd kbir ta' pajjiżi.

Għall-Maltin, il-mużika Taljana għandha sinifikat speċjali. Għal għexieren ta' snin, stazzjonijiet tat-televiżjoni u tar-radju Taljani kienu segwiti minn eluf ta' familji Maltin, u b'hekk il-kanzunetta Taljana saret parti mill-ħajja kulturali tal-pajjiż. Ħafna minn dawn il-melodiji għadhom iqajmu memorji u emozzjonijiet qawwija fost il-pubbliku.

Din il-medley għalhekk mhijiex sempliċement ġabra ta' kanzunetti popolari, iżda wkoll

ċelebrazzjoni ta' rabta kulturali li ilha teżisti għal ħafna snin bejn Malta u l-Italja. Permezz ta' melodiji familjari u ritmi li jibqgħu fil-memorja, Italo-Pop Classics tfakkarna fil-qawwa tal-mużika li tgħaqqad popli u ġenerazzjonijiet differenti.

Hootenanny - Folk Festival for Band
Frankie and Johnny – The Lonesome Road – John Henry – Chicken Reel – Michael, Row the Boat Ashore – Arkansas Traveler – I'm On My Way – Down By The Riverside
Harold L. Walters (1918–1984)



Hootenannyhijawaħdamill-aktarkompożizzjonijiet popolari fir-repertorju edukattiv tal-banda u ilha għal bosta snin favorita fost il-bandisti madwar id-dinja. Il-kompożizzjoni nkitbet minn Harold L. Walters, kompożitur, arranġatur u edukatur Amerikan li ddedika parti kbira mill-karriera tiegħu għall-iżvilupp ta' repertorju ta' kwalità għall-baned tal-iskejjel u tal-komunità.

Walters kien jemmen li l-mużika edukattiva ma kellhiex tkun sempliċement eżerċizzju tekniku iżda kellha wkoll tkun artistikament interessanti u pjaċevoli għall-mużiċisti u għall-udjenza. Għalhekk kiteb għadd kbir ta' kompożizzjonijiet li għadhom jindaqqu sal-lum f'konservatorji, skejjel u kunċerti komunitarji. Interessanti wieħed jinnota li għal ħafna ġenerazzjonijiet ta' studenti Amerikani tal-mużika, Hootenanny kienet waħda mill-ewwel kompożizzjonijiet importanti li daqqu fil-karriera tagħhom.

It-titlu Hootenanny jirreferi għal tradizzjoni tipikament Amerikana. Il-kelma kienet tintuża biex tiddeskrivi laqgħa informali fejn mużiċisti u kantanti jinġabru flimkien biex idoqqu u jkantaw kanzunetti folkloristiċi. Dawn il-laqgħat saru partikolarment popolari matul il-moviment tal-folk Amerikan fis-snin ħamsin u sittin, meta artisti bħal Pete Seeger u Woody Guthrie għenu biex il-mużika folkloristika Amerikana terġa' tikseb popolarità nazzjonali.

B'differenza minn dak li ħafna jaħsbu, Hootenanny mhijiex kompożizzjoni oriġinali waħda iżda medley mibnija fuq tmien melodiji folkloristiċi Amerikani magħrufa sew. Fosthom insibu Frankie and Johnny, ballata popolari tas-seklu dsatax li tirrakkonta storja ta' mħabba, tradiment u vendetta; The Lonesome Road, kanzunetta li tħeġġeġ il-perseveranza quddiem id-diffikultajiet tal-ħajja; u John Henry, ibbażata fuq il-leġġenda tal-ħaddiem tal-ferroviji li sfida magna tal-fwar f'kompetizzjoni simbolika bejn il-bniedem u t-teknoloġija.

Il-medley tkompli b'Chicken Reel, melodija ferrieħa u umoristika marbuta maż-żfin rurali u l-fieri tal-kampanja; Michael, Row the Boat Ashore, spiritwali Afro-Amerikan li oriġina fost il-komunitajiet tal-iskjavi fl-Istati Uniti; u Arkansas Traveler, waħda mill-eqdem u l-aktar melodiji folkloristiċi magħrufa fil-mużika Amerikana.

Fost il-melodiji finali nsibu I'm On My Way, spiritwali tradizzjonali li jesprimi tama u fiduċja fil-futur, u Down By The Riverside, wieħed mill-aktar spiritwali Afro-Amerikani magħrufa fid-dinja, magħruf għall-messaġġ tiegħu ta' paċi u fraternità universali.

Permezz ta' dawn il-melodiji differenti, Walters joħloq vjaġġ mużikali li jgħaddi minn diversi aspetti tal-kultura folkloristika Amerikana: il-ballata tradizzjonali, il-kanzunetta spiritwali, iż-żfin rurali u l-leġġendi popolari. Ir-ritmi vivaċi,

il-melodiji enerġetiċi u l-kuluri brillanti tal-banda jagħmlu Hootenanny xogħol ferrieħi, dinamiku u mimli ħajja, li jibqa' wieħed mill-aktar arranġamenti folkloristiċi maħbuba fil-letteratura tal-banda.

Va, Pensiero - Kor tal-Lhud Mill-Opra Nabucco Giuseppe Verdi (1813–1901) - Ikanta l-Kor 'Xmun Pietru'



Ftit huma l-kompożizzjonijiet li kisbu importanza storika, kulturali u emozzjonali daqs Va, Pensiero. Magħrufa madwar id-dinja bħala l-"Kor tal-Lhud Skjavi", il-biċċa hija estratt mit-tielet att tal-opra Nabucco ta' Giuseppe Verdi. Illum hija meqjusa mhux biss bħala wieħed mill-isbaħ korijiet operistiċi li qatt inkitbu, iżda wkoll bħala simbolu universali ta' nostalġija, tama u mħabba lejn il-patrija.

Biex nifhmu l-importanza ta' Va, Pensiero, irridu nifhmu l-ħajja straordinarja ta' Verdi nnifsu. Imwieled fl-1813 fit-Tramuntana tal-Italja, Verdi sar wieħed mill-akbar kompożituri fl-istorja tal-opra. Fost il-kapolavuri tiegħu nsibu Rigoletto, Il Trovatore, La Traviata, Aida, Otello u Falstaff.

Qabel kiteb Nabucco, Verdi għadda minn perjodu traġiku fil-ħajja tiegħu. Fi żmien qasir tilef liż-żewġ uliedu u lil martu, filwaqt li t-tieni opra tiegħu falliet kummerċjalment. Tant kien iddispjaċut li saħansitra ħaseb li jabbanduna l-kompożizzjoni għal kollox. Skont rakkont famuż, meta qara l-librett ta' Nabucco waqa' fuq il-kliem "Va, pensiero, sull'ali dorate" ("Mur, ħsieb, fuq ġwienaħ tad-deheb") u sab fihom l-ispirazzjoni biex jerġa' jikteb.
L-opra hija bbażata fuq l-istorja bibblika tar-Re Nabukodonosor II ta' Babilonja u l-eżilju tal-poplu Lhudi wara l-qerda ta' Ġerusalemm. Il-kor iseħħ meta l-Lhud, imkeċċija minn arthom u miżmuma fil-jasar, jiftakru fil-patrija mitlufa tagħhom. It-test huwa ispirat direttament mis-Salm 137, li jibda bil-kliem: "Fuq ix-xtut tax-xmajjar ta' Babilonja hemmhekk qgħadna nibku meta ftakarna f'Sijon."

Dak li jagħmel il-kompożizzjoni tant straordinarja huwa s-sempliċità tagħha. Verdi ma jużax effetti spettakolari jew virtwożiżmu vokali. Minflok, jibni melodija wiesgħa, nobbli u profondament umana li tesprimi niket, tama u tifkira.

Matul is-seklu dsatax, l-Italja kienet għadha ma kinitx magħquda bħala stat wieħed u partijiet kbar minnha kienu taħt kontroll barrani. Ħafna Taljani identifikaw ruħhom mal-Lhud eżiljati ta' Nabucco. B'hekk Va, Pensiero saret marbuta mal-moviment Taljan magħruf bħala r-Risorgimento u bdiet titqies bħala simbolu tal-libertà u tal-identità nazzjonali.

Meta Verdi miet fl-1901, aktar minn tliet mitt elf persuna nġabru f'Milan biex jagħtuh l-aħħar tislima. Matul iċ-ċerimonji funebri, kor enormi taħt id-direzzjoni ta' Arturo Toscanini interpreta Va, Pensiero quddiem il-folla. Dak il-mument għadu sal-lum wieħed mill-aktar episodji memorabbli fl-istorja tal-mużika.

Għal ħafna Taljani, il-kor għadu meqjus bħala tip ta' innu nazzjonali mhux uffiċjali u jibqa' wieħed mill-aktar xogħlijiet maħbuba fil-letteratura operistika kollha.

San Pietru fil-Glorja Innu - Test u Mużika ta' Alexander Caruana - Arranġament għall-banda ta' Simon Farrugia - Mark Camilleri, Sopran: Karen Camilleri, Xmun Pietru



San Pietru fil-Glorja huwa innu b'espressjoni moderna tad-devozzjoni lejn San Pietru Appostlu. Din il-kompożizzjoni maqsuma fuq tliet movimenti żgħar tiċċelebra l-ħajja, il-missjoni u l-awtorità spiritwali ta' San Pietru, li skont it-tradizzjoni Nisranija ġie magħżul minn Kristu biex ikun il-mexxej tal-Appostli u l-ewwel Papa. Dan l-innu kien sar fuq inizjattiva ta' Alexander Caruana stess u ġie rregalat u ndaqq għall-ewwel darba fil-programm tal-festa nhar il-Ġimgħa 31 ta' Lulju 2009 biex bih jitfakkar il-50 sena mill-miġja tal-vara titulari preżenti ta' San Pietru minn Bolzano (1959-2009).



Fl-istess programm kien iżżanżan u ndaqq ukoll għall-ewwel darba l-innu 'Inħobbuk Bħalma Niesna Ħabbewk' tas-surmast Ray Sciberras fuq versi tal-Profs. Oliver Friggieri biex ifakkar l-istess okkażjoni speċjali.

Innu tal-Banda Birżebbuġa - Michael Bugelli
Kliem ta' Joe Julian Farrugia - Kor 'Xmun Pietru'

L-Innu tal-Banda Birżebbuġa nkiteb fl-istess sena meta twaqqfet il-Banda tagħna. Il-Banda tagħna twaqqfet uffiċċjalment fl-14 ta' Jannar 1990. Imbagħad il-Banda għamlet id-debutt tagħha meta fit-Tieni Jum tat-Tridu tal-festa ta' San Pietru, nhar il-Ħamis 2 t'Awwissu 1990 fit-8.00pm bdiet marċ minn Triq il-Borok. Meta waslet f'Misraħ il-Knisja, il-Banda, flimkien mal-Partitarji telgħet fuq iz-zuntier fejn ġiet imbierka mill-Kappillan Dun Ġużepp Farrugia. Wara ndaqq għall-ewwel darba fil-pubbliku dan l-innu, l-Innu tal-Banda Birżebbuġa.

Il-Banda Birżebbuġa

Is-Surmast Direttur
Mro. Micheal Bugelli A.T.C.L.

L-Assistent Surmast, Għalliem tat-Teorija, Strumenti tar-Ramm u l-Perkussjoni
Christopher Bonnici B.A. (Hons); M.A.; ALCM; LLCM

L-Għalliem tal-Allievi tal-istrumenti tal-Qasba
Matthew Polidano M.Sc. in Sound and Vibration

L-Għalliem tal-Allievi tal-istrumenti tal-Injam
Ludwig N. Desira

Il-Bandisti tas-Soċjetà (skont kemm ilhom idoqqu)

Isem u Kunjom	Strument
Alexander Caruana	Percussion
Andy Mifsud Camilleri	Bb Clarinet
Claudia Grech	Bb Clarinet
Daniela Barbara	Bb Clarinet
Matthew Caruana	Bb Clarinet
Michaela Chircop	Bb Clarinet
Rebecca Abdilla	Eb Clarinet
Francesco Barbara	Bb Trumpet
Etienne Zahra	Bb Trumpet
Josef Schembri	Bb Trumpet

Isem u Kunjom	Strument
Kevin Barun	Bb Trumpet
Matthias Agius	Bb Trumpet
Andrea Borg	Bb Trumpet
Peter Paul Caruana	Percussion
Raffaella Baldacchino	Percussion
Maria Munro	Drums
Matthew Polidano	Sax Tenor / Euph / Flute
Christopher Bonnici	Trombone
Kristian Kurt Cassar	Trombone

L-Allievi tal-Banda Birżebbuġa

Isem u Kunjom	Teorija	Prattika
Liam Braden Desira	Grad 6	Grad 3
Reyhan Vella	Grad 5	Grad 2
Andrea Borg	Grad 5	Grad 3
Kristian Kurt Cassar	Grad 2	Grad 3
Zach D'Souza	Grad 2	Grad Preliminarju
Amy Vella	Grad 3	Grad Preliminarju
Nina Marie Cutajar	Grad 3	Grad 1
Marvin Cassar	Grad 2	
Matthew Ellul	Grad 1	Grad 2
Luca Grech	Grad 1	Grad Preliminarju
Patrice Elaine Zahra	Grad 1	Grad Preliminarju
Scott Spooner	Grad 1	Grad 1
Elise Spooner	Grad 1	Grad 1
Marthese Formosa	Grad 1	Grad Preliminarju
Cristina Abela	Grad Preliminarju	Grad Preliminarju
Leah Mae Borg Vassallo	Grad Preliminarju	Grad Preliminarju
Francesca Borg Vassallo	Grad Preliminarju	Grad Preliminarju
Klein De Bono	Grad Preliminarju	Grad 1
Noah Gatapaga	Grad Preliminarju	Grad Preliminarju
Amber Gatapaga	Grad Preliminarju	Grad Preliminarju
Matteo Zahra	Grad Preliminarju	Grad Preliminarju
Megan Camilleri Plum	Grad Preliminarju	Grad Preliminarju
Maria Munro	-	Grad 1
Petra Marie Bonnici	Grad 1	Grad 1

Lista tas-Servizzi Mużikali

Marċ, Santa Marija l-Qrendi	12 ta' Awwissu 2025
Programm Mużikali, San Pawl Ħal Safi	31 ta' Awwissu 2025
Marċ, Marija Bambin l-Isla	7 ta' Settembru 2025
Servizz Mużikali, Avveniment LCC - Red Tie Gala Night, Il-Belt Valletta	7 ta' Novembru 2025
Servizz Mużikali, L-Isptar Karen Grech	20 ta' Diċembru, 2025
Kunċert tal-Milied, Birżebbuġa	22 ta' Diċembru 2025
Servizz Mużikali, Purċissjoni tal-Bambin Birżebbuġa	24 ta' Diċembru 2025
Marċ, Karnival Birżebbuġa	13 ta' Frar 2026
Programm Mużikali, Birżebbuġa	21 ta' Frar 2026
Programm Funebri, Birżebbuġa	24 ta' Marzu 2026
Marċ, San Publiju Furjana	19 ta' April 2026
Marċ, Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Ajru, Ix-Xatt tal-Belt	30 ta' April 2026
Marċ, Festa Bengħajsa	3 ta' Mejju 2026
Servizz Mużikali, Purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù, Birżebbuġa	12 ta' Ġunju 2026
Marċ, Santa Katerina Żejtun	21 ta' Ġunju 2026
Festa Tfal, Festa Birżebbuġa	25 ta' Lulju 2026
Marċ tal-Ħruġ min-Niċċa, Festa Birżebbuġa	27 ta' Lulju 2026
Marċ, Festa Birżebbuġa	28 ta' Lulju 2026
Marċ, Festa Birżebbuġa	30 ta' Lulju 2026
Marċ tal-Istatwa, Festa Birżebbuġa	31 ta' Lulju 2026
Programm Mużikali, Festa Birżebbuġa	1 ta' Awwissu 2026
Marċ ta' Filgħodu, Festa Birżebbuġa	2 ta' Awwissu 2026
Marċ tan-Nar u tar-Reffiegħa, Festa Birżebbuġa	2 ta' Awwissu 2026

Innijiet u Marċi Brijużi li se jindaqqu mill-Banda Birżebbuġa fil-jiem tal-Festa Titulari ta' San Pietru Appostlu 2026

Num.	Isem tal-marċ	Kompożitur
1	Innu Popolari Lil San Pietru	Mro Carmelo Pace
2	Innu Marċ Raġħaj tal-Knisja	Kav. Alex Caruana arr. Simon Farrugia
3	Innu tal-Banda Birżebbuġa	Mro Michael Bugelli
4	Innu Marċ Inti l-Patrun Tagħna	Mro Michael Bugelli
5	Lill-Ġawhra tal-Iljuni	Mro Michael Bugelli
6	Innu tan-Nar	Mro Michael Bugelli
7a	Innu Malti	Robert Sammut
7b	Ave Marija	Jean Gaignet arr. Matthew Polidano
8	Innu Marċ lill-Prinċep tal-Appostli	Francesco Barbara
9	Inħobbuk bħalma niesna ħabbewk	Mro Ray Sciberras
10	Sliem għalik għażiż San Pietru	Mro Michael Bugelli
11	Il-Mosti	Mro Michael Bugelli
12	Familja Vella (Colour Harmony)	Mro John D. Zammit
13	Aiden u Reyhan (Faċċata Kolossali)	Mro Alfred Farrugia
14	Standard Aħdar (Sorrento)	Mro Andrew Coleiro
15	Emperor	Mro Archibald Mizzi
16	La Signora Rita	Mro (Major) Anthony Aquilina
17	Inexcussus (Niagra Falls)	Mro Andrew Coleiro
18	Santiago di Cuba	Mro Joseph Abela Scolaro
19	Lill-Ħaddiema tal-Każin il-Ġdid	Mro Michael Bugelli
20	Mill-Bubi għall-Iljuni (Juvecentus)	Mro Ray Sciberras
21	Daniela	Mro Joseph M. Barbara
22	Benjamin	Mro Emanuel Bugeja
23	Bethsaida	Peter Paul Caruana
24	Maximus	Matthew Polidano
25	Jacqueline	C. Vella
26	Sezzjoni Banda	Matthew Polidano
27	Petra ta' Pietru	Mro Christopher Bonnici
28	Alexander Caruana 10 snin President	Robert Magro
29	25 Sena Surmast	Mro Michael Bugelli
30	Il-Bozen	Mro (Major) Anthony Aquilina

31	Victory	Mro Vincenzo Ciappara
32	Balfrendozan	Mro (Major) Anthony Aquilina
33	Appasionata	Mro Joseph Abela Scolaro
34	Granada	Mro (Major) Anthony Aquilina
35	Ħamsin Sena f'Qalbna (L-Ewwel Banda)	Mro Emanuel Bugeja
36	Ontario	Mro Ray Sciberras
37	Patrice Elaine	Kav. Alex Caruana arr. Simon Farrugia
38	Sir Winston (Victory Bells)	Mro Adeodato Gatt
39	Calvin Joe	Francesco Barbara
40	35 Sena Surmast	Brandon Gauci
41	35 Sena Soċjetà	Mro Dominic Darmanin
42	Premier XX (Si insegna e si impara)	Mro Andrew Coleiro
43	Jacob	Michael Pirotta
44	Joseph il-Pumpier	Mro Christopher Bonnici
45	Et-Jor-Mar (Kurt and Kayne)	Mro David Agius
46	Sunny-Victor-Peter	Mro Michael Bugelli
47	Bernardette	Mro Ronald Pisani
48	The King	Mro Archibald Mizzi
49	Santos	Mro David Agius
50	Queen of Queens	Mro Andrew Coleiro
51	Tal-Bobo	Mro Mario Testa
52	Aħna tal-Iljun (Magnus)	Mro Andrew Coleiro
53	Charlotte	Alex Caruana arr. Simon Farrugia
54	Fiesta	Mro (Major) Anthony Aquilina
55	Coronation	Mro Joseph Azzopardi
56	Karmar	Mro Andrew Coleiro
57	Munchengladbach'94	David Caruana
58	Vinceremos	Mro Archibald Mizzi
59	Trisa (Triple KO)	Mro Raymond Fenech
60	Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar (900 sena Parroċċa)	Mro Emanuel Bugeja
61	Pinkish (Forza L'Unione)	Mro John D. Zammit
62	Frances (Bonnici Brothers / Letter A)	Mro Joseph Sammut
63	Fiorentina	Mro (Major) Anthony Aquilina
64	Simon u Freddy (Tal-Ħajjat iż-Żgħir)	Mro Elton Lee Abela
65	King of Stars	Glen Grioli
66	Il-Ħames Proprjetà	Peter Paul Caruana

Opening Hours
Mon to Fri
7.30am - 7.00pm
Saturdays
7.30am - 1.00pm
4.00pm - 8.00pm
Sundays
7.30am - 1.00pm

67, Triq Zaren Dalli,
Birżebbuġa
Mob: **9948 7384**

scott
camilleri
Sindku Kunsill Lokali Birżebbuġa
Partit Laburista
99963254
scocamilleri@gmail.com

Charlie's
MOTORING SCHOOL
WHITE LODGE, TRIQ TAL-QATTUS, GHAXAQ
CAUCHI
CHARLIE'S 1
TEL: 2180 9397 • TEL: 9947 2808

Messaġġ tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda

Avv. Noel Camilleri

IL-FESTA MALTIJA

F'Diċembru 2023 l-UNESCO rrikonoxxiet il-Festa Maltija bħala Wirt Kulturali Intangibbli tal-Umanità. Dan huwa rikonoxximent mistħoqq li jagħti lill-eluf ta' voluntieri, impenjati fis-soċjetajiet tal-Banda, fl-għaqdiet tal-festa, u lill-kleru, aktar kuraġġ ħalli jkomplu jaħdmu f'dan il-qasam tant importanti għall-identità ta' pajjiżna bħala nazzjon u bħala poplu.

Għalhekk huwa essenzjali li bħala komunità nħarsu u nagħtu sostenn lis-soċjetajiet tal-Banda mhux biss fil-jiem tal-festa, li huwa ferm importanti għaliex flimkien inkunu qegħdin inġeddu l-fidi tagħna u l-qima lejn dak il-qaddis jew lejn il-Madonna, imma li dan għandu jkun wieħed kostanti. Dan jingħata bil-ħin li wieħed jieħu biex b'mod volontarju jgħin fil-ħidma tal-każin.

Dan ngħidu għaliex il-ħajja ta' kull soċjetà tal-Banda hija msejsa fuq element qawwi ta' volontarjat. Ftit ħidma volontarja hija fiha nnifsha sens ta' solidarjetà u turi wkoll impenn komunitarju u sens ta' appartenza. Fid-dinja tal-lum u bit-tibdil demografiku, anke f'pajjiżna, huwa fundamentali li aħna ma nitilfux dak is-sens ta' appartenza u sens ta' komunità li jagħmilna lkoll Maltin u Għawdxin.

Għandna nkunu aħna nfusna li nersqu 'l quddiem biex ngħinu u nagħtu kontribut. Timtela b'kuraġġ meta tara żgħażagħ impenjati jaħdmu biex dak li lkoll jagħmilna Maltin, il-festi u l-każini tagħna, ma jogħtorx. Irridu nkunu realistiċi u ngħidu li d-diffikultajiet jeżistu u huwa biss bil-ħidma ta' kull wieħed minna li nistgħu nħarsu dan il-patrimonju kulturali li jagħtina identità bħala poplu. Kif jghid il-Malti l-eżempju jkaxkar. Għalhekk huwa imperattiv li npoġġu fl-ewwel post l-AĦNA u mhux il-JIEN.

Kien proprju għalhekk li meta fl-1947 giet mwaqqfa l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda mill-ewwel bdiet tissejjaħ 'l-għaqda tal-għaqdiet'.

Ir-raġuni hija waħda sempliċi u ċara. Missirijietna riedu li l-każini tal-Banda jkollhom vuċi waħda li titkellem għalihom b'mod kollettiv u fl-interess mhux tagħhom biss imma tal-komunitajiet fejn huma jkunu mwaqqfa.

F'dawn l-aħħar snin rajna fenominu ta' parties b'djs u b'sound qawwi jiġu organizzati fil-festi tagħna u li sfortunatament għal xi wħud dawn għandhom jieħdu post il-baned tagħna. Filwaqt li l-Festa Maltija għandha tevolvi madanakollu l-ħames (5) elementi li jsawruha u li fuqhom ingħatat r-rikonoxximent dinji mill-UNESCO ma jinkludux dawn it-tip ta' affarijiet li nħoss li huma estranji għalkollox għaliha.

Huwa sabiħ li tara li f'ċerti festi bħal dik fir-Rabat ta' San Ġuzepp, li hija l-ewwel festa fil-kalendarju tal-festi f'pajjiżna, dan l-element estranju ma għandux postu fil-ġranet tal-festa. Lanqas ma tara ċerti affarijiet li aktar jixirqu lill-Karnival, li huwa wkoll importanti kulturalment, milli lill-festa tal-patrun.

Minkejja dan, u kuntrarju għal dak li ħafna sostenituri tal-parties u tad-djs jgħidu, il-parteċipazzjoni taż-żgħazagħ u tal-komunità hija waħda b'saħħitha u turi verament l-elementi sbieħ li jsawru l-festa Maltija. Ma hemmx dubju li s-suċċess ta' Festa Maltijia ma jiddependix biss fuq il-popolarità ta' parties bħal dawn.

Min verament għandu għal qalbu li jara

l-komunità tkun waħda b'saħħitha fil-valuri u fil-komportament tagħha għandu jħares il-Festa Maltija. Dan għaliex hija ċelebrazzjoni fil-komunità għall-kommunità li ddur kollha kemm hi mal-aspett reliġjuż. Fuq kollox dak huwa l-qofol tal-Festa Maltija. Huwa fid-dmir tagħna bħala poplu li naħdmu biex inħarsu dak li huwa verament Malti.

Is-soċjetajiet tal-banda kienu u għadhom minn ta' quddiem nett fl-organizzazzjoni ta' okkażjonijiet ta' ċelebrazzjonijiet komunitarji kemm fuq bażi ta' belt u raħal imma wkoll bħala familja. Dan jagħmluh flimkien ma' entitajiet oħra b'mod partikolari l-parroċċi tagħna. Ngħid familja għax kull waħda individwali hija fuq kollox parti minn pedament ta' kull soċjetà.

Min-naħa tagħha l-GħNKB tinsab kontinwament f'ħidma mhux biss biex issaħħaħ ir-rikonoxximent dinji tal-Festa Maltija imma anke biex tgħin lill-membri tagħha fil-ħidma tagħhom. Imma oltre minn hekk l-GħNKB konstantanjament impenjata biex tara li l-mużiċisti fi ħdan is-soċjetajiet membri tagħha jkomplu jgħollu l-livell tagħhom. Dan permezz ta' workshops f'Malta u anke f'konservatorji barra minn xtutna mmexxija minn uħud mill-aqwa professuri tal-mużika.

Għalhekk inħeġġeġ li l-festi tagħna jibqgħu jingħataw liebsa xierqa li turi fuq kollox l-aspett reliġjuż li huwa s-sisien ta' kull festa flimkien mal-qima popolari u komunitarja li tagħmilna Għawdxin u Maltin. Ma għandniex inħallu li s-sinifikat sabiħ tal-festi jittappan u jittebba' b'aspetti oħra li ma għandhom x'jaqsmu xejn mat-tifsira vera tal-festi tagħna. Irridu nkunu aħna, bħala poplu matur u responsabbli u b'veru sens ta' appartenza, li naraw li l-festi tagħna jibqgħu okkażjoni ta' qima reliġjuża u komunitarja.

F'ismi u f'isem l-Eżekuttiv tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda nawgura festa sabiħa u xierqa.



Il-Perit Galizia u l-Bini tal-Knisja

Kav. Alexander Caruana OSJ

Min kien il-Perit Godwin Herbert Galizia?

Il-Perit Godwin Herbert Galizia kien l-iżgħar wild tal-Perit Emanuel Luigi Galizia, wieħed mill-aqwa periti ta' Malta tas-seklu dsatax, li fost l-oħrajn kien iddisinja ċ-ċimiterju tal-Addolorata , iċ-ċimiterju tat-Torok, iċ- ċimiterju Ta' Braxia, Victoria Gate fil-Belt Valletta, il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu tal-Balluta, il-Conservatorio Vincenzo Bugeja ġewwa Santa Venera u bosta binjiet oħra fosthom djar mill-isbaħ ġewwa Tas-Sliema. Kien l-iktar magħruf għall-istil Neo-Gotiku u Neo-Klassiku. Ibnu, il-Perit Godwin Galizia kien l-iktar magħruf għall-istil Neo-Romanesk jew kif ġieli nsibuh Romanesque Revival.

Twieled fis-sena 1880 u miet fis-sena 1944. Huwa magħruf li kien ħabib ħafna tal-Isqof Mauro Caruana li dak iż-żmien kien l-isqof ta' Malta. L-ikbar żewġ xogħlijiet tiegħu huma l-knisja tagħna u l-knisja ta' San Girgor il-Kbir ġewwa tas-Sliema li nbnew fl-istess żmien. Bdiet tinbena fl-1923 u tlestiet sal1940 u ġiet ikkonsagrata mill-Arċisqof Gonzi fid-29 ta' Settembru, 1949. Jidher ukoll li kien il-perit tal-Knisja Tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù li tinstab fil-Conservatorio Adelaide Cini jew Cini Institute ġewwa Santa Venera li llum qed jintuża minn Hospice Malta. Hemm min jgħid li dil-knisja setgħet kienet tal-Arkitett Edoardo Borg Cardona, però meta tqabbilha mal-knisja ta' San Girgor hija simili ħafna u iktar nemmen li hi pjanta tal-Perit Godwin.

Din il-knisja ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Mauro Caruana fis-16 ta' Ottubru 1919 u ġurnata qabel, fl- istess knisja tqiegħdu fdalijiet tal venerabbli Adelide Cini. Galizia kien ukoll il-perit ta' żewg vilel li għadhom jeżistu sallum ġewwa San Pawl il-Baħar. Waħda bl-isem ta' Villa Chapelle u oħra bl-isem ta' Villa Preziosi li dawn kienu jiġu minn xulxin.

Dawn iż-żewġ vilel huma mibnija fuq l-istil Art Nouveau li kien popolari ħafna fil-bidu tas seklu għoxrin. Xogħlijiet oħra tiegħu huma żewġ kappelli privati fiċ-ċimiterju tal-Addolorata li huma mibnija fuq stil Neo-Klassiku. Kien ukoll il-perit tal-Brittania Circus ġewwa l-Furjana liema bini malajr kellu jinħatt biex floku nbena l-isptar King George V Merchant Seamen's Memorial Hospital li mbagħad sar l-isptar Sir Paul Boffa. Kien il-perit ukoll ta' bosta djar residenzjali, ħafna minnhom ġewwa Tas-Sliema imma ħafna minnhom ġew imwaqqgħa fis-snin tmenin u disghin biex flokhom inbnew blokok kbar ta' bini speċjalment mad-dawra tal-baħar.

L-istil Romaneqsue Revival (Neo Romanesk)
L-istil Romanesk jaf il-bidu tiegħu fl-ewwel sekli tat-tieni milenju. Fih insibu binjiet li jixbhu fortifikazzjonijiet b'torrijiet għoljin. Ħitan kbar u ħoxnin u ammont ta' twieqi, uħud minnhom twieqi dojoq. L-arkati tiegħu huma dawk meħuda mill-arkitettura Rumana u allura arkati tondi kumpass. Il-kolonni uħud minnhom irqaq u ġieli anke doppji issibhom ma' kullimkien.

In-Neo- Romanesk huwa verżjoni moderna ta' dan l-istil li allura reġa beda isir popolari wara ż-żmien li beda jonqos l-istil Barokk. Karatteristika oħra ta' dan l-istil hija li l-kapitelli jkunu kollha b'disinn differenti minn xulxin u ħafna drabi jkunu mżejna f'weraq, fjuri u ġieli anke uċuħ kemm ta' bniedem kif ukoll ta' xi annimali. Fil-fehma tiegħi mhux stil faċli u trid ħafna xogħol u allura ħafna flus biex tagħmel binja b' dan l-istil u taħdimha kompluta. Fil-gżejjer tagħna żgur li l-iktar knisja mibnija b'dan l-istil u li hija kompluta hija l-Bażilika tal-

Madonna ta' Pinu ġewwa Għawdex li hi mibnija mill- Perit Andrea Vassallo li nbniet fl-istess żmien tal-knisja tagħna. Knejjes oħra f'Malta nistgħu nsemmu dik ta' Sant Anna f'Wied il-Għajn u ta' Sant Antnin Birkirkara kif ukoll ta' Sant Antnin ta' Għajn Dwieli.

Il-Knisja ta' San Pietru fil-Ktajjen Birżebbuġa

Il-parroċċa tagħna saret Parroċċa fid-9 ta' Settembru 1913 mill-Isqof Pietro Pace L-ewwel knisja parrokjali kienet dik iddedikata lil Marija Addolorata u l-ewwel kappillan kien il-Kanonku Bormliż Dun Karm Bugelli, li dam kappillan sas-sena 1921 meta rreżenja biex joħrog għall-politika. Ġie magħżul Dun Ġużepp Delia bħala vigarju kurat li dam jokkupa dil-kariga sas-sena 1924 meta ġie magħżul Dun Ang Fenech bħala l-kappillan il-ġdid tal-Parroċċa ta' Birżebbuġa.

Ħa l- pussess fit-3 ta' Frar 1924. Sa daż-żmien il-popolazzjoni ta' Birżebbuġa kienet bdiet tikber b'ritmu mgħaġġel ħafna u l-knisja tad-Duluri saret żgħira ħafna. Il-kappillan Fenech kien wera x-xewqa tal-poplu ta' Birżebbuġa lill-Isqof Mauro Caruana O.S.B. (1867-1943) biex tinbena knisja ġdida. L-Isqof Caruana kien ħass li l-knisja l-ġdida għandha tkun ħafna ikbar minn dak li kellhom f' moħħhom in-nies ta' Birżebbuġa għax kien qed jinduna li l-popolazzjoni kienet ħa tkompli tikber b'ritmu mgħaġġel u barra minn hekk kien wera x-xewqa li din tkun iddedikata lil San Pietru għax kien qal li jħoss li fil-gżira ta' Pawlu għandu jkun hawn Parroċċa ddedikata lil San Pietru.

Din id-deċiżjoni ma tantx kienet niżlet tajjeb mal-parrużżani għall-fatt li ma xtaqux jibdlu t-titular tagħhom. L-Isqof Caruana kien Patri Benedittin u kemm San Pietru kif ukoll San Girgor il-Kbir huma żewġ qaddisin devoti ħafna tal-Ordni Benedittina, u żgur li din kienet waħda mir-raġuni li xtaq li ż-żewġ knejjes parrokjali li kienu ħa jinbnew kemm tagħna kif ukoll dik ta' Tas Sliema jkunu ddedikati lil dawn iż-żewġ qaddisin. Barra minn hekk, mal-Ordni Benedittina, l-istil Romanesk hu wkoll stil popolari u żgur li għalhekk emfasizza mal-Perit Galizia biex juża dan l-istil.

Kien l-istess isqof li ħallas minn butu lill-Perit Galizia għall-ispejjeż kollha biex għamel il-pjanta tal-knisja u tad-dar tal-kappillan li kif jidher mill-irċevuta is-somma telgħet għal kwazi 30 lira li ghal dak iż-żmien kienet somma kbira ħafna meta tqis li kuntrattur tal-bini kien jitħallas lira fil-ġimgħa għal sitt ijiem xogħol. Għalkemm il-knisja ta' San Girgor, il-Perit Galizia mhux biss għamel il-pjanta imma anke ħa ħsieb ix-xogħol tagħha u għall-knisja tagħna għamel biss il-pjnata u afda x-xogħol lill-Perit kollega tiegħu fl-università l- Perit Joseph Terreni (1895-1958).

Mhux magħruf għala l-Perit Galizia ma ħax ħsieb il-bini tal-knisja tagħna hu. Nifhmu li żgur kienet xewqa tal- Isqof Caruana li l-Perit Galizia, li tant kien ħabib tiegħu, joħodlu ħsieb il- knisja ta' San Girgor, knisja li fiha kien wera x-xewqa li anke jindifen. Fil-fatt huwa midfun eżatt taħt il-koppla tal- knisja. Jista' jkun li l-Perit Galizia li kien kiber mhux ħażin meta kienu qed isiru dawn iż-żewġ knejjes, jew ma xtaqx jagħmel żewġ proġetti kbar f'daqqa jew jaf li beda jħoss ċertu ndħil żejjed mill-Kappillan Fenech.

Huwa fatt magħruf li għall-Kappillan Fenech, li tinbena l-knisja tagħna skont il-pjanta ta' Galizia ma kinitx xi ċajta meta l-parrocca ma kellhiex flus. Hemm min ġieli qal li fil-bidu l-kampnar kellu jiġi mibni fuq wara tal- knisja. Nemmen li dan seta' kien il- fatt, però nemmen ukoll li kien il-Perit Galizia li għażel din il-modifika fil- pjanta li permezz tagħha l-kampnar nbena quddiem ftit wara l-faċċata però ma nemminx li l-aġġustamenti l-oħra waqt il-bini

Il-pagament li ħallas lill-perit Galizia għall-pjanta tal-Knisja

saru minn Galizia imma nemmen li saru minn Terreni. Li hu żgur li fil-post li nbena l-kampnar ma ħalliex il-ġmiel tal-faċċata kif nemmen li kien xtaqha Galizia għax Galizia dejjem ħadem b'faċċati simetriċi b'żewġ torrijiet fil-faċċata u barra minn hekk ħafna mill-ġmiel arkitettoniku tal-kampnar spiċċa ġie mgħotti bil-faċċata.

Il-knisja spiċċat ġiet mibnija baxxa probabbli biex kemm jista' jkun -ispiża tkompli tonqos. Dan wieħed jista' jinnutah xħin iqabbel l-għoli tal-faċċata u tal-kampnar li huma mibnija kif xtaqhom Galizia mal- kumplament tal-knisja.

Jekk wieħed iqabbel il-filati minn ġewwa jsib li miżerjament il-knisja nbniet żgur 8 filati inqas u jekk wieħed imbagħad jara d-disinn mibni jemmen li bażikament is-saqaf tal-kursija kellu jiġi fil-livell li hi mibnija l-koppla llum. Dan wiehed jista' anke' jinnutah minn dik li kellha tkun tieqa tonda fil-faccata biex taghti d-dawl ghal gol-knisja li allura spiccat baqghet maghluqa peress li tinstab hafna ghola minn gewwa tal-knisja.

Il-kappelluni kellhom isiru tal-istess għoli biex b'hekk ikun ffurmat salib u l-koppla tkun imbagħad ogħla mill-bini tal-knisja u b'hekk tkun iktar dominant. Ma nemminx li l-koppla kellha tkun ta' xi forma tonda jew octagon, imma nemmen li Kella tinbena kif saret kwadra bis-saqaf ċatt. B'hekk il-piramida tal-kampnar kellha tibqa' l-ogħla post tal-knisja u l-iktar parti dominanti tal-knisja.

Ta' min jgħid li mbagħad fil-knisja ta' San Girgor, il-Perit Galizia biex jagħti prominenza lill-koppla

għamel kampnar sempliċi b'saqaf ċatt u bi ftit gwarniċi u skultura. Żgur fuq struzzjonijiet tal-Perit Galizia, il- kolonni saru taż-żonqor biex b'hekk ikunu b'saħħithom biżżejjed biex jerfgħu l-piż kollu tal-bini tal-knisja.

Fir-rigward tas-soqfa dawn saru tar- reinforced concrete jew kif kien magħruf dak iż-żmien cemento amato u għal dax-xoghol kienu ġew ħaddiema Taljani esperti. Il-fatt li l- knisja nbniet baxxa iktar milli kellha tinbena wkoll ħolqot problema fl-arzella (Abside) ta' wara l-artal maġġur u b'hekk din ma setgħetx tinbena mill-ġebel u saret ukoll tal- concrete permezz ta' forma kbira tal- injam li kienet tiżżarma f'biċċtejn. Fil-fatt meta wieħed iħares lejn l-arzella, jinnota li l-parti orizzontali hija ħafna ikbar minn dik vertikali kif insibu fil-knejjes kollha madwar id dinja.

L-ewwel ġebla tal-knisja kienet ġiet impoġġija mill-Isqof Mauro Caruana fid-29 ta' Awwissu 1926. Kien il-Perit Terreni li dak il-ħin għaddielu

kazzola bit-tajn biex imbagħad l-isqof poġġa l- ġebla li tinstab ħdejn l-artal tar- Rużarju bi rħama kommemorattiva mwaħħla magħha.

L-art li fuqha nbniet il-knisja kienet fiż-żona msejħa tal-Brolli li ġiet magħżula l-Ħadd 14 ta' Marzu 1926. Il-ġebel għall-ewwel beda jinqata' minn barriera fil-vicin. Il-knisja hi mdawra kollha bit-twieqi biex b'hekk ikollha d-dawl naturali u hija mibnija iżolata għal kollox mill-kumplament tal-bini u b'hekk jagħmilha binja iktar dominanti. Ix-xogħol beda jimxi b'rittmu mgħaġġel tant li fis-16 ta' Ġunju 1938 ġie ttrasportat solennament is-sagrament mill-knisja tad-Duluri għall-knisja l-ġdida u b'hekk minn dakinhar it-titular ta' Birżebbuġa sar San Pietru fil-ktajjen.

Sa dak iż-żmien il-parti l-lesta tal- knisja kienet mill-arkata l-kbira bil-kappelluni imma l-kursija kienet għadha mhux lesta, però xorta dak mibni kien ħafna ikbar mill-knisja tad- Duluri. Sa qabel bdiet it-tieni gwerra dinjija nistgħu ngħidu li l-bini tal- knisja kien kważi lest, kien għad fadal is-saqaf tal-kursija kif ukoll jkomplu jinbnew iż-żewġ torrijiet tal-faċċata u l-kampnar wara l-gwerra. Is-saqaf tlesta u kompliet tinbena l-faċċata. Il- kampnar kif kien mistenni dam iktar għax kellhom jinbidlu 3 kuntratturi sakemm fl-aħħar instab kuntrattur li daħal għax-xogħol. Trid tqis li dak iż-żmien il-kampnar tagħna kellu jkun wieħed mill-ogħla binjiet f'Malta u ma kienx jeżisti l-apparat li nsibu llum.

Fin insibu važi (ġebel) kbar speċjalment fil-partijiet ta' fuq u hawnhekk wieħed jifhem li ma kinitx biċċa xogħol faċli biex tibni l- kampnar. L-aħħar ġebla saret fis-sena 1951 u b'hekk il-bini tal-knisja ħa b'kollox 25 sena li minnhom kien hemm ftit żmien li ma sarx xogħol ħabba l-gwerra. Sar ukoll qabar li fih kellu jindifen il-Kappillan Fenech imma baqa' vojt għax il-Kappillan Fenech wara li spiċċa mill-ħidma tiegħu f'Birżebbuġa leħaq Monsinjur u b'hekk ġie midfun ġewwa l-Katidral tal-Imdina. Tajjeb li nsemmu li l-iskultura tal-gwarniċa ta' fuq saret mill-iskultur Marco Montebello. Kien imbagħad ibnu Tarcisio li fi żmien il- Kappillan Dun Nikol Pace għamel l-iskultura tal-kapitelli kollha tal-kolonni tal-knisja.

Proġett li kien dam madwar 4 snin imma ta xejra ħafna isbaħ lill-knisja. Ta' min insemmu ukoll li fi żmien il-Kappillan Dun Ġużepp Minuti tpoġġa l-artal magġġur li nħadem fi Pietrsanta u kien ġie ordnat mill-kappillan ta' qablu Dun Mikiel Spiteri u mbagħad sar il- paviment li tlesta fis-sena 1961. Saru imbagħad it-twieqi ta' isfel u fi żmien il-Kappillan Pace saru l-kumplament tat-twieqi tal-koppla. Il-knisja kienet ġiet ikkonsagrata mill-Arċisqof Ġużeppi Mercieca fl-14 ta' Mejju 1977.

Din kienet fil-fatt l-ewwel knisja li ġiet ikkonsagrata mill-Arċisqof Mercieca. Ma nistgħux ma nsemmux il-wasla tal-vara titulari ta' San Pietru f'Lulju 1959 u s-sett tal-qniepen li ġew imbierka mill-Arċisqof Mikiel Gonzi fid-19 ta' Lulju 1969. Sett mill- isbaħ u hu l-ikbar sett bħala qniepen kbar tad-ditta Olandiza Petit and Fritsen li nsibu fil-gżejjer Maltin.

Għeluq

Kif ġa ktibt il-knisja tagħna nistgħu ngħidu li ma kellhiex ix-xorti li tinbena kif kienet pjantata mill-Perit bravu Godwin Galizia. Sfortunatament sa issa qatt ma rnexxielna nsibu l-pjanta tal-knisja u dan fatt li ma nistax nifhmu meta tqis li l-istorja tal-knisja tagħna tmur lura biss 100 sena.

Nifhem li kull ma tagħmel ifisser spejjeż kbar imma kif kien hawn meħtieġa spejjeż kbar għall-knisja tagħna, hekk ukoll kien meħtieġ għall-knejjes kollha tal-gżejjer Maltin u għalhekk meta nara li l-knisja nistgħu ngħidu baqgħet kif inbniet, jiġifieri la nħadmet kollha u wisq iktar lanqas qatt ma ġiet invjata u mnaddfa, inħoss għafsa ta' qalb. Hija x-xewqa tiegħi kif ukoll tal-parruċċani kollha li xi darba jingħata bidu għal dax-xogħol biex b'hekk forsi xi darba jkollna knisja bħalma għandu ħaddiehor.

Ringrazzjament lill-istoriku Mario Coleiro, lill-Perit Vincent Centorrino u lil Hospice Malta.

L-Ambone tal-Injam

Perit Michael Schembri

1976 - 50 sena ilu

Sa qabel il-Konċilju, il-priedki fil-knisja kienu jsiru minn fuq il-pulptu jew minn fuq xi palk f'forma ta' bankun. Jeżisti ritratt tal-knisja parrokkjali ta' San Pietru, li fiha jidher il-pulptu li kien hemm, mal-pilastru maġġur fejn jintrama l-istandard l-aħmar tal-fratellanza tas-Sagrament.

Dak il-pulptu, li ma kienx xi wieħed artistiku, kien tneħħa u ttieħed fil-kappella tas-Sagra Familja, fejn dak iż-żmien kienu jintrefgħu xi affarijiet relatati mal-fieri u xi armar tal-festa. Xi żmien wara, il-pulptu ma deherx iżjed u jingħad li ngħata lil tal-forn. Iżda fl-istess kappella għad hemm il-pulptu tagħha, li jinkludi miegħu iċ-ċelu, jew is-saqaf, li kienu jagħmluh biex il-predikatur jinstema' aħjar.

Jingħad li għall-eżerċizzi, kien jintrama l-palk fil-knisja parrokkjali, x'imkien qrib il-pilastru maġġur l-ieħor fejn jintrama l-istandard l-abjad tal-fratellanza tar-Rużarju. Il-predikatur kien jipprietka l-eżerċizzi minn fuq dak il-palk, li fuqu fl-istess ħin, kien ikun hemm armat il-Kurċifiss il-kbir u xi mejda.

Imbagħad fl-aħħar ġimgħa tar-Randan, il-palk kien jitressaq taħt it-tieni arkata filwaqt li l-istatwa tad-Duluri kienet titqiegħed (mingħajr pedestall) ħdejn il-Kurċifiss fuq l-istess palk. Il-palk sarulu xi modifiki u għadna nużawh sa llum bħala bankun għad-Duluri u għal tar-Rużarju. Iżda daż-żmien, meta d-Duluri titpoġġa ħdejn il-Kurċifiss, l-istatwi jkunu fuq bażi żgħira ndividwali u mhux iżjed fuq il-palk. Kellna



Birzebbuga
28 Awwissu 1976

Il-Kappillan Joseph Minuti, ghan-nom tieghu personalment, ghan-nom tal-Kleru kollu ta Birzebbuga, u ghan-nom tal-poplu kollu jirringrazzja bil-qalb lill Mr. Antonio Mangion u s-Sinjura tieghu Lucrezja ghall-Ambone artistiku li huma ghogobhom jirregalaw lill-Knisja Parrokkjali ta' Birzebbuga; li gie inaugurat fl-1 ta' Awwissu 1976, Festa Titolare ta' San Pietru fil-Ktajjen.

Jos Minuti
Kappillan

nagħmlu hekk minħabba d-damask, sabiex il-Kurċifiss ikollu għoli biżżejjed taħt il-pavaljun u fl-istess waqt, id-Duluri tibqa' marbuta dejjem mal-pedestall.

Intant, mat-twettiq tar-riforma fil-liturġija wara l-Konċilju, mill-Avvent tal-1969, kien jeħtieġ li jsir ambone għal-liturġija tal-kelma, inkluż l-omelija tal-Ħadd. Kien sar ambone semplici, li niftakar li kellu salib fil-faċċata u kien bi tliet tarġiet. Kien inħadem minn Grezzju Pullicino, li ħafna minna niftakruh bħala kaxxier tas-soċjetà għal bosta snin. Imbagħad għall-festa tal-1976, iżżanżan ambone ieħor, li kien tħallas mis-sur Antonio (Toni) Mangion u l-mara tiegħu Lugrezia (Grezz). Dan l-ambone artistiku, kien iżżanżan fl-aħħar jum tat-tridu tal-festa, liema festa dik is-sena kienet ħabtet fl-1 t' Awwissu. Toni ma tantx gawda l-opra li ħalla, għax miet xi erba' ġimgħat wara.

L-ambone kien iddisinjat mill-isklutur Salvu Bugeja, li kien ħadem ukoll ix-xogħol tal-iskultura jiġifieri l-kapitelli taż-żewġ kolonni, il-gwarniċa, it-tliet panewijiet tal-faċċati, ornamenti oħra fil-faċċata, kif ukoll l-ajkla li fuqha jserraħ il-leġiju. Il-mastrudaxxa aktarx li kien mill-Ħamrun. Jingħad li b' kollox, l-ambone kien sewa ħames mitt lira Maltin. Fil-panewijiet ta' kull ġenb, hemm arma asimetrika ta' San Pietru, li turi salib rasu 'l isfel, kuruna miftuħa u palma waħda li sserrep mas-salib u tgħaddi minnofs il-kuruna. Fil-faċċata ta' quddiem hemm it-tirenju bl-imfietaħ u ktieb miftuħ b' silta mill-ewwel ittra ta' San Pietru (1 Pt 1: 23) Twelidtu mill-ġdid bis-saħħa tal-kelma ta' Alla. Din is-silta kien għażilha Dun Ġwakkin Schembri, li kien studjuż bravissimu tal-iskrittura, li kien jiġi kull sena għall-villeġġatura f' Birżebbuġa.

L-ambone baqa' jintuża għall-iskop oriġinali tiegħu, għal 44 sena. Fis-sena 2020, l-ambone kellu jitwarrab minn fuq l-artal, minħabba t-tibdil li sar fl-għamara tal-presbiterju, li saret kollha tal-irħam biex tkun aktar pariġġ tal-artal il-maġġur. Madankollu għadna ngawduh mod ieħor, għax qed jintuża bħala bankun għall-istatwi ż-żgħar tal-knisja, meta dawn jinħarġu min-niċċa għall-knisja, fil-jiem tal-festi tagħhom.

Dan ir-ritratt li hawn, ittieħed proprju meta żżanżan l-ambone fl-1976. Jekk tinnutaw sew, jidher is-salib tal-konsagrazzjoni tal-knisja, li hemm imwaħħal ma' wieħed mill-pilastri maġġuri ta' fuq l-artal. Il-konsagrazzjoni tal-knisja kienet saret f' Mejju tal-1977. Iżda s-slaleb tal-konsagrazzjoni kienu ilhom imwaħħlin f' posthom xi ħmistax-il sena qabel.

Ħajr lil Rita Magri (bint Toni u Grezz) għar-ritratti

Ritratti mill-Imgħoddi

Arthur Grima

F'dawn ir-ritratti jidhru diversi ajruplani tas-servizzi Ingliżi. Tnejn minn dawn jidhru li waqgħu fl-inħawi ta' Bengħajsa, filwaqt li l-oħrajn jidhru fil-Bajja ta' San Ġorġ u Kalafrana, circa 1940.



St. Mary Butcher

(Prop. Joe Vella)

For fresh & frozen meat

21, Triq Raymond Caruana, Gudja • Tel: 2167 3030

Ara ġejjin tal-Iljun!

Raoul Briffa M.A.(Melit.) B.A. (Hons) YCS (Melit.)

"Tal-iljun f' idejna huwa t-tmun konna għadna u nibqgħu klassi għalina!" Min jaf kemm il-darba smajna din il-frażi mill-partitarji tas-Soċjetà Filarmonika San Pietru fil-Ktajjen waqt xi marċ fil-jiem tal-festa ta' San Pietru.

Ta' kull sena nżur il-festa f'Birżebbuġa u mhux l-ewwel darba li kont preżenti għall-marċijiet ta' din il-festa. Permezz ta' dan l-artiklu nixtieq naqsam magħkom il-ħsibijiet dwar il-passjoni, l-imħabba, devozzjoni u dedikazzjoni li wieħed jgħix waqt il-jiem tal-festa.

Matul l-istaġun tal-festi nżur ħafna festi u dejjem naffaxina ruħi dwar il-grinta u l-passjoni li bihom il-partitarji jkantaw waqt il-marċi.

Insaqsi bejni u bejn ruħi xi tkun din il-grinta?

Imħabba lejn is-soċjetà jew inkella lejn il-festa?

Forsi pika bejn ir-rivali jew inkella wieħed jesprimi l-emozzjonijiet tiegħu permezz tal-kant mal-marċi? Il-passjoni tan-nies jaqbżu mal-marċ hi realtà oħra tal-festi li forsi xi kultant ma tantx naħsbu fuqha, imma fil-verità hemm ħafna x' wieħed jgħid għaliex fil-marċ ma jkunx hemm persuna waħda jew tnejn, iżda numru ta' nies li kurżità tibqa' xi jkun l-għan ta' dik il-passjoni li wieħed ikanta biha waqt il-marċi.

Huwa mod ukoll ta' kif wieħed jesprimi ruħu. Dan huwa wkoll sens ta' komunità li toffri l-festa Maltija.

Fis-snin sittin ħafna kienu jemmnu li l-festi Maltin kienu ser jintemmu jew inkella jnaqqsu ħafna l-popolarità tagħhom. Min ġieli ra l-film 'Two Trumpets for Saint Andrew' li nħadem fis-snin sittin dwar il-ħajja tal-Maltin b' refernza partikolari għar-raħal ta' Ħal Luqa, in-narratur jagħlaq bil-frażi, 'How long can this go?.... Modern time is coming and bringing change.' Dan il-kliem kien juri biċ-ċar li ħafna kienu jemmnu li l-festi xi darba kienu ħa jispiċċaw.

Anke l-antropologu, il-Professur Jeremy Boissevain, fil-ktieb tiegħu, "Saints and Fireworks: Religion and Politics in Rural Malta", kien qal li l-festi għad iridu jiġu kapitlu tal-passat. Għalkemm dan ma sarx, anzi f'ċerti ċirkostanzi l-festi kibru, żgur li kien hemm bidla fil-mod ta' kif sirna niċċelebraw il-festi.

Il-progress ġab bidla fil-festi kemm fil-mod ta' kif jiġu ċċelebrati kif ukoll fil-ħsieb, id-devozzjoni u l-għan li għalih jiġu ċċelebrati. Madwar sittin jew sebgħin sena ilu l-qofol tal-festi kien dejjem il-funzjonijiet interni, mhux għax il-festi esterni ma kinux isiru b'pompa kbira, iżda l-attendenza għall-funzjonijiet reliġjuzi kienet tkun numeruża daqs dik tal-festi esterni.

Illum ftit huma l-knejjes li naraw mimlija fil-jiem tat-Tridu jew tan-Novena, ftit li xejn naraw knejjes mimlija nies eżempju fil-Quddiesa Pontifikali. Wieħed jistaqsi għaliex dan in-nuqqas ta' attendenza mill-festi interni?

Nemmen li hemm diversi fatturi li wasslu għal

dan, fosthom hemm li l-għan tal-festi m'għadux dak spiritwali, iżda ċ-ċelebrazzjonijiet esterni bħal marċi u 'street parties' li rajna l-introduzzjoni tagħhom f' dawn l-aħħar snin. Dawn saru jitqiesu mill-parti l-kbira tal-komunità, bħala l-għan prinċipali tal-festa. Dan juri bic-car kif inbidlet il-komunità fl-irħula u l-bliet Maltin matul iż-żmien u ovvjament wieħed qatt m'għandu jinjora dak li tkun tixtieq il-maġġoranza.

F'festa partikolari f'wieħed mill-eqdem rħula li għandna f' Malta kont iltqajt m'anzjan li ġieli niltaqgħu f'xi festi u rajtu jħares lejn nofs il-misraħ ħosbien. Kont staqsejtu x'kien għaddej minn moħħu u qalli li kien qiegħed jaħseb kif xi ħaġa bħal festa kapaċi timla l-pjazza kollha kuluri, armar u nies ta' kull xorta u jekk tiġi l-ġimgħa d-dieħla ssib biss karozzi u traffiku għaddej minn dik il-pjazza.

Inkun onest ma weġibtux għax ħallieni bla kliem għax xi kultant ma nirriflettux fuq kemm barra l-ħidma tant kbira ta' ħafna voluntiera li jirnexxielhom mhux biss jittransformaw id-dehra tal-pjazza bl-armar, jarmaw il-knejjes, jaħdmu n-nar, u jippreparaw il-baned għall-jiem tal-festa, iżda jkunu wkoll qegħdin juru l-għaqda bejniethom, li sfortunatment minn xi daqqiet tintilef matul is-sena, minħabba l-ħajja mgħaġġla li saret.

Żgur li għalkemm inbidlu ħafna affarijiet fil-festi bħal armar, fejn il-qadim għamel wisgħa għall-ġdid, nemmen li ħaġa waħda biss qatt ma nbidlet u din hi s-sens ta' komunità li dejjem ġabu magħhom il-festi. Ġieli lanqas ninnutaw kemm il-festi huma ċavetta sempliċi biex il-komunità tiltaqa'.

Min b'xi skuża biex jara n-nar, oħrajn jorganizzaw BBQ fuq il-bejt u jistiednu l-familjari u ħbieb anke jekk ma jkunux dilettanti tal-festa, u min jitla' l-pjazza biex jiltaqa' mal-ħbieb antiki li jaf ikunu marru joqogħdu barra mir-raħal jew belt fejn ikunu trabbew.

Il-festa tgħaqqad nies minn kull settur. Fl-organizzazzjoni tal-festa wieħed isib diversi dilettanti li jkunu ġejjin minn diversi setturi tal-ħajja. Wieħed irid japprezza kif dawn in-nies jingħaqdu flimkien u jaħdmu volontarjament għal dan l-avveniment tant importanti għalihom u biex jagħtu gost lill-komunità u lil kull min jattendi għal dik il-festa partikolari.

Li hu żgur hu, li il-festa hija parti importanti mit-tradizzjoni tagħna l-Maltin u hemm bżonn li nibqgħu nieħdu ħsieb dan il-wirt. Nemmen li l-festa m'għandhiex tkun xi ħaġa ta' ġimgħa f' sena u kif tgħaddi wieħed jinsa l-festa u jerġa' jiftakar fiha biss xi ftit ġimgħat qabel tiġi organizzata.

Illum il-ħajja saret mgħaġġla wisq u wieħed irid isib ħin għall-volontarjat li xi kultant ikun diffiċli fil-ħajja tal-lum, biex jibbillanċja bejn xogħol, ħajja familjari u l-volontarjat. Jalla nibqgħu ngħixu dawn il-mumenti ta' devozzjoni u passjoni lejn il-festi tagħna li huma parti mill-kultura tagħna u anke parti minn ħajjitna.

Nawguralkom il-festa t-tajba.

Mario Sant

Qarrej tal-Provi (Malti)
Warranted Maltese Proofreader jawgura l-festa t-tajba lill-poplu ta' Birżebbuġa u lil dawk kollha li jogħġobhom iżuruna

nannumario@gmail.com • 79919337

Charles Demicoli
Magħruf bħala - "Il-Walker"

Pierre Zammit

Fit-tmeninijiet kif ukoll fil-bidu tad-disgħinijiet, Charles kien teenager dilettant ħafna tal-festi. Niftakru li kellu ħafna ideat biex konna nistgħu nikbru fil-festa ta' Birżebbuġa speċjalment fejn jidħlu l-marċi brijużi. Dan kien minħabba l-fatt li kien iħobb ħafna l-festa ta' Sant' Andrija patrun ta' Ħal Luqa peress li parti mill-familja tiegħu kienet ġejja minn dan ir-raħal.

Kien fis-sena 1992 meta ssieħeb fil-kumitat taż-żgħażagħ. Dak iż-żmien is-soċjetà tagħna kienet għadha fil-bidu tagħha u l-ħidma kienet kbira.

Ix-xogħol kien varju ħafna bħall-armar tal-briju, bini tas-sede, discos, beach parties, ġbir u ħafna affarijiet oħra biex is-soċjetà setgħet tkun kapaċi tiffunzjona u tikber. Dan kollu ma kienx faċli.

Charles huwa bniedem onest u ferrieħi ħafna u fejn ikun iressaq in-nies lejh billi għandu kariżma kbira.

F'isem is-Soċjetà Filarmonika Banda Birżebbuġa nirringrazzjak tax-xogħol u s-servizz li tajt lill-komunità ta' Birżebbuġa.

San Pietru jżomm idejh fuqek.

Grazzi Charles!

Kenneth Dalli -
Magħruf bħala "Id-Dalli"

Fis-sena 1994 issieħeb magħna Kenneth. Kien wiċċ ġdid u ta' età żgħira. Imma l-grinta u l-enerġija li kellu kienet kbira. Dak iż-żmien żagħżugħ bħal "Id-Dalli" kien jimliena b'ħafna kuraġġ u b'determinazzjoni li proġett li kien imbeda minn ta' qabilna kien se jitkompla.

Niftakar ukoll li meta kien hemm il-ħsieb li tibda titwaqqa' u tinbena mill-ġdid il-propjetà, li nxtrat biex ikollna każin tal-banda, Kenneth kien minn tal-ewwel li daħal għaliha u ħadem b'ruħu u ġismu. Is-soċjetà dak iż-żmien kellha bżonn nies bħal Kenneth għax kien ta' stamina kbira u nażżarda ngħid li ħafna mill-irfigħ tal-ġebel, biex insostnu lill-bennejja, għaddew minn taħt idejh.

Irrid infakkar ukoll li ta' dik l-età tenera li kellu ma kienx biss iffukatt fuq briju u ġbir imma wkoll biex is-soċjetà tagħna jkollha dar fejn tiltaqa' u tinġabar. B'hekk tkun tista' titkompla l-ħidma u finalment idduq is-suċċess. U dan is-suċċess inkiseb għax kellna nies li taw il-ħin u saħħithom bħalma għamel Kenneth.

F'isem is-Soċjetà Filarmonika Banda Birżebbuġa nirringrazzjawk tas-sehem kbir li tajt.

Viva l-Banda tal-Iljun!
San Pietru jżomm idejh fuq il-familja tiegħek u fuq Birżebbuġa.

Grazzi Kenneth!

Komplu għamluna kburin lilna l-Birżebbuġin!

Albert Gauci Cunningham

Ġurnalist, Opinjonist u Partitarju

Għadni niftakar qisu ġrat ilbieraħ. Fil-Bajja ta' San Ġorġ nistennew lil San Pietru 'tal-kartapesta', kif konna nafuh dak iż-żmien, tas-soċjetà mużikali ġdida li għadha kemm twaqqfet f'Birżebbuġa.

Is-sena kienet l-1990 kont tifel għadni kif għamilt il-preċett. Tifel ta' Birżebbuġa iben omm, imwielda Cunningham fi Triq id-Duluri, miżżewġa u li bniet familja ma' missieri l-għażiż f'dan ir-raħal. Twelidt u għext tfuliti ftit biss 'il bogħod minn fejn kont fl-ewwel memorja tiegħi tas-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa.

Minkejja li għaddew 36 sena niftakar sew l-għagħa u l-interess li kien hawn. Is-soċjetà instantanjament injettat interess qawwi u mġedded fil-festa għażiża tagħna ta' San Pietru fil-Ktajjen.

Niftakar nara l-istatwa ta' San Pietru mmexxija mill-ewwel attivisti tal-banda u xħin rajnieha konna għidna, 'Din l-istatwa mhux bħal tal-oħrajn?' Fil-fatt irriżulta li kien hemm qbil bejn iż-żewġ soċjetajiet dwar l-użu tal-istess

statwa fit-tradizzjoni li għadha ssir sal-lum ta' meta l-istatwa ta' San Pietru tinġieb fuq id-dgħajjes. Inċidentalment kien zijuwi li daħħal diversi drabi fil-Bajja l-istatwa ta' San Pietru tal-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen; il-mibki Joe Abdilla.

Illum meta nħares lura lejn din il-memorja nħossni kburi li dakinhar kont preżenti f'dak il-mument li kellu jsir iż-żerriegħa li permezz tagħha l-festa tagħna kibret u fjorixxiet.

Anke min mhux partitarju tas-Soċjetà Filarmonika jirrikonoxxi li l-festa tagħna l-Birżebbuġin ħadet spinta qawwija fl-1990.

Infetħu t-twieqi u daħlet żiffa ta' entużjażmu kbir. Soċjetà mibnija min-nies ta' Birżebbuġa, għan-nies ta' Birżebbuġa.

U s-sejħa saret u l-poplu ta' Birżebbuġa wieġeb!

Bil-mod il-mod din is-soċjetà bdiet iżżid fil-popolarità. Żgħażagħ, anzjani, familji, nies li qatt qabel ma kienu ddedikati għall-festa kollha bdew imiddu jdejhom għall-ħidma.

Min jarma għall-marċ, min jinvesti għall-każin, min jiġbor id-donazzjonijiet, min jaħseb kif s-soċjetà se tkabbar billi tixtri l-ispiżerija li dak iż-żmien kien hemm mal-każin, min idoqq strument, min jgħallem il-mużika ...

Min jinżebagħ għall-marċ, min dejjem jivvinta xi kostum oriġinali għall-marċi brijużi, min jagħti mill-ħin prezzjuż tiegħu biex ikun parti minn kumitat, min jaħdem biex bdiet toħroġ pubblikazzjoni bħal din u tant u tant aktar.

Innutaw xi ġmiel! X'esperiment ta' suċċess u ta' viżjoni kellhom il-fundaturi ta' din is-soċjetà.

Raħal sar komunità. U l-komunità saret sostenn, saret il-kwalità ta' ħajja aħjar ta' tant nies. Nies li saru ħbieb, li żżewġu lil xulxin, li llum jafu lil

din is-soċjetà għall-għeruq tagħhom. Dak li bl-Ingliż jgħidulu 'a sense of belonging.'

U llum, 36 sena wara l-1990, il-poplu li ntalab iwieġeb għadu qed iwieġeb. Bi mħabba, b'għożża u b'dedikazzjoni liema bħalha.

Matul dawn il-jiem naraw liż-żgħaħagħ tas-soċjetà għalenin jarmaw in-nar tal-art. L-arti tal-piroteknika li ħolqot familja ġdida; familja li toħloq is-sbuħija u l-kreattività. U li għamlet suċċessi kbar; il-familja tal-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar.

Naraw lin-nisa tas-soċjetà jaħdmu bla heda. Naraw liż-żgħażagħ jarmaw u jippreparaw għat-tlugħ tal-istatwa artistika ta' San Pietru fiċ-ċentru tax-xatt li jdawwar lill-Bajja s-Sabiħa. U fuq kollox naraw lit-tmexxija tas-soċjetà li tul is-snin u sforz l-għaqal u l-viżjoni xtrat xejn inqas minn ħames proprjetajiet. Biex illum hija soċjetà mużikali sinjura u b'saħħitha.

U mhux fil-festa biss. Kemm ħadt gost din is-sena insegwi l-produzzjoni tal-Grupp Teatrali 14 ta' Jannar Birżebbuġa - Patt Qarrieq. Produzzjoni mtellgħa bi professjonalità u b'dedikazzjoni kbira. Jiem biss wara – il-festa tal-Irxoxt hawn f'Birżebbuġa wkoll! Il-poplu wieġeb u għadu qed iwieġeb għas-sejħa tas-soċjetà.

36 sena wara dak il-mument, li għadni niftakar fil-Bajja ta' San Ġorġ, rajna komunità ddur madwar is-Soċjetà Filarmonika, issostniha, issaħħaħha, tkabbarha u tagħmilha tagħha.

Biex illum, bħala raħal qed nagħmlu dak li fl-1990 lanqas konna noħolmu, poġġejna l-Festa ta' San Pietru fil-Ktajjen fuq il-mappa tal-festi. Tajna identità ġdida lir-raħal għażiż tagħna.

Dak huwa l-legat ta' din is-soċjetà! Dak huwa l-frott li qed jaqta' minnu kull min hu minn Birżebbuġa.

Ħerqan u mħeġġeġ biex mill-25 ta' Lulju 2026 nerġà nkun parti, anke jekk ċkejkna, mis-suċċess tas-Soċjetà, dik li nafuha bħala 'Tal-Iljun.'

Il-poplu ta' Birżebbuġa grat lejn il-fundaturi kollha tas-Soċjetà. Grazzi għalihom din il-festa għamlet passi kbar u l-komunità ta' Birżebbuġa saret iktar b'saħħitha u aktar kburija minn qatt qabel.

U dan f'36 sena biss! Aħseb u ara x'għad irid isir fis-36 sena li ġejjin.

Kellu bżonn il-Mulej jagħtini biżżejjed għomor biex nibqa' nara lis-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa tagħmel lir-raħal għażiż li tant inħobb, tassew kburi biha!

Viva l-festa tagħna. Viva tal-Iljun. Viva San Pietru.

Pietru Meħlus Mill-Ktajjen

Lino Gatt

Fl-Atti tal-Appostli nsibu
Kif Erodi, is-Sultan
Wara li qatel lil Ġakbu
Jdur għal Pietru kien il-pjan.

Dan lil-Lhud għoġobhom ħafna
Hekk kif Pietru arrestawh,
U flimkien ma' għassa stretta
Fil-ħabs kienu kkatenawh.

F'dan il-waqt li Pietru msakkar
Talb ħerqan lil Alla sar,
Mill-Knisja li qegħda tikber
Talb kontinwu lejl u nhar.

Awl il- lejl li kien imfassal
Biex lil Pietru jakkużawh,
Hu kien rieqed sewwa mxekkel
B'żewġt iktajjen ikkalzrawh.

Erba' gruppi t'erba' għases
Għassa stretta ma' kull bieb,
Żewġ suldati għassa miegħu
Fisser tajjeb il-kittieb.

Hawn f'salt wieħed jidher anġlu
Li kien bagħtu l-Mulej,
Waqt li dawl idda mal-kamra
'L Pietru qallu dan li ġej...

"Qum malajr u tħażżem sewwa
Il-qorq ilbes ġo saqajk,
U l-mantar li hemm biswitek
Dawru sewwa ma' dirgħajk."

Dak il-ħin il-ktajjen waqgħu
Waqt li Pietru mexa wrajh,
Stħajjel kienet xi viżjoni
X'ħin beda jħaffef saqajh.

Qabżu sewwa l-ewwel għassa
Qabżu t-tieni waħda wkoll,
Kif waslu eżatt mal-grada
Waħdu nfetaħ il-firroll.

Ħarġu barra, telqu jimxu
Imxew tul ta' triq flimkien,
Meta l-anġlu li bagħat Alla
Telaq'l hemm mingħajr
dewmien.

Pietru f'salt irrealizza
Dak li ġara kien tassew,
Faħħar'l Alla għax kien ħelsu
Minn dak li għalih ħejjew.

Hekk kif sebaħ is-suldati
Tħawdu u dehru mfixklin,
Ħadd minnhom ma kien jaf
x'ġara; X'sar minn Pietru dak
il-ħin!

Hawn Erodi bagħat ifittxu
Biss ma sata' jsibu mkien,
Is-suldati weħlu miegħu
U qatilhom bla dewmien.

Mulej tiegħi għinni neħles
Mit-tfixkil u l-ktajjen tqal,
Biex bħal Pietru patrun tagħna
Nissaħħaħ fl-ispiritwal.

In-Nutar Ruth Antoncich

tixtieq tawgura l-festa t-tajba lir-residenti kollha ta' Birżebbuġa.

99280609

2, Triq G. Galizia, Birżebbuġa.

ruthantoncich@gmail.com

Id-Devozzjoni ta' Dun Ġorġ lejn San Pietru

Warren Busuttil B.Ed (Hons)

"Agħżel lil xi ħadd li permezz ta' ħajtu, kliemu, u dak li għamel ikun għalik ta' ispirazzjoni. Żommu dejjem quddiem għajnejk bħala gwida u mudell." – Seneca ż-Żgħir

Sa mill-ewwel snin tal-komunità Nisranija, il-qaddisin tagħha sabu post speċjali fil-qalba ta' din il-komunità. Huma mhux biss jidħlu quddiem Alla fit-talb, iżda kienu għaliha mudelli ħajjin tal-għajxien tal-Evanġelju. Il-ħajja tagħhom turina s-sbuħija ta' x'tista' tagħmel fi bniedem il-grazzja ta' Alla li taħdem fih meta dan iwieġeb b'sinċerità għas-sejħa tiegħu.

Iżda l-qdusija għandha l-karatteristika sabiħa li hi wkoll tnissel il-qdusija f'ħaddieħor. Diversi qaddisin sabu t-Triq tal-Ħajja billi qraw, studjaw u imitaw qaddisin oħra li ġew qabilhom. Din id-devozzjoni u l-imitazzjoni tal-qaddisin tidher fil-ħajja ta' San Ġorġ Preca. Hu kien kiteb: "Id-devozzjoni (tal-qaddisin) tikkonsisti fl-imitazzjoni." (Dun Ġorġ, It-Teżor ta' Missirijietna, nru 1354.)

Fost il-qaddisin li lejhom Dun Ġorġ Preca kellu devozzjoni kbira nsibu lil San Pietru Appostlu. F'dan id-dixxiplu ta' Ġesù ma rax biss fih il-Mexxej tal-Knisja, l-ewwel Papa jew il-Prinċep tal-Appostli, iżda ra fih il-bniedem dgħajjef, b'karattru tassew uman li esperjenza l-imħabba personali ta' Ġesù, u li fuqu bena l-Knisja tiegħu.

Sajjied Niedem

Dun Ġorġ intlaqat ħafna bl-umanità tal-patrun tagħna San Pietru. F'diversi episodji mill-ħajja ta' Ġesù li nsibu fl-Evanġelju naraw kif Pietru kien minn ta' quddiem mhux biss li jitkellem, imma wkoll li jistaqsi, jiddubita, jiżbalja u jerġa' jqum. Dawn l-episodji mmarkaw diversi kitbiet li Dun Ġorġ ħallielna. Dun Ġorġ kien konxju kemm aħna dgħajfa bħala bnedmin quddiem l-għażliet li jkollna nagħmlu. Iżda tolqtu l-fatt li Alla ma joqgħodx lura milli jnewwel l-id ħanina tiegħu lejn il-qalb niedma:

Dun Ġorġ

"Fost il-midinbin kollha li rrikorrew lejh (lejn Ġesù) għall-maħfra nsibu lil Marija Madalena, San Pietru l-appostlu, il-ħalliel imsallab, Żakkew u l-mara Samaritana." (Dun Ġorġ, Is-Sakrarju tal-Ispirtu ta' Kristu, pass 62)

Forsi quddiem il-qaddis tagħna, ejjew ma naqtgħux qalbna mill-imħabba bla tarf ta' Alla. Alla ma jgħeja qatt jaħfer, huwa aħna li naqtgħu qalbna li nduru lejh u nitolbuh il-ħniena.

F'din il-kitba nistħajlu lil Ġesù jgħid: "Ġib quddiem għajnejk il-maħbub appostlu tiegħi Pietru li fl-istat tal-biża' ċaħadni tliet darbiet; immela rrikorri malajr għall-għajnuna tiegħi fil-waqt ta' kull biża' tiegħek u ttama dejjem fija." (Dun Ġorġ, Is-Sena tas-Sinjur, 23 t'Ottubru)

Sajjied mimli Fidi

F'waħda mill-kitbiet tiegħu L-Eku tal-Ħbieb, Dun Ġorġ jistħajjel diversi qaddisin, li lejhom kellu devozzjoni speċjali, li jħallu kelma ta' ġid lill-qarrej ta' dan il-ktieb. Fost dawk tal-bidu nsibu lil San Pietru li jistħajjel li qed ikellem lill-qarrej dwar il-kobor tal-fidi tiegħu f'Ġesù. Għal Dun Ġorġ, Pietru kellu f'qalbu l-ferħ veru meta għex f'tant qrubija lejn l-imgħallem tiegħu. Dan huwa l-ferħ veru: f'li wieħed jagħraf li hu maħbub minn Alla u ma jistax ikollu ħajja aħjar u isbaħ minn dik li timita lilu fil-qdusija u l-imħabba.

F'din il-kitba, San Pietru nistħajluh jgħid: "Intom għadkom ma rajtuhx 'il Kristu Ġesù, imma meta tarawh tifirħu b'ferħ li ħadd ma jista' jfisser, jekk intom tkunu mxejtu fuq l-eżempju li ħallielkom, li tissaportu bil-paċenzja l-inġustizzji u kull swied il-qalb." (Dun Ġorġ, L-Eku tal-Ħbieb, Jum 3)

Sajjied u Papa

Sa mill-ewwel jiem tas-Soċjetà tal-Museum li waqqaf fl-1907, Dun Ġorġ ried li l-membri tagħha jkunu dejjem mal-Papa fil-ħsieb, fit-tagħlim u fl-imħabba tiegħu lejn il-Knisja. Hu kien jirrepetti bil-Latin is-sentenza: "Ego cum Papa semper" – "Jien mal-Papa dejjem". F'San Pietru, Dun Ġorġ kien jara l-għaqda tal-Knisja miġbura taħt ragħaj wieħed. "Kristu qal lil San

Pietru, l-ewwel Papa tal-Knisja, li tiegħu huma suċċessuri l-Papiet leġittimi kollha: 'U jiena lilek nagħti l-imfietaħ tas-saltna tas-smewwiet.' San Pietru biss kellu l-unur li jirċievi waħdu dan il-poter." (Dun Ġorġ, Taħdit għat-Tfal, Il-Ktieb tal-Ħajja)

Infatti fl-ewwel snin tagħha, is-Soċjetà kienet tissejjaħ Societas Papidum – Is-Soċjetà ta' Ulied il-Papa. Forsi wieħed jifhem li f'Soċjetà ġdida fi ħdan il-Knisja, seta' kien hemm il-biża' li din l-għaqda toħloq xi firdiet jew forma ta' diżubbidjenza. Dun Ġorġ kien ċar, il-membri f'din is-Soċjetà għandhom jikkonfessaw ruħhom ulied il-Papa... ħaġa li għadha ssir mill-membri sal-ġurnata tal-lum.

Għalhekk mingħajr l-ebda dubju, Dun Ġorġ kien jara r-rabta tas-Soċjetà li hu waqqaf mal-ewwel Papa, San Pietru appostlu. Hu xtaq li l-membri tagħha jkunu devoti tiegħu. Mhux biss semmieh fil-kitbiet tiegħu, imma għal diversi drabi jfakkru fit-talb tal-membri (L-Arloġġ ta' Talb) li jitolbu ta' kuljum. Propju fl-ewwel jum tal-ġimgħa, il-membri jżommu lil San Pietru bħala l-mudell li jaħsbu fuqu, u fuq il-fidi tiegħu matul il-jum. Iżda nsibu wkoll diversi episodji mill-ħajja ta' Dun Ġorġ li jkomplu jikxfu l-imħabba li hu kellu lejn San Pietru.

Fil-Museum tal-Birgu, kien hemm statwa ta' San Pietru li għall-festa kienu jarmawha barra. Wieħed mis-soċji, Wenzu Borg irrestawraha u għamlilha niċċa. It-tfal u ż-żgħażagħ tal-qasam għamlu festa għall-inawgurazzjoni tagħha. Dun Ġorġ inzerta hemm għal għarrieda, u feraħ ħafna b'dik il-festa. Hu qalilhom: "Jien u ġej il-Birgu, iltqajt ma' ġuvni li talabni nagħtih xi isem ta' qaddis biex iżommu bħala protettur tiegħu. Jien għedtlu li l-appostli għandhom post speċjali fil-ġenna, u ta' min iżomm lil xi ħadd minnhom bħala protettur. Għax ma tagħżilx lil San Pietru, il-kap tal-appostli? Xħin ġejt hawn u rajtkom tagħmlu din il-festa, fraħt doppjament għax is-Sinjur Alla ried jurini li 'l dan il-ġuvni tajtu parir tajjeb."

Statwa antika ta' San Pietru fil-Museum ta' Ħal Qormi

Repentance of St Peter (Gerard Seghers)

Darba oħra, hu u sejjer mill-Ħamrun għall-Pietà, kif wasal fi Triq id-Duluri sema' serduk jidden u mill-ewwel ġieh f'moħħu l-episodju taċ-ċaħda ta' Pietru meta idden is-serduk u Pietru ftakar fil-kliem li qallu Ġesù, "Qabel ma s-serduk jidden darbtejn, inti tkun diġà ċħadtni tliet darbiet." Imbagħad, biex is-soċji jnisslu dejjem vera ndiema ta' dnubiethom, Dun Ġorġ kien qalilhom biex meta jisimgħu serduk jidden jgħidu din it-talba qasira, "San Pietru, itlob għalina."

Jalla li l-patrun tagħna San Pietru, jnissel fil-qalb tagħna l-istess ferħ, ħeġġa għall-imħabba t'Alla u ndiema fil-qalb tagħna kif nissel fil-qalb ta' Dun Ġorġ Preca. Jalla li l-imħabba li aħna għandna għal San Pietru, u l-ħidma li nwettqu fil-festa tiegħu ma tkunx waħda ta' devozzjoni mingħajr frott, imma li qalbna titqanqal li nimitawh fil-kwalitajiet li lilna tant jolqtuna.

San Pietru Appostlu, itlob għalina.

Viva San Pietru.

San Carlo Acutis
Qaddis taż-Żgħażagħ u ta' żmienna

Roberto D'Amato B.A (Unuri) Malti, M.ED (Maltese)

Settembru li għadda, għalija personali flimkien ma'edukatur ieħor u sitt studenti mill-iskola tagħna, kien wieħed speċjali hekk kif tlajna Ruma biex inkunu parti minn okkażjoni speċjali: il-kanonizzazzjoni ta' qaddis żagħżugħ, li tant smajna dwaru.

"Il-pjan sħiħ ta' ħajti hu li nkun qrib Ġesù". Din kienet waħda mill-frażijiet favoriti ta' San Carlo Acutis, żagħżugħ li minkejja li għex biss ħmistax-il sena, ħalla marka kbira fil-Knisja u fid-dinja.

Min kien Carlo Acutis?

Carlo twieled f'Londra fl-1991 u trabba f'Milan, l-Italja. Kien tifel bħal ħafna oħrajn: kien iħobb jilgħab il-futbol, juża l-kompjuter, jipprogramma websajts u jqatta' ħin ma' sħabu. Iżda dak li kien jagħmlu tassew differenti, kienet l-imħabba kbira tiegħu lejn Ġesù, speċjalment fl-Ewkaristija. Hu kien jgħid li "l-Ewkaristija hija t-triq tiegħi lejn is-sema", u għalhekk kien jattendi l-Quddiesa kuljum u jqatta' ħin twil fl-adorazzjoni.

Il-passjoni tiegħu għat-teknoloġija ma żammhiex għalih innifsu. Għall-kuntrarju, uża l-għarfien tiegħu biex ixerred il-fidi. Ħoloq sit elettroniku dwar il-mirakli Ewkaristiċi madwar id-dinja, proġett li sal-lum għadhom iżuruh eluf ta' persuni. Għal din ir-raġuni, ħafna jqisuh bħala "Il-qaddis tal-internet", għax wera li anke l-mezzi diġitali jistgħu jsiru għodda ta' evanġelizzazzjoni meta jintużaw b'għaqal u bi mħabba.

Meta Carlo marad bil-lewkimja, aċċetta t-tbatija tiegħu b'fidi kbira u offrieha għall-Papa u għall-Knisja. Miet fit-12 t'Ottubru 2006, iżda l-eżempju tiegħu kompla jispira miljuni ta' żgħażagħ madwar id-dinja. Fis-7 ta' Settembru 2025, il-Knisja ddikjaratu qaddis, u b'hekk sar l-ewwel qaddis tal-ġenerazzjoni tal-millennials.

L-esperjenza tagħna f'Ruma

Għall-komunità edukattiva ta' fejn naħdem jien, il-Kulleġġ Santu Wistin, kienet grazzja kbira li stajna nkunu Ruma proprju għal din l-okkażjoni storika. Flimkien ma' eluf ta' pellegrini minn kull rokna tad-dinja, imlejna Pjazza San Pietru b'talb, kant u ferħ hekk kif il-Knisja laqgħet uffiċjalment lil Carlo fost il-qaddisin. Kien mument li diffiċli jitfisser bil-kliem. L-atmosfera ta' fidi, il-preżenza ta' tant żgħażagħ u s-sens ta' għaqda universali ħallew impressjoni qawwija fuq kull min kien preżenti.

Dan il-pellegrinaġġ ma kienx sempliċement żjara f'Ruma, iżda esperjenza spiritwali li ħeġġitna nirriflettu fuq il-vokazzjoni tagħna għall-qdusija. Carlo jurina li l-qdusija mhijiex riservata għal persuni straordinarji, iżda hija



sejħa għal kulħadd. Hu ma għamel xejn spettakolari f'għajnejn id-dinja; sempliċement għex kull ġurnata bi mħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu, filwaqt li għamel użu tajjeb mit-talenti li kien irċieva.

Kien mument speċjali ferm għalina wkoll meta l-Papa Ljun innota l-bandiera tal-iskola tagħna u sellem lill-istudenti b'tislima speċjali. Kien mument prezzjuż għalihom li żgur se jibgqħu jiftakruh. Malajr insew l-fatt li qamu fl-4:00 ta' filgħodu biex nilħqu post tajjeb!

Kellna ċ-ċans ukoll inżuru l-qabar tal-Papa Franġisku, post ta' paċi u talb hekk kif tersaq viċin tal-fdalijiet ta' dan il-bniedem kbir ieħor li għex fi żmienna. Apparti minn hekk, bħala parti mill-komunità Agostinjana, żorna l-Kurja Ġenerali tal-Agostinjani, li jinsab bieb u għatba mal-Vatikan. Dak iż-żmien kien qed isir il-Kapitlu Ġenerali u żewġ qassisin minn Malta ħadu ħsieb idawruna u jispjegawlna dak li hemm u x'kien qed isir f'dak iż-żmien.

Bħala skola, nirringrazzjaw lil Alla ta' din l-esperjenza li se tibqa' mnaqqxa fil-memorja tagħna. Nittamaw li l-ħajja ta' San Carlo Acutis tkompli tispira lill-istudenti, lill-edukaturi u lill-familji tagħna biex jagħmlu użu responsabbli mit-teknoloġija, jgħixu l-fidi b'konvinzjoni u jfittxu l-qdusija fil-ħajja ta' kuljum. Il-messaġġ ta' Carlo jibqa' wieħed sempliċi iżda qawwi: kull wieħed u waħda minna huwa msejjaħ biex ikun verżjoni oriġinali tiegħu nnifsu, u mhux kopja ta' ħaddieħor.

Intervista lil Pietru

Mario Sant Cert. Proofreading (Melit.) QPM

Intervistatur: Pietru, grazzi talli għoġbok taċċetta din l intervista. Minn sajjied umli fuq il Baħar tal Galilija sal blata li fuqha nbniet il Knisja, qabża kbira! Minn fejn wieħed jista' jibda biex nippruvaw nifhmu dan il vjaġġ straordinarju tiegħek?

Pietru: Għandi l impressjoni li llum meta n nies iħarsu lejn l istatwi tiegħi jarawni bħala dak il bniedem perfett, maestuż ... Imma r realtà mhix dik. Kont sempliċi sajjied, kultant bi lsieni twil iżżejjed, bniedem tad demm u l laħam bħal kulħadd, b'difett kbir tiegħi dik li taqbiżli malajr. Sikwit naġixxi bla ma naħseb. Imma s Saltna tas Smewwiet ma nbnietx fuq il perfezzjoni, imma fuq il ħniena. Jekk Alla għażel lili, l aktar wieħed dgħajjef, mela l ebda bniedem mhu mitluf.

Intervistatur: Tweġiba onesta għall aħħar. Ejja nibdew b'dak l aktar mument mudlam tiegħek. L Evanġelji jniżżlu b'mod drammatiku l lejl li fih ċħadt li qatt kont taf lil Ġesù ... u mhux darba, imma tliet darbiet, Pietru ...

Pietru: Il biża' pparalizzani! Ħareġ minn fommi velenu flok stqarrija ta' kemm kont kburi li mhux biss nafu lil Ġesù imma li kont lest nibqa' miegħu sal aħħar, kien hemm x'kien hemm lest għalija! Meta dak is serduk idden twerwirt, ħassejt nifsi jinqata'. X'għamilt? Wegħedtu li mmut għalih, u minflok ta' ġifa li kont ...

Intervistatur: Madankollu, hekk kif irxoxta Ġesù lilek reġa' fittex, lilek ried bħala mexxej ...

Pietru: Minn bniedem imfarrak għall aħħar ħassejtu qed jerġa' jibnini mill ġdid. Fuq dik ix xtajta tal Galilija, Ġesù flok infexx jgħajjarni, kif fuq kollox kien jistħoqqli, ħares dritt f'għajnejja u staqsieni tliet darbiet: 'Tħobbni int?'. Kull tweġiba li tajtu ħassejtha qed tħassar ċaħda wara l oħra. L Imgħallem hemm tani prova li l grazzja tiegħu hija akbar mill akbar falliment tagħna. Hu ma neħħilix il passat, imma bidlu f'pedament biex jien inkun nista' nifhem u niffaċċja d dgħufija tal oħrajn."

Intervistatur: Wara li rċevejt l Ispirtu s Santu, f'ismu bdejt twettaq ukoll mirakli kbar. In nies kienu joħorġu l morda tagħhom fit toroq biex tfejjaqhom ... saħansitra qajjimt mill mewt mara jisimha Tabita ...

Pietru: M'għandek qatt taħseb li dik il qawwa kienet tiegħi! L ewwel darba li Ġwanni u jien fejjaqna raġel zopp għidnielhom ċar u tond: 'Għaliex qed tħarsu lejna bħallikieku dawn il-ħwejjeġ mhux normali għamilniehom bis saħħa jew bit tjieba tagħna?'. Li tara l mewt ċċedi, jew li tara l morda jqumu sempliċement bid dell tiegħek, huwa mument li jimlik b'biża' qaddis. Int tħossok bħal tila vojta li fuqha l Artist Divin qed ipinġi l imħabba tiegħu. Il miraklu mhuwiex l att fiżiku, imma l fidi fik li tibqa' temmen li għal Alla kollox hu possibbli, kollox jista' jsir.

Intervistatur: Imma l vjaġġ tiegħek ma kienx mingħajr kunflitti interni. Fl istorja tal Knisja bikrija, l istatwa tiegħek spiss titqiegħed ħdejn dik ta' San Pawl, iżda r relazzjoni tagħkom kellha mumenti ta' tensjoni qawwija, bħall inċident famuż f'Antijokja fejn hu kkonfrontak pubblikament dwar il liġijiet tal Lhud. Kien hemm rivalità bejnietkom?

Pietru: Pawlu!... Raġel tan-nar u intellett liema bħalu. Rivalità? Le, imma tensjoni qaddisa iva. Pawlu kien jara l futur b'mod ċar u radikali, filwaqt li jien kont qed nipprova nżomm il merħla magħquda, inkluži d dixxipli Lhud li kienu mbeżżgħa mill bidla. F'Antijokja, meta jien irtirajt milli niekol mal pagani minħabba l biża' mill kritika, Pawlu kellu raġun jikkritikani. Hu fakkarni li l Evanġelju ma jagħmilx distinzjoni. Ma kienx faċli li tiġi kkoreġut pubblikament, imma jien u hu konna nafu li l messaġġ kien akbar mill kburija tagħna. Fl aħħar, konna żewġ pilastri tal istess bini: jien il blata tal pedament, u hu l arkitett li wassal il messaġġ sal fruntieri tad dinja.

Intervistatur: Sibtu ruħkom issa Ruma, il qalba tal imperu li ried jeqridkom. It tradizzjoni tgħid li meta wasal il mument tal martirju tiegħek, int tlabt li tiġi msallab rasek 'l isfel. X'għandek xi tgħid dwar dan?

Pietru: Meta rajt is salib lest għalija, moħħi ġera lura lejn l Għolja tal Kalvarju. Jien, li kont ċħadtu, kif stajt niftaħar li qed immut bl istess mod majestuż bħal Sidi? Li nitlob li nkun rasi 'l isfel kienet l unika

stqarrija li stajt nagħmel: jien m'iniex l Imgħallem, jien biss il qaddej. F'dik il pożizzjoni, waqt li d dinja kienet tidher ta' taħt fuq, stajt nara kollox ċar. Il biża' li darba ħakem lili f'dik il lejla kien sparixxa għal dejjem, mibdul mill paċi tal mewt f'ismu.

Intervistatur: Kliem b'saħħtu, Pietru. Grazzi ta' dan il mument profond. Xtaqt nirreferi issa għaż żewġ ittri tiegħek li jinsabu fl Iskrittura Mqaddsa. Ejja nmorru dritt għall Ewwel Ittra tiegħek. Kitibtha f'mument ta' persekuzzjoni kbira għall Insara. X'kien il messaġġ ewlieni li xtaqt twassalilhom?

Pietru: Iva, dawk kienu żminijiet diffiċli ħafna taħt l Imperu Ruman. L Insara kienu qed iħossuhom bħal "barranin" f'arthom stess. L għan tiegħi kien wieħed: li nagħtihom it tama. Xtaqt infakkarhom li t tbatija preżenti mhux se ddum għal dejjem. Għedtilhom biex iħarsu lejn Ġesù, li bata qabilna iżda mbagħad qam glorjuż. It tbatija ssaffi l fidi bħan nar li jippurifika d deheb.

Intervistatur: Tisħaq ħafna wkoll fuq il ħajja ta' kuljum. Tagħti pariri lill miżżewġin, lill ilsiera, u lill mexxejja tal komunità. Għaliex din l insistenza fuq il kondotta prattika?

Pietru: Għax il fidi mhix biss kliem jew teorija. Jekk aħna poplu magħżul u qaddis, il ħajja tagħna trid tkun differenti minn ta' ħaddieħor. Ma nħallux lil ħaddieħor jakkużana li aħna foloz għax ngħidu li nemmnu mod u mbagħad naġixxu mod ieħor. B'għemejjel tajba u valuri tajbin nagħtu prova tassew tal fidi tagħna. Irridu nkunu lesti wkoll li nagħtu tweġiba lil kull min jistaqsina dwar it tama li għandna f'qalbna, imma dejjem bi ħlewwa u b'rispett.

Intervistatur: Nimxu issa għat Tieni Ittra tiegħek. It ton hawnhekk jinbidel ħafna. Jidher aktar urġenti, kważi bħal xhieda tal aħħar qabel mewtek. X'kien qed jinkwietak?

Pietru: Sewwa qed tgħid. Fit Tieni Ittra kont naf li l mewt tiegħi kienet qrib. Il periklu din id darba ma kienx ġej minn barra, il persekuturi, imma minn ġewwa l komunità stess. Kien hemm għalliema foloz li kienu qed iħawdu l imħuħ. Kienu qed jgħidu li t Tieni Miġja ta' Kristu mhix se sseħħ u kienu qed jużaw il libertà Nisranija bħala skuża biex jgħixu ħajja immorali. Xtaqt inħalli twissija ċara qabel nitlaq.

Intervistatur: Inti ddefendejt bil qawwa r realtà ta' din it Tieni Miġja. Kif twieġeb lil dawk li jgħidu li Alla qed jiddawwar biex iwettaq il wegħda tiegħu?

Pietru: Għal Alla, jum wieħed huwa bħal elf sena, u elf sena bħal jum wieħed. Dan mhux dewmien ta' Alla kif jaħsbu xi wħud. Huwa qed juri paċenzja kbira magħna għax ma jrid li jintilef ħadd, imma li kulħadd jersaq lejn l indiema. Dan iż żmien ta' stennija huwa rigal ta' ħniena biex ngħixu ħajja qaddisa.

Intervistatur: Fiha wkoll, f'din it Tieni Ittra, tagħmel referenza għall ittri ta' San Pawl, u tgħid li fihom hemm affarijiet tqal biex tifhimhom. Għaliex? Bħal donnhom qegħdin jerġgħu jgħollu rashom dawn id differenzi ... kont se ngħid "li kien hemm bejnietkom" ... imma inti diġà ċċarajtha din ...

Pietru: Le, assolutament. Pawlu huwa ħuna l għażiż. Alla tah għerf kbir. Huwa minnu iżda li l kitbiet tiegħu huma mżewqa b'teoloġija profonda li nies mingħajr tagħlim u dgħajfa fil fidi jistgħu jinterpretawha ħażin, għad dannu tagħhom stess. Imma aħna konna magħqudin fl istess missjoni. Il messaġġ tagħna huwa wieħed: l għarfien ta' Sidna u Salvatur tagħna Ġesù Kristu. Lilu l glorja issa u għal dejjem.

Intervistatur: Pietru, qed nara li l kju mal bieb tal ġenna qiegħed jitwal mhux ħażin, għandek x'tagħmel, kull ruħ tixtieq li tidħol fejn jistħoqqilha bla dewmien ta' xejn. Ma rridx li minħabba fija ddum ma ddaħħalhom. Mela ħalli nitolbok xi ħaġa tal aħħar biex nagħlqu din l intervista qasira li kellna. Xtaqtek ittemmha b'xi nota ta' kurżità, tbissima, messaġġ ħelu ...

Pietru: Tbissima? Messaġġ ħelu? ... Jgħidu li ma tantx kont ninqala' għalihom dawn! Kont ftit goff għal dawn l affarijiet, jien ... imma nagħlaq b'din. Tinsew qatt li jien kont dak is sajjied li bżajt minn kelma ta' qaddejja fil palazz tal Qassis l Kbir u ċħadt lil Ġesù. Imma Hu ma qatax qalbu minni. Għalhekk, meta taqraw l ittri tiegħi u tħossuhom xi ftit iebsa, tinkwetaw xejn, tħabblux moħħkom iżżejjed.

Ħudu l-ħin u ż-żmien tagħkom. Aqrawhom u erġgħu aqrawhom, fl aħħar xi ħaġa tidħol ġewwa moħħna u tagħmel sens. Mhux hekk? Jekk Alla rnexxielu jagħmel "blata" u awtur minn sajjied dgħajjef bħali, immaġinaw x'jista' jagħmel bikom! Ibqgħu mexjin 'il quddiem b'fiduċja!
Tajjeb hekk, Sur intervistatur?

Intervistatur: Iva, prosit u grazzi ħafna, Pietru. Jekk tinħass il ħtieġa ta' intervista oħra, nerġa' ngħidlek?

Pietru: Bil qalb kollha, sliem.

120 Sena mit-Twelid ta’ Mro Giuseppe Scerri (Xerri).

Maestro di Cappella ta’ Birżebbuġa fi żmien il-Kappillan Dun Anġ Fenech u l-Ewwel Sena tal-Kappillan Spiteri.

Michael Balzia

Twelid u mewt
Giuseppe Scerri twieled Raħal Ġdid fit-13 ta’ Awwissu 1906 minn Francesco Scerri u Carmela Camilleri. Miet fl-Isptar San Luqa fil-5 ta’ Marzu 1980 fl-età ta’ 73 sena.

L-ewwel referenza ta’ Mro Giuseppe Scerri
Kien b’kumbinazzjoni li, waqt li kont qed nagħmel riċerka dwar il-‘Cappella Diacono’ f’Birżebbuġa fil-ġurnal ‘Leħen is-Sewwa’, iltqajt mal-isem ta’ Mro Giuseppe Scerri (li xi drabi jidher ukoll bħala Xerri) għall-ewwl darba. Huwa kien il-Maestro di Cappella kemm fi żmien il-Kappillan Dun Anġ Fenech (1924–1951) kif ukoll fl-ewwel żmien tas-suċċessur tiegħu, Dun Mikiel Spiteri (1951–1954).

L-ewwel referenza għalih bħala s-Surmast tal-Mużika tal-Parroċċa tidher nhar is-Sibt 29 ta’ Lulju 1950, meta l-quddiesa tal-Ħadd kienet imxandra fuq ir-Rediffusion u mmexxija mill-W.R. Kan. Emm Brincat, M.B.E., Arċipriet taż-Żejtun, li aktar tard mar joqgħod Birżebbuġa, propju f’St Michael Street.

Il-ħidma tiegħu fil-Parroċċa tagħna
Mro Xerri mexxa l-mużika tal-festa wkoll fis-snin 1951 sa 1953. Aktar tard, il-Kappillan Dun Mikiel Spiteri ġab lill-Cappella Diacono mmexxija minn Frankie Diacono. Ta’ min ifakkar ukoll li Mro Xerri kkompona l-mużika tal-Prima Messa tal-ewwel saċerdot minn Birżebbuġa, Dun Ġorġ Zammit, fl-1949.

Għalkemm ma baqax Maestro di Cappella, ismu baqa’ marbut ma’ mument storiku ieħor: fl-1969,

Mro Giuseppe Scerri jdoqq waħda mill-ħames qnienpen fi tmiem il-konsagrazzjoni tagħhom minn Sir Mons. Michael Gonzi nhar Is-Sibt, id-19 ta' Lulju,1969. Mro. Schembri kien il-persuna nkarigata mill-intonazzjoni tal-qniepen, xogħol id-ditta Olandiża Petit et Fritsen.

FESTA TA' SAN PIETRU
F'BIRŻEBBUĠA

Il-lum, is-Sibt: Fis-7 a.m. Quddiesa kantata u Te Deum. Fis-6 p.m. Traslazzjoni bir-Relikwja, Għasar solenni, Kompieta u Barka.

Għada, il-Ħadd: Fl-4.30 a.m. Quddiesa bil-fervorin mill-W.R. Kappillan Dun Angelo Fenech; fis-6 a.m. Quddiesa bi Tqarbina ġenerali minn Dun Vincenz Fenech, Viċi Parroku; fid-9 a.m. kant ta' Terza, Quddiesa solenni. Wara l-Vanġelu jinseġ il-paniġirku l-E.T. Mons. Isqof E. Galea. Fl-4.30 p.m. Għasar solenni, Kompieta, purċissjoni bl-istatwa ta' San Pietru. Fit-8 p.m. jasal l-E.T. Mons. Arċisqof biex jagħlaq il-festa billi jagħti t-Trina Benedizzjoni.

Il-funzjonijiet ta' lejlet u nhar il-festa jkunu mmexxija mill-W.R. Kan. Emm. Brincat M.B.E., Arċipriet taż-Żejtun. Il-Quddiesa tal-Ħadd tiġi mxandra minn fuq ir-Rediffusion.

Il-mużika tkun taħt it-tmexxija tas-Surmast Gius. Xerri.

Fil-festi ta' barra jieħdu sehem il-Baned Ta' l-Ajkla ta' Ħal Luqa, u Piju X ta' Ħal-Lija.

Extratt mill-ġurnal Leħen is-Sewwa tas-Sibt id-29 ta' Lulju 1950, paġna 5 fejn jidher għall-ewwel darba l-isem ta' Mro. Giuseppe Xerri li mexxa l-mużika tal-festa dik is-sena.

fi żmien il-Kappillan Dun Ġużepp Minuti, kien hu li intona l-ħames qniepen tal-knisja parrokkjali. Fl-1962 ikkompona wkoll il-mużika tal-Prima Messa ta' Dun Alfred Micallef.

Tifkiriet personali

Dejjem kelli l-kurżità nsir naf aktar dwar dan is-Surmast. Niftakru jdoqq l-armonju waqt il-Barka Sagramentali fi tmiem it-tlett ijiem tat-Tridu meta kont abbati fi żmien Dun Ġużepp Minuti. Dan baqa' jagħmlu sas-sena 1978. Għal aktar tagħrif għenni Alfred Roberts, li f'taħdita tas-16 ta' Jannar 2009 qasam miegħi diversi dettalji interessanti.

Ħajja personali u talenti

Skont Freddie, Giuseppe Scerri baqa' għażeb tul ħajtu. Għal xi żmien għex ma' oħtu Ġużeppa f'Sacred Heart Promenade u aktar tard f'Żurrieq Road. Oħtu l-oħra, Maria Concetta kienet tiġi l-mara tas-sagristan tal-Parroċċa, Salvu Cassar.

Kien espert fit-tiswija u l-bini tal-pjanijiet u kien hu li ssuġġerixxa lill-Kappillan Minuti biex jixtri armonju minflok orgni. Fl-1947 ikkompona 'Tu Es Sacerdos' għall-Vista Pastorali tal-Arċisqof Michael Gonzi. Minkejja dan, kien bniedem umli ħafna.

Bħala xogħol kien impjegat fit-Tarzna, u jingħad li kien imexxi wkoll bottegin. Barra l-mużika, iddisinja wkoll it-twieqi tal-Knisja Parrokkjali meta dawn ġew mibdula fuq ix-xewqa tal-Arċisqof Gonzi.

Ringrazzjamenti

Fit-tħejjija ta' dan l-artiklu nixtieq nirringrazzja lil Mro Abraham D'Amato u lill-Perit Michael Schembri għat-tagħrif addizzjonali li għaddewli.

Nawguraw il-festi t-tajba lill-Kumitat u l- Birzebbuġin kollha minghand il-Paramatta Alfred's Team

Viva San Pietru

Il-Konfraternità tal-Kavallieri ta' San Pietru u San Pawl

Kav. Johan Briffa

Il-wirt spiritwali tal-Konfraternità tal-Kavallieri ta' San Pietru u San Pawl, jista' jiġi rintraċċat għall-Ordnijiet Papali antiki stabbiliti mis-Santa Sede. Fl-1471, il-Papa Pawlu II ta l-ewwel investituri tal-Kavallieri ta' San Pietru, unur mogħti lil irġiel distinti li servew lill-Knisja b'lealtà u dedikazzjoni.

Matul il-pontifikat tal-Papa Ljun X, l-Ordni ġiet estiża u fdatha b'responsabbiltajiet amministrattivi u protettivi importanti fi ħdan l-Istat Papali. Aktar tard, il-Papa Klement VII afferma mill-ġdid l-Ordni, filwaqt li l-Papa Pawlu III saħħaħ il-missjoni tiegħu u, fl-1540, stabbilixxa l-Kulleġġ komplimentari tal-Kavallieri ta' San Pawl. Għalkemm distinti fl-identità, iż-żewġ Ordnijiet qasmu skop komuni li jaqdu lill-Knisja, jappoġġjaw lis-Santa Sede, u jsostnu l-valuri Kristjani.

Inspirata minn dan il-wirt nobbli, il-Konfraternità tal-Kavallieri ta' San Pietru u San Pawl twaqqfet f'Melbourne, l-Awstralja, fl-1997 mill-Eċċellenza tiegħu, il-Gran Mastru Kavallier Pietru Pawl Portelli. Imsejsa fuq l-ideali tal-fidi, il-karità, il-fraternità, u s-servizz, il-Konfraternità twaqqfet bħala organizzazzjoni Nisranija ddedikata biex tgħin lil dawk fil-bżonn filwaqt li trawwem it-tkabbir spiritwali u l-għaqda fost il-membri tagħha. Mill-bidu modest tagħha, il-Konfraternità espandiet b'mod kostanti lil hinn mill-Awstralja, billi stabbilixxiet kapitoli madwar l-Ewropa, l-Amerika ta' fuq, l-Asja, u reġjuni oħra madwar id-dinja.

Illum, membri minn ħafna nazzjonijiet huma magħqudin taħt il-patroċinju tal-Qaddisin Pietru u Pawlu, u jaqsmu impenn komuni għas-servizz nisrani u l-opri tal-karità. Il-karità tibqa' l-pedament tal-missjoni tal-Konfraternità. Matul l-istorja tagħha, ipprovdiet assistenza lil bosta kawżi umanitarji, inkluż appoġġ għall-Caritas, proġetti missjunarji fil-Perù u l-Filippini, għajnuna għall-vittmi tat-terremoti fl-Italja, għajnuna għall-bdiewa milquta minn nixfa u l-vittmi tan-nirien fl-Awstralja, u kontribuzzjonijiet għal sptarijiet u inizjattivi tal-komunità lokali. Trasformazzjoni partikolarment sinifikanti seħħet fl-2016 meta r-relikwi sagri tal-Qaddisin Pietru u Pawlu ġew ippreżentati lis-Sede tal-Konfraternità f'Melbourne, u saħħew ir-rabta spiritwali bejn il-membri u l-qaddisin patruni tagħhom.

Fl-2017, il-Konfraternità ċċelebrat l-għoxrin anniversarju mit-twaqqif tagħha b'konvenzjoni internazzjonali fin-Nadur, Għawdex. Delegati minn diversi pajjiżi nġabru għat-talb, għas-sħubija, għall-investituri, u għat-tiġdid tal-wegħdiet, u dan enfasizza t-tkabbir u l-unità notevoli tal-organizzazzjoni. Illum, il-Konfraternità tal-Kavallieri ta' San Pietru u San Pawl tkompli żżomm l-ideali li wirtu mill-ispirazzjoni storika tagħha u li ġew inkorporati mill-fundaturi tagħha: il-fidi f'Alla, id-devozzjoni lejn il-Knisja, is-servizz lill-umanità, u l-fraternità fost il-popli tal-ġnus kollha.

Iggwidata mill-eżempju tal-Qaddisin Pietru u Pawl, il-Konfraternità tibqa' impenjata li tibni spirtu ta' karità, kompassjoni, u xhieda Nisranija madwar id-dinja. Illum, il-Konfraternità tal-Kavallieri ta' San Pietru u San Pawl tkompli tikber internazzjonalment filwaqt li tibqa' fidila għall-prinċipji fundamentali tagħha tal-fidi, il-karità, il-fraternità, u s-servizz. F'Malta, il-Konfraternità hija mmexxija mill-Gran Prijur Kavallier Carmel Saliba miz-Żebbuġ, Għawdex, u dan l-aħħar stabbilixxiet fergħa ġdida ta' Malta taħt il-gwida tal-Kumitat Eżekuttiv tagħha. Permezz tax-xogħlijiet karitattivi tagħha, l-attivitajiet spiritwali, u l-impenn tagħha lejn il-valuri Kristjani, il-Konfraternità tibqa' xhieda ħajja tal-wirt dejjiemi tal-Qaddisin Pietru u Pawlu u l-viżjoni tal-fundatur tagħha, l-Eċċellenza tiegħu l-Gran Mastru Kavallier Pietru Pawlu Portelli.

Pie Master Pastizzeria

Pastizzeria items, freshly made bread, salads, wraps, coffee and drinks..

we also cater for parties, call for our party menu

Pjazza 27677372 • Venda 27135668

HAPPY FEAST TO ALL

Fr Charles Caruana

Andre Galea

Is-Sibt 13 ta' Diċembru, 2025, kienet ġurnata speċjali kemm għal Fr Charles Caruana, saċerdot mill-parroċċa tagħna ta' Birżebbuġa, kif ukoll għalina l-membri ta' din il-komunità. Dakinhar ġewwa l-knisja parrokkjali tagħna, saret quddiesa mmexxija mill-Arċisqof ta' Malta, l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Charles J. Scicluna, fejn Fr Charles reġa' beda l-ħidma tiegħu bħala saċerdot.

Fr Charles kien ordnat saċerdot fl-20 ta' Lulju, tal-1974 mill-Arċisqof ta' dak iż-żmien Mons. Mikiel Gonzi. Dakinhar kienu ordnati 50 saċerdot. Iżda wara tliet snin u nofs, Fr Charles kien ħalla s-saċerdozju.

Ftit tas-snin wara, huwa kien iltaqa' fuq ix-xogħol ma' Catherine u maż-żmien iżżewġu. Catherine u Charles rabbew familja ta' tlett itfal. Sfortunatament fl-2020, Fr Charles safa armel. Wara li għadda ftit taż-żmien kellmitu bintu l-kbira kif ukoll ħutha l-oħra, li ssuġġerewlu jikkonsidrax jerġa' jidħol saċerdot. Xi żmien wara l-istess kien qallu l-kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Anton Galea Scannura u wkoll Fr Peter Ellul.

Fr Charles għalkemm beda jaħseb u jitlob serjament fuq dawn il-pariri, xtaq li jkollu xi sinjal aħjar. U s-sinjal ġie meta darba mar għall-viżta għand it-tabib personali tiegħu, Dr Mario Rizzo Naudi (RIP) li kienu ilhom jafu lil xulxin peress li t-tnejn huma mill-Imsida. Kull darba li kien imur għandu qatt ma tkellmu dwar il-passat ta' Fr Charles ħlief ħafna snin ilu meta ltaqgħu għall-ewwel darba. Imma wara dawn il-pariri jew suġġerimenti li għidna, mar għandu għall-viżta normali u kif rah Dr Mario mill-ewwel saqsieh jekk jikkunsidrax li jerġa' jidħol qassis. Hawnhekk Fr Charles ra li dan kien sinjal qawwi mill-Mulej. Għalhekk hu kompla jieħu l-pariri u jitlob fuqha sakemm kellem lill-Arċisqof li mill-ewwel ħa interess. L-Arċisqof qallu biex jitlob lill-mara biex tinterċedi għalih.

Ma kinitx faċli li wara kważi 50 sena jerġa' jidħol fil-ministeru saċerdotali. It-triq kienet twila għax wara li ġew ippreżentati t-talba u xi dokumenti lill-Vatikan, kienu għaddew madwar sentejn u nofs.

Imbagħad f'Ottubru tas-sena l-oħra, din it-talba ġiet aċċettata. Tista' tgħid li għal Fr Charles din kienet sorpriża sabiħa ħafna.

F'isem il-parruċċani nirringrazzja lil Fr Charles tal-ħidma tiegħu fil-parroċċa tagħna. Fr Charles għandu l-ħajja tiegħu mżewqa ħafna għax hu missier u anke nannu ta' ħamest itfal u saċerdot. Hu qed jgħin ħafna fil-komunità tagħna, iżur il-morda u l-anzjani, iqaddes u jamministra s-sagrament tal-qrar fost ħidmiet oħra.

Ġnien Benġisa

Find a park near you on

parksinmalta.mt

Parks In Malta

Powered by Project Green

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR THE
ENVIRONMENT, ENERGY
AND PUBLIC CLEANLINESS

Tinstab l-Antifona l-Antika ta’ Carlo Diacono!

Mitt Sena mill-Kompożizzjoni ta’ din l-Antifona (1926-2026)
Mija u Ħamsin Sena mit-Twelid ta’ Mro Carlo Diacono (1876-2026)
Għaxar Snin mill-Antifona ta’ Mro Ray Sciberras (2016-2026)

Kitba ta’ Josef Schembri, Michael Balzia u Mro Ray Sciberras



FESTA TA’ S. PIETRU APP., F’BIRŻEBBUĠA

Il-lum, is-Sibt: Fis-7 a.m. wara l-Quddiesa kantata jitkanta t-Te Deum. Fis-6 p.m. Traslazzjoni, Għasar solenni u Barka Sagramentali.

Għada, il-Hadd: Fil-5.30 a.m., Matutin solenni. Fis-7.30 a.m. Quddiesa bit-Tqarbina ġenerali għat-tfal tal-Museum u ta’ l-Azzjoni Kattolika. Fid-9 a.m. kant ta’ Terza u Quddiesa kantata solenni bil-panigirku mill-W.R.P. Baċċ. Paul Spiteri, Provinċjal ta’ l-Agostinjani. Fil-5 p.m. Sekondi Vespri u purċissjoni.

Jiffunzjona l-Ill.mu u Rev.mu. Mons. Em. Micallef. Il-mużika tkun diretta mis-Surmast F. Diacono.

Festi ta’ Barra

Il-lum: Il-Banda “St. Mary”, ta’ Hal Għaxaq, tagħmel marċ u wara programm.

Għada jieħdu sehem il-Baned “Beland” taż-Żejtun; “St. Catherine” taż-Żurrieq; “Our Lady of Consolation”, tal-Gudja.

L-edizzjoni ta’ Leħen is-Sewwa tal-31 ta' Lulju 1954 li s’issa hija l-iktar prova dokumentata bikrija li għandna li turi l-ewwel dehra tal-Cappella Diacono għall-festa ta’ San Pietru f’Birżebbuġa. Cutting ipprovdut minn Michael Balzia.

Il-parroċċa ta' Birżebbuġa twaqqfet fl-1913 taħt il-patroċinju tal-Madonna tad-Duluri, imma meta bdiet tinbena l-knisja Parrokkjali tal-lum, li b'kumbinazzjoni, din is-sena wkoll qed infakkru l-mitt sena mit-tqegħid tal-ewwel ġebla tagħha (1926-2016), l-Arċisqof Dom Mauro Caruana ddeċieda li l-knisja parrokkjali l-ġdida kellha tkun iddedikata lil San Pietru fil-Ktajjen.

Din il-bidla fit-titular imbagħad saret uffiċċjali fl-1937. Għalkemm il-festa titulari ta’ San Pietru baqgħet relattivament modesta matul l-ewwel snin tagħha (1937-1939), wara t-Tieni Gwerra Dinjija bdiet tikber gradwalment, tant li nsibu li fl-1947 inġiebet l-ewwel statwa titulari ta’ San Pietru.

Madankollu mument sinifikattiv ieħor fl-istorja tal-parroċċa tagħna kien meta fl-1954, Dun Mikiel Spiteri ta f'idejn Mro Frankie Diacono t-tmexxija tal-mużika liturġika tal-festa. Dun Mikiel Spiteri ma damx ħafna kappillan Birżebbuġa, u meta Dun Ġużepp Minuti ħa l-pussess tal-parroċċa ma kellu l-ebda dubju li jkompli jafda l-mużika liturġika f’idejn il-Cappella Diacono.

Dun Ġużepp Minuti, li kien minn Bormla, kien familjari ferm mat-tradizzjoni mużikali distinta tal-Cappella Diacono.

Dun Ġużepp Minuti żamm il-Cappella Diacono tul l-erbgħa u għoxrin sena kollha tal-parrokat tiegħu, u b'hekk il-mużika ta' Carlo Diacono, b'mod partikolari l-antifona f'ġieħ San Pietru fil-Ktajjen, saret parti integrali mill-patrimonju liturġiku u kulturali ta' Birżebbuġa.

Però bħal sajjetta fil-bnazzi, lejlet il-festa parrokkjali tal-1978, waqt it-Translazzjoni Solenni bir-relikwa ta' San Pietru, waqt li kien ħdejn il-kappillan innominat ġdid għall-parroċċa Dun Karm Frendo, anke biex jieħu l-okkażjoni u jaqbad ftit diskursata miegħu,

l-abbati Michael Balzia esprima l-ammirazzjoni tiegħu għall-ġmiel tal-mużika sagra tal-Cappella Diacono.

Għall-istagħġib tiegħu, Dun Karm Frendo dar fuqu u wieġbu li, ladarba jkun laħaq kappillan hu, ma kellux il-fehma li jibqa' jġib lill-Cappella Diacono iktar.

L-għada, f'Jum il-Festa, l-antifona ta' Carlo Diacono nstemgħet regolarment fil-Quddiesa Solenni, imma filgħaxija l-affarijiet ħadu xejra mhux mistennija. Filwaqt li Mro Abel J. Mizzi, li kien qed jissostitwixxi lil Mro Frankie Diacono, kien qed jistenna r-ritorn lura tal-purċissjoni u l-istatwa ta' San Pietru fil-knisja, għall-eżekuzzjoni tradizzjonali tal-antifona, bdiet tinxtered l-aħbar li l-Papa Pawlu VI kien miet.

Il-purċissjoni twaqqfet mill-ewwel u l-vara ddaħlet lura b'għaġla kbira fil-knisja parrokkjali. Dun Ġużepp Minuti tela' jiġri fuq l-ambone u ħabbar il-mewt tal-Papa lin-nies. Dakinhar fil-konfużjoni kbira li nħolqot, l-antifona setgħet ma ndaqqitx.

Fl-1979, Dun Karm Frendo inkariga lil Dun Mikiel D'Amato miż-Żurrieq bil-mużika liturġika tal-festa. L-antifona ta' Dun Mikiel D'Amato baqgħet tintuża sal-1980 għax fl-1981, il-

kappillan il-ġdid Dun Pawl Buttiġieġ għadda r-responsabbiltà tal-mużika liturġika tal-festa lill-Kor Parrokkjali u kkummissjona antifona ġdida bil-Malti mingħand oħtu, Mary Anne Zammit. Madankollu, kemm l-antifona ta' Dun Mikiel D'Amato kif ukoll dik ta' Mary Anne Zammit kienu mibnija fuq it-testi liturġiċi mill-uffiċċju tal-festa tal-Katedra ta' San Pietru u mhux ta' San Pietru fil-Ktajjen.

Dan imbagħad ġie kkoreġut fl-2016, meta l-kappillan Dun Anton Galea Scannura kkummissjona antifona ġdida bil-Latin lil Mro Ray Sciberras ibbażata fuq it-testi liturġiċi korretti. Ta' min jirrimarka hawnhekk li l-antifona tas-surmast Ray Sciberras din is-sena qed tagħlaq għaxar snin minn mindu ndaqqet għall-ewwel darba (2016-2026).

Madankollu, it-telfa tal-antifona ta' Carlo Diacono qatt ma ntesiet. Lejn l-aħħar tas-snin disgħin, imnebbaħ mill-imħabba tiegħu lejn l-istorja ta' Birżebbuġa u mill-memorji sbieħ li kien għadu jġorr tal-mużika sagra tal-Cappella Diacono, Michael Balzia beda jqajjem kuxjenza dwar l-għajbien ta' dak li kien iqis bħala parti importanti mill-patrimonju mużikali tal-lokal.

Din l-inizjattiva malajr żviluppat f'tfittxija fit-tul għall-partitura oriġinali. Aktar tard ingħaqdu miegħu numru żgħir ta' żgħażagħ entużjasti oħra li kellhom l-istess interess, u għalkemm iċ-ċirkustanzi nbidlu matul is-snin, it-tfittxija xorta baqgħet għaddejja.

Fl-1999, Michael Balzia akkwista kopja tas-CD Festa Antiphons, antoloġija ta' antifoni ta' Mro Carlo Diacono, bit-tama li din kienet tinkludi wkoll l-antifona mitlufa ta' Birżebbuġa. Iżda billi l-antifona kienet nieqsa minn din il-kollezzjoni, il-misteri u d-dubji iktar żdiedu minflok naqsu.

Determinat li jkompli t-tfittxija, Balzia żar lil Mro Frankie Diacono fid-Dar tal-Anzjani tal-Furjana, li hemm biswit Robert Samut Hall, ftit qabel mewtu f'Marzu tal-2000, bit-tama li jikseb aktar tagħrif dwar fejn setgħet tinsab il-partitura tal-antifona. Madankollu, minħabba d-dimensja avvanzata tiegħu, Frankie Diacono ma setax jiftakar il-każ b'mod ċar u t-tifkiriet tiegħu baqgħu frammentarji.

Minkejja dan, Balzia ma qatax qalbu. Fl-2001 għamel attentat ieħor billi, permezz tal-Kappillan Dun Nikol Pace, kiteb lill-eredi ta' Carlo Diacono biex jistaqsi jekk kellhomx xi tagħrif dwar il-partitura nieqsa u sabiex jitlob il-permess li l-antifona terġa' tindaqq jekk xi darba terġa' tinstab. It-tweġiba waslet mingħand Marija Falzon, bint Carlo Diacono, li wieġbet sempliċiment li ma kellhiex oġġezzjoni li l-opra terġa' tingħata l-ħajja jekk tinstab, għalkemm ma setgħet tagħti ebda indikazzjoni dwar fejn kienet tinsab.

Peress li l-partitura baqgħet ma nstabitx, Balzia kompla jwessa' t-tfittxijiet tiegħu. Matul is-snin ta' wara għamel kuntatt ma' diversi persuni magħrufa li kellhom aċċess għall-manuskritti ta' Carlo Diacono, fosthom it-tabib Alexander ("Sandy") Cachia Zammit, is-Sur Charles Debono u Dun Ġwann Galea. Madankollu, ħadd minnhom ma seta' jitfa' dawl fuq fejn setgħet tinsab il-partitura.

Jekk il-partitura kienet importanti, hekk l-istess kien li b'xi mod jiġi akkwistat xi tip ta' recording li seta' jitfa' dawl fuq il-melodija u l-istruttura ta' din l-antifona. Peress li fil-passat ir-Rediffusion

kien minn żmien għal żmien ixandar dirett quddies solenni ta' diversi festi parrokkjali, Balzia ħaseb li fl-arkivji tal-Public Broadcasting Services (PBS) seta' kien baqa' xi recording tal-festa ta' Birżebbuġa li seta' jinkludi wkoll recording tal-antifona. Madankollu, it-tfittxijiet tiegħu fil-P.B.S. ma taw l-ebda riżultat, hekk kif ma nstab l-ebda recording la tal-festa u lanqas tal-antifona.L-ewwel żvolta importanti waslet meta nstabu żewġ recordings storiċi tal-Ewwel Quddies Solenni (Prima Messa) ta' Dun Ġużepp Berry (1962) u ta' Dun Charles Carabott (1972). Dawn

ir-recordings barra li għenuna nifhmu kif kienet il-melodija ta' din l-antifona, skoprejna li l-versi tagħha kienu jitkantaw bil-kliem Solve Jubente Deo, u mhux Tu Es Pastor Ovium kif kien maħsub qabel. Iżda minkejja li fl-aħħar stajna ngawdu l-awdjo tagħha, il-partitura oriġinali tagħha xorta kienet għadha mitlufa.

Fl-2016, Mro Ray Sciberras ħa post Dun Ġwann Galea bħala Maestro di Cappella tal-Cappella Diacono. Kien matul dan il-perjodu li seħħ l-iżvilupp deċiżiv. F'xi żmien bejn l-2016 u l-2019, waqt li kien qed jeżamina xi manuskritti ta' Carlo Diacono, Mro Sciberras waqaf iħares lejn partitura partikolari. Hekk kif kompla jeżaminaha mill-viċin, qisu bħal beda jilmaħ il-kliem Solve Jubente Deo. Dan il-kliem kien diġà familjari miegħu.

Dan kien l-istess kliem li sa ftit snin qabel kien immużika fuqu l-antifona l-ġdida ta' San Pietru ta' Birżebbuġa. Mill-ewwel induna li din setgħet kienet l-antifona ta' San Pietru ta' Carlo Diacono.

Mingħajr ħela ta' ħin, qabbel il-manuskritt mar-recording li kien diġà jinstab fuq l-internet u hemm ikkonferma dak li snin twal ta' tfittxija ma kinux irnexxielhom isibu, li l-antifona tant imfittxija kienet għadha teżisti tassew. Wara li ħa l-passi meħtieġa biex jinforma lil min kien imiss, sfortunatament din il-kwistjoni kellha titħalla fil-ġenb għal xi żmien.

Konxju mis-snin twal ta' ħidma li kienu ddedikaw diversi entużjasti fit-tfittxija tagħha, Sciberras kien jemmen li din is-sejba kellha eventwalment issir magħrufa sabiex dan il-kapitlu importanti tal-patrimonju mużikali ta' Birżebbuġa jkun jista' jiġi dokumentat kif jixraq.

Fil-ġurnata tal-Ġimgħa 18 ta' Frar 2022, Mro Ray Sciberras kellu jiltaqa' d-dar tiegħu ma' Josef Schembri biex jiddiskutu l-mużika tal-quddiesa taż-żwieġ tiegħu. F'okkażjoni daqshekk sabiħa u ta' ferħ kif ukoll b'sinjal ta' ħbiberija kbira u sinċiera bejn it-tnejn, hekk kif Josef u t-tfajla tiegħu kienu se jitilqu, emozzjonat ħafna, Sciberras żvela lil Schembri, li l-partitura oriġinali tal-antifona ta' Carlo Diacono kienet finalment misjuba.



Il-Qoxra tal-Partitura tal-antifona tagħna 'Antifona in Si Bemolle No. 2' li għalina n-nies ta' Birżebbuġa hija magħrufa bħala 'Solve Jubente Deo' ta' Mro Carlo Diacono, miktuba f'Marsaxlokk fit-28 ta' Lulju 1926, mitt sena ilu. Ritratt: Josef Schembri.

Huwa kien jaf li kemm Schembri u kemm Balzia, kienu ilhom għal snin twal isaqsu u jfittxu għal din il-partitura, li sa dak iż-żmien kienet meqjusa kważi ċertament mitlufa. Waqt li beda jurih il-partitura, Mro Ray Sciberras qallu li hu kien l-ewwel persuna minn Birżebbuġa li kien qed jara dan il-manuskritt awtentiku wara dawn is-snin kollha! Kien hemm nies importanti oħra fit-tmexxija tal-Cappella Diacono li sa dak il-mument stess kienu għadhom ma jafux b'din is-sejba.

Mro Ray Sciberras imbagħad spjegalu ċ-ċirkustanzi kollha dwar is-sejba tal-manuskritt mużikali u ġibidlu l-attenzjoni għal numru ta' dettalji importanti li sa dak iż-żmien kienu għadhom mhux magħrufa, fosthom it-titlu oriġinali, id-data u l-post tal-kompożizzjoni.

Il-manuskritt solva minnufih waħda mill-akbar diffikultajiet li kienu fixklu t-tfittxijiet ta' qabel. Minflok ma kien iġib it-titlu mistenni Solve Jubente Deo (jew forsi 'Tu Es Pastor Ovium'), li bih kienet magħrufa l-antifona f'Birżebbuġa għal għexieren ta' snin, il-partitura kienet iġġib it-titlu ta' Antifona in Si Bemolle No. 2. Il-kliem



L-ewwel battuti tal-Antifona minn ġewwa. Ritratt: Mro Ray Sciberras.

Solve Jubente Deo ma kienx jidher fuq il-faċċata tal-manuskritt, iżda kien jidher biss fuq ġewwa miktub b'tipa żgħira taħt in-noti mużikali, fatt li jispjega għaliex it-tfittxijiet preċedenti kienu fallew.

Bis-sejba oriġinali tal-partitura mużikali, flimkien mar-riċerka storika li saret dan l-aħħar, il-kwadru issa seta' jiġi komplut u b'hekk ġiet iċċarata wkoll l-oriġini ta' din il-kompożizzjoni. Illum nafu li l-Cappella Diacono bdiet tipprovdi l-mużika liturġika tal-festa ta' San Pietru fil-Ktajjen biss fl-1954, tnax-il sena wara l-mewt ta' Carlo Diacono nnifsu.

S'issa, mir-riċerka li saret, ma sibna l-ebda evidenza li turi li l-Parroċċa ta' Birżebbuġa xi darba kienet ikkummissjonat lil Mro Carlo Diacono biex jikkomponi antifona apposta għall-festa titulari tagħna. L-aktar spjegazzjoni plawżibbli, għalhekk, hija li Mro Frankie Diacono għażel kompożizzjoni eżistenti mir-repertorju ta' missieru u addattaha għat-test liturġiku Solve Jubente Deo.

L-Antifona in Si Bemolle No. 2 ta' Carlo Diacono, komposta f'Marsaxlokk fit-28 ta' Lulju 1926, kif wieħed jista' jara, din is-sena wkoll qed tagħlaq mitt sena minn mindu nkitbet (1926-2026). Hija miktuba għall-kor tal-irġiel mingħajr solisti u turi struttura formali ċara, mibnija fuq sentenzi korali ta' tmien battuti, sezzjoni ċentrali aktar żviluppata u coda finali solenni. Mill-aspett armoniku, il-kompożizzjoni hija stabbilita f'Si Bemolle Maġġuri iżda tiftaħ fuq is-subdominant minuri, trattament mhux tas-soltu fil-kompożizzjonijiet ta' Diacono.

Matul ix-xogħol jidhru modulazzjonijiet lejn Sol Minuri, Re Minuri, Do Maġġuri u Fa Maġġuri, flimkien ma' akkordi kromatiċi li jarrikkixxu l-kulur armoniku. Karatteristika partikolari hija li l-antifona tagħlaq bil-kliem Regna Beatis mingħajr l-Alleluia finali. Minkejja dan, għal bosta snin intużat regolarment fil-festa ta' San Pietru fil-Ktajjen f'Birżebbuġa u waqt il-Primi Messi ta' saċerdoti mill-parroċċa, mingħajr ma qatt ġiet emendata.

B'mod ġenerali, din l-antifona tirrappreżenta

Id-dar fejn kien jgħix Mro Carlo Diacono fis-Sajf f'Marsaxlokk, fejn kien ikkompona l-antifona tagħna nhar it-28 ta' Lulju 1926.

eżempju matur tal-istil liturġiku ta' Carlo Diacono. L-istruttura organizzata, il-kitba korali għall-vuċijiet maskili, il-modulazzjonijiet ikkontrollati u l-għażliet armoniċi distintivi jagħtuha identità mużikali u storika unika. Forsi l-aktar aspett kurjuż tagħha huwa li, minkejja n-nuqqas tal-Alleluia, ġiet ippreservata fit-tradizzjoni festiva ta' Birżebbuġa għal għexieren ta' snin bħala xogħol komplut fih innifsu.

L-identifikazzjoni tal-manuskritt oriġinali mhux biss temmet tfittxija li kienet ilha għaddejja għal aktar minn żewġ deċennji, iżda ppermettiet ukoll li tiġi rrikostruwita l-istorja vera ta' waħda mill-aktar kompożizzjonijiet intriganti u misterjużi marbuta mal-festa titulari ta' Birżebbuġa.

Dak li għal ħafna snin kien meqjus bħala xogħol mitluf illum jista' jerġa' jiġi studjat, interpretat u apprezzat fid-dawl tal-identità oriġinali tiegħu bħala Antifona in Si Bemolle No. 2.

B'dan il-mod, ġie rkuprat mhux biss manuskritt ta' valur, iżda wkoll kapitlu importanti mill-patrimonju storiku, liturġiku u mużikali ta' Birżebbuġa.

Patrick Cellars Ltd.
WINES & SPIRITS
164, Birzebbuga Road, Birzebbiga
T: 2165 0810 • M: 9947 8708 • E: patrickcellars@euroweb.net.mt
www.patrickcellars.com

OPEN DAILY
FRESH LOCAL
SEASONAL PRODUCE
SELECTION OF TROPICAL AND ASIAN FOOD AVAILABLE
53, TRIQ IŻ-ŻURRIEQ
BIRŻEBBUĠA
TANARDUANDMORE@GMAIL.COM
99653989
FREE DELIVERY
TA'NARDU
FRUITS VEGETABLES & MORE



FRESH FRUIT & VEGETABLES
FREE DELIVERY
7777 4707

Marco Camilleri

Għal kull xogħol ta' tqegħid ta' madum tal-art u tal-ħajt.

Mob: 99406418

150 Sena mit-Twelid tal-Kompożitur Mro Carlo Diacono (1876-2026)

Josef Schembri

Introduzzjoni

Din is-sena qed infakkru l-150 anniversarju mit-twelid tas-Surmast Carlo Diacono (1876–2026), wieħed mill-akbar kompożituri u protagonisti tal-mużika sagra fl-istorja ta' Malta. Permezz tal-antifoni, il-quddies, l-innijiet, l-oratorji u l-opra L'Alpino, huwa ħalla wirt artistiku li għadu jgħix fil-knejjes, fil-festi u fil-kultura Maltija sal-lum. Għalkemm l-isem tiegħu huwa marbut b'mod partikolari maż-Żejtun, il-familja Diacono kellha wkoll rabta qawwija ma' Birżebbuġa. Lejn tmiem is-seklu dsatax, insibu dokumentat li kien jiġi mistieden idoqq bl-orkestra tiegħu fil-festi tad-diversi kappelli li nsibu f'Birżebbuġa, filwaqt li lejn nofs is-seklu għoxrin, ibnu Francesco "Frankie" Diacono kompla jsaħħaħ din ir-rabta permezz tal-Cappella Diacono, li kienet tieħu sehem fil-festa titulari ta' San Pietru f'Birżebbuġa. Dan l-artiklu se jagħti ħarsa lejn il-ħajja, il-karriera u l-wirt ta' Carlo Diacono.

Ħajtu u Għeruqu

Carlo Diacono (1876–1942) kien wieħed mill-aktar kompożituri u maestri tal-mużika sagra importanti fl-istorja ta' Malta. Matul karriera li kienet testendi mill-aħħar tas-seklu dsatax sal-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, huwa ħalla impatt profond fuq il-mużika liturġika Maltija permezz tal-kompożizzjonijiet tiegħu, tal-ħidma tiegħu fil-Katidral tal-Imdina u tal-fondazzjoni tal-Cappella Diacono. Il-produzzjoni tiegħu kienet vasta u kienet tinkludi quddies, antifoni, innijiet, salmi, oratorji, opri, sinfoniji u xogħlijiet għall-pjanu. Kompożizzjonijiet bħal Prudens et Vigilans, Hodie Egressa Est Virgo u Joseph Filii David baqgħu jindaqqu għal aktar minn seklu u saru parti mill-identità kulturali ta' diversi lokalitajiet Maltin.

Il-familja Diacono kellha għeruq f'Livorno u kienet magħrufa kemm għall-kummerċ kif ukoll għall-kontribut tagħha fil-mużika. Missier Carlo, Orazio Diacono, kien vjolinista u wieħed mill-protagonisti ewlenin fl-iżvilupp tal-Banda Beland fiż-Żejtun. Carlo twieled f'ambjent fejn il-mużika kienet parti integrali mill-ħajja tal-familja, tradizzjoni li kompliet aktar tard permezz ta' ibnu Francesco "Frankie" Diacono.

Orazio Diacono, fundatur tal-Banda Beland, flimkien ma' martu Francesca Saveria nee Darmanin u ż-żewġ uliedhom subien - Carlo maġenb ommu u Gio Batta (Tittu).

Imwieled fiż-Żejtun fl-1 ta' April 1876, Carlo beda l-edukazzjoni mużikali tiegħu taħt missieru u aktar tard studja ma' Paolino Vassallo, wieħed mill-akbar kompożituri Maltin ta' żmienu. Taħtu tgħallem l-armonija, il-kuntrapunt, il-kompożizzjoni u l-orkestrazzjoni. Vassallo malajr induna bit-talent straordinarju tiegħu u għenu jiżviluppa stil personali li kien jgħaqqad it-tradizzjoni Taljana ma' sensibilità artistika proprja.

Sa tmiem is-seklu dsatax, Carlo kien diġà qed iservi bħala organista tal-Parroċċa ta' Santa Katarina taż-Żejtun u kien qed jikseb reputazzjoni bħala kompożitur promettenti. L-influwenza tiegħu kompliet tikber wara l-pubblikazzjoni tal-Motu Proprio Tra le Sollecitudini ta' Papa San Piju X fl-1903. Carlo sar wieħed mill-akbar esponenti Maltin ta'

din ir-riforma, li kienet tfittex li terġa' tagħti lill-mużika liturġika karattru aktar spiritwali u marbut mal-kant Gregorjan u l-polifonija klassika. Ix-xogħlijiet tiegħu ġew apprezzati minn personalitajiet internazzjonali bħall-kompożitur Lorenzo Perosi, li allegatament sejjaħlu "lussu għal Malta".

Waħda mill-akbar kisbiet tiegħu kienet il-ħolqien tal-Cappella Diacono, grupp ta' kantanti u mużiċisti li serva f'diversi parroċċi Maltin u għen biex ixerred il-kompożizzjonijiet tiegħu madwar il-pajjiż. Fl-1923, wara l-mewt ta' Paolino Vassallo, Carlo nħatar Maestro di Cappella tal-Katidral Metropolitan tal-Imdina. Kien anke Maestro di Cappella tal-Kon-Katidral tal-Belt. Din il-ħatra kienet rikonoxximent nazzjonali tal-istatura artistika tiegħu u kkonfermat il-pożizzjoni tiegħu bħala l-figura ewlenija tal-mużika sagra Maltija ta' żmienu.

Il-Cappella Polifonika tal-Kon-Katidral ta' S.Ġwann meta Diacono kien Maestro di Cappella tal-Kon-Katidral tal-Belt. Mro Diacono jinsab fin-nofs bilqiegħda.

Il-wirt ta' Carlo Diacono baqa' ħaj wara mewtu fl-1942 permezz tal-kompożizzjonijiet tiegħu, tal-Cappella Diacono u tal-ħidma ta' Frankie Diacono. Illum huwa meqjus bħala wieħed mill-pilastri fundamentali tal-mużika sagra Maltija u wieħed mill-akbar kompożituri fl-istorja kulturali ta' Malta.

Il-Kompożitur

Jekk il-karigi prestiġjużi li okkupa taw lil Carlo Diacono reputazzjoni nazzjonali, kienu l-kompożizzjonijiet tiegħu li żgurawlu post permanenti fl-istorja tal-mużika Maltija. Meqjus bħala wieħed mill-aktar kompożituri prolifiċi li qatt ipproduċiet Malta, huwa ħalla repertorju estensiv li jkopri kemm il-mużika sagra kif ukoll dik profana. Il-produzzjoni reliġjuża tiegħu kienet partikolarment vasta u kienet tinkludi 45 Messe da Gloria, 22 Messe Funebri, salmi, motetti, responsorji, innijiet, kantati, oratorji u għadd kbir ta' antifoni. Il-quddies tiegħu kienu jikkombinaw il-kuntrapunt klassiku, il-melodija Taljana u l-prinċipji tar-riforma tal-Motu Proprio, filwaqt li xogħlijiet bħall-Messa tat-Trombi kisbu popolarità kbira fil-festi solenni.

Il-produzzjoni tiegħu kienet tinkludi wkoll salmi u motetti importanti, kif ukoll innijiet għal diversi parroċċi u istituzzjonijiet reliġjużi Maltin. Fl-istess ħin, Diacono ma kienx limitat għall-mużika sagra; kiteb ukoll sinfoniji, romanzi, operetti, marċi, xogħlijiet għall-pjanu u l-opra L'Alpino, li juru l-versatilità straordinarja tiegħu bħala kompożitur.

Fost il-ġeneri kollha li ħadem fihom, l-antifona kienet dik li żammet l-isem tiegħu l-aktar ħaj fil-memorja tal-poplu Malti. Fil-kuntest Malti, l-antifona żviluppat minn versett liturġiku qasir għal kompożizzjoni solenni għal kor, solisti u orkestra, li ħafna drabi kienet tikkostitwixxi wieħed mill-qofol tal-festa titulari. Carlo Diacono kien wieħed mill-akbar kaptani ta' dan il-ġeneru, b'xogħlijiet li għaqqdu devozzjoni, espressività artistika u rispett lejn it-test liturġiku. Fost l-aktar antifoni magħrufa tiegħu nsibu Prudens et Vigilans għal Santa Katarina taż-Żejtun, Hodie Egressa Est Virgo għall-Kunċizzjoni ta' Bormla, Joseph Filii David għal San Ġużepp, kif ukoll Sancte Paule Apostole, Beata Mater u Flos Carmeli.

Dawn il-kompożizzjonijiet, ikkaratterizzati minn melodiji memorabbli, kitba korali effettiva u orkestrazzjoni eleganti, baqgħu jindaqqu għal aktar minn seklu u saru parti mill-identità reliġjuża u kulturali ta' diversi komunitajiet Maltin.

Lil hinn mill-antifoni, Carlo Diacono kiteb ukoll xogħlijiet monumentali li juru l-ambizzjoni artistika tiegħu. L-aktar importanti fosthom huwa l-oratorju San Paolo Evangelizza i Maltesi, ikkummissjonat għall-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali tal-1913 fuq librett ta' Monsinjur Giovanni Formosa. Dan ix-xogħol fuq skala kbira jirrakkonta l-wasla u l-predikazzjoni ta' San Pawl f'Malta u huwa meqjus bħala wieħed mill-ogħla kisbiet tal-mużika Maltija tal-bidu tas-seklu għoxrin. Xogħlijiet oħra bħal Il Cantico di Frate Sole, Transitu Divini Antoni, O Roma Felix u Notte di Natale juru l-ħila tiegħu li jittratta temi spiritwali u narrattivi b'maturità artistika notevoli.



Bolla li ħarġet fl-2006 li turi lil Mro Carlo Diacono u l-komposizzjoni tiegħu 'Notte di Natale'.

Fil-qasam teatrali, l-akbar suċċess tiegħu kien l-opra L'Alpino, li ġiet ippreżentata għall-ewwel darba fl-1918 u kisbet suċċess immedjat b'diversi rappreżentazzjonijiet u tifħir mill-kritika. L-opra wriet li Diacono kien kapaċi jopera b'suċċess barra mill-qasam reliġjuż u kkonfermat il-pożizzjoni tiegħu bħala wieħed mill-aktar kompożituri Maltin versatili ta' żmienu.

Il-karriera tiegħu kienet ukoll imsaħħa minn kollaborazzjonijiet ma' personalitajiet prominenti bħal Paolino Vassallo, Monsinjur Giovanni Formosa, Dun Mikiel Cassar, Patri Anastasju Cuschieri u Dun Karm Psaila. Barra minn Malta, il-mużika tiegħu kienet apprezzata minn kompożituri ta' fama internazzjonali fosthom Lorenzo Perosi, Pietro Mascagni, Ottorino Respighi, Ildebrando Pizzetti u Licinio Refice, fatt li jikkonferma l-valur artistiku u l-prestiġju li kiseb matul ħajtu.

Il-Wirt tiegħu

Lil hinn mill-kisbiet artistiċi tiegħu, Carlo Diacono kien ukoll raġel tal-familja li għex ħajja marbuta mill-qrib maż-Żejtun, mal-Knisja u mal-mużika. Huwa żżewweġ lil Stella Cannataci u flimkien bnew familja f'ambjent fejn il-mużika kienet parti mill-ħajja ta' kuljum. Fost uliedu, l-aktar magħruf kien Francesco "Frankie" Diacono, li aktar tard kompla l-ħidma artistika ta' missieru. Carlo kien magħruf għad-dixxiplina, id-devozzjoni u s-sens qawwi ta' responsabbiltà tiegħu.

Minkejja l-impenji numeruż tiegħu bħala kompożitur, direttur u edukatur, baqa' marbut sew mal-familja tiegħu. Il-mewt ta' martu Stella kienet waħda mill-akbar telfiet personali tiegħu, iżda sab sodisfazzjon kbir meta ra lil ibnu jikber u jiżviluppa bħala mużiċist ta' talent, u b'hekk jassigura l-kontinwità tal-wirt familjari.

Mro Carlo Diacono u l-mara tiegħu Stella nee Cannataci.

L-aħħar snin ta' ħajtu kienu mċappsa mill-ġrajjiet drammatiċi tat-Tieni Gwerra Dinjija. Meta faqqgħet il-gwerra fl-1939, Carlo kien diġà meqjus bħala wieħed mill-akbar kompożituri Maltin. Il-bumbardamenti kontinwi, il-ħajja fix-xelters u l-kundizzjonijiet diffiċli tal-assedju ta' Malta affettwaw kemm il-popolazzjoni kif ukoll il-ħajja kulturali tal-pajjiż. Matul dawn is-snin saħħtu bdiet tmur lura minħabba problemi respiratorji u kardjo-respiratorji li jidher li ġew aggravati miċ-ċirkostanzi tal-gwerra. Minkejja dan, huwa baqa' interessat fil-mużika sal-aħħar. Carlo Diacono miet fil-15 ta' Ġunju 1942 fl-età ta' 66 sena u ndifen fiċ-Ċimiterju ta' Santu Rokku fiż-Żejtun. Il-mewt tiegħu seħħet fi żmien partikolarment diffiċli għall-pajjiż, iżda l-komunità mużikali kienet konxja li kienet tilfet wieħed mill-akbar esponenti tagħha.

Id-dar f'Ħal Lija fejn għex u miet Mro Carlo

Il-Plakka Kommemmorattiva li hemm mad-dar f'Ħal Lija.

Il-Qabar tiegħu fiż-Żejtun.

Il-preservazzjoni tal-memorja u tax-xogħol tiegħu kienet dovuta fil-parti l-kbira lil ibnu Frankie Diacono. Imwieled fl-1914, Frankie trabba f'ambjent mużikali u sa minn età żgħira kien involut fil-ħidma tal-Cappella Diacono. Wara l-mewt ta' missieru sar is-suċċessur naturali tiegħu fit-tmexxija tal-kappella u fil-promozzjoni tal-kompożizzjonijiet tiegħu. Fl-1946 organizza produzzjoni ġdida tal-opra L'Alpino, li kienet ġieħ dirett lil missieru.

Għalkemm kiteb ukoll xogħlijiet tiegħu stess,

l-akbar servizz li ta lill-kultura Maltija kien li **Mro Carlo Diacono u Ibnu Frankie Diacono.**

żamm ħaj il-katalgu vast ta' Carlo Diacono u assigura li ħafna mill-antifoni, innijiet u kompożizzjonijiet tiegħu ma jintilfux.

Mro Carlo Diacono u Ibnu Frankie f'Ruma.

Il-vera kejl tal-importanza ta' Carlo Diacono jinsab fil-fatt li l-mużika tiegħu baqgħet tinstema' ħafna wara mewtu. F'diversi parroċċi Maltin, antifoni bħal Prudens et Vigilans, Hodie Egressa Est Virgo, Joseph Filii David, Beata Mater u Flos Carmeli għadhom jindaqqu sallum u saru parti mill-memorja kollettiva tal-komunitajiet li jadottawhom bħala tagħhom.

Il-Cappella Diacono wkoll baqgħet attiva taħt Frankie Diacono, Monsinjur Ġwann Galea u aktar tard Ray Sciberras, u b'hekk kompliet twassal il-mużika tiegħu lil ġenerazzjonijiet ġodda. Fiż-Żejtun, Carlo baqa' meqjus bħala wieħed mill-ulied l-aktar illustri tal-lokalità, filwaqt li fuq livell nazzjonali huwa rikonoxxut bħala figura ewlenija fit-tranżizzjoni mill-istil operistiku tas-seklu dsatax għall-mużika sagra riformata wara l-Motu Proprio.

Dun Ġwann Gelea (Xellug) u Mro Ray Sciberras (Lemin).

Il-katalgu tiegħu jixhed il-versatilità straordinarja tiegħu. Minbarra l-opra L'Alpino, kiteb operetti, oratorji, kantati, 45 Messe da Gloria, 22 Messe Funebri, numru kbir ta' antifoni, innijiet, sinfoniji, xogħlijiet għall-pjanu u romanzi vokali.

Din il-produzzjoni vasta, flimkien mal-influwenza tiegħu fuq il-mużika sagra Maltija u l-kontinwità tal-kompożizzjonijiet tiegħu fil-prattika mużikali tal-lum, tagħmlu wieħed mill-akbar kompożituri fl-istorja kulturali ta' Malta.

Konklużjoni

Carlo Diacono jibqa' wieħed mill-aktar kompożituri influwenti fl-istorja tal-mużika Maltija. Permezz tal-ħidma tiegħu bħala kompożitur,

L-Emblema tal-Cappella Diacono imwaqqfa fl-1894.

direttur u Maestro di Cappella, huwa ta kontribut fundamentali għall-iżvilupp tal-mużika sagra f'Malta u għen biex jifforma l-identità mużikali ta' bosta parroċċi u komunitajiet. Il-produzzjoni vasta tiegħu, li tinkludi antifoni, quddies, innijiet, oratorji u l-opra L'Alpino, turi l-versatilità u l-livell artistiku għoli li laħaq matul il-karriera tiegħu.

Aktar minn tmenin sena wara mewtu, il-kompożizzjonijiet tiegħu għadhom jindaqqu u jiġu apprezzati, filwaqt li l-Cappella Diacono tkompli ġġorr il-wirt tiegħu.

B'hekk, Carlo Diacono jibqa' mhux biss figura storika, iżda preżenza ħajja u permanenti fil-patrimonju kulturali u mużikali ta' Malta.


FLOORS UP TO 9
SCHEMBRI
LIFT SERVICES
— FURNITURE LIFTING & HOISTING —
99227349
FLOORS UP TO 9
SAFE & SECURE
FAST & RELIABLE
FOR ALL FLOORS
FULLY INSURED SERVICE
WE LIFT WHAT STAIRS CAN'T • CAREFUL HANDLING • AFFORDABLE PRICES

TRUSTED DEALS
QUALITY CARS
ROKKU
AUTO DEALER
DRIVE WITH CONFIDENCE
ROKKU AUTO DEALER
vellaroderick16@gmail.com
00356 7945 5818
00356 7745 5817

Innu Ġdid
Mill-Ktajjen Riġlejk Meħlusin

Francesco Barbara M.A, (MUS) Trumpet Performance (Bremen), L.T.C.L, A.T.C.L, A.MUS.T.C.L, B.Com. Marketing (Hons) Dip. Melit.
&
Roberto D'Amato B.A (Unuri) Malti, M.ED (Maltese)

Madwar sentejn ilu ġietni xewqa li nikkomponi innu ġdid iddedikat lil San Pietru li jkun jirrifletti l-fidi li wera matul il-mixja ta' ħajtu. Li tikteb innu mhux xi ħaġa faċli għaliex trid tirrifletti devozzjoni permezz tal-mużika u anke l-versi. Avviċinajt lill-ħabib tiegħi Roberto D'Amato u infurmajtu bl-ideat tiegħi sabiex jikteb il-kliem ta' dan l-innu.

Huwa aċċetta pero għal madwar sena ħallejna l-proġett fuq l-ixkaffa. Però, lejn it-tmiem tal-2025, erġajt ikkuntattjajt lil Roberto sabiex jibda l-kliem. Fi ftit ġimgħat tani biżżejjed biex nibda naħdem fuq il-mużika.

Wara ħafna laqgħat u telefonati dan l-innu tlesta f'April 2026 u ddeċidejna li niddedikawh għal żewġ anniversarji importanti tal-parroċċa tagħna li huma l-anniversarju tal-100 sena mit-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-knisja parrokkjali (1926) u l-50 sena mill-konsagrazzjoni tal-knisja parrokkjali f'Birżebbuġa (1977). Dan ser ikompli jżid man-numru sabiħ ta' innijiet li għandha fl-arkivju s-soċjetà.

Kliem
Il-kliem ta' dan l-innu jirifletti dak li għadda minnu San Pietru spiritwalment f'ħajtu ma' Ġesù bħas-sejħa, l-espressjoni tal-fidi, iċ-ċaħda u d-dubji li kellu matul il-mixja tal-fidi tiegħu, il-martirju tiegħu u anke l-ħeġġa u l-imħabba li kellu għal Ġesú. L-innu fih 5 strofi differenti kif

ukoll ritornell li jirrepeti 5 darbiet. Ir-ritornell jiffoka fuq il-kobor ta' San Pietru li huwa missier il-knisja, il-blata, li bil-fidi tiegħu nħeles mid-dnub u dejjem iżomm idejh fuq ir-raħal ta' Birżebbuġa u n-nies li jgħixu fih. Il-kliem fir-ritornell 'Inti Pietru' huwa sinonimu mas-soċjetà tagħna 'Tu Es Petrvs' u għalhekk ikompli mal-istorja ta' innijiet li nkitbu fil-passat. L-istrofi huma magħmulin minn erba' versi bit-tieni u r-raba' vers jirrimaw, biex hekk il-kliem ikun aktar faċli li jiftakruh.

L-ispirazzjoni tal-kliem ġie minn dak li hemm miktub fil-Bibbja fuq l-Appostlu San Pietru, b'ċerti versi kkwotati eżatt u oħrajn rranġati ftit biex jiġu jaqblu mal-mużika.

Mużika
Wara li nkiteb il-kliem tal-innu bdejt naħdem fuq il-mużika. Xtaqt li l-melodija u anke l-armonija tirifletti devozzjoni kif ukoll emozzjoni. L-innu huwa primarjament miktub għal banda u sopran fuq l-skala 'Eb Major' li titrasmetti ferħ. L-innu miktub f'temp normali ta 4/4 għas-simetrija kif ukoll sabiex il-versi joqogħdu sewwa mal-mużika. Il-frażijiet huma mqassmin mal-versi kull żewġ battuti. L-armonija hija primarjament dijatonika b'melodija li timxi mal-iskala kollha fuq ottavi differenti.

Matul l-innu użajt ukoll kordi kromatici li jagħtu kulur kif ukoll direzzjoni lil dan l-innu. Rajt

li l-armonija tkun dejjem rikka u mimlija. Il-melodija qiegħda primarjament fuq l-istrumenti li jdoqqu fir-reġistru għoli bħal-kurunetti u klarinetti. Il-perkussjoni tintuża sabiex tagħti fond u enfasi f'ċertu mumenti anke l-ħoss tal-qniepen.

Il-kontrakant u risposti miktubin primarjament fuq l-istrumenti li jdoqqu f'reġistru baxx bħal ewfonji. Il-kontrakant huwa miktub bi ħsieb li mhux biss jagħti r-risposti imma anke jakkumpanja l-melodija u jidħol u joħroġ minn mal-melodija sabiex jagħti sens ta' fond lill-mużika.

Il-kordi jinbidlu ħafna drabi kull battuta u dan jagħti sens ta' xi ħaġa rilassata u simmetrika. L-innu jagħlaq b'mod grandjuż u jimmodula għall-iskala ta' 'Ab Major' fit-tmiem tiegħu permezz ta' kordi kromatiċi li jgħolli l-ħoss tal mużika.

Jalla dan l-innu jitgawda matul is-sena d-dieħla kif ukoll għas-snin li ġejjin.



Ċentinarju mit-Tqegħid tal-Ewwel Ġebla tal-Knisja

Għaqda Storja u Kultura Birżebbuġa

Din is-sena Birżebbuġa qed tfakkar għeluq il-mitt sena minn meta bdiet tinbena l-knisja parrokkjali. Birżebbuġa saret parroċċa fid-9 ta' Settembru tal-1913, meta l-Isqof Pietru Pace fired dawn l-inħawi mill-parroċċi taż-Żurrieq, il-Gudja, Ħal Għaxaq u Marsaxlokk, u għamel il-knisja tad-Duluri bħala parroċċa indipendenti.

Il-knisja tad-Duluri kienet inbniet bil-ħidma ta' Mons. Spir Penza li kien saċerdot Bormliż villeġjant f'Birżebbuġa. Infetħet fl-14 ta' Awwissu 1907 u fis-snin ta' wara tkabbret u anke nbidlet il-faċċata. L-ewwel kappillan tagħha kien il-Kanonku Dun Karm Bugelli (1913-21).

L-ewwel snin tat-twaqqif tal-parroċċa ma kienu xejn faċli. Il-popolazzjoni kienet żgħira (madwar 600 ruħ) filwaqt li l-faqar kien estrem. Il-parroċċa ma kellha l-ebda dħul finanzjarju la minn renti ta' artijiet u anqas minn benefiċċji oħra.

Biex is-sitwazzjoni tkompli tikkomplika ruħha, naraw li lejn l-aħħar tal-1914, il-parroċċa kienet waqgħet fi djun kbar, tant li għall-bidu l-kappillan Bugelli kien talab sabiex tinbiegħ il-knisja biex jinfeda d-dejn u l-parroċċa tiġi trasferita għall-knisja tas-Sagra Familja.

Biss il-parruċċani mill-faqar li kellhom ħallsu dan id-dejn tant li issa l-Kappillan beda jaħseb kif seta' jkabbarha minħabba ż-żieda fil-popolazzjoni li kienet frott l-iżviluppi kbar li kienu qed iseħħu f'Birżebbuġa.

Fid-19 ta' Settembru 1917 il-kappillan Bugelli talab sabiex tinbena knisja ikbar. Dan ir-rikors kien intlaqa' mill-Isqof Mauro Caruana nhar 1 ta' Ottubru tal-istess sena. Il-ħsieb ewlieni tal-Kappillan u l-parruċċani kien li titkabbar il-knisja li kien hemm.

F'rikors ieħor datat 26 ta' Novembru 1917, il-kappillan Bugelli talab lill-Isqof Caruana sabiex japprova d-donazzjoni tal-propjetà maġenb il-knisja tad-Duluri bil-għan li din tiġi mibnija mill-ġdid. Din il-propjetà kienet tappartjeni lill-familja Attard Montaldo.

Biss il-ġbir tant kien żgħir li l-Kappillan kien neħħa kull tama li din il-knisja tinbena. Fit-3 ta' Frar 1924 Dun Anġlu Fenech minn Ħal Lija ħa l-pussess bħala t-tieni kappillan ta' Birżebbuġa. Dan is-saċerdot daħħal f'rasu li jibni knisja ġdida u ma kienx kuntent qabel ra lesta.

L-idea li tinbena knisja ġdida minflok il-knisja ta' Marija Addolorata mill-ewwel ġiet imwarrba minħabba li anke bl-art il-ġdida l-ispazju ma kienx jippermetti għall-bini ta' knisja li kienet meħtieġa.

Għalhekk id-donazzjoni tal-ġnien maġenb il-knisja tad-Duluri baqgħet qatt ma seħħet. Kienet ġiet magħżula biċċa art fil-Brolli magħrufa bħala 'Ta' Docchiena' li l-benefiċċju annwali tagħha kien jitħallas lill-knisja ta' Sant' Anġlu li kien hemm f'Ħal Far. Din l-għalqa kienet magħrufa wkoll bħala 'Ta' Platier, jew Pajtier'. Kien ġie mqabbad il-Perit Godwin H.

Galiza sabiex jistma din l-art filwaqt li għamel il-pjanta tagħha fuq stil Sikolu Normann. Fl-14 ta' Marzu tal-1926, beda t-tħaffir għall-pedamenti. Dakinhar il-kappillan Fenech flimkien ma' diversi parruċċani daħal fl-għalqa fejn waħħal salib li kien jindika li f'dak il-post kien ġej l-artal maġġur.

L-ewwel ġebla tal-knisja ġiet imqiegħda b'mod mill-aktar solenni nhar is-29 ta' Awwissu 1926 mill-Isqof Mauro Caruana li kien akkumpanjat miċ-ċerimonjier tiegħu Mons. Annetto Bonnici u minn Mons. Giuseppe De Piro.

Ix-xogħol tmexxa mill-Perit Giuseppe Terreni li taħt is-superviżjoni tiegħu nbniet il-knisja sas-saqaf. Warajh ħadem il-Perit Ugo Mallia li ħa ħsieb is-saqaf il-kbir u l-bini tal-faċċata. Fl-aħħar, il-Perit Giuseppe Colombo wassal ix-xogħol sa tmiemu permezz tal-bini tal-kampnar. Ix-xogħol tal-bini beda mill-imgħallem Indri Azzopardi (minn Taż-Żlejku) minn Ħal-Luqa.

Ftit wara daħal jgħinu l-imgħallem Ġużeppi Galea (minn Tas-Sanità) minn Bengħisa. Maż-żmien dawn iż-żewġ kuntratturi waqqfu u kompla l-imgħallem Karmnu Zerafa (minn Ta' Palalajtu) minn Birżebbuġa. L-aħħar kuntrattur li ħadem kien Carmelo Sapiano li bena l-parti ta' fuq tal-kampnar.

Meta nanalizzaw kif inbniet il-knisja naraw li għall-bidu bdew jibnu l-knisja kollha fl-istess għoli. Biss meta waslu fl-għoli ta' madwar sular u nofs ħasbu li jkun aħjar jekk jibdew minn wara u jimxu bil-bini lejn il-faċċata. Għalhekk l-ewwel ma tlestew kienu d-dar parrokkjali, is-sagristiji, il-kor u l-kappelluni. Imbagħad il-korsija u fl-aħħar il-faċċata u l-kampnar. Sal-1937 kien hemm lesti l-kor, il-presbiterju u l-kappelluni.

Għalhekk, bil-permess tal-Isqof, il-ħnejja l-kbira li tifred il-korsija minn mal-kumplament tal-knisja kienet ġiet imbarrata u l-knisja bdiet tintuża. Il-parti li kienet lesta kienet ġiet imbierka mill-Isqof Emmanuele Galea nhar id-29 ta' Mejju 1937 u fis-16 ta' Ġunju, nhar il-festa ta' Corpus Domini ġie trasportat is-sagrament mill-knisja l-antika għal dik ġdida. Matul it-tieni gwerra dinjija, ix-xogħol fuq il-bini tal-knisja kien waqaf għal erba' snin sakemm imbagħad ġie fi tmiem fl-1951 (75 sena ilu).

Xieraq li f'dan iċ-ċentinarju mill-bidu tal-bini ta' dan it-tempju Petrin, naħsbu fuq missirijietna li fil-faqar tagħhom għamlu ħilithom sabiex inbena dan il-maqdes li huma kienu l-inqas nies li gawdew. Fuq kollox jeħtieġ li napprezzaw dejjem u nieħdu ħsieb dak kollu li għandna bil-ħsieb li ta' warajna jirċievu dan il-wirt fi stat ikkonservat kif inhu xieraq.

KIKBOB
Snack Bar & Take Away

Enjoy a wide selection of freshly prepared:
- **Fresh bread**
- **Sandwiches**
- **Wraps**
- **Burgers**
- **Salads**
- **And much more!**

Every day we also prepare delicious homemade hot specials, including:
- **Pasta dishes**
- **Rabbit**
- **Pork chops**
- **And a variety of other freshly cooked meals**

FREE delivery in Birżebbuġa and the Ħal Far area.
Fresh food, great quality, and friendly service – every day!

Mobile: 7762 2159

Il-Knisja ta' San Pietru fil-Ktajjen ta' Għawdex

Mark Laurence Zammit
Gradwat fil-Malti u Komunikazzjoni; Ġurnalist u
Mons Dr Joseph Bezzina

Filwaqt li fin-Nadur hemm kult pjuttost qawwi u antik tal-appostli San Pietru u San Pawl, fil-bqija ta' Għawdex ftit li xejn hemm devozzjoni moderna lejn San Pietru waħdu. Fil-fatt, ħafna Għawdxin li mhumiex midħla tal-kultura tal-festi f'Malta ġieli jisimgħuha stramba meta ngħidilhom li f'Birżebbuġa, mhux biss hemm parroċċa ddedikata lil San Pietru, imma hija ddedikata lil episodju speċifiku fil-ħajja tiegħu.

Imma dan ma kienx minn dejjem, għaliex l-istoriċi jgħidulna li fis-sekli 15 u 17 huwa dokumentat li f'Għawdex kien hawn mill-inqas żewġ knejjes żgħar, waħda ddedikata lil San Pietru u l-oħra ddedikata proprju lil San Pietru fil-Ktajjen.

L-ewwel knisja żgħira ddedikata lil San Pietru f'Għawdex hi dokumentata fiċ-Ċimiterju tal-Matriċi fit-trufijiet tar-Rabat, fis-sena 1450. Dan kien ċimiterju medjevali uniku fil-gżejjer Maltin imma kien sfortuntament żarmat u meqrud għal kollox mis-sena 1946 'l quddiem biex inbena floku l-Oratorju Don Bosco tal-Belt Victoria.

F'dan l-Oratorju, fil-fatt, għad hemm fdalijiet tal-lapidi tal-oqbra ta' dak iċ-ċimiterju, però m'għad hemm l-ebda ħjiel ta' din il-knisja.
L-ewwel u l-eqdem inkwatru li jirrappreżenta lil San Pietru f'Għawdex kien jifforma parti mit-titular antik tal-Katidral. Illum dan l-inkwatru jinsab għall-wiri fil-mużew tal-istess Katidral. Jidher maġenb il-Madonna. Pariġġ ta' San Pietru, fuq in-naħa l-oħra, jidher San Pawl.

San Pietru fil-Ktajjen fl-Għarb
Imma mhux hekk biss. L-istorja tixhed li f'Għawdex darba kien hemm knisja li kienet

proprju ddedikata lil San Pietru fil-Ktajjen u kienet tinsab f'waħda mill-ħariet l-iktar antiki tar-raħal tal-Għarb.

L-Għarb hu ffurmat minn triq prinċipali li taqsam ir-raħal minn tarf għall-ieħor, u li minnha joħorġu toroq oħra bħal friegħi. Il-knisja parrokkjali qiegħda bejn wieħed u ieħor f'nofs ir-raħal u għalhekk tista' tiġi milħuqa faċilment mir-raħal kollu.

Il-poplu tal-Għarb jaqsam raħlu f'ħames ħariet: (a) iċ-Ċentru, iż-żona ta' madwar il-knisja parrokkjali, (b) Fuq il-Blata ma' Tat-Trux, (c) Il-Fgura, (d) Il-Wilġa ma' Wara ta' Għammar, u (e) Santu Pietru ma' Birbuba. Għall-festa tal-Għarb, ir-residenti ta' kull waħda minn dawn il-ħariet kienu jaħsbu għat-tiżjin tat-triqat tal-ħâra tagħhom.

Il-ħâra ta' Santu Pietru tinsab fit-triq li tibda minn ta' Birbuba, fejn hemm il-knisja qadima tal-Madonna tal-Virtut, msejħa popolarment taż-Żejt, u tieħu lejn ir-raħal qrib ta' San Lawrenz. Hi magħrufa b'dan l-isem wara knisja żgħira li kienet inbniet f'dawk l-inħawi, aktarx lejn tmiem is-seklu sittax u l-bidu tas-seklu sbatax. Isemmiha l-ewwel darba l-Isqof Baldassare Cagliares fir-rapport tal-Viżta Pastorali li għamel Għawdex fis-sena 1621 (VP[1621]49v).

Qrib dik l-istess sena kien ikkummissjonat inkwatru titulari ġdid u kien juri sewwa sew lil San Pietru qiegħed jiġi meħlus mill-ktajjen minn anġlu. Ir-rapport jgħid ukoll li kienet ikona noviter depicta, jiġifieri li kienet għadha kif saret. Illum ma għadx hemm ħjiel tagħha.

Din il-knisja tidher ukoll fuq mappa antika ħafna



Ir-relikwija tal-Katina ta' San Pietru li tinsab f'urna tad-deheb taħt l-Artal Maġġur ta' San Pietro in Vinculi, maġenb il-famuża statwa ta' Mosè ta' Michelangelo fl-istess Bażilika.



Ir-rapport tal-Viżta Pastorali tal-Isqof Baldassare Cagliares fejn tissemma għall-ewwel darba l-knisja ta' San Pietru fil-Ktajjen (Arkivju Episkopali Għawdex).

L-eqdem xbiha ta' San Pietru Għawdex, parti mill-inkwatru titulari tal-Matriċi, illum, Katidral ta' Għawdex (Mużew Katidral Għawdex).

u importanti ħafna għall-istorja ta' Għawdex. Din kienet mappa li ntbagħtet Ruma fis-sena 1763 meta l-qassisin tal-familja Axiak tal-Għarb kienu qed jitħabtu biex iwaqqfu l-kolleġġjata fil-parroċċa tagħhom. Mad-dokumenti li bagħtu Ruma bagħtu wkoll din il-mappa tal-parroċċa tal-Għarb.

Fil-mappa hemm immarkati l-knejjes kollha tal-Għarb, mhux biss dawk li kien għadhom weqfin fis-sena 1763, imma wkoll dawk li kien għad hemm ħjiel tagħhom fil-konfini tal-parroċċa u li kienu profanati. Knejjes profanati huma dawk li ma seta' jsir ebda servizz reliġjuż fihom, wisq probabli għax kienu saru ħerba.

Dawramejt, dawn huma: La Madonna della Virtù, fejn kienet twaqqfet il-parroċċa; San Pietro, Santu Pietru, dak iż-żmien ipprofanata; San Lorenzo, San Lawrenz ta' Ċangura; [Santa Maria] Chiesa profanata, knisja pprofanata fuq l-għolja Ta' Dbieġi, l-ogħla ponta ta' Għawdex; La Chiesa di Santa Maria di Pino, tal-Madonna ta' Pinu; Chiesa Salvatore profanata, tas-Salvatur taħt ir-riħ tal-Għolja Ta' Għammar; u San Antonio profanata, ta' Sant' Anton Abbati, Wied il-Mielaħ (ara Arkivju Episkopali Għawdex, Super erectione Insignis Collegiatae et Parrochialis Ecclesiae Casalis Garbo 1774. Mappa fl-aħħar).

Il-knisja ta' San Pietru fil-Ktajjen tal-Għarb qatt ma reġgħet inbniet.

Il-Knisja Filjali ta' San Pietru tal-*Ħirba*

Manuel Abdilla [1]*B.A. (Hons); MTL (Ethics)*

Fost il-ħafna knejjes rurali li llum għebu, u li huma magħrufa biss minn referenzi frammentarji f'xi paragrafu jew tnejn ta' xi viżta pastorali, insibu l-Knisja ta' San Pietru tal-Ħirba[2] fil-konfini ta' Ħaż-Żabbar. Hu diffiċli nifhmu l-ġrajjiet tagħha b'mod sħiħ minn sors wieħed biss minħabba li hija sfat profanata fl-1654. F'dan l-artiklu, bnejt stampa tal-operata tagħha mill-Viżti Pastorali tal-isqfijiet. L-ewwel xhieda dwar dan is-sit tidher f'mappa tal-Assedju l-Kbir ta' Malta (1565), inkorporata fiċ-ċiklu pittoriku ta' Matteo Perez d'Aleccio. Dan l-artist, alliev ta' Michelangelo, ġab fi xtutna l-Manneriżmu.

Waħda mix-xeni, datata t-18 ta' Mejju 1565 - id-data li fiha l-Ottomani waqqfu t-tined tagħhom fil-Marsa u f'Marsaxlokk - turi knisja ddedikata lil San Pietru fiż-żona ta' Ħaż-Żabbar. Din ix-xhieda, għalkemm mhijiex dokument testwali, hija indikazzjoni bikrija tal-kult Petrin f'dik in-naħa tal-gżira.

Parti mill-Mappa li turi l-Knisja ta' San Pietru tal-pittur Matteo Perez D' Aleccio. Tidher ukoll in-naħa ta' Birżebbuġa.

Il-Viżti Pastorali

Il-bażi ta' dan l-istudju tinsab fil-Viżti Pastorali mwettqa mill-isqfijiet ta' Malta wara r-riformi tal-Konċilju ta' Trentu (1545-1563). Dan il-Konċilju, partikolarment fis-sessjoni XXIV tiegħu, insista fuq l-obbligu tal-isqof li jżur regolarment il-parroċċi tad-djoċesi biex jara l-istat spiritwali, liturġiku u amministrattiv tagħhom.

Stampa ta' Pietro Dusina magħmula biċ-ChatGPT, Lulju 2026

Il-Konċilju elenka fit-tul l-obbligi marbuta ma' min kellu jagħmel il-viżta, kemm jekk kien l-isqof innifsu kif ukoll jekk kien xi ħadd maħtur minnu. L-Arċidjaknu u d-dekan tal-Katidral setgħu jagħmlu viżta biss bil-permess tal-isqof u bl-assistenza tan-nutar. Fil-qafas Tridentin, il-viżta pastorali kienet għodda ta' riforma maħsuba biex:

- tħares id-dottrina Kattolika u trażżan l-ereżiji;
- tiżgura ż-żamma tal-morali fost il-poplu;
- tikkoreġi l-abbużi finanzjarji u liturġiċi;
- tara l-kundizzjoni tal-knejjes u tal-oġġetti sagri li bihom kellha ssir iċ-ċelebrazzjoni liturġika.

Ir-rażan kellu jikkaratterizza dawn il-viżti.

Għalhekk ma kien hemm l-ebda post għal sfilati ta' żwiemel u qaddejja bil-għan li jimpressjonaw lill-parruċċani. In-numru tal-qaddejja u taż-żwiemel kellu jkun modest. Kien hemm ukoll penali iebsa għal dawk li kienu japprofittaw ruħhom minn legati piji. Ħlasijiet, tixħim u t-twettiq ta' xi forma ta' estorsjoni minn xi isqof kellhom jiġu kkastigati bi ħlas doppju. L-isqfijiet la kellhom jistennew offerti u lanqas pranzijiet kbar; kemm l-ewwel kif ukoll it-tieni, jekk isiru, kellhom isiru bil-qies.[3]

Is-silenzju fl-arkivju parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar ma jagħtix evidenza dokumentarja dwar it-twaqqif ta' din il-knisja. Dan jista' jfisser li teżisti xi evidenza frammentarja oħra fil-Knisja Arċipretali u Arċimatriċi taż-Żejtun, arkivju li ma kkonsultajtx. Il-kappelli rurali Maltin diversi drabi jintrabtu ma' wirt agrarju, u l-obbligi tagħhom mhux dejjem kienu moqdija bl-aħjar mod. Fil-fatt, ma nsibu xejn dwarha la fil-viżta tal-Vigarju Kapitulari Antonio Bartolo, li fiha niltaqgħu ma' inventarju ta' oġġetti li kellha l-Knisja ta' Ħaż-Żabbar,[4] u lanqas fil-Viżti Pastorali tad-Delegat Appostoliku Pietro Dusina, li fihom kien akkumpanjat minn Mons. Antonio Bartolo S.Th.D. u mid-Dumnikan Patri Damiano Taliano S.Th.D.

Fil-Viżta Appostolika ta' Dusina nsibu mappa tal-kult Petrin fil-gżejjer Maltin fl-aħħar kwart tas-seklu sittax. Hawn niltaqgħu ma' knejjes iddedikati lil San Pietru fl-Imdina, fin-Naxxar, f'Ħal Lija, f'Ħal Qormi u fl-Imqabba. Il-Knisja taċ-Ċimiterju taż-Żurrieq, kif ukoll waħda mill-knejjes barra miċ-Ċitadella f'Għawdex, kienu jġibu wkoll id-dedika ta' San Pietru. Minkejja din il-firxa wiesgħa tal-kult Petrin, il-Knisja ta' San Pietru tal-Ħirba ma tissemma mkien f'din il-Viżta Pastorali.[5] Hija ma tidhirx lanqas fil-viżta tal-Isqof Tumas Gargallo tal-1588, iżda nsibuha fil-viżta tal-istess isqof tas-sena 1600.

Viżti Pastorali qabel it-Twaqqif tal-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar

Fil-bidu tas-seklu sbatax, Ħaż-Żabbar kienet għadha taħt il-ġurisdizzjoni parrokkjali taż-Żejtun. Nhar is-26 ta' Novembru 1600, l-Isqof Gargallo beda l-Viżta Pastorali tal-Knisja Parrokkjali ta' Santa Katerina fir-raħal ta' Santa Katerina, illum iż-Żejtun, u tal-knejjes filjali tagħha. Huwa għamel din il-viżta pastorali mal-Vigarju Ġenerali Dun Anton Bartholo S.T.D., dekan tal-Katidral, u ma' Dun Salv Xerri, assessur. Huma żaru knisja żgħira ddedikata lil San Pietru, imlaqqma tal-Ħirba. Il-knisja

L-isqof Tumas Gargallo

kellha t-titular tagħha ta' San Pietru u dak kollu neċessarju għaċ-ċelebrazzjoni liturġika. Marbuta magħha kellha żewġ biċċiet art, li d-dħul tagħhom kien marbut ma' obbligi lejn il-knisja stess.

Dawn l-obbligi kienu jinkludu ċ-ċelebrazzjoni tal-ewwel għasar bil-kolazzjon għaċ-ċelebrant, u, fil-jum tal-festa, il-quddiesa, l-ikel għall-kappillan u l-għoti tal-elemożina. Għal dawn l-ispejjeż kienu jagħmlu tajjeb żewġ oqsma tar-raba'. Fi żmien din il-viżta dawn kienu amministrati minn Nikol Scarpello (Nicolaus Scarpello) mill-Birgu u minn Joannellus Carbot.[6] Huma kienu marbuta li, mid-dħul ta' dawn l-oqsma, jixegħlu l-lampier kull nhar ta' Sibt.[7]

Viżta Pastorali oħra saret nhar il-15 ta' Novembru, 1615. Din il-viżta twettqet fi żmien ta' tranżizzjoni bejn l-episkopat tal-Isqof Gargallo u l-ħatra tal-Isqof Cagliares. F'dan iż-żmien id-djoċesi kienet immexxija minn Monsinjur Franġisk Mizzi, amministratur tad-djoċesi.

Hemm miktub espliċitament li l-isqof ma kienx preżenti għall-bidu tal-Viżta Pastorali.[8] F'din il-viżta, iż-Żabbarin resqu t-talba għat-twaqqif ta' parroċċa ġdida. Ta' din il-Viżta Pastorali nsibu żewġ verżjonijiet.[9] L-Isqof Cagliares jidher li ħa sehem fit-tieni fażi tal-viżta, dakinhar li tressqet it-talba għat-twaqqif tal-parroċċa, peress li

L-Isqof Baldassare Cagliares

ma kienx preżenti fil-bidu tagħha.[10] Dakinhar dehret quddiemu l-parti l-kbira tal-poplu. Fosthom kien hemm dawk li l-qraba tagħhom kienu mietu mingħajr ma rċevew l-aħħar sagramenti, jiġifieri l-vjatku. Kien hemm min kienet mititlu ommu, min oħtu u min ġaru.

Huma tefgħu l-ħtija fuq il-kappillan ta' Bisqallin, Dun Mattew Burlò. Iż-Żabbarin argumentaw li d-distanza kbira bejn l-irħula kienet qed iżżomm lill-poplu lura spiritwalment. Kollha kellhom fehma waħda: Ħaż-Żabbar kellu jsir parroċċa.[11]

Dakinhar l-Isqof Cagliares ta lil Burlò id-dritt li jaħtar l-ewwel kappillan fi żmien erbat ijiem. Madankollu, Burlò kkonċeda dan id-dritt lill-isqof stess. L-Isqof Cagliares imbagħad ordna li jsir il-konkors biex il-kappillan il-ġdid jieħu l-pussess tal-parroċċa nhar l-10 ta' Jannar. Minn dakinhar, il-Knisja ta' San Pietru tal-Ħirba bidlet l-affiljazzjoni parrokkjali tagħha miż-Żejtun għal Ħaż-Żabbar. L-Isqof Cagliares għażel lil Dun Angelo Pontremoli bħala l-ewwel kappillan, u tah il-pussess tal-parroċċa nhar l-10 ta' Jannar 1616.[12]

F'din il-viżta pastorali nsiru nafu wkoll li l-festa fil-Knisja ta' San Pietru tal-Ħirba kienet issir nhar id-29 ta' Ġunju, fil-festa tal-Appostli San Pietru u San Pawl.[13] L-eredi tal-artijiet ġew obbligati juru, fi żmien tmint ijiem, it-twettiq tal-obbligi tagħhom. L-eredi ta' Pietru Scarpello kienu Dun Franġisk Scarpello u ħutu, filwaqt li l-post ta' Joannellus Carbot ħadu Oliverju Carbot.

Quddiem il-viżitaturi dehru wkoll Salvu u Marija D'Annuncio. Hawnhekk intqal li kien hemm biċċa raba' oħra mdawra b'ħajt, magħrufa bħala "Tal-Bir". Din ir-raba', miżmuma mill-eredi ta' Narducci Pulis, kellha l-istess obbligi, iżda dawn ma kinux qed jiġu onorati.[14]

Il-Viżti Pastorali tal-Isqof Cagliares mill-1618 sal-1628

It-twaqqif tal-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar poġġa lill-Knisja ta' San Pietru tal-Ħirba fi struttura parrokkjali ġdida. L-Isqof Cagliares kien isqof rett u rigoruż fit-twettiq tal-obbligi pastorali tiegħu bħala isqof djoċesan. Fil-viżta pastorali ta' nhar it-2 ta' April 1618, narawh jammonixxi lil Dun Merkurju Lia. Dan il-qassis, għalkemm kien ordnat saċerdot nhar it-30 ta' Marzu 1591, sa dakinhar tal-viżta ma kellux l-aħħar verżjonijiet tal-Bibbja, tal-Missal u tal-Katekiżmu, kif mitlub mill-Konċilju ta' Trentu, (1545-1563).

L-isqof ordnalu jirranġa dan kollu fi żmien xahrejn. Aktar 'il quddiem, dan il-qassis jagħti stampa tal-artijiet marbuta ma' din il-kappella tul dawn il-viżti pastorali.15 F'din il-viżta, l-Isqof Cagliares sab il-Knisja ta' San Pietru nieqsa mill-oġġetti neċessarji għas-sagrifiċċju tal-quddiesa. Huwa nnota wkoll li l-istruttura kellha bżonn tiswijiet urġenti. L-eredi ta' Scarpello u ta' Carbot, li ssemmew qabel, kellhom jagħmlu dawn it-tiswijiet fi żmien erba' xhur. Huma kienu obbligati jipprovdu l-artal b'dak kollu li kien mitlub. Barra minn hekk, il-bieb tal-knisja kellu jiġi rinfurzat b'serratura tal-ħadid u fih kellha tinfetaħ tieqa. Fil-viżta tal-1621, il-kundizzjoni tal-knisja tidher li tjiebet, tant li kulma ntalab kien li l-artal jitwessa' għall-kumdità taċ-ċelebrant.[16]

Il-viżta pastorali tal-1628 seħħet il-Ħamis, 10 ta' Frar.

Din kellha tkun l-aħħar viżta fi żmien l-ewwel kappillan ta' Ħaż-Żabbar, Dun Angelo Pontremoli. F'din il-viżta naraw żvolta fl-amministrazzjoni tal-knisja, fejn ingħataw konklużjonijiet severi dwar l-istat tagħha. Il-Knisja ta' San Pietru kienet waqgħet f'kundizzjoni tant ħażina li l-użu tagħha għall-kult pubbliku ma baqax permess.

Id-deċiżjoni li tingħalaq u ma tibqax tintuża

għall-quddies tirrifletti l-ispirtu tal-Konċilju ta' Trentu. Dan il-Konċilju kien jesiġi li s-sagrifiċċju Ewkaristiku jsir skont normi stretti u b'rispett sħiħ lejn ir-rubriki tal-Knisja. Minkejja l-għeluq tagħha, ir-rabta finanzjarja u agrarja mal-artijiet baqgħet konsistenti. Fl-10 ta' Frar 1628, l-Isqof Cagliares sab li l-knisja kienet nieqsa minn kull oġġett meħtieġ biex fiha setgħu jsiru ċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi.

Għalkemm kellha z-zuntier tagħha, il-ħtiġijiet essenzjali l-oħra kienu nieqsa. Għalhekk ġie ordnat li l-knisja tinżamm magħluqa u msakkra, u li fiha ma jsir l-ebda quddies jew ċelebrazzjoni oħra. L-obbligi tagħha kellhom jibdew jiġu ċċelebrati fil-knisja parrokkjali sakemm il-knisja tiġi pprovduta b'dak kollu meħtieġ.

Dakinhar, Dun Merkurju Lia spjega li l-għalqa msejħa "Tal-Bir", b'kejl ta' għaxar tomniet, kienet f'idejn Margerita, l-armla ta' Leonardu Pulis, li issa kienet mart Bjaġu Abela. Għalqa oħra mlaqqma "Tal-Ħammas",[17] fl-istess naħa u b'kejl ta' sitt tomniet, kienet maħduma minn Joannellus Carbot. Fuq it-tnejn li huma kien hemm l-obbligu li kull nhar ta' Sibt jixegħlu l-lampier tal-knisja.

Kienu marbuta wkoll li jiċċelebraw il-quddies bl-ewwel għasar fil-festa, jipprovdu l-ikla ta' filgħodu liċ-ċelebrant u jħallsu l-ispejjeż tal-festa tal-qaddis. Ġie ordnat li n-nutar Valerju Scarpello, li kien biegħ sehmu u sehem ħutu lil Leonardu Pulis u lil Joanellus Carbot, jissejjaħ ukoll. Magħhom kellha tissejjaħ Margerita, l-armla ta' Pulis, sabiex jiġi eżaminat sewwa jekk l-imsemmija għelieqi kellhomx jagħmlu tajjeb għal dawn l-obbligi. Sadanittant, l-awtoritajiet ordnaw li s-somma marbuta mat-tiswija tal-kappella tinżamm minn Ġwann Dumink Habel u Bendu Causula.[18]

1636-1654: Bejn ir-Rovina u l-Profanazzjoni

Bejn l-1618 u l-1628 rajna proċess li fih il-knisja għaddiet minn fażi qasira ta' qawmien, li damet, kif jgħid il-Malti, "mill-Milied sa San Stiefnu". Il-knisja malajr tilfet id-dritt li fiha tiġi ċċelebrata l-liturġija. Il-fażi finali fl-istorja dokumentata tal-Knisja ta' San Pietru tal-Ħirba tiżvolġi taħt l-episkopat ta' Miguel Juan Balaguer Camarasa. Fi żmien dan l-episkopat, din il-knisja mhux talli ma baqgħetx il-post fejn issir il-liturġija marbuta ma' San Pietru, iżda tilfet ukoll kull dritt li fil-futur isiru fiha ċelebrazzjonijiet liturġiċi.

Fl-1630, l-Isqof Cagliares reġa' żar il-Knisja ta' Ħaż-Żabbar u l-knejjes filjali tagħha.

F'din l-ewwel viżta taħt il-kappillan il-ġdid, jissemmew il-knejjes tal-Lunzjata, ta' San Ġakbu Appostlu, ta' Sant'Agata, tal-Madonna tal-Indirizz u tal-Madonna tal-Plier, iżda dik ta' San Pietru tal-Ħirba ma tissemmiex. Jidher li l-piena li rċeviet fl-aħħar viżta baqgħet magħha sat-tmiem.[19]

Il-Papa Alessandru VII

Ir-Reverendu Dun Pietru Franġisk Pontremoli, Vigarju Kapitulari fiż-żmien meta s-sede veskovili kienet vakanti wara l-mewt ta' Cagliares, żar il-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar nhar l-14 ta' Settembru 1634. Huwa ta informazzjoni dwar il-knejjes ta' San Żakkarija, il-Lunzjata, San Ġakbu, Sant'Agata, Santa Marija tal-Indirizz, Santa Duminka, Sant'Andrija, San Nikola u Santa Marija tal-Plier, iżda ma jgħid xejn dwar dik ta' San Pietru tal-Ħirba.[20]

F'dan iż-żmien beda l-itwal parrokkat ta' Ħaż-Żabbar, dak ta' Dun Franġisk Dell'Episcopo,[21] li ħa l-pussess nhar is-27 ta' Frar 1628. Dan kien

żmien tad-deheb għas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja. F'dan il-perjodu tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida ta' Ħaż-Żabbar. Bl-istess mod, ingħata l-eqdem ex voto datat f'Malta minn grupp ta' lsiera li ħarbu minn Sfax u li, bl-intervent tal-Madonna, skansaw l-iskjavitù.

L-Isqof Juan Miguel Balaguer Camarasa

Fi żmien dan il-parrokkat, il-knisja parrokkjali rċeviet żjarat bla għadd minn kavallieri u devoti, u l-ħitan tagħha kienu miksija bil-kwadri ex voto. Tant kienet iġġarrab devozzjoni li l-Isqof Balaguer stess stqarr li din kienet l-iżjed waħda devota fil-gżira.[22] Il-knisja ġiet onorata wkoll bil-preżenza tal-inkwiżituri Pignatelli u Chigi, li wara li ngħataw il-kardinalat saru suċċessuri ta' San Pietru u ħadu l-ismijiet ta' Innoċenz XII u Alessandru VII rispettivament.[23]

Filwaqt li l-Isqof Balaguer faħħar il-knisja parrokkjali bħala l-iżjed waħda devota, huwa ma qagħadx lura milli jinnota li l-knisja ta' San Pietru tal-Ħirba kellha artal mhux dehen taċ-ċelebrazzjoni tal-quddies. It-titular kien wieħed antik u l-lampier kien għadu mdendel; il-knisja, mill-bqija, kienet nieqsa mill-oġġetti liturġiċi kollha u kienet fil-periklu li tiġġarraf. Hija kienet imdawra b'ċimiterju li l-ħitan tiegħu kienu parzjalment imġarrfa.[24]

Qabel konna ltqajna mal-għalqa msejħa "Tal-Bir". Jidher li din, aktar tard, inqassmet jew inkella bdiet tissejjaħ b'ismijiet oħra; għalhekk, fil-viżta ta' Balaguer niltaqgħu ma' ismijiet ġodda tal-artijiet marbuta mal-knisja. Dun Merkurju Lia semma li l-knisja kellha biċċa raba' magħluqa msejħa "Ta' Xarda", fil-kontrada tal-istess knisja.

Din kienet f'dak iż-żmien miżmuma minn ċertu Mattew, imlaqqam Nochi, mill-Birgu. L-art kienet tmiss mil-Lvant ma' daħla jew passaġġ komuni tal-viċinat, min-Nofsinhar mal-proprjetà ta' Mario Baldacchino, mill-Punent ma' proprjetà ekkleżjastika, u mit-Tramuntana mal-proprjetà tal-werrieta ta' Ġwann Luqa Gauci. Il-knisja kellha wkoll għalqa oħra, tmiss maċ-ċimiterju tal-istess knisja, imsejħa "Il-Ħirba ta' San Pietru".

Din ukoll kienet miżmuma mill-istess Mattew. Qabel din il-viżta, ma jidher li għandna ebda referenza għal dawn il-biċċiet raba' fil-viżti pastorali.[25]

L-għalqa l-oħra, li fid-dokument tidher imniżżla bħala "Tal-Ħimmem" jew "Tal-Ħimmes", kienet fl-istess kontrada. Ix-xebh fl-isem jagħtina x' nifhmu li hija dik "Tal-Ħammas" jew "Tal-Ħammes".

Din l-għalqa kienet tmiss mil-Lvant ma' proprjetà ekkleżjastika, min-Nofsinhar mal-proprjetà ta' Nicolò Cilia, Duttur tal-Arti u tal-Mediċina, u mill-Punent mal-proprjetà tal-werrieta ta' Gauci, filwaqt li l-konfini tat-Tramuntana tħalla vojt fid-dokument. Il-viżitaturi niżżlu li Tumas Canzuc kien infurmat sew dwar din il-kwistjoni, jiġifieri dwar it-tqassim tal-artijiet marbuta mal-knisja.

Għalhekk il-viżitaturi, ordnaw li tinġabar aktar informazzjoni, sabiex l-interessi tal-knisja jitħarsu aħjar.[26]

Nhar it-23 ta' Frar 1646, l-Isqof Camarasa żar il-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar u mar personalment fil-Knisja ta' San Pietru tal-Ħirba.

Huwa sabha fi stat ta' rovina sħiħa: kulma kien għad kellha kien it-titular l-antik u l-lampier; il-bqija ma kellha xejn aktar. Masium Baldacchino kellu ċens fuq il-biċċa art magħrufa bħala "Ta' Xarda". F'din il-Viżta Pastorali naraw li l-artijiet marbuta mal-knisja kienu miżmuma b'ċens.

L-għalqa kienet maħduma minn Masium Baldacchino. L-għalqa l-oħra, magħrufa bħala "Tal-Ħammes",[27] u dik ta' "Chriba" kienu miżmuma mill-eredi ta' Tumas Carpuc.

Dwarhom, il-viżitaturi talbu li tinġabar l-informazzjoni.[28] Fl-1654, l-Isqof Camarasa finalment ipprofana l-knisja, filwaqt li rrefera lura għall-Viżti Pastorali li kienu saru qabel.[29]

Għeluq

Missirijietna forsi kienu jgħixu tajjeb il-kliem tal-Bibbja li jgħid: "Itilgħu fuq il-muntanja, ġibu l-injam u ibnu d-dar, u jien nitgħaxxaq biha u nissebaħ fiha",[30] hekk kif f'kull rokna ta' Malta waqqfu tempji għaċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi.

Huma kienu jafu tajjeb ukoll kliem Mosè: "m'għandekx tagħmel is-sarima lill-gendus li jkun jidres";[31] għalhekk ma qagħdux lura milli jagħtu lis-saċerdoti tagħhom il-ħlas għas-servizz li kellhom iwettqu. Il-qima bikrija lejn San Pietru f'Ħaż-Żabbar, u l-ġrajjiet storiċi li minnhom għaddiet din il-knisja rurali, jiftħulna beraħ it-twieqi fuq dan kollu.

Għalkemm mal-miġja tas-snin sfat profanata, u llum ma nafux eżattament fejn kienet tinsab, hija tibqa' xhieda tad-devozzjoni lejn San Pietru fis-seklu sbatax fin-naħa tax-Xlokk ta' Malta. Minn dan l-ispazju nawgura lid-devoti ta' San Pietru waqt li jiċċelebraw il-festa ta' San Pietru fil-Ktajjen.

L-awgurju jsir wieħed doppju proprju għaliex din is-sena qegħdin jinfetħu ċ-ċelebrazzjonijiet ċinkwantenarji mill-Konsagrazzjoni (1977-2027) tal-Knisja Parrokkjali ddedikata lil San Pietru fil-Ktajjen f'Birżebbuġa.

Noti

1. L-awtur jirringrazzja lir-Rev.du Gilbert Sciculna, Viċi Parroku tal-Bażilika ta' Kristu Re, Raħal Ġdid; lil-latinista ħabib tal-awtur, is-Sur Victor Bonnici (RIP), li kien strumentali fil-fażi inizjali ta' din ir-riċerka; lis-Sur Paul Zammit; u lis-Sur Kyle Incorvaja għall-għajnuna tagħhom. 2. Xi drabi nsibuha mniżżla bħala tal-chirba. Dan minħabba li, fil-kitba antika, ch kienet tintuża biex tirrappreżenta ħoss qrib tal-ħ. F'dan l-artiklu niżżiltha dejjem bħala tal-Ħirba, anke meta fil-Viżta Pastorali tidher bħala tal-Chirba. 3. Council of Trent, Session 24, Decree on Reformation, Chapter 3, f' The Canons and Decrees of the Sacred and Oecumenical Council of Trent, trans. James Waterworth (London: Dolman, 1848), 201. 4. L-inventarju sħiħ tal-knisja jidher traskritt minn Victor Bonnici f' Il-Ġrajja tal-Inkurunazzjoni, Manuel Abdilla ed., f' Mid-Devozzjoni għal Inkurunazzjoni, 2024 99-101. 5. Aquilina, George, and Stanley Fiorini. Documentary Sources of Maltese History Part 4: Documents at the Vatican (No. 1, Archivio Segreto Vaticano: Congregazione Vescovi e Regolari Malta: Visita Apostolica No. 51, Mgr Petrus Dusina, 1575), 2005. 6. Fejn it-tradizzjonijiet bil-malti ma setgħatx issir jien niżżilt l-isem. 7. AAM, VP 07 Gargallo, 1600, ff. 144-144v. 8. arbitrio Ill[ustrissi]mi D[omini] (f. 263v). Ara Horatio Caesar Roger Vella, "Il-Viżta Pastorali li saret fil-Knisja Ewlenija ta' Ħaż-Żabbar fl-1615," Leħen is-Santwarju, Ħaż-Żabbar, 2022, nru. 133, 11-16. 9. Ara ACM, Misc 181, ff. 122-124v u AAM VP 08, Cagliares, 1615, ff. 263-269v. 10. ACM, Misc 181, f. 123v. 11. ACM, Misc 181, f. 124. 12. AAM, VP 08 Cagliares, 1615, f. 268. 13. Fatt interessanti li għandu jinteressa lil Birżebbuġin huwa li bejn il-festa tal-Martirju ta' San Pietru u San Pawl u l-festa ta' San Pietru fil-Ktajjen hemm 32 jum. Dawn jikkorsspondu għat-total ta' snin li fihom San Pietru kien isqof t' Antijokja u ta' Ruma. 14. AAM, VP 08 Cagliares, 1615, f. 269. 15. AAM, VP 09 Cagliares, 1618, f. 175v. 16. AAM, VP 11, Cagliares, 1621, f. 113. 17. L-ismijiet ta' din l-għalqa nsibuhom miktubin b'mod differenti. Għas-saħħa tal-konsistenza, jien dejjem se niżżilhom b'dan il-mod. 18. AAM, VP 11, Cagliares, 1628, ff. 87v-88. 19. AAM, VP 11, Cagliares, 1630, ff. 81v-84. 20. AAM, VP 12, Petrus Franciscus Pontremoli, 1634, ff. 107-110v. 21. Dun Franġisk Dell'Episcopo kien it-tieni kappillan ta' Ħaż-Żabbar. Huwa kien kappillan bejn l-1628 u l-1680. L-awtur ilu jirriċerka dan il-parrokkat sa mill-2019. Wieħed jittama li fil-futur qarib tidher, f'xi pubblikazzjoni, l-informazzjoni kollha marbuta mal-parrokkat tal-Kappillan Dun Franġisk Dell'Episcopo. 22. "Totius insulae omnium ecclesiarum haec devotissima est," f' AAM, VP 13 Belaguer, 1634, f. 71. 23. Fl-Arkivju ta' San Pietru fil-Vatikan jinżamm djarju ta' dan il-pontifikat. 24. AAM, VP 14 Miguel Juan Balaguer de Camarasa, 1635-1637, f. 77v. 25. AAM, VP 14 Miguel Juan Balaguer de Camarasa, 1635-1637, f. 77v. 26. AAM, VP 14 Miguel Juan Balaguer de Camarasa, 1635-1637, ff. 77v-78. 27. Hawn insibuha mniżżla bħala tal-Chimmes. 28. AAM, VP 15 Belaguer, 1646, ff. 173v-174.
29. AAM, VP 16 Belaguer, 1654, f. 282v. 30. Ħaġ 1,8. 31. Dewt 25,4 u 1 Kor 9,9.

Is-Soċjetà Filarmonika San Pietru, Banda Birżebbuġa A.D. 1990 tifrah ma' ...

Il-Bandista tal-post **Michaela Chircop** li gradwat '*Master of Arts in International Hospitality and Tourism Experience Management*'

Il-Bandist tal-post u għalliem mal-Banda Birżebbuġa **Matthew Polidano** li gradwa 'M. Sc. in Sound and Vibration' fl-Università ta' Chalmers għat-Teknoloġija f'Gothenburg

Birżebbuġa Sailing Club li ġew rikonoxxuti bħala '*Best Club of 2026*' waqt l-44 edizzjoni ta' Lake Garda Meeting

Chris Tabone li rebaħ medalja tad-deheb fil-kategorija Individwali Seniors waqt it-Tazza tan-Nazzjonijiet tal-Blackball f'Ġibiltà

L-istudenta **Amy Vella** li kisbet Distinzjoni fit -Tieni Grad fl-Eżami tat-Teorija

Ernest Cassar rebbieħ tal-Ħaddiem tas-Sena ġewwa l-Kon-Katidral ta' San Ġwann

Katriona Muscat li rebħet il-kompetizzjoni tal-Arti ta' '*The China Cultural Centre*'.

Is-Sindku **Scott** u l-mara **Rebecca Camilleri Bilocca** li ngħaqqdu fis-sagrament taż-żwieġ

Aiden Balzan li rebaħ l-Grand Prix Award f'*Youth Talent Stars International Music Competition*

Il-Viċi-President **Andy Mifsud Camilleri** u l-mara **Sabrina** għat-twelid ta' binhom

Il-Bandista tal-post **Rebecca Abdilla** għall-ħatra tagħha ta' Nutara

Trustin Farrugia Cann għall-ħatra tiegħu bħala Viċi-President tal-Malta Football Association - 1990

The Dancing Angels - Rebbieħa overall ta' Sezzjoni B, It-tieni post f'Sezzjoni Ċ u D

L-istudenta **Nina Marie Cutajar** li kisbet Distinzjoni fit -Tieni Grad fl-Eżami tat-Teorija

Chris Balzia li ġie magħżul bħala Group Scouts Leader tal-Grupp ta' Birżebbuġa

Casey Micallef li gradwat - '*Diploma Inclusive Education*' kif ukoll '*Early Years Education, Management and Care*'

Clarice Borg li gradwat - '*Advanced Diploma in Health Sciences*'

Id-Delegat u bandist tal-post tal-Banda Birżebbuġa, **Peter Paul Caruana** li ġie maħtur *Assistent Surmast tal Banda La Vincitrice, Senglea*

Il-Bandista tal-post **Raffaella Baldacchino** li gradwat f'*TU Delft, MSc. Materials Science & Engineering*

Mattea Ciantar li tifforma parti mit-*Team Boost Stella Maris* u li ġew onorati *European Female Champions*

Andreas Fava u **Miguel Cassar** - Tim Nazzjonali U/18 bis-sehem tagħhom fil-European Junior U18 Men's *Elite Waterpolo Championship*

Daniel Camilleri - Futsal Challenger League 2026 Malta U/19 Champions

Birżebbuġa Aquatic Sports Club - Champions tal-*Waterpolo World Festival*, Italja

Birżebbuġa Aquatic Sports Club - Champions tal-*Meridianbet Cup 2026*

Birżebbuġa St. Peter's FC - Champions tal- BOV Challenge Cup

Il-klabb ta' Birżebbuġa St. Peter's F.C. twaqqaf fl-1946 u daħal jikkontesta fil-kompetizzjonijiet tal-Malta Football Association fl-istaġun 1946–47.

F'dawn l-aħħar snin, il-klabb kompla jibni fuq il-ħidma tiegħu u fl-istaġun 2024–25 kiseb suċċess importanti meta rebaħ il-kampjonat tal-National Amateur League 1 u s-Super Cup relatata. Din is-sena l-klabb ġie promoss għall-Malta Premiere League u rebaħ il-BOV Challenge Cup.

Minn qalbna nawgurawlhom għall-futur mill-isbaħ b'aktar unuri lejn Birżebbuġa.



Birżebbuġa St. Peter's FC - Promossi għall-Malta Premiere League

Birżebbuġa St. Peter's FC Youths - Promossi mis-Sezzjoni Ċ għall-Sezzjoni B

Is-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa turi sogħba

Emmanuel u Jessie Azzopardi
Missier u omm eks segretarju tas-Soċjetà

Mario Celeste
Kien membru tas-Soċjetà tagħna u kien irregala klarinett lis-Soċjetà

Rokku Zahra
Fil-bidu li twaqqfet is-Soċjeta' kien idoqq id-drums mal-banda tagħna u anke kien eks Kunsillier ta' Birżebbuġa

Marco Camilleri
Kien attiv fil-qasam sportiv fir-raħal tagħna

Dr Pierre Chircop
Kien tabib maħbub u anke eks Viċi-Sindku tar-raħal tagħna

Pawlu Zahra
Magħruf bħala Pawlu Vaxxella, il-kunjatu tas-Segretarju u n-nannu tal-PRO tas-Soċjetà tagħna

Ernest Micallef
Missier il-kappillan u d-direttur spiritwali tagħna Fr Reuben Micallef

Mons. Dun Vinċenz Deguara
Għal xi żmien kien joqgħod fir-raħal tagħna

Vicor Pace
Ħu t-teżorier tas-Soċjetà tagħna

Louis Balzia
Eks membru tal-Kumitat Eżekuttiv u għal diversi snin kien wieħed mir-reffiegħa tas-Soċjetà tagħna

Mario Camilleri
Kien poġġa parti kbira tal-madum tas-Sede tagħna bla ħlas

Kav. Derek Mifsud Speranza
President Onorarju tas-Soċjetà

Rokku Zahra
Magħruf bħala Rokku x-Xemx; għal xi żmien kien jgħin lill-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar

Rita Muscat
Omm ta' benefattur tas-Soċjetà tagħna



Martin McKay
Kien membru tas-Soċjetà tagħna

Grazio Gatt
Kien jgħin lill-mibkija martu Lucy fil-ħjata tal-affarijiet tal-każin u tal-Knisja u anke fl-armar tal-festa

Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa A.D. 1990 tirringrazzja lil:

- Alla l-Imbierek, Ommna Marija u l-Appostlu Missierna San Pietru talli jkunu dejjem magħna fil-ħidma tagħna matul is-sena, kemm fit-tlajja' u anke fl-inżul;
- Familji kollha tagħna tal-paċenzja li jieħdu bina u tal-appoġġ illi jagħtuna matul is-sena kollha;
- W. Rev. Kappillan, il-Kanonku Reuben Micallef u l-Presbiterju Parrokkjali u l-Abbatini tal-parroċċa ta' Birżebbuġa għas-servizz tagħhom matul is-sena kollha;
- Perit Michael Schembri u l-helpers kollha tal-knisja parrokkjali tagħna tas-sagrifiċċji u l-ħidma sabiex id-Dar ta' Alla tkun dejjem miżmuma fl-aħjar kundizzjonijiet kemm minn ġewwa kif ukoll minn barra;
- Is-Sindku Scott Camilleri, il-Kunsilliera u l-istaff tal-Kunsill Lokali għall-ħidma tagħhom f'Birżebbuġa u għall-koperazzjoni li nsibu kontinwament mingħandhom;
- Is-Supretendent, l-Ispettur u l-membri tal-Korp tal-Pulizija għall-ħidma tagħhom f'Birżebbuġa, speċjalment għaż-żamma tal-Bon-Ordni fi żmien il-festa titulari;
- Grupp Armar 1 ta' Awwissu għall-ħidma tagħhom matul is-sena sabiex jissebħu l-imsieraħ u t-triqat ta' raħalna matul il-jiem tal-festa ta' San Pietru u f'okkażjonijiet oħra matul is-sena. Inħeġġu aktar nies jagħtu daqqa t'id lil dan il-grupp sabiex ikollna raħal dejjem imżejjen isbaħ fl-okkażjonijiet diversi matul is-sena;
- Il-President, is-Segretarju Ġenerali, it-Teżorier u l-membri kollha tal-Kumitat Ċentrali għall-impenn kontinwu għall-ġid tas-Soċjetà;
- Il-President Onorarju għal Għomru, Fundatur u Benefattur Ewlieni, il-Presidenti Onorarji, il-Membri Onorarji, is-Surmastrijiet Onorarji u l-Bandisti Onorarji għas-sostenn u l-pariri li jagħtu matul is-sena kollha;
- Is-Surmast Direttur Mro Michael Bugelli A.T.C.L., l-Assistent Surmast, Għalliem tat-Teorija Mużikali u tas-sezzjoni ram Mro Christopher Bonnici B.A.(Hons); M.A.; ALCM; LLCM; l-Għalliem tal-istrumenti tal-injam Matthew Polidano M.Sc. Sound and Vibrations u l-Għalliem tal-istrumenti tal-qasba Mro Ludwig N. Desira għall-ħidma tagħhom fit-tagħlim mużikali u fit-tmexxija tal-Banda Birżebbuġa;
- Il-Bandisti tal-Post u l-Allievi kollha tal-impenn tagħhom fl-istudju u fis-servizzi tas-Soċjetà;
- Is-Sezzjoni Banda Birżebbuġa għax-xogħol fejjiedi u kontinwu li tagħmel matul is-sena speċjalment fix-xogħol tal-uniformi, fl-organizzazzjoni tas-servizzi mużikali u l-provi;
- Il-membri tal-kor Xmun Pietru mmexxi mis-Sinjura Marouska Bonnici. Nixtiequ aktar membri u partitarji jingħaqdu magħna ħalli din l-entità fi ħdan is-Soċjetà tissokta tikber u titjieb;
- Il-membri fi ħdan l-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar illi jaħdmu n-nar tal-ajru u tal-art, b'sogru għalihom. Bis-saħħa tagħhom, fl-ewwel ġimgħa ta' Awwissu, Birżebbuġa jkollha ħarqa nar mill-isbaħ. Nawgurawlhom ukoll għall-ħidma tagħhom f'bosta festi ta' bliet u rħula differenti;
- Is-Sezzjoni Nisa Petrini għall-ħidma u l-attivitajiet illi jtellgħu matul is-sena kollha u talli b'reqqa jieħdu ħsieb illi l-binja tas-sede tas-Soċjetà tkun dejjem iktar nadifa;
- Is-Sezzjoni Żgħażagħ Iljuni għall-attivitajiet differenti li jorganizzaw matul is-sena kollha u għall-impenn tagħhom sabiex ta' kull sena jkollna briju kbir u sabiħ fil-marċi brijużi tas-Soċjetà.
- Il-Kummissjoni Armar Estern għall-ħidma kontinwa fuq proġetti ġodda u restawr fis-sede tas-Soċjetà.
- Is-Sezzjoni Tisbiħ tal-Każin għall-attivitajiet illi jtellgħu, speċjalment tal-impenn tagħhom sabiex matul is-sena kollha jkollna attivitajiet anke għal dawk illi jippreferu jattendu xi attività filgħodu. Naturalment il-ħidma tagħhom ta' tisbiħ ma tiqafx u b'hekk il-każin ikompli jissebbaħ;
- Il-Grupp Teatrali 14 ta' Jannar tal-impenn tagħhom fil-ħajja tas-Soċjetà, tal-investiment qawwi li għamlu fuq il-palk u tal-mod mill-isbaħ kif organizzaw id-dramm tal-Ġimgħa Mqaddsa.

- L-Edituri, l-Uffiċjal tar-Relazzjonijiet Pubbliċi, il-Bord Editorjali, l-Uffiċċju għar-Relazzjonijiet Pubbliċi u l-Grupp PR sabiex is-Soċjetà tkun preżentata bl-aqwa mod fuq din il-pubblikazzjoni, fil-ġurnali, fiż-żamma tal-paġni tal-midja soċjali u meta nkunu mistiedna fuq mezzi radjufoniċi u televiżivi;

- Dawk illi jiġbru r-reklami, jieħdu r-ritratti, l-artikolisti, il-qarrejja tal-provi u dawk illi jgħinu fil-pubblikazzjoni ta' dan l-annwal u l-kalendarju annwali;

- Il-ħaddiema manwali kollha tas-Soċjetà li matul is-sena kollha b'sagrifiċċju personali u għall-għeżież tagħhom ikunu fil-bini tas-Soċjetà jwettqu diversi ħidmiet fis-skiet sabiex il-binja tas-Soċjetà tkun miżmuma fl-aħjar stat anke f'dik illi hija sigurtà;

- L-Awdituri tas-Soċjetà li b'paċenzja u reqqa jeżaminaw il-kotba finanzjarji;

- L-Avukat u l-Perit tas-Soċjetà għall-għajnuna kollha tagħhom;

- Il-preżentaturi tal-kunċerti tal-Banda Birżebbuġa;

- Dawk illi jiġbru l-kontribuzzjonijiet u lil min jgħin b'għotjiet finanzjarji lis-Soċjetà;

- Dawk illi għalkemm ma jagħtux flus, jgħinu bil-preżenza tagħhom jew anke b'xi għotja ta' xi ħaġa materjali, bħal xiri ta' mużika;

- Dawk l-individwi u ditti li jirreklamaw fuq il-mezzi tas-Soċjetà. Inħeġġukom tgħinu lil dawn id-ditti u individwi billi tużaw il-prodotti tagħhom;

- Dawk illi jgħinu sabiex jittellgħu l-attivitajiet tas-Soċjetà;

- Dawk illi jattendu l-attivitajiet tas-Soċjetà;

- Il-membri u l-partitarji kollha tal-interess u l-attendenza tagħhom fis-Soċjetà;

- Dawk illi jipprovdu bibita lill-bandisti, lil tan-nar u lil tal-armar matul il-preparazzjonijiet tal-festa titulari u fil-ġimgħa tal-festa;

- Dawk illi jikkummissjonaw is-servizzi tal-Banda Birżebbuġa matul is-sena u fil-festi tagħhom għall-fiduċja li juru fina. Niskużaw ruħna ma' dawk illi ma stajniex nonoraw l-istedina tagħhom għalkemm xorta waħda napprezzaw ferm l-interess tagħhom fis-Soċjetà tagħna;

- L-Inġ. Stanley Zammit għall-għajnuna tiegħu fir-rapporti bħala inġinier u biex joħorġu l-permessi tan-nar;

- Il-Perit Toni Bezzina għall-assistenza tiegħu flimkien mal-Perit Michael Schembri u Jason Vella fil-proġett tal-każin, kif ukoll għas-sehem tiegħu fil-permessi tal-ħruq tan-nar;

- Dawk illi jikkummissjonaw in-nar tal-ajru jew tal-art mill-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar;

- L-Għaqda tan-Nar Madonna taċ-Ċintura tal-Gudja għall-għajnuna tagħhom lill-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar u talli jħalluna naħdmu fil-kamra tan-nar tagħhom.

- Nirringrazzjaw lil Jason Cutajar, Dennis Micallef tar-Roc-A-Go, Peter Camilleri l-Pajju u Daniel Cuschieri taz-Zija tal-għajnuna tagħhom fl-użu tal-inġenji tagħhom biex inkunu nistgħu narmaw fi żmien il-festa kif ukoll matul is-sena.

- Nirringrazzjaw lil Farrugia Services tal-għotja ta' scissors biex inkunu nistgħu nużawh matul is-sena u speċjalment fi żmien il-festa.

- Il-ġirien tal-każin tal-paċenzja u s-sapport illi jagħtuna;

- Il-botteginarji ta' Bottega San Pietro u ta' Bar Nineteen Ninety li jaħdmu kontinwament sabiex is-Soċjetà jkollha klijentela tajba matul is-sena kollha;

- Il-President, il-Kumitat u l-Membri tal-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen għall-koperazzjoni tagħhom;

- Il-poplu kollu ta' Birżebbuġa u l-villeġġjanti għall-koperazzjoni li juru mas-Soċjetà Filarmonika San Pietru matul il-jiem tal-festa u matul is-sena kollha;

- Jekk bi żvista nsejna lil xi ħadd, nitolbuh jagħdirna u jiskużana.

Min irreklama
f'din il-pubblikazzjoni Festa 2026

Alex Mercieca Bathroom Center..... 31
Alexander Caruana.....166
Alfgatt Autoparts.....62
Angolina.....22
Anthony Azzopardi Florist.....24
Audio Images.....130
Auto Technics.....Back Cover
Automax.....46
B2M.....37
Baby Sky..... 62
Bar Ninteen Ninety.....42
Beat the Heat.....63
Billiard - POODLE.....133
Birzebbuga Filling Station.....17
Bottega San Pietro.....63
BOV.....7
C & T AutoParts.....38
Cardiff Butcher.....17
Casual 78.....54
Celeste Mobile Electronics & More.....33
Charlie's Ironmongery.....37
Charlie's Motoring School..... 131
Cherrie's Takeaway.....54
Chris Refrigeration Services.....33
Cool & Kiwi.....82
Cox Sports Bar.....17
Custon Car Centre.....37
Cutajar Upholstery Supplies.....109
D Nail Bar.....37
Darren Debono.....33
Dione Busutill.....37
District Five.....32
Dove's Pet Shop.....17
DSJ Furniture.....32
Eastern Store.....69
Elbros.....6
Gasparell.....23
Gasparell Baling Co. Ltd.....2
Kickbob.....175
Global Insurance.....3
Gold Lady.....95
Guido Funerals.....Inside Back Cover
Horace Spiteri tan-Newwes Funerals.....39
Idroplast.....69
In-Nutar Ruth Antoncich.....149
Ivan Abela Grech.....149
IVCS Lifts.....69
J. Cutajar.....69
J.Micallef Service Station.....26
Jason Cutajar Building Construction.....62
JJ13 Ironmongery.....9
Johann Borg.....88
Josette Busuttil.....88
Julia Farrugia.....73
Kikbob..... 176
La Clinique.....17
La Spiaggia Bar & Restaurant.....159
Laws Fresh Fruit.....167
Light and Shade.....22
Mangion Brothers.....167
Manuel Garage Panel Beaitng.....81
Maria Mifsud.....159
Marco Camilleri.....167
Mario ta' Bugia.....83
Mario Sant.....143
Mario Theuma Hair Stylist.....83
MG Signs.....15
Miriam Dalli.....94
Montebello.....94
Muscat 1970 Trading Ltd.....81
Music Link.....49
Neight Design Studio.....83
Newwes Garage Wedding Cars.....27
Nonni G.....73
Omar Farrugia.....82
Owen Bonnici.....30
Paramatta Alfred's Team.....157
Patrick Cellars Ltd.....166
Perit Toni Bezzina.....31
Pie Master Birzebbuga.....159
Rainbow Stationary.....109
Project Green.....161
Roc A-Go Crane & Lifting.....83
Rokku Auto Dealer.....173
SAND DUNE Hotel.....Inside Front Cover
Screen Salon by Alexia.....15
Schembri Lift Services.....173
Scott Camilleri..... 131
Securevision Security.....145
Spice of India..... 62
St. Mary Butcher.....141
Stanley Zammit.....91
Stitches.....7
Super 5.....195
Superstar Butcher.....16
Sweets & Treats.....130
Ta' Nardu Fruit Vegetables & More.....166
Tal-Farmer.....109
Tarcisio Caruana Ltd.....91
TF Rentals.....70
Tasty Take Away.....70
The Bubble Shop.....45
The Cathedral Group Ltd.....48
The Right Spot.....37
Tony Muscat Ice Cream W/S.....17
Vaxxella Building Construction Lts. 45
Water's Edge.....43
Visit Malta.....55
With Best Wishes.....133
Zahra Karel.....43
Zappy's..... 42

Super 5

National Lottery MT

DREAM BIG!

DRAWS EVERY

WEDNESDAY & FRIDAY

PLAY FROM ANY **NATIONAL LOTTERY STORE** OR ONLINE ON **LOTTERY.MT**

izigroup

MGA • MGA/B2C/003/2022 • lottery.mt/rg • Play Responsibly 18+

Is-Soċjetà Filarmonika

San Pietru Banda Birżebbuġa

tawgura l-isbaħ xewqat

fil-festa patronali

tal-Appostlu Missierna San Pietru

fi spirtu ta' ferħ, għaqda u

rispett bejn kulħadd

lill-poplu kollu ta' Birżebbuġa,

lill-villeġġjanti li jqattgħu

s-sajf magħna

u lil dawk illi jinżlu jgawdu

l-festa ta' San Pietru

fir-raħal pittoresk ta' Birżebbuġa

SANDDUNE
HOTEL
+356 21688808
info@sanddunehotel.com
14 Triq il-Bajja s-Sabiħa. Birżebbuġa, Malta.

CREMATION SERVICE
BURIAL AT SEA
LOCAL FUNERAL
SERVICE ON GRAVE SITE
REPATRIATION TO
ALL DESTINATIONS
Guido Agius
Servizzi ta' Funerali
t. 2165 3381
w.app-mob 9992 2882 -- 7982 7940
www.agiusfuneraldirectors.com
Email: mondpet@gmail.com
7, TRIQ IĊ-ĊEPPUN, HAL-GHAXAQ - 186A TRIQ BIRŻEBBUĠA, BIRŻEBBUĠA

AUTO TECHNICS

by Peter Cachia

VRT Station

Motor Repairs & Services

Towing Service

A/C Repairs & Services

EOBD Diagnostic Testing

LPG Conversion

Tel: +356 21497193 Mob: +396 99445252

319, Industrial Estate, Ħal Luqa

Email: petermarkcachia79@gmail.com